



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

10 ta' Awwissu 2018

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-535 sessjoni plenarja tal-KESE – Is-60 anniversarju tal-KESE, 23.5.2018–24.5.2018

2018/C 283/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bħala l-muturi tal-integrazzjoni tal-migranti” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	1
2018/C 283/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Lejn Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Mercosur” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	9

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Il-535 sessjoni plenarja tal-KESE – Is-60 anniversarju tal-KESE, 23.5.2018–24.5.2018

2018/C 283/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar (a) Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-pakkett dwar il-prodotti: Insaħħu l-fiduċja fis-Suq Uniku [COM(2017) 787 final] (b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 305/2011, (UE) Nru 528/2012, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426 u (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi 2004/42/KE, 2009/48/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2013/53/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE, 2014/68/UE u 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [COM(2017) 795 final – 2017/0353 (COD)] (c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta’ prodotti kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor [COM(2017) 796 final – 2017/0354 (COD)] . . .	19
---------------	--	----

2018/C 283/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE” (COM(2018) 51 <i>final</i> — 2018/0018 (COD))	28
2018/C 283/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud” (COM(2018) 20 <i>final</i> — 2018/0005 (CNS)), dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar” (COM(2018) 21 <i>final</i> — 2018/0006 (CNS)), dwar “Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-għlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud” (COM(2017) 706 <i>final</i> — 2017/0248 (CNS)) u dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-obbligu li tiġi rispettata rata standard minima” (COM(2017) 783 <i>final</i> — 2017/0349 (CNS))	35
2018/C 283/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea” (COM(2017) 797 <i>final</i> — 2017/0355 (COD))	39
2018/C 283/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE (fruntieri u viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226” [COM(2017) 793 <i>final</i> — 2017/0351 (COD)] “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE (kooperazzjoni bejn il-pulizija u ġudizzjarja, asil u migrazzjoni)” [COM(2017) 794 <i>final</i> — 2017/0352 (COD)]	48
2018/C 283/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alterattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart” (COM(2018) 32 <i>final</i>)	56
2018/C 283/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Ewropea għall-Plastiks f’Ekonomija Ċirkolari” (COM(2018) 28 <i>final</i>) u dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta’ skart minn bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-Direttiva 2010/65/UE” (COM(2018) 33 <i>final</i> — 2018/0012 (COD))	61
2018/C 283/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il- “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja” (COM(2017) 713 <i>final</i>)	69
2018/C 283/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Azzjonijiet tal-UE għat-titjib tal-governanza u l-konformità ambjentali” (COM(2018) 10 <i>final</i>)	83
2018/C 283/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja” (COM(2018) 8 <i>final</i> — 2018/0003(NLE))	89
2018/C 283/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)” (COM(2018) 143 <i>final</i> — 2018/0069 COD)	95

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-535 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE – IS-60 ANNIVERSARJU TAL-KESE, 23.5.2018–24.5.2018

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bħala l-muturi tal-integrazzjoni tal-migranti”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2018/C 283/01)

Relatur: **Giuseppe GUERINI**

Deċiżjoni tal-Assemblea tal-Plenarja	21.1.2016
Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	27.4.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	186/1/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-fenomeni tal-migrazzjoni fl-evoluzzjoni reċenti tiegħu qed ikun ta' sfida għas-sistema tad-dħul fl-Unjoni Ewropea, billi jservi ta' "stress test" veru u proprju għall-politiki migratorji, soċjali u tas-sigurtà pubblika tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

1.2. Il-KESE jemmen fil-prinċipju fundamentali li l-istituzzjonijiet Ewropej, flimkien mal-gvernijiet tal-Istati Membri, għandhom jippromovu politiki kkoordinati biex iżidu ċ-ċarezza, is-sostenibilità u l-effikaċja tal-modi li bihom persuni minn pajjiżi terzi jistgħu jidħlu u jistabbilixxu ruħhom fl-Ewropa, jaħdmu, isiru ċittadini u jkunu protezzjoni internazzjonali. Il-Kumitat iħeġġeġ li tingħata attenzjoni partikolari lil migranti li jistgħu jkunu fir-riskju ta' esklużjoni soċjali, bħal persuni morda jew bi problemi mentali, b'diżabbiltà, u anzjani.

1.3. Il-KESE sab li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali kienu kapaċi jsejddu l-prinċipji komuni tal-ħidma tagħhom⁽¹⁾ (inklużiva, sussidjarja u protezzjoni tal-aktar persuni żvantaġġati) billi indirizzaw l-isfida tal-assistenza lill-migranti b'mod proattiv u mmobilizzaw lill-komunitajiet ta' referenza u liċ-ċittadini.

⁽¹⁾ Ara wkoll ĠU C 117, 26.4.2000, p. 52 rigward ir-rwol tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

1.4. Għal din it-tendenza li jkunu inklużivi, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom ikunu rikonoxxuti iktar, u għalhekk il-KESE jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tagħti prijorità lil dawn il-forom ta' intrapriżi, fit-tfassil tal-politiki tal-UE u fil-programmazzjoni tal-fondi Ewropej b'referenza partikolari għall-ippjanar tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. kif ġie osservat kemm fil-konferenza dwar l-ekonomija soċjali tas-16 ta' Novembru 2017, kif ukoll fis-Summit Ewropew tas-17 ta' Novembru 2017 li sar f'Gothenburg.

1.5. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jgħallu impjiegi ta' kwalità f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema u, b'mod partikolari, b'inċidenza għolja ta' ħaddiema mhux Ewropej. F'dawn l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, l-element ta' parteċipazzjoni għandu rilevanza f'termini ta' sigurtà u ta' protezzjoni meta l-attività ekonomika tkun qed tiġi strutturata, għax iwassal għall-formazzjoni tal-ekonomija informali u tax-xogħol bla ktieb.

1.6. B'dan il-mod, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali qed ikollhom rwol fundamentali, billi dawn jintervjenu ferba' aspetti ewlenin tal-proċess tal-integrazzjoni ta' persuni migranti: is-saħħa u l-assistenza; l-abitazzjoni; it-taħriġ u l-edukazzjoni (b'mod partikolari billi jakkumpanjaw l-għarfien tad-drittijiet u tad-dmirijiet li jirriżultaw meta jstabbilixxu ruħhom fl-Unjoni Ewropea); ix-xogħol u l-inklużjoni attiva tal-persuni migranti fis-soċjetajiet li jilqgħuhom.

1.7. Il-KESE jemmen li, minħabba t-tendenza partikolari tagħhom li jaħdmu fl-oqsma tax-xogħol tal-kura u fl-attivitàjiet tal-ekonomija kollaborattiva u tal-ekonomija ċirkolari, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jistgħu jrawmu u jsostnu, minbarra impjiegi ġodda, anke l-intraprenditorija u l-aċċess għall-attivitàjiet ekonomiċi tal-migranti u r-refuġjati. L-Unjoni Ewropea għandha tkompli tippromwovi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, bħala wieħed mill-mekkaniżmi tat-tkabbir u l-inklużjoni professjonali u soċjali tal-migranti. Għaldaqstant il-Kumitat qed jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jagħtu prijorità lill-politiki mmirati lejn l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, kif imsemmi wkoll fil-kontribut li nġhata għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2018 ⁽²⁾.

1.8. Fid-dawl tal-evidenza li ssostni l-validità tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fil-promozzjoni tal-inklużjoni professjonali u soċjali tal-migranti, il-Kumitat jistieden lil-Unjoni, l-Istati Membri u l-komunità internazzjonali biex jstabbilixxu inċentivi għall-impjieg li jkunu aċċessibbli għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali li jaħdmu fl-integrazzjoni professjonali.

1.9. Fir-rigward tar-rapport dwar il-progress tal-azzjonijiet, ippreżentat f'Novembru 2017, il-Kumitat jikkonferma l-ħtieġa ta' approċċ ikkoordinat tal-Unjoni u tal-pajjiżi membri tagħha ⁽³⁾. B'mod partikolari, jidher ċar li fin-nuqqas ta' sistema ta' dħul effikaċi għall-migranti, se jissokta l-użu ħażin tat-talbiet għall-protezzjoni internazzjonali li rajna tul dawn l-aħħar snin. Il-Kumitat itenni bil-qawwa li l-każijiet ta' użu ħażin tas-sistema ta' protezzjoni internazzjonali ma jġġustifikawx l-introduzzjoni minn xi Stati Membri ta' restrizzjonijiet fuq il-possibilità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-asil fit-territorju tagħhom.

1.10. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jstabbilixxu koordinazzjoni akbar mal-Istati ta' oriġini u ta' tranżitu tal-migrazzjoni, sabiex jinbnew prospetti għal titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja, b'mod partikolari għall-persuni li jiċċaqalqu minħabba raġunijiet ekonomiċi jew kaġun tal-ġuħ jew tat-tibdil fil-klima, filwaqt li tkun ħaġa mixtieqa li titħaddem politika barranija Ewropea iktar inċiżiva għal pajjiżi fejn il-gwerer, id-dittatorjati u l-persekuzzjonijiet jikkawżaw il-ħrib tal-persuni.

1.11. B'mod partikolari l-Kumitat iħeġġeġ lill-Unjoni biex tindirizza l-fenomeni migratorju sa mill-kawżi li jikkaġunaw il-ħtieġa taċ-ċaqliq tal-persuni: il-faqar, il-konflitti, id-diskriminazzjoni u t-tibdil fil-klima. Huwa inevitabbli li azzjoni bħal din tinvolvi impenn imġedded mill-Unjoni Ewropea fl-ambitu tad-diplomazija u tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp, anke permezz ta' "pjan straordinarju ta' investimenti fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp" li jkun ġenwin.

2. Kummenti ġenerali

2.1. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma attur ewleni fl-ekonomija u fis-soċjetà Ewropea, jirrappreżentaw ir-rikkezza tad-diversità tal-Unjoni u jagħtu kontribut fl-ilħiq tal-oġġettivi tal-istrategġija Ewropa 2020, filwaqt li jibnu Ewropa iktar intelliġenti, sostenibbli u inklużiva ⁽⁴⁾.

⁽²⁾ Il-kontribut tal-KESE għall-programm ta' ħidma 2018 tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-punt 2.4.6 u dawk suċċessivi.

⁽³⁾ Rapport dwar il-progress tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni.

⁽⁴⁾ ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22.

2.2. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali kkontribwew b'mod sinifikanti fl-indirizzar tal-bidliet li għaddiet minnhom is-soċjetà. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma preżenti f'bosta oqsma tas-soċjetà u ħolqu inizjattivi innovattivi biex jirrispondu għall-ħtieġa dejjem tikber tal-għoti ta' għajjuna u kura lil persuni li mhumiex awtosuffiċjenti, b'mod partikolari l-anzjani u l-persuni b'diżabilità. F'ħafna każi dan għamluh billi żiedu l-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol, mhux biss bl-involviment dirett tagħhom fl-ekonomija soċjali, iżda wkoll bil-ħolqien ta' servizzi ġodda għat-tfal u għall-familji⁽⁵⁾. Fl-istess ħin, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jippromovu l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għal persuni żvantaġġati, b'attenzjoni partikolari għal nies li huma potenzjalment fir-riskju ta' esklużjoni soċjali, bħal persuni b'diżabilità, il-persuni li jsufu minn disturbi mentali jew dipendenza fuq l-alkoħol u d-drogi. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jikkonfermaw lilhom infushom bħala element ewlieni fil-promozzjoni tal-mudell soċjali Ewropew⁽⁶⁾.

2.3. Fost l-isfidi li kellha taffaċċja l-UE f'dawn l-aħħar snin, saret importanti b'mod partikolari l-ġestjoni tal-fluss dejjem jikber ta' migranti li ra miljuni ta' nies jaqsmu l-fruntieri tal-kontinent biex jaħarbu mill-gwerer, mill-ġuħ, mill-persekuzzjoni u minn kundizzjonijiet tal-għajxien estremi kawża tat-tibdil fil-klima Il-fenomeni daħħal fi prova lis-sistema ta' dħul tal-Istati Membri u l-politiki dwar il-migrazzjoni, kif ukoll il-politiki soċjali u lil dawk dwar is-sigurtà pubblika. F'ċertu sens, il-politiki dwar il-migrazzjoni tal-UE għaddejjin minn "stress test": huwa importanti li nisfruttaw din l-opportunità biex nanalizzaw bir-reqqa r-reazzjonijiet li qiegħda tiġġenera s-sistema u s-sinjali li pproduċiet, sabiex inkunu nistgħu nipromovu interventi maħsuba biex iżidu l-effiċjenza u l-effikaċċja tal-politiki tal-UE.

2.4. L-integrazzjoni ta' dawk li jkunu għadhom kemm waslu hija proċess dinamiku li jinbidel maż-żmien u li jevolvi flimkien mal-kuntest ekonomiku, soċjali u kulturali tal-pajjiż fejn dawn in-nies jistabbilixxu ruħhom. Dan il-proċess jeżamina lill-Unjoni, lill-Istati Membri u qabel xejn lis-soċjetà Ewropea rigward kif ċittadini mhux Ewropej jistgħu jidħlu, jistabbilixxu ruħhom, jgħixu u jaħdmu fil-Unjoni, kif ukoll dwar kif jistgħu jiksibu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali.

2.5. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, anke fid-diversi attivitajiet li joperaw bihom fil-bosta kuntesti nazzjonali, kienu kapaċi jseddqu l-prinċipji komuni tal-ħidma tagħhom (inklużiva, sussidjarja u protezzjoni tal-aktar persuni żvantaġġati) billi indirizzaw l-isfida tal-assistenza lill-migranti b'mod proattiv.

2.6. Fost il-karatteristiċi ewlenin tal-interventi magħmula mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, irridu nenfasizzaw il-kapaċità tagħhom li jimmobilizzaw u jinvolvu lill-komunitajiet lokali ta' referenza, billi jattivaw netwerks u sħubijiet li jtejbu r-relazzjonijiet mal-gvernijiet ċentrali u lokali biex jiġu organizzati rotot ta' għajjuna u ta' inklużjoni li jiġu aċċettati aħjar mill-popolazzjonijiet lokali.

2.7. B'dan il-mod, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali qed ikollhom rwol fundamentali, billi dawn jintervjenu ferba' aspetti ewlenin tal-proċess tal-integrazzjoni ta' persuni migranti: is-saħħa u l-assistenza; l-abitazzjoni; it-taħriġ u l-edukazzjoni (b'mod partikolari jakkumpanjaw l-għarfien tad-drittijiet u tad-dmirijiet taċ-ċittadin Ewropew); ix-xogħol u l-inklużjoni attiva tal-persuni migranti fis-soċjetajiet li jilqgħuhom. Meta jagħmlu dan, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jibnu postijiet fejn jiltaqgħu ċ-ċittadini Ewropej u dawk li jkunu għadhom kemm waslu, irawmu d-djalogu u b'hekk jikkontribwixxu biex jonqsu l-preġudizzji u l-biżgħat.

3. Il-migrazzjoni fl-Ewropa: l-istampa ġenerali tal-aħħar snin

3.1. It-tisliet ta' stampa ġenerali tal-fenomeni migratorju hija operazzjoni kumplessa peress li dan huwa kkaratterizzat minn evoluzzjoni kontinwa. Il-gwerer, il-preżenza ta' reġimi dittatorjali, it-tibdil fil-klima, il-kundizzjonijiet ta' faqar estrem u d-deprivazzjoni wittew it-triq għas-sitwazzjoni li ngħixu fiha llum.

3.2. Skont in-Nazzjonijiet Uniti fl-2015 aktar minn 244 miljun ruħ, jew 3,3 % tal-popolazzjoni dinjija, qasmu l-fruntieri tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom biex ifittxu asil politiku, xogħol u kundizzjonijiet ekonomiċi u klimatiċi aktar "ospitabbli"⁽⁷⁾.

3.3. L-Ewropa f'dawn l-aħħar snin rat għadd ta' nies li jippruvaw jilħquha dejjem jikber. F'termini assoluti, id-data tal-Eurostat tal-2015 turi li fl-UE-28 l-immigranti minn pajjiżi terzi kienu iġhoddu 2,7 miljuni, 56 % irġiel u 44 % nisa.

⁽⁵⁾ F'ħafna kuntesti dawn l-attivitajiet kienu jitwettqu fl-ambjent tal-familja kważi esklussivament min-nisa, fatt li ma jħallix lin-nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

⁽⁶⁾ ĠU C 24, 28.1.2012, p. 1.

⁽⁷⁾ <https://documents-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N17/002/18/PDF/N1700218.pdf?OpenElement>.

3.4. Il-fluss straordinarju huwa influwenzat b'mod partikolari mill-instabbiltà maħluqa mill-gwerra, kemm f'pajjiżi f'kunflitt bħas-Sirja kif ukoll f'pajjiżi li fihom il-proċess tal-istabbilizzazzjoni ta' wara l-gwerra għadu xorta sal-lum jiltaqa' ma' diffikultajiet serji, bħall-Iraq u l-Afganistan. Fil-fatt dawn huma l-pajjiżi minn fejn fl-2016 oriġinaw madwar 54 % tal-migranti li fittxew kenn fil-pajjiżi tal-UE ⁽⁸⁾.

3.5. Lil hinn minn dan, tibqa' importanti l-migrazzjoni tal-persuni li jsibu ruħhom, fil-pajjiż ta' orijini taghom stess, f'kundizzjonijiet ekonomiċi jew ambjentali serji. F'ħafna każijiet dawn ikunu persuni ġejjin mill-kontinent Afrikan, fluss li kien baqa' jggrava bl-instabbiltà dejjem tikber fil-pajjiżi tal-kosta tan-nofsinhar tal-Mediterran.

3.6. F'dan il-kuntest, is-sistema ta' regoli pprovduti mill-Unjoni Ewropea kixfet xi nuqqasijiet u diffikultajiet, billi wriet il-ġestjoni insuffiċjenti tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u l-inadegwatezza tal-kontroll tad-dħul u l-ħtieġa li jiġu riveduti l-prinċipji u l-metodi li jiggwidaw l-azzjoni tal-Istati Membri.

3.7. Il-Kumitat indirizza f'diversi okkazzjonijiet il-kwistjoni tal-politiki ta' migrazzjoni ⁽⁹⁾ u jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, li adottat l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. B'mod partikolari, fir-rapport ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni interveniet biex tippromovi koordinazzjoni akbar bejn il-pajjiżi tal-Unjoni u biex tnedi mill-ġdid id-djalogu mal-istati tal-orijini u ta' tranżitu tal-migrazzjoni ⁽¹⁰⁾. Il-Kumitat jittama li ssir reviżjoni tal-mekkaniżmu tal-kwoti, fid-dawl tal-implimentazzjoni diffiċli tiegħu.

3.8. Huwa għalhekk importanti li nirvedu l-iskema tar-regoli li jippermettu li l-migranti jidħlu minn rotot legali fl-Unjoni, kemm billi nagħrfu niproteġu l-applikanti għall-asil kif ukoll billi nagħtu l-opportunità lil dawk li jaħarbu minn kundizzjonijiet klimatiċi u ekonomiċi ħżiena biex isibu posthom fl-Ewropa u biex jagħtu kontribut fl-iżvilupp tal-Unjoni, filwaqt li niggarrantixxu d-drittijiet tagħhom. Azzjoni bħal din twettaq ir-rakkomandazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti għal fenomenu tal-migrazzjoni "li jkun fl-interess ta' kulħadd li jiżvolġi b'mod sikur u legali, f'forma rregolata minflok illegali" ⁽¹¹⁾.

3.9. Il-Kumitat jilqa' l-konklużjonijiet tas-summit informali tal-kapijiet ta' Stat u tal-Gvern f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru li għadda li fihom ġiet ittrattata t-tema tal-bini ta' ġejjieni Ewropew iċċentrat fuq l-ekwità tax-xogħol u fuq it-tkabbir. Il-Kumitat jenfasizza wkoll l-importanza tal-avveniment sekondarju "Xi rwol għall-ekonomija soċjali fil-futur tax-xogħol", li fetaħ il-laqgħa f'Gothenburg, u jinnota l-kontribut tal-ekonomija soċjali biex ikunu appoġġjati l-politiki tal-Unjoni.

3.10. Huwa inkoraġġanti wkoll il-ftehim bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew li fil-baġit tal-UE għall-2018 jagħraf fost il-prijoritajiet ta' intervent "it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegi, it-tisħiħ tas-sigurtà u l-ittrattar tal-isfidi ppreżentati mill-migrazzjoni" ⁽¹²⁾.

3.11. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jindirizzaw il-kwistjonijiet kritiċi li haġru mill-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin. Fis-16 ta' Novembru 2017, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tipproponi linji ta' ħidma għar-reviżjoni ta' dan ir-regolament, b'referenza importanti għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha fil-mekkaniżmu awtomatiku u permanenti ta' kollokament.

4. Nibdu l-kwistjonijiet kritiċi f'opportunitajiet: l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bħala mutur tal-għajnuna u tal-inklużjoni

4.1. Wieħed mill-elementi li ma jippermettix lill-persuni li jkun għadhom kemm waslu jsegwu rotot ta' inklużjoni u li b'hekk jikkontribwixxu għall-ekonomija u għall-ħajja soċjali tal-komunitajiet li jistabbilixxu ruħhom fihom jista' jiġi identifikat fl-inċertezza tal-istatus tagħhom u f'kemm irid jgħaddi żmien qabel l-eżami tal-applikazzjonijiet għal asil.

⁽⁸⁾ Data tal-Eurostat – f'Rapporto sulla protezione internazionale" (Rapport dwar il-protezzjoni internazzjonali), ANCI, Caritas italiana, Cittalia, Fondazione Migrantes, Servizio centrale dello SPRAR, f'kollaborazzjoni mal-UNHCR ara wkoll <http://ec.europa.eu/eurostat/web/asylum-and-managed-migration/data/main-tables>.

⁽⁹⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/policies/policy-areas/migration-and-asylum/opinions>.

⁽¹⁰⁾ Ara nota nru 2.

⁽¹¹⁾ Rapport tar-Rappreżentant Speċjali dwar il-Migrazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, 3 ta' Frar 2017.

⁽¹²⁾ <http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/11/18/2018-eu-budget-agreement-reached/>.

4.2. Il-limitazzjoni tal-persuni li jkunu għadhom kemm waslu fl-ambitu tal-assistenza umanitarja tul snin sħaħ mingħajr aċċess għall-edukazzjoni, għat-taħriġ vokazzjonali u għall-opportunitajiet ta' dħul, ixxejjel l-iżvilupp tal-kapital uman tagħhom u tillimita l-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu b'mod pożittiv fl-ekonomija u fis-soċjetà tal-pajjiż li jospitahom⁽¹³⁾. F'dan il-proċess il-Kumitat dan l-aħħar enfasizza r-rwol kruċjali tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-promozzjoni tal-valuri komuni, il-paċi u n-nonvjolenza⁽¹⁴⁾.

4.3. Il-Kumitat jittama li d-dibattitu jindirizza l-ħtieġa li tiġi vverifikata l-effikaċja tal-mekkaniżmi attwali li jippermettu t-tressiq tat-talbiet ta' dħul minn ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jistabbilixxu ruħhom fl-Unjoni minħabba raġunijiet ta' xogħol.

4.4. Bl-istess mod huwa kruċjali għall-Unjoni li tindirizza l-fenomeni migratorju sa mill-kawżi tiegħu li jikkaġunaw il-ħtieġa taċ-ċaqliq tal-persuni: il-faqar, il-konflitti, id-diskriminazzjoni u t-tibdil fil-klima. Huwa inevitabbli li azzjoni bħal din tinvolvi impenn imġedded mill-Unjoni Ewropea fl-ambitu tad-diplomazija u tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp.

4.5. Għalkemm l-użu tagħha kien pjuttost limitat, revizzjoni tas-sistema tal-Karta Blu tista' tirrispondi wkoll għall-ħtieġa ta' possibiltajiet legali ġodda għad-dħul fl-Unjoni. Fil-fatt il-Kumitat fakkar li hija meħtieġa strateġija Ewropea li tattira ħaddiema mhux Ewropej biex jiġu żgurati t-tkabbir u l-prospertà tal-Unjoni. Waqt li nagħmlu dan irridu nqisu l-effetti tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini tal-immigranti, biex dawn jiġu appoġġjati fl-iżvilupp ulterjuri tagħhom kif ukoll fis-sistemi edukattivi tagħhom⁽¹⁵⁾. Il-Kumitat jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat it-tkabbir tan-numru ta' benefiċjarji potenzjali tal-Karta Blu, b'mod partikolari billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni dawk li jixtiequ jibdew attività kummerċjali, filwaqt li tkun promossa wkoll l-attenzjoni fir-rigward tal-intraprenditorija soċjali.

4.6. F'ħafna każi, is-soċjetà ċivili mmobilizzata ruħha biex tippromovi rotot ta' legalità u trasparenza, billi kkollaborat mal-istituzzjonijiet fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali u tat sinjali inkoraġġanti. Il-proġett "Kurituri Umanitarji" li sar fl-Italja mill-Komunità Sant'Egidio, mill-Federazzjoni tal-Knejjes Evanġeliċi fl-Italja, mit-Tavola Valdese u mill-Gvern Taljan huwa eżempju importanti ta' azzjoni pilota. B'dan il-mod minn Frar 2016 sal-lum kien possibbli għal aktar minn 1 000 persuna li jitolbu rotta ta' protezzjoni internazzjonali u li jirċievu assistenza fl-immaniġġjar tal-applikazzjonijiet qabel ma jimbarkaw fuq vjaġġ lejn xi pajjiż tal-Unjoni⁽¹⁶⁾.

4.7. Huwa mixtieq li nħarsu lejn dawn l-azzjonijiet pilota fit-tfassil ta' politiki futuri dwar l-immigrazzjoni. B'mod partikolari, ikun xieraq li jkun hemm koordinazzjoni akbar bejn l-istituzzjonijiet internazzjonali, minn naħa waħda biex ikun hemm ġestjoni kontinwa ta' dawn il-forom ta' dħul, min-naħa l-oħra sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni bejn il-"ftit magħżula" li jstgħu jibbenefikaw mill-kurituri umanitarji bi protezzjoni wiesgħa anki għar-rotta suċċessiva tal-fażi tal-akkoljenza u l-ħafna esklużi mir-rotot li jibqgħu vittmi ta' traffikanti u ta' rotot ikkaratterizzati mill-illegalità.

4.8. Ir-rwol tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huwa kruċjali għall-azzjoni tal-inklużjoni soċjali u professjonali li jista' jkollhom, għax jimmobilizza l-potenzjal tal-persuna migranti li, fil-biċċa l-kbira tal-każi, tiddeċiedi li titlaq mill-pajjiż ta' oriġini tagħha biex tftitx kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar u opportunitajiet ta' xogħol.

4.9. Ir-rwol importanti tal-persuni migranti fl-Unjoni ġie rikonoxxut f'bosta każijiet, bit-tama, pereżempju, li tissaħħaħ il-kreattività u l-kapaċità innovattiva tagħhom. L-ilħiq ta' dan l-għan iħejji t-triq għat-tkabbir tal-impjiegi, iżda fl-istess waqt iżid l-internazzjonalizzazzjoni tas-setturi produttivi u jappoġġja l-ħolqien ta' rabtiet, anke kummerċjali, mal-pajjiżi ta' oriġini tal-migranti⁽¹⁷⁾. Għaldaqstant huwa fundamentali li tissaħħaħ il-kapaċità inklużiva tan-nisġa ekonomika u soċjali Ewropea tal-migranti, anke sabiex titjeb l-effikaċja tal-politiki Ewropej għall-SMEs, b'mod partikolari biex jiffaċċjaw swieq dejjem aktar globalizzati, kif ġie enfasizzat fl-opinjoni tal-KESE dwar is-suġġett⁽¹⁸⁾.

⁽¹³⁾ UNHCR 2003, *Framework for durable solutions for refugees and persons of concern* (Qafas għal soluzzjonijiet dejjiema għar-refuġjati u l-persuni ta' thassib), Mejju, Ġinevra.

⁽¹⁴⁾ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 11.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 75, 10.3.2017, p. 75.

⁽¹⁶⁾ <http://www.santegidio.org/pageID/11676/Corridoi-umanitari.html>.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 351, 15.11.2012, p. 16.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 345, 13.10.2017, p. 15.

4.10. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'ħafna każijiet kellhom rwol importanti f'dan ir-rikonoxximent tar-rwol ekonomiku u soċjali pożittiv tal-migranti, peress li joħlqu impjegati ta' kwalità kemm f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema kif ukoll f'oqsma ta' innovazzjoni teknoloġika u ta' diġitalizzazzjoni. Fost l-attivitajiet l-aktar importanti żgur insibu daww imwettqa fil-kura personali u fl-iżgurar tal-aċċess għas-servizzi soċjali, għas-servizzi tal-kura tat-tfal u, b'mod ġenerali, għall-assistenza lil persuni dipendenti u friskju ta' esklużjoni soċjali. F'ħafna każijiet dawn is-setturi jkollhom l-ogħla inċidenza ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi.

4.11. Madankollu, fxi setturi, bħal dak tal-assistenza, fost il-ħaddiema fl-agrikoltura, fil-kostruzzjoni u fir-ristoranti, għad hemm ħafna faxex ta' impjegat irregolari, u proprju għalhekk huwa importanti li tiġi promossa l-preżenza ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali li wrew li jista' jkollhom funzjoni inklużiva importanti u ta' regolarizzazzjoni tal-kuntratti tax-xogħol, li jtejjbu r-rwol tal-persuna migranti u jggarantixxu d-drittijiet tal-ħaddiema f'dawn is-setturi, b'mod konsistenti mal-politiki Ewropej f'dan il-qasam u kontra l-abbuż tal-kwalifiki ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom⁽¹⁹⁾.

4.12. Fil-qasam tax-xogħol tal-kura fid-dar, fejn għandna preżenza prevalenti ta' nisa impjegati f'xogħlijiet ta' kura direttament mal-familji, ħafna drabi jinħolqu kundizzjonijiet li jxekklu l-iżvilupp professjonali. Studju riċenti dwar l-elementi kruċjali tal-intraprenditorija tal-migranti nisa wera li n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-ħiliet tagħhom huwa wieħed mill-fatturi li jwassal għat-twaqqif ta' intraprenditorija awtonoma⁽²⁰⁾. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'dawn is-setturi jista' jkollhom rwol importanti fir-regolarizzazzjoni tax-xogħol u fit-tisħiħ tal-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-persuni migranti, dejjem jekk dawn ikunu appoġġjati minn politiki pubbliċi adegwati.

4.13. Ħafna intrapriżi tal-ekonomija soċjali li jaħdmu fl-integrazzjoni professjonali ta' persuni żvantaġġati jaħdmu f'setturi li jagħmlu parti mill-hekk imsejħa ekonomija ċirkolari: il-ġbir u t-trattament differenzjat tal-iskart, l-irkupru u l-użu mill-ġdid ta' materjali, l-agrikoltura soċjali, il-manutenzjoni ta' żoni ekoloġiċi pubbliċi. Dawn is-setturi huma qasam importanti ta' impjeg u l-metodoloġija tal-intrapriżi tal-integrazzjoni professjonali tidher partikolarment effikaċi wkoll għall-inklużjoni professjonali tal-migranti.

4.14. L-impjeg ta' persuni migranti f'ħafna każijiet iwassal biex inwaqqfu u neqilbu bil-kontra proċessi ta' esklużjoni soċjali u ta' tfaqqir kulturali tal-Unjoni, sabiex terġa' tingħata l-ħajja lil snajja' tradizzjonali u lill-artiġjanat f'kuntesti ta' diffikultajiet ta' tiġdid minn ġenerazzjoni għall-oħra⁽²¹⁾. Fil-fatt, ħafna intrapriżi tas-snajja' u żgħar huma mibdija minn ċittadini migranti.

4.15. Fil-proġetti ta' akkoljenza għall-persuni migranti, ħafna organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali p-promovev ftehimiet mal-istituzzjonijiet ċentrali u mal-gvernijiet lokali biex jingħelbu l-problemi li haġġu mis-sistema u biex jiġi ffaċilitat it-tqassim ta' daww li jkunu għadhom kemm waslu fit-territorju, bl-introduzzjoni tal-kunċett tal-"akkoljenza mifruxa" bl-għan li jiġi ffaċilitati mekkaniżmi ekwi ta' teħid ta' responsabbiltà fil-komunitajiet lokali⁽²²⁾.

4.16. F'dawn il-proġetti, ingħatat prijorità lill-attivazzjoni ta' proċessi ta' inklużjoni tal-persuni migranti, billi ngħataw korsijiet tal-lingwa, rotot ta' valutazzjoni tal-ħiliet u korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali. B'dan il-mod huwa possibbli li jiġi ffaċilitat l-mekkaniżmi ta' rikonoxximent ta' rotot ta' studju jew ta' esperjenzi professjonali preċedenti li jkunu utli biex jizjeddu l-opportunitajiet ta' impjeg għal daww li jkunu għadhom kemm waslu.

4.17. Uħud minn dawn l-esperjenzi ta' "akkoljenza mifruxa" qegħdin jikkontribwixxu għar-ripopolazzjoni ta' territorji marġinali, speċjalment f'żoni muntanjużi fejn il-preżenza tal-migranti tikkontribwixxi għaż-żamma tal-attivitajiet ekonomiċi u tas-servizzi (qabel xejn fl-iskejjel) li jillimitaw ir-riskju tad-depopolazzjoni ta' dawn iż-żoni. Fi kwalunkwe każ, biex ikun iggarantit is-suċċess ta' dawn il-miżuri hu neċessarju li jkunu akkumpanjati minn politiki tal-impjeg u tad-djar.

⁽¹⁹⁾ Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat, COM (2014) 221 final; ĠU C 161, 6.6.2013, p. 14; ĠU C 125, 21.4.2017, p. 1.

⁽²⁰⁾ Corsi, M., De Angelis, M., Frigeri, D., *working paper, The determinants of entrepreneurship for migrants in Italy. Do Italian migrants become entrepreneurs by "opportunity" or through "necessity"? (Il-fatturi determinati tal-intraprenditorija għall-migranti fl-Italja. Il-migranti Taljani jsiru migranti b"opportunita" jew b"neċessita")* Ara wkoll ILO *Cooperatives and the world of work n.2 "Cooperating out of isolation: domestic workers' cooperatives"* (Nikkoperaw biex noħorġu mill-iżolament: kooperattivi tal-haddiema domestiċi).

⁽²¹⁾ ĠU C 351, 15.11.2012, p. 16.

⁽²²⁾ <http://www.interno.gov.it/it/notizie/carta-buona-accoglienza-nuovo-modello-integrazione>.

4.18. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'kuntasti b'hal dawn jistgħu jinsġu netwerk mad-dinja tal-intraprenditorija tradizzjonali, li jippermetti li l-migranti jidħlu fid-dinja tax-xogħol permezz ta' rotot ta' taħriġ u ta' apprendistat imfassla apposta ⁽²³⁾.

4.19. Il-mudell maħluq mill-intrapriżi kooperattivi f'dan is-sens kien ċertament dak li rċieva l-aktar attenzjoni mir-riċerka, li stħarrġet bir-reqqa r-rwol tal-kooperattivi f'konnessjoni mal-migranti. F'dawn l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, l-element ta' parteċipazzjoni għandu rilevanza f'termini ta' sigurtà u ta' protezzjoni meta l-attività ekonomika tkun qed tiġi strutturata, għax iwassal għall-formazzjoni tal-ekonomija informali u tax-xogħol bla ktieb.

4.20. Analiżi speċifika mmexxija mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) identifikat l-oqsma li fihom l-intervent tal-kooperattivi jaffettwa b'mod pożittiv l-inklużjoni tal-migranti u tar-refuġjati: l-integrazzjoni professjonali; il-kura u l-assistenza; l-edukazzjoni u t-taħriġ; l-appoġġ għall-ħajja ta' kuljum u għall-awtonomija; l-aċċess għas-suq; l-aċċess għall-finanzi; l-assistenza legali u l-konsulenza; l-assistenza fil-bżonnijiet primarji ⁽²⁴⁾.

4.21. Fl-ewwel u fit-tieni jum Ewropew tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, organizzati mill-Kumitat fl-2016 u fl-2017, l-istudji tal-każi speċifiċi taw attenzjoni lill-kwistjoni tal-migranti ⁽²⁵⁾ billi enfasizzaw it-tnejja ta' programmi ta' taħriġ professjonali u ta' inklużjoni fix-xogħol, b'mod partikolari għan-nisa migranti.

4.22. Il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet ukoll l-importanza tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-indirizzar tal-isfida tal-migrazzjoni billi ddedikat il-*Kompetizzjoni għall-Innovazzjoni Soċjali* 2016 għal ideat biex jiġu milqugħa u integrati r-refuġjati ⁽²⁶⁾. Il-Kumitat jittama li l-Kummissjoni tkompli tagħti attenzjoni lil inizjattivi dwar il-migrazzjoni u li din issir prijorità fit-tfassil tal-politiki tal-UE.

4.23. Minbarra r-rwol importanti li għandhom fl-integrazzjoni professjonali, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u l-assistenza, ħafna intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma attivi wkoll fil-kuntast ta' proġetti li jipprovdu l-aċċess għal djar għal ħafna migranti, b'mod partikolari għar-refuġjati u għall-applikanti għall-asil. Dan il-mudell tal-ġestjoni tal-proprjetà mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali laħaq daqs ekonomiku importanti f'pajjiżi bħall-Italja b'eluf ta' unitajiet ta' bini li tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' proġetti ta' inklużjoni, li spiss iservu wkoll biex jiżviluppaw mill-ġdid distretti jew żoni marġinali.

4.24. Fl-aħħar nett, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u s-soċjetà ċivili iġenerali għandhom rwol deċiżiv fl-aċċess għall-assistenza u għas-servizzi tas-saħħa, u b'hekk inaqqsu sew id-diffikultajiet ta' aċċess għall-kura. Il-Kumitat jitlob li l-Istati Membri jiżguraw aċċess sħiħ għas-sistemi tas-saħħa u għas-servizzi soċjali lill-migranti mingħajr diskriminazzjoni minħabba l-istatus tagħhom.

5. Kunsiderazzjonijiet ulterjuri mill-Grupp permanenti tal-KESE għall-Intrapriżi tal-ekonomija soċjali

5.1. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom tendenza u sensitività partikolari biex jintervjenu fl-oqsma tax-xogħol tal-kura, tal-ġestjoni tal-assi kulturali u ambjentali, tal-attivitajiet tal-ekonomija kollaborattiva u l-ekonomija ċirkolari. Dawn l-intrapriżi jistgħu jkunu alleat siewi fil-promozzjoni ta' politiki ta' "tranżizzjoni ekoloġika" tal-mudell tal-iżvilupp Ewropew, billi jsibu f'dawn is-setturi ta' attività qasam importanti ta' impjiegi ġodda.

5.2. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jappoġġjaw u jrawmu t-tendenza tal-persuni għall-intraprenditorija u jrawmu l-aċċess għall-attivitajiet ekonomiċi tal-persuni, irrispettivament minn jekk ikollhom id-disponibbiltà ekonomika ta' kapital inizjali li tippermettilhom jiftħu negozju. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-intrapriżi kooperattivi, u għalhekk ikun utli u importanti li fil-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp inwettqa mill-Unjoni Ewropea f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, ikunu introdotti programmi li jippromovu l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

⁽²³⁾ Elaborazzjonijiet interni, Consorzio "Veneto Insieme". Għal aktar informazzjoni <http://venetoinsieme.it/>.

⁽²⁴⁾ Literature review "Cooperatives and Refugees", ILO 2016 (*mhux ippublikat*).

⁽²⁵⁾ B'mod partikolari l-proġett Okus Doma fl-edizzjoni 2016 u l-proġett Solidarity Salt fl-2017 (ara wkoll <https://www.eesc.europa.eu/mt/agenda/our-events/events/2nd-european-day-social-economy-enterprises>).

⁽²⁶⁾ http://ec.europa.eu/growth/content/4-social-innovators-win-%E2%82%AC200000-2016-european-social-innovation-competition-0_mt ara wkoll: <http://eusic-2016.challenges.org/how-is-europe-supporting-the-integration-of-refugees-and-migrants/>.

5.3. Fid-dawl tal-evidenza li ssostrni l-validità tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fil-promozzjoni tal-inklużjoni professjonali u soċjali tal-migranti, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa biex jistabilixxu inċentivi għall-impjieg li jkunu aċċessibbli għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali li jaħdmu fl-integrazzjoni professjonali. Dawn l-inċentivi jistgħu jkunu validi għal sentejn wara r-rikonoxximent tal-istatus ta' benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali.

5.4. Għandu jitqies il-fatt li fis-snin li għejjin żgur se naraw żieda fil-migranti li se jiċċaqalqu kaġun tal-effett tal-konsegwenzi kbar tat-tibdil fil-klima, li qed jikkawżaw iż-żieda fid-deżertifikazzjoni, fil-ġuħ u fid-diżastri ambjentali. Dan il-fenomeno se jgħieghlna nirvedu d-distinzjoni artifiċjali u diskriminatorja bejn refuġjati, applikanti għall-asil u migranti ekonomiċi, tal-inqas f'każijiet fejn il-migranti jkunu qegħdin jaħarbu mill-ġuħ u minn diżastri ambjentali.

5.5. Għal dan il-għan, fl-aħħar nett hu meħtieġ li titkompla l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u tranżizzjoni ekoloġika li jista' jkollha ukoll impatti pożittivi fuq l-ekonomija, filwaqt li jenfasizza l-kontribut li jafu jagħtu l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fil-promozzjoni tat-tkabbir, l-inklużjoni u l-benessri, kif ġie enfasizzat fl-opinjoniġiet reċenti tal-Kumitat⁽²⁷⁾.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

⁽²⁷⁾ Opinjoni dwar *Il-promozzjoni tal-azzjoni dwar il-klima minn atturi mhux statali*, ĠU C 227, 28.6.2018, p. 35U u l-Opinjoni dwar *Mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda*, ĠU C 81, 2.3.2018, p. 57.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“Lejn Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Mercosur”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 283/02)

Relatur: **Josep PUXEU ROCAMORA**

Korelatur: **Mário SOARES**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	15.2.2018		
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura		
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja		
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Esterni	Speċjalizzata	għar-Relazzjonijiet
Adottata fis-sezzjoni	26.4.2018		
Adottata fil-plenarja	23.5.2018		
Sessjoni plenarja Nru	535		
Riżultat tal-votazzjoni	185/3/7		
(favur/kontra/astensjonijiet)			

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa tal-fehma li l-konklużjoni tan-negozjati dwar Ftehim sod ta’ Assoċjazzjoni (FA) bejn il-Mercosur u l-UE, li ġew imġebbda għal wisq żmien, tkun ferm utli għall-partijiet, qabel xejn għall-UE stess, li kieku tikseb benefiċċji importanti mill-iffirmar tat-Trattat ta’ Assoċjazzjoni, b’mod speċjali fuq perjodu medju u twil ta’ żmien, u l-ewwel nett l-aċċess għal suq ta’ kważi 300 miljun abitant. Barra minn hekk, il-Mercosur jista’ jiddiversifika l-ekonomiji tiegħu u jżid il-valur tal-esportazzjonijiet tiegħu, kif ukoll ikollu aċċess għal suq ta’ 500 miljun abitant. Il-FA milħuq għandu jkun fundamentament il-frott ta’ djalogu parteċipattiv u trasparenti.

1.2. Ix-xena internazzjonali attwali, it-tnaqqis fil-fiduċja min-naħa taċ-ċittadini li l-globalizzazzjoni tibbenefika lil kulħadd, iż-żieda fil-protezzjoniżmu kummerċjali bl-adozzjoni ta’ ostakli doganali ġodda u l-preferenza għal negozjati bilaterali minflok dawk multilaterali, għandhom ikunu ta’ stimolu għall-konklużjoni ta’ Ftehim mitlub minn atturi distinti fiż-żewġ kontinenti. Il-Brexit huwa fatt rilevanti li għandu jiġi kkunsidrat fin-negozjati.

1.3. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon ir-rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-“Qafas Ġdid għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Amerika Latina”, kif ukoll il-formulazzjoni, min-naħa tal-SEAE, ta’ komunikazzjoni li tirrevedi r-relazzjonijiet strateġiċi mal-Amerika Latina bħala parti mill-Istrateġija Globali tal-Politika Estera tiegħu. Dawn l-inizjattivi, li jenfasiszaw l-interess strateġiku tal-UE għall-Amerika Latina u li jagħtu prova li r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ reġjuni għandhom ikunu iżjed milli sempliċement kummerċjali, jikkoinċidu kronoloġikament ma’ oħrajn promossi mis-soċjetà ċivili⁽¹⁾, ċentri akkademiċi jew think tanks⁽²⁾.

1.4. Il-KESE jqis li Ftehim ta’ din in-natura jkun biss possibbli jekk ikun ibbilanċjat, jibbenefika liż-żewġ partijiet fuq perjodu medju u twil ta’ żmien u ma jissagrifika lill-ebda settur (bħal dak agrikolu jew dak industrijali), reġjun jew pajjiż partikolari. Il-FA fl-ebda każ ma jista’ jkun ibbażat fuq negozjati ħżiena. Filwaqt li jqis dak kollu li jirrigwarda l-kooperazzjoni u d-djalogu politiku (tnejn mit-tliet pilastru essenzjali tal-FA), il-KESE jitlob lin-negozjaturi biex juru l-akbar rieda politika meħtieġa sabiex jiġi konkluż il-Ftehim u l-impenn massimu sabiex jingħelbu d-differenzi li bħalissa qegħdin

⁽¹⁾ Opinjoni fuq inizjattiva proprja “Il-kuntest il-ġdid għar-relazzjoni strateġika UE-CELAC u r-rwol tas-soċjetà ċivili” (ĠU C 434, 15.12.2017, p. 23).

⁽²⁾ Rapport “¿Por qué importa América Latina?” (“Għaliex hija importanti l-Amerika Latina?”), ifformulat mir-Real Instituto Elcano.

jaffettwaw id-dimensjoni kummerċjali, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-aspetti sensitivi ta' wħud mis-setturi inklużi fin-negozjati, u bl-użu tar-rikonoxximent tal-asimmetriji, is-segwitu tal-punti miftiehma, il-miżuri ta' akkumpanjament u l-kumpens, l-istabbiliment ta' eċċezzjonijiet, il-pjani ta' żvilupp għall-appoġġ tas-setturi li huma l-iktar affettwati, il-promozzjoni tal-investimenti, il-politiki ta' innovazzjoni, u l-klawsoli ta' kumpens, tranżitorji jew evoluttivi. Barra minn hekk, fil-miżuri ta' akkumpanjament għandhom jiġu involuti l-politiki kollha tal-UE, fost affarijiet oħra.

1.5. Għall-KESE, il-bidliet diġitali profondi li qegħdin iseħħu fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku jistgħu jkunu xprun importanti biex jinkiseb vantaġġ aħjar mill-iffirmar ta' FA bejn l-UE u l-Mercosur. Fost is-setturi li jistgħu jintlaqtu b'mod sodisfaċenti għandu jitqies it-tisħiħ tal-katini globali tal-valur, li f'dan il-mument huma ferm dgħajfa, bejn l-UE u l-Mercosur. Il-FA jkun rilevanti wkoll f'dak kollu li jirrigwarda l-bini ta' infrastrutturi, b'mod speċjali ta' interkonnessjoni, l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli u, b'mod speċjali, is-settur tat-telekomunikazzjonijiet billi, qabel kollox, tiddaħħal is-sistema 5G kemm fl-UE kif ukoll fl-Amerika Latina.

1.6. Fi kwalunkwe każ, il-KESE jħeġġeġ lin-negozjaturi u b'mod partikolari lill-UE biex jiżnu l-ispiża politika, ekonomika u ta' opportunità għolja li tirriżulta min-nuqqas ta' ftehim jew ftehim żbilanċjat għaż-żewġ partijiet. Huwa ċar li l-ispiża tan-nuqqas ta' ftehim m'għandhiex tiġi kkalkulata biss billi jiġu kkunsidrati l-pajjiżi tal-Mercosur, iżda għandha tinkludi wkoll l-Amerika Latina kollha, u b'mod speċjali l-pajjiżi tal-Alleanza tal-Paċifiku⁽³⁾, li saru wieħed mill-punti fokali ta' attenzjoni Ewropea fil-proċess ta' integrazzjoni reġjonali tal-Amerika Latina.

1.7. Għall-KESE huwa essenzjali li l-FA jkun ambizzjuż u jkopri l-aspetti kollha tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Mercosur. Għandhom jiġu kkunsidrati l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles reċenti ffirmati mal-Kanada u mal-Ġappun. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġu indirizzati l-ostakli reali li qed jiffaċċjaw in-negozji permezz tal-armonizzazzjoni tar-regolamenti u r-riperkussjonijiet fuq l-ostakli mhux kummerċjali.

1.8. Il-FA għandu jkollu dimensjoni soċjali, professjonali u ambjentali li tinvolvi l-Ftehim kollu. Din id-dimensjoni għandha tiggarrantixxi r-relazzjonijiet ekonomiċi konformi mal-għanijiet soċjali u ambjentali tal-ftehim u li ma jinjorawx ir-regoli u l-garanziji li jirregolaw l-iżvilupp sostenibbli⁽⁴⁾. Għandha ssir enfasi wkoll fuq l-importanza tas-sigurtà tal-ikel.

1.9. Il-KESE jemmen li dispożizzjonijiet sanitarji u fitosanitarji (SPS) għandhom jiġu enfasizzati u protetti f'kull ftehim ta' assoċjazzjoni sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-produtturi fir-rigward tal-kummerċ ġust.

1.10. Il-KESE jikkunsidra li l-FA għandu jkun strument attiv għall-promozzjoni tad-djalogu soċjali u t-tweqqif tal-ftehimiet fundamentali tal-ILO, b'mod speċjali dawk li jirreferu għax-xogħol deċenti u li huma inklużi fid-Dikjarazzjoni tal-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet fix-Xogħol. F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob l-inklużjoni ta' kapitolu dwar kwistjonijiet soċjali u tax-xogħol u l-promozzjoni ta' djalogu bejn l-intraprendituri u l-ħaddiema, li jista' jagħti spinta għal koeżjoni soċjali akbar. Dak il-kapitolu għandu jirrikonxxi d-dokumenti dwar ix-xogħol diġà adottati miż-żewġ Partijiet, jiġifieri, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u d-Dikjarazzjoni dwar Kwistjonijiet Soċjali u tax-Xogħol tal-Mercosur. B'dan il-mod, il-FA ser jiggarrantixxi li l-ksur tal-prinċipji u d-drittijiet tax-xogħol ma jkunx jista' jintuża bħala vantaġġ komparattiv leġittimu bejn il-partijiet fil-kummerċ internazzjonali. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu inklużi mekkaniżmi li jiggarrantixxu li dan jitwettaq.

⁽³⁾ L-Alleanza tal-Paċifiku hija inizjattiva ta' integrazzjoni reġjonali magħmula minn erba' pajjiżi membri: iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Messiku u l-Perù, u żewġ pajjiżi oħra huma kandidati uffiċjali għas-sħubija: il-Costa Rica u l-Panama.

⁽⁴⁾ Kif irrakkomanda l-KESE fl-Opinjoni tiegħu "Il-kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fi Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-UE" (ĠU C 227, 28.6.2018, p. 27).

1.11. Il-KESE jitlob li kemm il-Forum Konsultattiv Ekonomiku u Soċjali (FKES) tal-Mercosur kif ukoll il-KESE stess, bħala korpi rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili taż-żewġ reġjuni, ikunu involuti fin-negozjati, fil-valutazzjonijiet ta' impatt tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u fil-proposti li jitnisslu minnhom (fil-fehma tal-KESE, huwa fundamentali li jiġi analizzat minn qabel l-impatt ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni potenzjali u li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex wara jiġi vverifikat jekk twettqux u kif żviluppaw il-kwistjonijiet li jkunu inklużi fil-ftehim), kif ukoll fl-istabbiliment ta' kapitolu speċifiku fi ħdan il-Ftehim li jirreferi għad-dimensjoni soċjali, professjonali u ambjentali.

1.12. Il-KESE jitlob ukoll il-ħolqien ta' Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ tas-soċjetà ċivili li jkun magħmul mill-KESE u l-FKES. Huwa għandu:

- ikun ta' natura konsultattiva,
- ikollu kompożizzjoni paritarja u bbilanċjata bejn it-tliet setturi ta' interessi rappreżentati fiż-żewġ istituzzjonijiet,
- ikun jista' jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-oqsma kollha koperti mill-FA (inkluż, għalhekk, il-kapitolu tiegħu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli),
- u għandha tiġi rikonoxxuta l-kapaċità tiegħu ta' interlokuzzjoni diretta mal-korpi konġunti l-oħrajn tal-FA, u
- jirċievi pariri mingħand dawn il-korpi, u jesprimi l-pożizzjoni tiegħu fuq inizjattiva propja, jifformula r-regoli interni tiegħu stess u jirċievi finanzjament adegwat mingħand l-awtoritajiet pubbliċi rispettivi tiegħu għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

1.13. Il-KESE huwa tal-fehma li ma hemm l-ebda bżonn u huwa ineffiċjenti li s-soċjetà ċivili tkun rappreżentata darbtejn, darba fl-ambitu ġenerali tal-FA u darb'oħra fil-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. F'dan il-kuntest, il-KESE jikkunsidra li l-FA kollu kemm hu jaffettwa l-pajjiżi kollha taż-żewġ partijiet. Il-KESE jħeġġeġ lin-negozjaturi biex jitgħallmu mill-esperjenza ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni oħra ⁽⁵⁾, fejn twaqqfu gruppi konsultattivi domestiċi tas-soċjetà ċivili għal kull parti, mingħajr l-ebda possibbiltà ta' diskussjoni rikonoxxuta taħt il-ftehim. Il-limitazzjonijiet ovvji ta' dan il-mudell juri li ma jagħmilx sens li kull pajjiż tal-Mercosur ikollu grupp konsultattiv intern b'parteċipazzjoni indiretta tas-soċjetà ċivili fil-FA, speċjalment meta wieħed iqis li ż-żewġ partijiet għandhom korpi konsultattivi indipendenti, ibbilanċjati, rappreżentattivi u tajbin biżżejjed biex iwettqu l-mandat tagħhom skont il-FA.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-Mercosur ikopri 12 800 000 km²; għandu popolazzjoni ta' 293 miljun abitant, b'densità ta' 22,9 abitant/km². Il-Mercosur jirrappreżenta s-sitt l-akbar ekonomija dinjija, b'PDG li jilħaq iż-żewġ biljun dollaru. Barra minn hekk, għandu żewġ membri bi drittijiet sħaħ fil-G-20: l-Arġentina u l-Brażil. Il-presidenza tal-Arġentina fil-G-20 fl-2018 tagħti idea tar-rilevanza dejjem tikber tar-reġjun.

2.2. Wara l-iffirmar ta' Ftehim Qafas Interreġjonali f'Diċembru 1995, l-UE u l-Mercosur bdew jinnegozjaw FA. Minħabba d-diffikultajiet bejn il-partijiet (kontroversja dwar mudelli ta' produzzjoni agrikola u l-impatt tagħhom fuq is-suq, il-perċezzjoni tal-protezzjoniżmu industrijali u fis-settur tas-servizzi fl-UE u fil-Mercosur), in-negozjati ġew sospiżi fl-2004 prinċipalment minħabba l-aspettattivi differenti fir-rigward taċ-Ċiklu ta' Doha. Fis-Summit tal-Amerika Latina, il-Karibew u l-Unjoni Ewropea tal-2010 ġie deċiż li jerġġhu jtnedew in-negozjati. Il-prospetti li jiġi ffinalizzat il-Ftehim fl-aħħar ta'din is-sena kienu inkoraġġanti, iżda, minħabba l-preġudizzju politikament fundamentali tal-gvernijiet tal-Mercosur fil-konfront tal-integrazzjoni reġjonali u r-relazzjoni tagħhom mal-UE, in-negozjati reġġu weħlu, għalkemm wara bidla fil-pożizzjonijiet tal-gvern Brażiljan setgħu jerġġhu jibdedw fl-2013.

2.3. Fid-dawl ta' theddid differenti kontra d-demokraziji rappreżentattivi u l-applikabbiltà sħiħa tal-libertajiet fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku, il-KESE jenfasizza li l-FA bejn l-UE u l-Mercosur għandu jippromovi b'mod sod il-valuri, il-prinċipi demokratiċi u l-oqfsa demokratiċi ta' politika fil-livell nazzjonali u internazzjonali.

⁽⁵⁾ L-Amerika Ċentrali, l-Ukraina, il-Georgia u l-Moldova.

2.4. Meta wieħed iqis l-impatt dejjem jinbidel li n-negozjati tar-Renju Unit mal-UE jista' jkollhom fuq il-FA, il-KESE huwa tal-fehma li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati b'mod dinamiku, filwaqt li jitqies l-iżjed impatt futur probabbli ⁽⁶⁾.

3. Il-komponenti strateġiċi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Mercosur

3.1. L-iffirmar ta' FA mal-Mercosur għandu jsir fil-kuntest ta' politika estera Ewropea għall-Amerika Latina, li hija bbażata fuq in-natura speċjali tar-relazzjoni bireġjonali, relazzjoni ferm differenti minn dik li hemm ma' kwalunkwe reġjun ieħor tad-dinja. Għalkemm hemm diffikultajiet sinifikanti (frammentazzjoni tar-reġjun), it-tisħiħ tar-relazzjoni mal-Amerika Latina għandu jibbenefika lill-UE, bl-istess mod kif it-tisħiħ tar-relazzjoni mal-UE għandu jkun ta' benefiċċju għall-Amerika Latina.

3.2. Hija meħtieġa rieda politika deċiżiva biex jinholq u jiġi promoss l-FA bħala ftehim mhux biss tal-kummerċ ħieles, iżda fuq kollox bħala ftehim strateġiku globali, li jkollu l-għan li jipprovdi lill-atturi ekonomiċi u soċjali kollha taż-żewġ partijiet b'avantagġi fit-tul mil-lat ta' żvilupp, sigurtà, proċessi ta' migrazzjoni u sfidi ambjentali. Dan ukoll biex jintużaw il-mekkaniżmi preżenti kollha sabiex jiġu vvalutati l-asimmetriji eżistenti bejn iż-żewġ reġjuni, jitnaqqsu l-impatti negattivi tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ għal xi setturi, titnaqqas id-diskrepanza eżistenti fl-integrazzjoni tal-Mercosur u sabiex il-parteċipazzjoni soċjali u t-trasparenza jiġu stabbiliti bħala elementi essenzjali tal-relazzjoni bireġjonali.

3.3. Il-FA jimplika opportunità kbira biex isir progress lejn għanijiet strateġiċi globali ta' interess komuni. Ikun mod biex ikun hemm preżenza politika u ekonomika internazzjonali f'kuntest fejn l-ekonomija u l-politika jimxu mill-Atlantiku għall-Paċifiku. Lil hinn mill-ftehimiet fi ħdan l-Assoċjazzjoni Latino-Amerikana ta' Integrazzjoni (ALADI), il-Mercosur m'għandu l-ebda ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) la mal-Istati Uniti u lanqas mal-poteri Ażjatiċi l-kbar. Din hija waħda mid-differenzi mal-Alleanza tal-Paċifiku. Barra mill-Amerika Latina, il-Mercosur għandu diversi tipi ta' ftehimiet mal-Afrika t'Isfel, l-Indja, il-Pakistan, it-Turkija u l-Marokk u FTA mal-Eġittu, l-Awtorità Palestinjana u l-Iżrael. Min-naħa tagħha, l-UE għandha aktar minn 50 ftehim kummerċjali ma' pajjiżi differenti fid-dinja. Fl-Amerika Latina u l-Karibew, għandha ftehimiet mal-Messiku, iċ-Ċili, l-Amerika Ċentrali, il-Perù, il-Kolombja, l-Ekwador u l-Cariforum. Fi kliem ieħor, FA bejn l-UE u l-Mercosur jirriżulta fi blokk bireġjonali b'piż speċifiku kbir fix-xena dinjija l-ġdida.

3.3.1. Ix-xejra ta' protezzjoniżmu li laħqet livell dinji qed ikollha impatt qawwi fuq l-ekonomija internazzjonali. FA bejn il-Mercosur u l-UE jista' jsaħħaħ iż-żona tal-Atlantiku u jibgħat sinjal li hemm triq alternattiva għar-relazzjonijiet kummerċjali u biex tingħata spinta lill-progress tan-nazzjonijiet u tar-reġjuni. Din il-ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jqisu l-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini milquta mit-telf tal-impjieġ, akkomodazzjoni u sigurtà hija l-aħjar tweġiba kemm għall-protezzjoniżmu dejjem jikber kif ukoll għar-riskju ta' politika kummerċjali li ma tħarix liċ-ċittadini.

3.3.2. Għalkemm il-Mercosur ma ffirmax trattat maċ-Ċina, il-preżenza tagħha fir-reġjun kibret b'mod esponenzjali f'dawn l-aħħar snin. L-Arġentina u l-Brażil huma żewġ pedini essenzjali għad-dħul Ċiniż, kif muri mhux biss mill-kummerċ iżda wkoll miż-żieda fl-Investment Dirett Barrani (IDB), u l-għajnuna finanzjarja biex tingħata spinta lill-infrastrutturi.

3.3.3. Fl-oġġettiv Ewropew li jiġi promoss globalment il-ħarsien tal-ambjent, l-UE tista' ssib alleat strateġiku fil-Mercosur malli jiġi ffirmat il-FA. Illum l-ambjent huwa wieħed mill-iktar suġġetti importanti għall-Istati, għaċ-ċittadini u għas-sistema multilaterali. L-UE tinsab fuq quddiem nett tal-politiki u t-teknoloġiji ekoloġiċi. Għall-Mercosur, ir-riżorsi naturali jirrappreżentaw wieħed mill-ikbar vantaġġi, iżda r-reġjun huwa wkoll wieħed mill-iktar reġjuni mhedda mit-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-rieżami u t-tneħħija fuq perjodu medju ta' żmien l-prattiki intensivi agrikoli u dawk marbutin mat-trobbija tal-bhejjem li ma jkunux sostenibbli.

3.3.4. Sabiex dan l-oġġettiv ikollu appoġġ suffiċjenti, ser ikun meħtieġ li fl-FA jiġi integrat element qawwi ta' "enerġija, ambjent, tibdil fil-klima, xjenza u teknoloġija u innovazzjoni". Dawn it-temi għandhom ikunu prijoritarji fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

⁽⁶⁾ Evalwazzjoni tal-impatt ekonomiku tal-Brexit fl-UE-27, P/A/IMCO/2016-13 March 2017, PE 595.374 EN.

3.4. Huwa importanti wkoll li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda dwar il-bażi tal-alleanzi eżistenti ma' pajjiżi oħrajn tar-reġjun. Dan għandu jippermetti li jinbnew bażijiet sodi u ambjent adegwat sabiex l-investment, kemm Ewropew kif ukoll lokali, jiżviluppa l-potenzjal kollu tiegħu b'mod sostenibbli, bħala xprun li jiġġenera l-ġid, l-impjieg u l-benesseri.

4. Aspetti sensitivi tan-negożjati

4.1. Il-vantaġġi ta' FA bejn l-UE u l-Mercosur ma jostrux id-diffikultajiet tan-negożjati, li jistgħu jinġabru fil-qosor f'ħames punti: i) il-kumplessità tal-aġenda tan-negożjar, jiġifieri l-kontenut tal-Ftehim kummerċjali, industrijali u dak marbut mas-servizzi; ii) l-iżbilanċ potenzjali taż-żewġ partijiet fl-agrikoltura; iii) id-dgħufijiet strutturali fl-integrazzjoni tal-Mercosur, li jillimitaw il-kummerċ ħieles; iv) id-dimensjoni soċjali u ambjentali tal-FA; u v) l-inugwaljanza fil-livell ta' rieda politika tal-partijiet biex jilhq u l-Ftehim u kemm huma disposti li jużaw il-possibbiltajiet kollha tal-mekkaniżmi ta' kumpens fi ħdanu u barra minnu, sabiex dan ikun jista' jintlaħaq. Dawn l-estremi kollha huma analizzati f'dan id-dokument b'mod mhux eżawrjenti u abbażi tal-letteratura disponibbli sal-lum.

4.1.1. F'dak li jirrigwarda l-kummerċ, wara negożjati li hađu daqshekk fit-tul, id-diffikultajiet ġew identifikati. Mill-perspettiva Ewropea, dawn huma ċċentri fuq is-settur agroalimentari tal-Mercosur. B'mod partikolari hemm il-biża' ta' impatt negattiv fis-setturi taz-zokkor, tal-laħam taċ-ċanga, tat-tiġieġ u tal-majjal, tal-frott u tal-ħxejjex. Hemm ukoll suspett ta' protezzjoniżmu industrijali (karozzi u prodotti kimiċi bħall-etanol) kif ukoll għal ċerti prodotti agrikoli pproċessati (inkluż l-inbid); hemm ir-riskju li r-regoli ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini ma jiġux rispettati; il-livell tal-eżiġenzi tar-regoli ta' sigurtà tal-provvista alimentari u ta' protezzjoni ambjentali huma relattivament baxxi; hemm nuqqas ta' trasparenza fil-kuntratti pubbliċi.

4.1.2. Għall-UE, huwa fundamentali li jinżammu l-istandards tal-produzzjoni miksuba għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tal-produzzjoni. L-aspetti tas-sigurtà tal-provvista alimentari, tal-protezzjoni ambjentali u tal-benesseri tal-annimali (inklużi t-tekniki tal-ikel) għandhom jiġu kkunsidrati b'reċiproċità ċara. L-użu u l-ħarsien tar-regoli dwar l-użu ta' prodotti għas-saħħa tal-pjanti u l-annimali għandhom jiġu espressi b'mod ċar ħafna fil-FA. Bl-istess mod, għandhom jiġu implimentati sistemi ta' verifika effettivi u verifikabbli fil-proċessi ta' produzzjoni u fil-każ ta' prodotti tal-bhejjem, fit-trasport u fit-tbiċċir tal-annimali għall-kummerċ kollu bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward, il-kapitolu dwar il-ħarsien tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti huwa ta' importanza vitali għad-difiża ta' patrimonju komuni Ewropew miksub matul is-nin u għall-ġlieda kontra l-plaġjariżmu u l-frodi.

4.1.3. Il-produzzjonijiet soġġetti għal kwoti, bħaz-zokkor, l-etanol, u l-laħam taċ-ċanga u l-vitella, għandhom ikunu aġġustati għal sistema ta' monitoraġġ permanenti u uniformi, sabiex jiġu adottati miżuri ta' kumpens fil-każ li jinħolqu bidliet sinifikattivi u sabiex jiġi evitat li jkun hemm abbandun tal-produzzjoni lokali. F'dak li jirrigwarda l-frott u l-ħxejjex, jekk tiġi rrinunzjata l-protezzjoni tal-mekkaniżmu ta' prezzijiet tad-dħul, għandu jiġi stabbilit osservatorju tal-funzjonament tas-suq sabiex iħares l-interessi tal-produzzjoni taż-żewġ partijiet; b'hekk ikun meħtieġ li jiġu organizzati gruppi ta' ħidma sabiex jiġu skambjati previżjonijiet u inċidenti li joħolqu distorsjoni fis-suq.

4.2. Mill-perspettiva tal-Mercosur, l-enfasi hija fuq l-agrikoltura. It-tħassib Ewropew jista' jitnaqqas jekk jinkiseb twettiq tal-istess standards – ambjentali, ta' sigurtà tal-provvista tal-ikel, ta' benessere tal-annimali, eċċ. – kemm fil-produzzjoni Ewropea kif ukoll għall-importazzjonijiet mill-Mercosur. Il-FA m'għandu jżid id-dipendenza alimentari fl-ebda waħda mill-partijiet u għandu jinkludi l-istrumenti meħtieġa sabiex jiġu evitati mudelli ta' agrikoltura li f'it li xejn huma sostenibbli, filwaqt li jitqiesu b'mod permanenti l-interessi tal-konsumaturi.

4.3. Fir-rigward tal-prodotti industrijali, fejn l-ostakli huma iżgħar, jidher li l-possibbiltà li jintlaħaq ftehim hija ikbar, hekk kif ġara pereżempju fil-Ftehim tal-UE mal-Korea t'Isfel fir-rigward tal-industrija tal-karozzi. Fl-aħħar nett, temi oħra, bħall-proprjetà intellettwali, li huma partikolarment sensitivi għal uħud mill-pajjiżi tal-Mercosur bħall-Brażil, jistgħu jkun soġġetti għal klawsoli evoluttivi jew tranżitorji fuq il-bażi ta' dak li ġie stabbilit fid-WTO. F'dan il-kuntest, il-KESE jqis li jista' jifassal, fost inizjattivi oħra, programm dwar il-proprjetà industrijali li jstimola t-trasferiment tat-teknoloġija sabiex tinholqu sistema ta' privativati valida bejn l-UE u l-Mercosur li tkun tista' tiġi estiża għall-Amerika Latina kollha.

4.4. Id-dgħufijiet strutturali tal-Mercosur jistgħu jkun ta' diffikultà għall-FA. Huma jenfasizzaw il-limitazzjonijiet li jirriżultaw mill-iskarsezza ta' infrastrutturi ta' interkonnessjoni u l-livell baxx ta' integrazzjoni tal-katini reġjonali tal-valur f'territorju li huwa tliet darbiet akbar mill-UE. Dan jinkludi livell baxx ta' kummerċ intrareġjonali u l-predominanza tal-

kummerċ ekstrareġjonali, unjoni doganali mhux kompluta, in-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-politiki makroekonomiċi u d-għufija tal-istituzzjonijiet reġjonali. Eżempju ta' dan huwa l-ineżistenza ta' qorti sovrannazzjonali tal-ġustizzja tal-Mercosur b'sentenzi vinkolanti għall-gvernijiet jew l-effettività baxxa tas-sistema ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim.

4.4.1. Minkejja l-approvazzjoni ta' Kodiċi Doganali Komuni ġdid tal-Mercosur fl-2010, dan għadu ma daħalx fis-seħħ, u din hija r-raġuni għaliex għadha tapplika t-tariffa esterna komuni (Common External Tariff – CET). Il-Mercosur hija żona ta' kummerċ ħieles aktar milli unjoni doganali.

4.5. Madankollu, in-negozjati attwali mal-erba' membri tal-Mercosur (l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj) huwa fatt li għandu jiġi apprezzat b'mod pożittiv ħafna min-naħa Ewropea. It-tkabbir potenzjali tal-blokk, b'membri ġodda pendenti, ikompli jikkomplika t-termini tan-negozjati.

4.6. Il-KESE huwa favur it-twaqqif ta' qorti multilaterali għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investment ⁽⁷⁾ u li l-pajjiżi tal-Mercosur, kif ukoll il-pajjiżi assoċjati, jingħaqdu mal-inizjattiva sabiex tiġi żgurata ċertezza legali ikbar, kemm għall-investituri tal-Amerika Latina kif ukoll dawk Ewropej. Aħna tal-fehma wkoll li kwalunkwe sħubija futura tal-OECD għandha ssir bil-kundizzjoni ta' implimentazzjoni u konformità effettivi tal-ftehimiet tagħhom mal-UE u l-ħolqien ta' klima ta' ċertezza legali u rispett sħiħ tal-liġi fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi u soċjali kollha fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku.

5. Potenzjal u opportunitajiet tal-FA

5.1. Il-FA li l-UE u l-Mercosur qegħdin jinnegozjaw imur ferm aktar lil hinn minn ftehim ta' kummerċ ħieles għaliex jikkunsidra żewġ komponenti oħrajn li jagħmlu differenza – id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni. Fid-dawl tat-theddid kontra l-multilateraliżmu, iż-żieda tal-protezzjoniżmu u s-sinjali ta' gwerer kummerċjali, dan huwa l-mument adatt għall-UE biex turi l-impenn strateġiku tagħha fil-konfront tal-Amerika Latina b'mod ġenerali u lejn il-Mercosur b'mod partikolari u biex tisfrutta l-opportunitajiet eżistenti.

5.2. Il-konklużjoni ta' FA bejn l-UE u l-Mercosur, meta jitqiesu t-territorju, il-popolazzjoni u l-iskambji kummerċjali attwali ta' aktar minn EUR 84 biljun fis-sena, jippermetti li jissaħħaħ ir-rwol taż-żewġ blokk fix-xena internazzjonali u li jinħoloq spazju kbir ta' integrazzjoni ekonomika b'effetti ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet li jiġġenera esternalitajiet pożittivi, inkluż fil-kumplement tal-Amerika Latina. Għal din ir-raġuni, il-FA mal-Mercosur għandu jkun ftehim ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet.

5.3. L-UE hija l-ewwel ekonomija dinjija u l-Mercosur hija s-sitt waħda. Il-pajjiżi tal-Mercosur bdew jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom, b'element agroalimentari qawwi, iżda wkoll b'bażi industrijali dejjem tikber li għandha riżorsi konsiderevoli tal-enerġija u t-teknoloġija. It-tentattivi ta' diversifikazzjoni ekonomika, b'mod speċjali li jingħata valur aggregat akbar lill-esportazzjonijiet tal-Mercosur, jirrappreżentaw opportunità eċċellenti għall-impriżi Ewropej, b'mod speċjali dawk teknoloġiċi u tas-servizzi.

5.4. Bejn l-2012 u l-2016 il-Paragwaj biss żamm ir-ritmu ta' tkabbir tiegħu ta' 8,4 %, filwaqt li l-Arġentina (1,4 %) u l-Urugwaj (2,9 %) ġarrbu tnaqqis. Il-Brażil ġarrab tnaqqis ta' -1,4 %. Madankollu, diġà qiegħed jiġi osservat irkupru fl-Arġentina u l-Brażil u l-previżjonijiet fuq medda ta' żmien medju qegħdin jerġġhu jsiru inkoraġġanti.

5.5. Iċ-ċertezza legali li teżisti fl-erba' pajjiżi tal-Mercosur hija fatt rilevanti li għandu jiġi kkunsidrat, għalkemm għandha u tista' tittejjeb. Il-korruzzjoni saret kwistjoni ta' tħassib dejjem akbar għaż-żewġ naħat.

5.6. L-importanza kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva tas-suq reġjonali tvarja b'mod konsiderevoli skont id-daqs tal-pajjiżi membri tal-Mercosur. F'termini relattivi, huwa osservat li dawk ta' daqs iżgħar għandhom parteċipazzjoni akbar fil-kummerċ mal-Ewropa. Fl-2015, l-UE kienet tirrappreżenta aktar minn 40 % tal-kummerċ tal-Paragwaj, qrib it-30 % tal-Urugwaj u kważi kwart tal-Arġentina, iżda ma laħqitx l-10 % tal-Brażil. Dawn iċ-ċifri huma simili kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet.

⁽⁷⁾ REX/501 Il-Qorti tal-Investment Multilaterali (għadha qed tittejjja).

5.7. L-IDB huwa wieħed mill-punti b'saħħithom tal-preżenza tal-UE fil-Mercosur, u l-IDB Ewropew jaqbeż dak li l-UE għandha fiċ-Ċina, l-Indja u r-Russja meta jitqiesu flimkien⁽⁸⁾. Il-kummerċ Ewropew mal-pajjiżi tal-Mercosur għandu potenzjal kbir ta' tkabbir minkejja ż-żieda fl-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet Ċiniżi. Madankollu, fattur li għandu jiġi kkunsidrat huwa d-dipendenza eċċessiva mill-esportazzjonijiet tal-Mercosur lejn iċ-Ċina f'materja prima.

5.8. Il-preżenza ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) Ewropej żdiedet f'dawn l-aħħar snin fil-pajjiżi tal-Mercosur u wħud mill-SMEs tal-Mercosur bdew jaċċessaw is-suq Ewropew. Il-FA bejn l-UE u l-Mercosur ikun opportunità eċċellenti biex l-SMEs Ewropej iżidu l-preżenza u l-attività tagħhom fir-reġjun.

5.8.1. L-UE essenzjalment tesporta prodotti mmanifatturati, tagħmir, apparat tat-trasport u prodotti kimiċi, u timporta prodotti alimentari u tal-enerġija. Il-konklużjoni ta' FA ser ikollha potenzjal enormi ta' ħolqien ta' ġid, u tippermetti li l-intraprendituri, il-ħaddiema u s-soċjetà kollha kemm hi jibbenefikaw minnu, b'mod speċjali jekk tkun kapaċi tiftaħ spazji għall-investimenti, b'mod partikolari f'attivitajiet ġodda li jkunu bbażati fuq l-użu intensiv tal-għarfien u impjeg ta' kwalità tajba, li tistimola l-ħolqien ta' intrapriżi ta' żgħar u ta' daqs medju permezz tal-ħolqien ta' impjeg onlajn u li tagħti spinta lill-innovazzjoni u d-demokratizzazzjoni tat-teknoloġiji ġodda li jikkontribwixxu biex jiġu pprovduti għall-massa, b'mod partikolari fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT). L-investment f'teknoloġija bħaż-żieda tal-kummerċ bireġjonali jistgħu jippromovu l-ħolqien tal-impjeg, jekk jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji għal dan.

5.8.2. Min-naħa l-oħra, jeżistu fatturi speċifiċi li jkunu jfissru mhux biss opportunità ta' negozju iżda wkoll kontribut importanti għall-iżvilupp sostenibbli, il-bini ta' infrastrutturi inklużivi u li jirrispettaw l-ambjent, li jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi bażiċi f'qafas għdid ta' żvilupp urban u li jiffavorixxu l-koeżjoni territorjali; il-promozzjoni ta' investimenti fl-inġinerija u teknoloġiji li jtaffu t-tisħin klimatiku; kif ukoll l-użu ta' enerġiji sostenibbli, li jiddiversifikaw b'sorsi rinnovabbli mhux konvenzjonali u li japprofitaw mill-esperjenza tal-impriżi Ewropej f'dan il-qasam sabiex isir progress lejn ekonomija ekoloġika.

5.8.3. Barra minn hekk, FA sod jista' jiffavorixxi l-ġid ekonomiku u soċjali fiż-żewġ reġjuni jekk ikun hemm iċ-ċirkustanzi adatti, li mingħajr dubju għandu jwassal għall-ħolqien ta' impjeg, pereżempju permezz ta':

- opportunitàjiet ġodda ta' negozju għall-intrapriżi f'oqsma mhux tradizzjonali, bħat-teknoloġiji l-ġodda, l-ekonomija ekoloġika u n-netwerks soċjali;
- l-espansjoni ta' swieq tradizzjonali fis-setturi tat-telekomunikazzjonijiet, tal-karozzi, tal-industrija farmaċewtika, tal-elettriku u dik bankarja;
- il-ftuħ ta' swieq ġodda għall-SMEs;
- il-forniment ta' riżorsi naturali u l-ikel, filwaqt li jiġu appoġġjati ż-żamma tal-bijodiversità u s-sostenibbiltà ambjentali;
- il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali, demokratika u ta' solidarjetà bħala mekkaniżmu għat-titjib tan-nisġa soċjoekonomika, u r-regolarizzazzjoni tal-ekonomija moħbija.

5.9. FA mal-Mercosur jippermetti lill-UE li saħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi u ġeopolitiċi tagħha ma' msieħeb strateġiku. Jekk jiġi konkluż immedjatament, dan il-ftehim bireġjonali ser ikun l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta ffirmat mill-Mercosur, li għandu jippermetti lill-UE taqbeż lil kompetituri internazzjonali oħrajn, bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina jew saħansitra l-Indja, ir-Russja u l-Korea t'Isfel. Barra minn hekk, il-FA ser isaħħaħ l-Assoċjazzjoni Strateġika mal-Brażil – li jeskludi l-kummerċ –, li huwa pajjiż ferm rilevanti fil-ġeopolitika internazzjonali. Dan il-FA ser isaħħaħ il-preżenza Ewropea fl-Amerika Latina, reġjun b'riżervi importanti ta' enerġija, ikel u ilma, tliet riżorsi vitali fis-seklu 21. Il-FA jista' jikkontribwixxi biex isaħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi u ġeopolitiċi bejn l-Atlantiku u l-Paċifiku.

⁽⁸⁾ L-IDB tal-UE fil-Mercosur kien ta' EUR 447 700 miljun fl-2016, li huwa aktar mill-IDB tal-UE fir-Russja (EUR 162 000 miljun), iċ-Ċina (EUR 177 700 miljun) u l-Indja (EUR 72 900 miljun) flimkien. Sors: Eurostat.

5.10. FA mal-UE ikun ta' benefiċċju wkoll minn perspettiva strateġika għall-Mercosur. Minn naħa waħda, dan jippermettilha ssaħħaħ il-pożizzjoni reġjonali tagħha u tiffaċilita l-isforzi li jnsabu għaddejjen biex toqrob lejn l-Alleanza tal-Paċifiku u, min-naħa l-oħra, ser itejjeb il-kapaċità tagħha ta' negozjar internazzjonali, u jista' jibbilanċja mill-ġdid xi asimmetriji tal-pajjiżi tal-Mercosur (u tal-Amerika Latina b'mod ġenerali) fir-relazzjoni kummerċjali u finanzjarja tagħhom ma' kompetituri internazzjonali oħrajn. Il-Mercosur ser jibbenefika minn trasferimenti teknoloġiċi, xjentifiċi u edukattivi u ser jakkwista alleat importanti fl-ambitu multilaterali fi kwistjonijiet li jaffettwawh bis-sħiħ, bħat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli u l-ġlieda kontra t-theddid globali.

5.11. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-rieda politika tal-Partijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni u jinkoraġġixxi lill-Partijiet biex jagħmlu użu effettiv mill-istrumenti finanzjarji eżistenti għall-approfondiment tal-kooperazzjoni fl-oqsma li ġejjin:

- l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iskambji universitarji: Erasmus UE-Mercosur;
- il-kooperazzjoni fir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Investment bejn l-universitajiet, iċ-ċentri pubbliċi ta' riċerka u l-intrapriżi; prijorità lit-trasferiment teknoloġiku;
- proġetti ta' żvilupp u negozju sostenibbli u
- koeżjoni soċjali: il-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza.

6. Is-soċjetà ċivili u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ⁽⁹⁾

6.1. Il-KESE jqis li n-natura bireġjonali tal-kontenut tal-FA hija element fundamentali u divrenzjali ta' dawn in-negozjati u punt ta' negozjati għar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi f'dinja li qiegħda ssir dejjem aktar globalizzata. Billi jinsab konvint mill-valur tad-djalogu mas-soċjetà ċivili tal-kontropartijiet tal-politika estera tal-UE, il-KESE ilu jaħdem għal aktar minn għoxrin sena mal-organizzazzjonijiet tal-Mercosur, kemm fis-segwitu tan-negozjati kif ukoll fil-preżervazzjoni ta' djalogu permanenti u strutturat li jiffaċilita l-fehim reċiproku u jippermetti kontribut, kritiku iżda kostruttiv, għar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ reġjuni.

6.2. Mingħajr l-ebda dubju, il-KESE jevalwa r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Mercosur bħala pożittivi. Din ir-relazzjoni, li għandha storja twila, tissejjes fuq ir-rabtiet profondi storiċi, kulturali u lingwistiċi u taspira li tapprofondixxi l-integrazzjoni reġjonali, li jiġu indirizzati b'mod konġunt l-isfidi komuni li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni, u li jiġi żgurati li l-ambitu tal-koeżjoni soċjali u tal-iżvilupp ekonomiku jibqgħu inseparabbli. Is-soċjetajiet ċivili taż-żewġ naħat ħolqu netwerk ta' relazzjonijiet sodi, li kkontribwixxew għal koordinazzjoni aħjar fi ħdan kull settur (tan-negozju, tat-trejdjunjins u s-settur terzjarju).

6.3. F'dawn l-aħħar snin rajna rikonnoxximent ta' dan ix-xogħol fl-aċċettazzjoni ġenerali min-negozjaturi Ewropej tal-ħtieġa li jiddaħħlu dispożizzjonijiet ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'kull ftehim, filwaqt li dan jintrabat mal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli ⁽¹⁰⁾. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon dan l-iżvilupp, iżda jiddispaċiħ li fil-ftehimiet fis-seħħ bħalissa s-soċjetà ċivili għandha rwol limitat. Tabilħaqq, inħolqu gruppi konsultattivi domestiċi għal kull Parti (u għal kull pajjiż firmatarju għall-parti mhux Ewropea meta din tkun reġjun), mingħajr ma l-ftehimiet jipprevedu formalment il-possibbiltà li dawn il-gruppi konsultattivi domestiċi jaħdmu flimkien. Iżjed gravi minn hekk, l-istabbiliment tal-gruppi konsultattivi domestiċi tal-pajjiżi msieħba jiddependi esklużivament mir-rieda tal-gvernijiet tagħhom, li wassal għal sitwazzjoni ta' żbilanċ bejn is-setturi, nuqqas ta' rappreżentattività, nuqqas ta' indipendenza fil-konfront tal-gvernijiet tagħhom, u nuqqas ta' interess, jew saħansitra rifjut bla ħabi, min-naħa tal-gvernijiet li għandhom jistabbilixxuhom.

6.3.1. Il-KESE jirrifjuta l-possibbiltà li n-negozjati dwar il-FA mal-Mercosur ser twassal għal darb'oħra għal mudell ta' parteċipazzjoni abbażi tal-mudell tal-gruppi konsultattivi domestiċi.

⁽⁹⁾ Ara wkoll il-proposti preċedenti tal-KESE fl-Opinjoni tiegħu ĠU C 347, 18.12.2010, p. 48, ĠU C 248, 25.8.2011, p. 55 u ĠU C 434, 15.12.2017, p. 23, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet finali tal-laqqhat biennali tas-soċjetà ċivili organizzata UE-CELAC.

⁽¹⁰⁾ Dispożizzjonijiet ta' dan it-tip, bejn wieħed u ieħor żviluppata, diġà jnsabu fil-ftehimiet mal-Amerika Ċentrali, mal-Kolombja/il-Perù/ l-Ekwador, maċ-Ċili u l-Cariforum, u ser jiddaħħlu fir-reviżjoni tal-Ftehim mal-Messiku.

6.4. Il-KESE jfakkar, għal darb'oħra, li l-Mercosur, bħall-UE, huwa istituzzjoni ta' parteċipazzjoni u konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili, il-Forum Konsultattiv Ekonomiku u Soċjali tal-Mercosur (FKES). Il-FKES jirrappreżenta b'mod ugwali s-setturi ekonomiċi u tax-xogħol u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili. Il-membri tiegħu jiltaqgħu regolarment u jressqu pożizzjonijiet ta' kunsens quddiem l-awtoritajiet politiċi tar-reġjun. L-appoġġ tal-KESE lill-FKES sa mill-ħolqien tiegħu kellu l-għan sa mill-bidu nett li jenfasizza l-importanza tat-tishiĥ ta' dan il-korp bħala fattur essenzjali għall-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-reġjun.

6.5. Il-KESE jafferma mill-ġdid il-prinċipji tat-trasparenza u l-parteeċipazzjoni, kemm fin-negozjar kif ukoll fl-iżvilupp tal-FA, bil-għan li jiġi ffaċilitat proċess virtwuż ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet u li s-soċjetà ċivili tilleġittima u tieħu sehem fin-negozjati li jaffettwawha direttament. Jiddispijaċih, għalhekk, dwar in-nuqqas ta' trasparenza f'dawn in-negozjati, li ma għamlux użu mill-mudell tajjeb identifikat qabel fin-negozjati għal ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Istati Uniti, u jitlob li tingħata informazzjoni sistematika, sinifikanti u rilevanti lis-soċjetà ċivili tal-partijiet kollha involuti fin-negozjar, speċjalment dawk marbuta mal-Mercosur.

6.6. B'konformità mal-pożizzjonijiet konġunti tal-KESE u tal-FKES – u tal-ftehimiet preliminari milħuqa matul in-negozjati ta' qabel l-2004 u li mbagħad intlaħaq kunens dwarhom, li fihom intlaħaq qbil li ż-żewġ istituzzjonijiet kienu ser jirċievu mandat konġunt b'rabta mal-FA – nitolbu l-ħolqien ta' Kumitat Konġunt għall-Monitoraġġ tas-soċjetà ċivili fi ħdan il-FA. Dan il-Kumitat Konġunt għall-Monitoraġġ għandu:

- ikollu l-istess għadd ta' membri mill-KESE u mill-FKES;
- jirrappreżenta t-tliet setturi (ekonomiċi, tax-xogħol, u organizzazzjonijiet oħra) b'mod ibbilanċjat;
- ikollu funzjonijiet konsultattivi obligatorji li jkopru s-suġġetti kollha tal-FA, inklużi l-kapitolu kummerċjali u s-segwitu tal-kwistjonijiet marbutin mal-iżvilupp sostenibbli;
- jirċievi informazzjoni f'waqtha u aġġornata mill-Partijiet dwar l-impatt tal-FA;
- ikollu l-kapaċità ta' interlokuzzjoni mal-korpi konġunti l-oħrajn tal-FA (kunsill ta' assoċjazzjoni, kumitat ta' assoċjazzjoni, korp parlamentari konġunt, bord dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli);
- jirċievi pariri mingħand dawn il-korpi, iżda jesprimi wkoll il-pożizzjoni tiegħu fuq inizjattiva tiegħu stess;
- jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu, u
- jirċievi finanzjament adegwat mingħand l-awtoritajiet pubbliċi rispettivi tiegħu għat-tweqqif tal-funzjonijiet tiegħu ⁽¹¹⁾.

6.7. Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ li jkollu dawn il-karatteristiċi jagħmilha aktar sempliċi biex jinstabu soluzzjonijiet għall-kunflitti li jistgħu jinqalgħu wara l-iffirmar tal-FA, u sitwazzjonijiet potenzjali ta' mblukkar. B'mod konkret, u skont l-approċċ ta' korpi li diġà jeżistu fi ftehimiet simili, dan il-Kumitat għandu jimmonitorja l-impatt li l-FA għandu fit-titjib tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, u dawk soċjali u ambjentali (billi jikkontrolla li ma jkunx hemm każijiet ta' dumping soċjali jew ambjentali biex jinkisbu vantaġġi kummerċjali, pereżempju) u l-ħarsien strett min-naħa tal-partijiet ta' dawk il-ftehimiet jew konvenzjonijiet internazzjonali li huma ffirmaw ⁽¹²⁾. Min-natura tagħhom stess, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiffurmaw il-Kumitat huma l-aktar adatti biex jiżguraw li l-FA jirriżulta ta' benefiċċju għall-partijiet kollha, u biex jintermedjaw jew jiffaċilitaw il-komunikazzjoni mas-setturi milquta. Għaldaqstant, il-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ għandu jkun jista' jibgħat l-informazzjoni li jkollu dwar każijiet konkreti, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-korpi konġunti tal-FA, bil-għan li jikseb risposti.

⁽¹¹⁾ Ara f'dan ir-rigward il-komunikazzjoni konġunta ppreżentata mill-FKES u l-KESE lin-negozjaturi tal-UE u tal-Mercosur fit-23 ta' Frar, fl-okkażjoni taċ-ċiklu ta' negozjati li saru f'Asunción (il-Paragway).

⁽¹²⁾ Eżempji ta' dawn huma l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-Aġenda 2030, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, il-ftehimiet fundamentali tal-ILO, id-dikjarazzjonijiet applikabbli fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, il-ftehimiet internazzjonali dwar il-preżervazzjoni tal-bijodiversità, eċċ.

6.8. Il-KESE jikkunsidra li jeħtieġ li tiġi inkluża dimensjoni soċjali fil-FA li, apparti li tinkludi l-kummerċ, tmur lil hinn minn dan u li jkollha bħala għan globali li żżid il-koeżjoni soċjali. Dan jgħodd fuq kolloxx għall-impatt tal-Ftehim fuq l-impjieg, il-ħarsien tal-interessi tal-popolazzjonijiet lokali u ta' dawk l-aktar żvantaġġati, il-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-ħarsien tal-ambjent, id-drittijiet tal-immigranti u tal-ħaddiema b'mod ġenerali, il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-promozzjoni tal-ekonomija soċjali. F'dan ir-rigward, għandu jinkludi l-impenn tal-Partijiet li japplikaw il-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol b'mod li l-ksur tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fix-xogħol la jiġi invokat u lanqas jintuża bħala vantaġġ komparattiv fil-kummerċ internazzjonali. Bl-istess mod, l-inklużjoni ta' kapitolu dwar kwistjonijiet soċjali u tax-xogħol biex jiġu indirizzati l-problemi fid-dinja tax-xogħol u biex jiġi promoss id-djalogu bejn l-intraprendituri u l-ħaddiema jista' jkun strument sabiex il-Ftehim jiġġenera impjieg ta' kwalità tajba, itejjeb il-kundizzjonijiet soċjali tal-ħaddiema u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal distribuzzjoni aħjar tal-ġid.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-535 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE – IS-60 ANNIVERSARJU TAL-KESE, 23.5.2018–24.5.2018

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

(a) Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-pakkett dwar il-prodotti: Insaħħu l-fiduċja fis-Suq Uniku

[COM(2017) 787 final]

(b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 305/2011, (UE) Nru 528/2012, (UE) 2016/424, (UE) 2016/425, (UE) 2016/426 u (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi 2004/42/KE, 2009/48/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2013/53/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE, 2014/68/UE u 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

[COM(2017) 795 final – 2017/0353 (COD)]

(c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' prodotti kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor

[COM(2017) 796 final – 2017/0354 (COD)]

(2018/C 283/03)

Relatur: Jorge PEGADO LIZ

Konsultazzjoni	(a) Kummissjoni Ewropea, 12.2.2018 (b) Kunsill, 31.1.2018 Parlament Ewropew, 5.2.2018 (c) Parlament Ewropew, 5.2.2018 Kunsill, 6.2.2018
Bażi legali	(a) Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (b) Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (c) Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	27.4.2018

Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	184/2/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jfaħħar lill-Kummissjoni għax-xogħol monumentali, meħtieġ, ikkumplikat u meritevoli li wettqet bil-pakkett ta' miżuri li qed jiġi eżaminat. Huwa jiddispaċiħ madankollu dwar il-“flessibbiltà” żejda li jixhdu wħud mid-dispożizzjonijiet billi jħallu marġni wiesa' żżejjed ta' manuvrar lill-Istati Membri u jwarrbu l-possibbiltà ta' iktar kontroll.

1.2. Il-KESE jikkunsidra li l-bażijiet legali magħżula għall-proposti eżaminati huma validi, bħall-valutazzjoni tagħhom fir-rigward tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, u li l-istrumenti legali kkunsidrati huma l-iktar adatti fir-rigward tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu.

1.3. Huwa konfuż rigward il-fatt li l-Kummissjoni ma tispjegax b'mod ċar x'sar mill-proposta tagħha tal-2013 għal regolament dwar is-sorveljanza tal-prodotti, li nafu sew li mhux fil-proċess li jiġi adottat, u l-proposta eżaminata tidduplika wħud mid-dispożizzjonijiet.

1.4. Il-Kummissjoni lanqas ma tispjega għaliex il-proposti tagħha ma ġewx akkumpanjati minn regolament ġdid dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti, li jiżgura li irrispettivament mill-karatteristiċi tagħhom, il-prodotti kollha huma soġġetti għal regolamentazzjoni aġġornata u iktar effettiva.

1.5. Il-KESE jemmen ukoll li l-proposta attwali għandha tinkludi regola li ssaħħa l-obbligu tal-Istati Membri li jissorveljaw is-swieq, u b'mod partikolari l-obbligu li kull tliet xhur jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet u l-kontrolli mwettqa.

1.6. Il-KESE jinsisti li l-prinċipji ġenerali relatati mas-sorveljanza tas-suq għandhom ikunu jinkludu l-prinċipju tal-prekawzjoni sabiex ikun element essenzjali tad-deċiżjonijiet relatati, fil-każijiet kollha fejn, anke jekk ma hemmx evidenza xjentifika ċara li prodott jista' jkun ta' xi periklu għall-konsumatur jew għall-ambjent, ikun hemm ħjiel li juri li jeħtieġ li jiġu protetti.

1.7. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għall-prinċipju tal-prekawzjoni, il-KESE jenfasizza li għandu jkun iċċarat li l-oneru tal-prova dejjem jaqa' fuq l-operaturi ekonomiċi, b'mod li ma jkunux jistgħu jargumentaw li hija r-responsabilità tal-awtoritajiet li juru li prodott mhuwiex sigur jew jippreżenta xi riskju jew ieħor.

1.8. Il-KESE jqis li hija prijorità li mhux biss ikun previst li l-Kummissjoni Ewropea tirrapporta minn żmien għal żmien dwar il-mekkaniżmu RAPEX (Sistema ta' Twissija Rapida għall-Prodotti tal-Ikel Perikolużi) iżda wkoll li l-konsumaturi, l-impriżi, u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom ikollhom aċċess għal iktar informazzjoni minn dik li tkun disponibbli għall-pubbliku.

1.9. Il-KESE jikkunsidra wkoll li dan ir-regolament għandu jkun l-att legali li jiġbor flimkien id-dispożizzjonijiet kollha dwar is-sistema ta' skambju rapidu ta' informazzjoni tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-definizzjoni, il-punti ta' kuntatt, l-arranġamenti u l-proċeduri rigward l-iskambju ta' informazzjoni, l-entitajiet esterni li jistgħu jipparteċipaw fis-sistema, inklużi wkoll l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, kif ukoll ir-regoli ta' notifika.

1.10. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħa l-istrateġija doganali komuni Ewropea, sabiex tiġi żgurata l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi materjali u umani, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti l-miżuri previsti f'din il-proposta, u jirakkomanda, f'dan is-sens, li jissaħħu l-ftehimiet ta' għajnuna reċiproka mal-imsieħba kummerċjali kollha, fosthom id-WTO u fil-kuntest tal-ftehimiet ta' sħubija li ġew innegożjati dan l-aħħar mal-Ġappun u mal-Kanada.

1.11. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' politika ambizzjuża, li tippermetti kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-iskambju tal-informazzjoni b'mod li jintervjenu aktar malajr f'każ ta' effetti serji mhux mixtieqa mill-użu ta' xi prodott.

1.12. Fir-rigward tal-valutazzjoni mill-Unjoni tal-prodotti li jkunu ġew ikkontrollati fit-territorju tagħha u li jaqgħu taħt il-legalizzazzjoni tal-armonizzazzjoni, huwa essenzjali, fil-fehma tal-KESE, li mingħajr preġudizzju għas-setgħat speċifiċi tal-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea jkollha setgħat sabiex tivvaluta l-miżuri implimentati mill-Istati Membri b'rabta ma' din il-politika ta' armonizzazzjoni.

1.13. Min-naħa l-oħra, il-KESE huwa tal-fehma li l-kwistjoni tas-sorveljanza tas-suq tal-bejgħ permezz ta' pjattaformi onlajn, kif ukoll il-valutazzjoni tar-riskji ġodda għall-konsumaturi li jużaw apparat konness mal-Internet ("Internet-connected devices") għandhom jiġu inklużi fil-proposta inkwistjoni.

1.14. Fl-aħħar nett, il-KESE jitlob li jiġu inklużi miżuri għall-ħolqien ta' bażi tad-data pan-Ewropea tal-korrimenti li tkopri kull tip ta' korriment, u f'dan il-kuntest jirrakkomanda l-istabbiliment ta' bażi legali għall-ħolqien ta' tali bażi tad-data fl-ivell Ewropew, li permezz tagħha l-Kummissjoni tkun tista' toffri sostenn għall-koordinazzjoni tal-ġbir tad-data fl-Istati Membri u għall-funzjonament effettiv ta' din il-bażi.

1.15. Fl-aħħar nett, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis is-suġġerimenti tiegħu rigward l-emendar ta' ċerti artikoli tal-proposti tagħha, kif stabbiliti fil-kummenti speċifiċi.

2. L-għanijiet tal-Pakkett dwar il-Prodotti

2.1. *Għanijiet ġenerali*

2.1.1. Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-għan prinċipali ġenerali tal-Pakkett dwar il-Prodotti fil-Komunikazzjoni ⁽¹⁾, li hija l-ewwel element ta' din l-inizjattiva. Dan jikkonsisti fl-iżgurar li "dawk kollha involuti – il-pubbliku ġenerali, il-ħaddiema, il-konsumaturi, in-negozji u l-awtoritajiet – jeħtieġ li jiġu assigurati li jistgħu jaġixxu u jakkwistaw prodotti sikuri f'ambjent trasparenti u ġust fejn ir-regoli japplikaw b'mod ugwali għal kulħadd".

2.1.2. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tqis li għandhom jiġu indirizzati żewġ dgħufijiet strutturali li s-suq uniku tal-prodotti għadu qed jiffaċċja sabiex jinkiseb il-potenzjal kollu tiegħu u jirbaħ il-fiduċja tal-konsumaturi, tal-impriżi u tal-awtoritajiet pubbliċi.

2.1.3. L-ewwel dgħufija strutturali hija relatata mal-infurzar tar-regoli armonizzati tal-UE fir-rigward tas-sigurtà tal-prodotti.

2.1.4. It-tieni dgħufija strutturali għandha x'taqsam ma' prodotti li ma jaqgħux taħt ir-regoli armonizzati tal-UE fir-rigward tas-sigurtà tal-prodotti, jew jaqgħu biss parzjalment taħt dawn ir-regoli. Dawn il-prodotti jistgħu jiġu kkunsidrati siguri u konformi mal-interess pubbliku fi Stat Membru wieħed, iżda jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għas-suq fi Stat Membru ieħor.

2.1.5. Biex tirrimedja għal dawn iż-żewġ "dgħufijiet", il-Kummissjoni ressqet proposta li tikkonsisti f'żewġ inizjattivi leġislattivi, akkumpanjati minn diversi miżuri supplimentari.

2.1.5.1. L-ewwel inizjattiva leġislattiva għandha l-għan li ssaħħaħ il-konformità u l-infurzar tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti filwaqt li t-tieni waħda għandha l-għan li tirrivalizza u tiffaċilita l-użu tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fis-suq uniku.

2.1.5.2. Fost il-miżuri supplimentari nsibu:

(a) rapport dwar it-tħaddim tad-Direttiva (UE) 2015/1535 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informatika mill-2014 sal-2015 ⁽²⁾; u

(b) rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 ⁽³⁾.

2.2. *Għanijiet speċifiċi*

2.2.1. L-għanijiet speċifiċi li għandhom dawn l-inizjattivi jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

⁽¹⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM%3A2017%3A787%3AFIN>

⁽²⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52017DC0788&qid=1519385332001>

⁽³⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1519385589015&uri=CELEX:52017DC0789>

(a) *Proposta dwar il-konformità*

2.2.2. Fir-rigward tal-ewwel inizzjattiva leġislattiva, jiġifieri l-proposta għal regolament li jstabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fir-rigward tal-prodotti⁽⁴⁾, minn issa 'l quddiem magħrufa bħala l-“proposta dwar il-konformità”, l-għan ser ikun li tissaħħaħ il-fiduċja fl-infurzar effettiv tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti u, biex dan iseħħ:

- (a) jeħtieġ li jiġi ssorveljat b'mod intelliġenti l-infurzar effettiv tar-regoli f'suq uniku mingħajr fruntieri u
- (b) li tiġi infurzata l-leġislazzjoni fil-fruntieri esterni.

2.2.3. L-għanijiet speċifiċi prinċipali huma dawn:

- (a) il-konsolidazzjoni tal-qafas attwali għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq;
- (b) l-inkoraġġiment tal-azzjonijiet konġunti talawtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tad-diversi Stati Membri;
- (c) it-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-programmi ta' sorveljanza tas-suq;
- (d) il-ħolqien ta' qafas imsaħħaħ għall-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u għal kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

(b) *Proposta dwar ir-rikonoxximent*

2.2.4. Rigward it-tieni inizzjattiva leġislattiva, jiġifieri l-proposta għal regolament fuq ir-rikonoxximent reċiproku tal-oġġetti kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor⁽⁵⁾, minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala l-“proposta dwar ir-rikonoxximent”, din għandha l-għan li tiżgura li l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jkun applikat b'mod effiċjenti u effettiv, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku;
- (b) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u tal-fiduċja;
- (c) l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-prodotti mhux armonizzati;

2.2.5. L-għan speċifiku ewlieni ta' din il-proposta jikkonsisti fit-titjib tal-funzjonament tar-rikonoxximent reċiproku bil-proposta ta' ċertu għadd ta' miżuri li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet u l-obbligi eżistenti li jirriżultaw mill-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, b'mod partikolari permezz tal-miżuri li ġejjin:

- (a) il-kjarifika tal-firxa tar-rikonoxximent reċiproku, billi jiġi ċċarat meta dan ikun applikabbli;
- (b) l-introduzzjoni ta' dikjarazzjoni fuq l-unur li tgħin biex jintwera li prodott huwa diġà kkummerċjalizzat legalment u l-istabbiliment ta' sistema ta' soluzzjoni ta' problemi rigward id-deċiżjonijiet li jirrifjutaw jew li jillimitaw l-aċċess għas-suq;
- (c) it-twaqqif ta' kooperazzjoni amministrattiva u l-istabbiliment ta' għodda informatika li tgħin biex jittejbu l-komunikazzjoni, il-kooperazzjoni u l-fiduċja bejn l-awtoritajiet nazzjonali, u għalhekk, tiffaċilita l-funzjonament tar-rikonoxximent reċiproku.

(c) *Testi supplimentari*

2.2.6. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippreżenta ż-żewġ rapporti li ġejjin u li fuqhom hija tibbaża l-proposti leġislattivi tagħha:

2.2.7. Rapport mill-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-Direttiva (UE) 2015/1535 (jew, fil-qosor, id-Direttiva dwar it-“Trasparenza”) mill-2014 sal-2015⁽⁶⁾, li l-konklużjonijiet prinċipali tagħha huma:

- (a) il-konferma tal-utilità tagħha fil-livell tat-trasparenza, tal-kooperazzjoni amministrattiva u tal-prevenzjoni tal-ostakli tekniċi fis-suq intern, li ntweriet mill-interess kbir li l-partijiet interessati għandhom fil-proċedura ta' notifika, li tidentifika l-oqsma li fihom l-armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tkun opzjoni;
- (b) ir-rikonoxximent, madankollu, tal-fatt li l-applikazzjoni tal-proċedura tista' titjeb iktar, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-għadd ta' notifikasi ta' ċerti Stati Membri u r-rispett tal-obbligi ta' notifika tagħhom;

⁽⁴⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2017%3A0795%3AFIN>

⁽⁵⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2017%3A0796%3AFIN>

⁽⁶⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52017DC0788&qid=1519385332001>

- (c) il-fehma li għadd ikbar ta' notifiċi u parteċipazzjoni iktar attiva tal-Istati Membri fil-proċedura jistgħu jiffaċilitaw il-prevenzjoni ta' ostakli tekniċi ġodda u l-identifikazzjoni tal-problemi sistemiċi f'kull Stat Membru u fl-Unjoni Ewropea kollha;
- (d) l-importanza essenzjali li d-Direttiva tkompli tiġi promossa u li tissaħħaħ l-applikazzjoni tagħha waqt li tiġi stabbilita rabta iktar soda mal-politika ta' monitoraġġ u l-miżuri leġislattivi, sabiex jintlaħqu b'mod sħiħ l-għanijiet tagħha.

2.2.8. Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 765/2008⁽⁷⁾ li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, magħruf fil-qosor bħala r-"Regolament dwar il-Konformità" (COM(2017) 789 final), li l-osservazzjonijiet prinċipali tiegħu huma kif ġej:

- (a) jinħtieġu "korpi għall-valutazzjoni tal-konformità", li huma affidabbli u kompetenti u li jaħdmu sew sabiex jivverifikaw il-konformità tal-prodotti ma' ċerti standards qabel jinbiegħu;
- (b) għal din ir-raġuni, l-UE waqqfet sistema ta' akkreditament ta' dawn il-korpi għall-valutazzjoni tal-konformità;
- (c) il-Kummissjoni tqis li l-infrastruttura ta' akkreditament Ewropew maħluqa mir-Regolament (KE) Nru 765/2008⁽⁸⁾ tipprovdi valur miżjud, mhux biss għas-suq uniku iżda wkoll għall-kummerċ internazzjonali;
- (d) il-konferma li l-akkreditament igawdi mill-appoġġ kbir tal-industrija tal-Unjoni u tal-awtoritajiet responsabbli mill-valutazzjoni tal-konformità;
- (e) l-isfida madankollu hija li jkun żgurat li s-sistema ta' akkreditament kollha kemm hi tibqa' aġġornata mal-aħħar żviluppi u li jkun żgurat li dejjem tiġi applikata bl-istess rigorożità.
- (f) Ir-rapport jikkonferma wkoll li l-impriżi huma iktar konxji mir-rwol importanti li għandu l-immarkar CE tal-prodotti fi ħdan is-suq uniku implimentat bejn l-2013 u l-2017.

(d) *Miżuri mhux vinkolanti*

2.2.9. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirrikonoxxi, mingħajr madankollu ma tidħol fid-dettall, li għad hemm lok għal miżuri mhux vinkolanti, li jfittxu li jsaħħu l-fiduċja fis-suq uniku u li huma previsti fil-komunikazzjoni bażika nnifisha, billi, pereżempju, jintużaw il-mekkaniżmi eżistenti ta' SOLVIT jew tiġi adottata "klawżola dwar is-suq uniku" ċara u mhux ambigwa, jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ għal dawk li jħarrġu fir-rikonoxximent reċiproku, jiġu organizzati skambji ta' uffiċjali, eċċ. (Anness għall-Komunikazzjoni msemmija).

3. Kummenti ġenerali

3.1. Ta' min jinnota li l-Kummissjoni wettqet xogħol monumentali, meħtieġ, ikkumplikat u siewi, li jistħoqqlu kull tifħir.

3.2. Madankollu, din ma spjegatx biżżejjed, kif kien meħtieġ, is-sitwazzjoni rigward il-proposta tagħha tal-2013 għal regolament dwar is-sorveljanza tal-prodotti. Mhuwiex magħruf jekk tlestietx, u l-proposta preżenti tidher li hija simili ħafna għaliha, ħlief għal ċerti dispożizzjonijiet, iżda xorta ma jintqalx jekk il-proposta preċedenti ġietx abbandunata.

3.2.1. Barra minn hekk, il-KESE jqis li huwa indispensabbli li jkun hemm rabta ċara bejn id-Direttiva dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti u l-proposta eżaminata hawnhekk, b'mod li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkopri l-prodotti kollha, u mhux biss dawk elenkati fl-Anness.

3.2.2. Fil-fehma tal-KESE, kien ikun essenzjali kieku l-proposta kienet akkumpanjata minn regolamenti ġodda dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti, li jiżguraw li, irrispettivament mill-karatteristiċi tagħhom, kollha jkunu rregolati b'mod aġġornat u iktar effettiv.

3.2.3. Fil-fatt, il-KESE għadu jqis li d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw is-sorveljanza tas-suq huma mxerrda wisq u spiss jidħlu f'xulxin, b'mod li tinħoloq konfużjoni bejn ir-regoli ta' sorveljanza veri u proprji u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi.

⁽⁷⁾ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

⁽⁸⁾ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

3.2.4. Il-KESE jibża' li l-fatt li l-Kummissjoni tippermetti li jsir dibattitu parallel dwar żewġ proposti li huma simili fil-kontenut iżda b'ċerti elementi differenti ma jsovlx din il-problema b'mod adegwat.

3.3. Minħabba d-diskussjoni attwali dwar il-pakkett ta' miżuri dwar is-sigurtà tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq, il-KESE jemmen li l-proposta li qed tiġi eżaminata għandha tipprevedi dispożizzjoni li ssaħħa l-obbligu tal-Istati Membri li jissorveljaw is-swieq, billi timponilhom li kull tliet xhur jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet u l-kontrolli mwettqa, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-istatistika u d-deċiżjonijiet.

3.4. Barra minn hekk, l-azzjonijiet ta' kontroll tal-awtoritajiet għandhom ikunu ppubblikati, b'mod partikolari permezz ta' rapporti ta' attività jew fuq id-diversi siti tal-Internet tagħhom.

3.5. Għall-kuntrarju, il-KESE jikkunsidra li l-bażijiet legali magħżula għall-proposti taħt eżami huma validi, bħalma hija l-valutazzjoni tagħhom fir-rigward tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, jew l-istrumenti legali kkunsidrati bħala l-iktar adatti fir-rigward tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu, bl-uniku punt li jiddispaċi dwaru huwa l-“flessibbiltà” żejda li għadhom jixhdu wħud mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti wżati billi jħallu marġni wieser' żejjeż ta' manuvrar lill-Istati Membri u jwarbru l-possibbiltà ta' iktar kontroll li kienu jagħtu lill-UE ċerti perkorsi ta' azzjoni li ma ntgħażlux.

3.6. Il-KESE jinsisti li l-prinċipji ġenerali relatati mas-sorveljanza tas-suq għandhom jinkludu dak tal-prekawzjoni bħala element essenzjali tad-deċiżjonijiet relatati, fil-każijiet kollha fejn, anke jekk ma hemmx evidenza xjentifika manifesta li prodott jista' jkun ta' xi periklu għall-konsumatur jew għall-ambjent, hemm ħjiel li juri li jeħtieġ li jiġi protett.

3.6.1. Il-KESE ma jistax ma jerġax jagħti tort lill-Kummissjoni li ma għamlet assolutament l-ebda referenza għal dan il-prinċipju tal-prekawzjoni li, ta' min ifakkar, jintuża kontinwament mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju u li huwa rekwiżit fundamentali għall-awtoritajiet kollha li jkollhom jiddeċiedu dwar l-irtirar jew in-nuqqas ta' rtirar ta' prodott mis-suq.

3.6.2. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għall-prinċipju tal-prekawzjoni, il-KESE huwa tal-fehma li xorta waħda għandu jkun iċċarat li l-oneru tal-prova dejjem jaqa' fuq l-operaturi ekonomiċi, b'mod li ma jkunux jistgħu jargumentaw li hija r-responsabilità tal-awtoritajiet li juru li prodott mhuwiex sigur jew jippreżenta xi riskju jew ieħor.

3.7. Il-KESE jirrikonoxxi l-obbligu tal-Istati Membri li, tal-inqas kull tliet snin, jiddefinixxu strateġija ġenerali ta' sorveljanza tas-suq.

3.7.1. Madankollu, il-KESE jqis li l-miżuri adottati mill-awtoritajiet għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ regolari mill-Kummissjoni Ewropea.

3.8. Il-KESE jagħti importanza essenzjali lill-eżistenza ta' mekkaniżmu RAPEX (Sistema ta' Twissija Rapida għall-Prodotti tal-Ikel Perikolużi) li jiffunzjona b'mod ikkoordinat u effettiv f'dak li jirrigwarda l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, iżda jinnota li, f'dawn l-aħħar snin, kull darba li xi wieħed minnhom informa lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-riskju ta' prodott perikoluż, la l-konsumaturi u lanqas l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom ġeneralment ma ġew informati permezz ta' din is-sistema jew mill-awtoritajiet, ħliel meta jiġu adottati miżuri indispensabbli, jiġifieri proċeduri ta' rtirar li jeħtieġu l-intervent tal-konsumaturi. L-istess japplika fil-każijiet fejn l-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru jiftiehm mal-operatur ekonomiku kkonċernat biex jirtiraw prodott, mingħajr ma jinfurmaw lill-pajjiżi l-oħra tal-UE, u saħansitra jixħtu dubju, kemm-il darba, fuq il-prinċipju tal-prekawzjoni.

3.8.1. Il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa li dan il-mekkaniżmu jkun ikkoordinat ma' sitwazzjonijiet fejn il-prodott jenħtieġ li jinqered, u b'hekk tiġi promossa integrazzjoni u informazzjoni akbar fil-konfront tal-konsumaturi fir-rigward ta' dawn is-sitwazzjonijiet.

3.8.2. F'dan ir-rigward, u mingħajr ħsara għar-rispett tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, il-KESE jqis li hija prijorità li mhux biss ikun previst li l-Kummissjoni Ewropea tirrapporta b'mod regolari dwar il-mekkaniżmu RAPEX iżda wkoll li l-konsumaturi u l-impriżi u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom ikollhom aċċess għal iktar informazzjoni minn dik magħmula disponibbli għall-pubbliku filwaqt li titqies, b'mod partikolari, id-diffikultà li l-konsumaturi jipperċepixxu u jadottaw l-imġiba wara li jiġi identifikat prodott li mhuwiex sigur.

3.8.3. Il-KESE jikkunsidra wkoll li dan ir-regolament għandu jkun l-att legali li jlaqqa' flimkien b'mod obligatorju d-dispożizzjonijiet kollha dwar is-sistema ta' skambju rapidu ta' informazzjoni tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, id-definizzjoni, il-punti ta' kuntatt, l-arranġamenti u l-proċeduri rigward l-iskambju ta' informazzjoni, mal-entitajiet esterni li jistgħu jipparteċipaw fis-sistema, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, kif ukoll ir-regoli ta' notifika.

3.9. Barra minn hekk, kif għamel qabel f'Opinjoni oħrajn, il-KESE jenfasizza l-hteġa li tissaħħaħ l-istrategġja doganali komuni Ewropea, sabiex tiġi żgurata l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi materjali u umani, sabiex jiġu żviluppati l-miżuri previsti fil-proposta li qed tiġi eżaminata hawnhekk, inkluż billi jiġu eżaminati l-possibbiltajiet ta' teknoloġiji ġodda u tal-innovazzjoni, filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ il-kunfidenzjalità tad-data personali taċ-ċittadini u billi tingħata attenzjoni partikolari għall-SMEs u għall-konsumaturi.

3.9.1. F'dan il-kuntest, il-KESE jirakkomanda li jiġu żviluppati l-fehimiet ta' assistenza reċiproka li l-UE tikkonkludi mal-imsieħba kummerċjali tagħha, b'mod partikolari mad-WTO jew dawk li ġew innegozjati dan l-aħħar mal-Ġappun u mal-Kanada.

3.9.2. Il-KESE jħeġġeġ ukoll li tiġi indirizzata l-problema tal-ġieda kontra l-frodi, il-kontraffazzjoni u l-falsifikazzjoni, li għandhom impatt konsiderevoli fuq is-sigurtà ġenerali tal-prodotti, speċjalment fil-każ tal-prodotti importati fl-UE.

3.9.3. F'dan ir-rigward, il-KESE jinsisti fuq il-hteġa ta' politika ambizzjuża li tippermetti lill-Istati Membri jikkooperaw fl-iskambju ta' informazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu iktar malajr għall-effetti ħżiena serji marbutin mal-użu tal-prodotti, peress li ż-żieda fl-għadd ta' prodotti frawdolenti jew foloz, flimkien mar-riżorsi limitati li għandhom l-Istati Membri biex jikkontrollawhom, iżidu r-riskji li jheddu s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.

3.9.4. Fl-aħħar nett, kif kien innota f'Opinjoni preċedenti, il-KESE jikkunsidra li "il-membri jew l-impjegati tal-korpi ta' sorveljanza u tad-dwana huma meħtieġa jippreżentaw il-garanziji kollha ta' onestà u indipendenza u jkunu mħarsa mill-pressjonijiet jew it-tentattivi possibbli ta' korruzzjoni waqt il-qadi ta' dmirijiethom" ⁽⁹⁾.

3.10. F'dak li jirrigwarda l-valutazzjoni mill-Unjoni tal-prodotti li jkunu ġew ikkontrollati fit-territorju tagħha u li jaqgħu taħt il-leġislazzjoni tal-armonizzazzjoni, huwa essenzjali, fil-fehma tal-KESE, li mingħajr preġudizzju għas-setgħat speċifiċi tal-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea jkollha setgħat sabiex tivvaluta l-miżuri implimentati mill-Istati Membri dwar din il-politika ta' armonizzazzjoni, u b'hekk tevita l-inċertezza legali li tista' tippreġudika ċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti siguri.

3.11. Bl-istess mod, u kif jgħid f'Opinjoni preċedenti tiegħu, il-KESE jkompli jħeġġeġ l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-ħolqien ta' bażi tad-data pan-Ewropea dwar il-korrimenti, li tkun tinkludi l-korrimenti kollha u ssegwi dawn l-għanijiet:

- (a) tgħin lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jieħdu deċiżjonijiet iktar informati dwar ir-riskji;
- (b) tipprovdi bażi għal azzjonijiet ta' prevenzjoni u kampanji biex jiżdied l-għarfien pubbliku, u tippermetti lil dawk li jfasslu l-istandards jiżviluppaw standards tal-prodotti aħjar;
- (c) tgħin lill-manifatturi jintegraw l-aspetti relatati mas-sigurtà fid-disinn tal-prodotti ġodda tagħhom;
- (d) tivvaluta l-effettività tal-miżuri preventivi u tistabbilixxi l-prijoritajiet fit-tfassil tal-politiki.

3.12. F'dan il-kuntest, il-KESE jerġa' jissuġġerixxi li tiġi stabbilita bażi legali għall-ħolqien ta' bażi tad-data Ewropea dwar il-korrimenti, li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea tkun responsabbli biex tgħin lill-Istati Membri jikkoordinaw il-ġbir tad-data u l-funzjonament tajjeb ta' din il-baży tad-data.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Proposta dwar il-Konformità [COM(2017) 795 final]

4.1.1. Artikolu 1

4.1.1.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li minbarra l-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-persuni, il-proposta tkopri wkoll is-sigurtà tal-ambjent u l-interessi pubbliċi.

⁽⁹⁾ ĠU C 271, 19.9.2013, p. 86, punt 1.6.

4.1.2. Artikolu 5

4.1.2.1. Il-KESE ma japprovax id-dikjarazzjonijiet ta' konformità għall-biċċa l-kbira tal-prodotti għall-konsumatur, peress li, ġeneralment, dawn jikkonsistu f'dikjarazzjoni magħmula biss min-naħa tal-produttur, li tirrikonoxxi li l-prodott huwa konformi mal-leġislazzjoni Ewropea relatata dwar is-sigurtà. Din spiss toħloq konfużjoni f'moħħ id-destinatarji li ma jkunux jistgħu jiddistingwu bejn l-orijini u l-awtorizzazzjoni tal-prodott.

4.1.2.2. Dan l-aħħar, diversi organizzazzjonijiet tal-konsumaturi esprimew tħassib rigward dawn is-sistemi ta' konformità, identiċi għal dawk akkumpanjati mill-marka "CE". Fuq dan il-punt, il-KESE jargumenta li din id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha titqiegħed fis-sit web tal-prodott inkwistjoni, fil-paġna dwar id-dokumentazzjoni teknika tal-prodott. Għaldaqstant, din ma għandhiex toħloq konfużjoni u lanqas tqarraq bid-destinatarji.

4.1.3. Artikoli 10 u 14

4.1.3.1. Il-KESE jilqa' l-proposta eżaminata peress li din tfittex li tistabbilixxi sistema konsistenti ta' sorveljanza tas-suq f'kull Stat Membru. Madankollu, għalkemm iddaħħal regoli dwar l-obbligi, is-setgħat u l-organizzazzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, ma ssemmix il-kompetenzi u s-setgħat ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-mezzi tekniċi, umani u finanzjarji disponibbli, u dan in-nuqqas jista' jkun sors ta' inkonsistenza fis-sorveljanza tal-prodotti fl-Unjoni Ewropea.

4.1.3.2. Irrispettivament mis-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet, il-KESE jqis li t-test ma jimponi l-ebda obbligu fuqhom, li essenzjalment isemmi l-prerogattivi tagħhom, b'mod partikolari s-sempliċi diskrezzjoni li joħorġu twissija f'waqtha għall-utenti fit-territorju tagħhom dwar prodotti li jkun ta' riskju.

4.1.4. Artikolu 18

4.1.4.1. Il-KESE ma jafx għaliex il-Kummissjoni neħħiet minn dan l-Artikolu r-regola li kienet ipproponiet fl-2013, li kienet tinkludi l-kriterji għal deċiżjoni mill-awtorità kif ukoll il-miżuri kollha sussegwenti, bħall-obbligi tal-operatur ekonomiku u l-azzjonijiet sussegwenti mill-awtorità kompetenti. Fil-fatt, mill-perspettiva tal-operaturi ekonomiċi, it-test ma jiddeterminax b'mod ċar jekk in-notifiki lil RAPEX jiġux effettivament immonitorjati u jekk dawn l-operaturi jsejħux tabilħaqq il-prodotti lura mis-suq.

4.1.4.2. F'dak li jirrigwarda l-proċedura tas-sejħa lura mis-suq tal-prodotti, il-KESE jagħti importanza kbira lill-informazzjoni mogħtija lill-konsumatur u jinsisti għalhekk li din tkun enfasizzata b'mod speċifiku, billi l-awtoritajiet ikunu obbligati jipubblikawha. Barra minn hekk, jeħtieġ ukoll li tiġi rregolata l-proċedura tal-informazzjoni dwar is-sejħa lura mis-suq, sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jitfixkluha ma' komunikazzjoni kummerċjali dwar il-prodott ikkonċernat.

4.1.5. Artikolu 26

4.1.5.1. Fil-fehma tal-KESE huwa kruċjali li l-proposta tkun tinkludi dispożizzjoni li tippreċiża b'mod espliċitu li l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandu jkollhom il-kompetenzi u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kontrolli fuq il-prodotti fuq il-post u fil-laboratorju.

4.1.6. Artikolu 27

4.1.6.1. Il-KESE jikkunsidra li, mingħajr preġudizzju għall-punti msemmija, għandu jkun hemm klawżola ġenerali li tippermetti lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq li jitolbu lil dawk li jikkontrollaw il-fruntieri esterni biex ma jħallux li prodott jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera jekk ikun jidher li huwa ta' riskju għas-saħħa, għas-sigurtà, għall-ambjent jew għall-interess pubbliku.

4.1.7. Artikolu 32

4.1.7.1. Il-KESE jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fin-netwerk ikkonċernat, b'mod partikolari l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, sabiex tkun żgurata trasparenza akbar f'dak li jirrigwarda r-riżultati li l-Istati Membri kisbu fil-qasam tal-politika ta' sorveljanza tas-suq.

4.1.8. Artikolu 61

4.1.8.1. Il-KESE jilqa' l-proposta li tiġi stabbilita dispożizzjoni speċifika dwar il-multi li jiskoraġġixxu lill-atturi ekonomiċi milli jqiegħdu prodotti perikolużi fis-suq.

4.1.8.2. Għall-istess raġuni, il-KESE jilqa' l-Artikolu 61(3), li jgħid li l-ammont tal-multa jista' jiżdied f'każ li r-reat jiġi ripetut.

4.2. Proposta dwar ir-Rikonoxximent [COM(2017) 796 final]

4.2.1. Artikolu 4

4.2.1.1. Il-KESE jesprimi d-dubbi tiegħu rigward l-effettività tal-prinċipju msemmi, b'mod partikolari meta fl-Artikolu 4 (3) huwa stabbilit li l-operaturi ekonomiċi huma responsabbli għad-dikjarazzjoni kkonċernata, peress li għall-konsumatur din id-dispożizzjoni jista' jkollha l-istess effett bħall-immarrar "CE", li qatt ma żamm prodotti meqjusa perikolużi milli jiċċirkolaw fis-suq intern, irrispettivament mid-dikjarazzjoni relatata.

4.2.1.2. Il-KESE jqis li jeħtieġ li, f'każ fejn l-operatur ekonomiku ma jipprovdi id-dikjarazzjoni msemmija, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(8), tiġi vverifikata l-informazzjoni dwar il-konformità.

4.2.2. Artikolu 5

4.2.2.1. Il-KESE huwa tal-fehma, għal darb'oħra, li jeħtieġ li, speċjalment fil-każ tal-Artikolu 5(5), il-prinċipju tal-prekawżjoni jiġi inkluż fost il-kriterji li jirrigwardaw l-analiżi tal-prodotti.

4.2.3. Artikolu 6

4.2.3.1. Meta wieħed iqis id-drittijiet tal-konsumaturi, fosthom id-dritt għas-saħħa u għas-sigurtà, kif ukoll il-ħarsien tal-ambjent u tal-interess pubbliku, il-KESE ma jaqbilx mal-preżunzjoni ta' sigurtà stabbilita minn din id-dispożizzjoni, peress li, meta prodott ikun soġġett għall-analiżi msemmija fl-Artikolu 5, ma jistax jitqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni qabel ma l-awtorità tal-Istat Membru kkonċernat tkun ħadet id-deċiżjoni finali tagħha.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE”

(COM(2018) 51 final — 2018/0018 (COD))

(2018/C 283/04)

Relatur: **Dimitris DIMITRIADIS**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 8.2.2018 Kunsill, 26.2.2018
Bażi legali	L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Deċiżjoni tal-Bureau	5.12.2017
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	172/2/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jaqbel mal-fatt li l-kollaborazzjoni fil-qasam tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa (Health Technology Assessment, HTA) fuq bażi sostenibbli, fil-livell tal-UE, hija intiża biex tiżgura li l-Istati Membri kollha tal-Unjoni jkunu jistgħu jissiltu vantaġġ minn titjib tal-effikaċja tal-iskema, filwaqt li jiġi massimizzat il-valur miżjud

1.2. Il-KESE jqis adatta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrikorri għall-proċedura leġislattiva tar-Regolament aktar milli għal forom ġuridiċi oħrajn, minħabba li din hija adegwata biex tiggarantixxi kooperazzjoni aktar diretta u aktar intensa fil-livell tal-Istati Membri.

1.3. Il-KESE huwa konvint li l-proposta għal regolament hija assolutament konformi mal-għanijiet ġenerali tal-Unjoni, inklużi dawk ta' funzjonament bla xkiel tas-suq intern, sistemi tas-saħħa sostenibbli, u l-implimentazzjoni ta' aġenda ambizzjuża għar-riċerka u l-innovazzjoni.

1.4. Il-KESE jaqbel mal-affermazzjoni li skontha l-ispejjeż tas-saħħa jistgħu jiżdiedu fis-snin li ġejjin, b'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tat-tixjiħ tal-popolazzjoni Ewropea, taż-żieda fil-mard kroniku u tar-rikors għal teknoloġija kumplessi ġodda, filwaqt li, fl-istess ħin, l-Istati Membri huma soġġetti dejjem iżjed għal restrizzjonijiet baġitarji.

1.5. Il-KESE jappoġġja l-użu ta' inċentivi fiskali f'ċerti pajjiżi, kif ukoll il-possibbiltà li l-limitu ta' għajjnuna mill-istat “de minimis” jiġi rivedut 'il fuq, iżda din għandha tibqa' soġġetta għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri.

1.6. Il-KESE jemmen li l-finanzjament pubbliku huwa rilevanti ħafna għall-HTA, u ċertament dan jista' jissaħħaħ permezz ta' ħidma konġunta f'kooperazzjoni u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi.

1.7. Il-KESE jemmen li l-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jiffinanzjaw ideat u inizjattivi rilevanti li jkunu ġejjin minn negozji ġodda.

1.8. Il-KESE jqis li l-proposta għandha tkun ta' benefiċċju għall-SMEs, kif ukoll għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali li huma attivi fis-settur, peress li din se tnaqqas ir-restrizzjonijiet amministrattivi u l-ispejjeż ta' konformità li huma imposti bħalissa fuqhom minħabba l-ħtieġa li jiġu introdotti diversi fajls biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti nazzjonali differenti fil-qasam tal-HTA, iżda ma jaqbilx li dawn ma jkunux is-suġġett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi.

1.9. Il-KESE jipproponi li r-Regolament jirreferi għal miżuri preventivi, pereżempju fir-rigward tas-sostenn tal-isptarjiet fil-qasam tal-kontroll, tal-prevenzjoni u l-limitazzjoni tal-infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar, u jissuġġerixxi li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkun estiż jew ikkompletat minn dispożizzjonijiet f'dan is-sens.

2. Kuntest

2.1. Il-proposta għal regolament isseħħ wara aktar minn għoxrin sena ta' kooperazzjoni volontarja fil-qasam tal-valutazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa (HTA). Wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali (Direttiva 2011/24/UE)⁽¹⁾ ġie stabbilit fl-2013 fil-livell tal-UE, fuq bażi volontarja, netwerk fil-qasam tal-HTA magħmul minn diversi awtoritajiet u korpi tal-HTA nazzjonali, li huwa inkarigat li jiggwida l-istrateġija u l-politika fil-qasam tal-kooperazzjoni xjentifika u teknika fil-livell tal-Unjoni.

2.2. Dawn ix-xogħlijiet ġew ikkompletati minn tliet azzjonijiet konġunti suċċessivi⁽²⁾ dwar l-HTA u pprovdew lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-possibbiltà li joħlqu bażi ta' għarfien soda dwar il-metodoloġiji u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa.

2.3. Il-kollaborazzjoni fil-qasam tal-HTA fuq bażi sostenibbli, fil-livell tal-UE, hija intiża biex tiżgura li l-Istati Membri kollha tal-Unjoni jkunu jistgħu jisiltu vantaġġ minn titjib tal-effikaċja tal-iskema, filwaqt li jiġi massimizzat il-valur miżjud. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE f'dan il-qasam huwa sostnut b'mod wiesa' mill-partijiet ikkonċernati, li għandhom interess fil-fatt li l-pazjenti jkollhom aċċess rapidu għal trattamenti, prodotti mediċinali u prodotti tas-saħħa innovattivi jekk dawn jippreżentaw valur miżjud, u jkun xieraq li jintwera minn dan li l-UE mhijiex biss unjoni ekonomika, iżda wkoll kostitwenza li hija sensibbli, qabel kollox, dwar il-persuni. Il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini li pparteċipaw fil-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni wrew l-appoġġ tagħhom b'mod impressjonanti, peress li huma jirrikonoxxu kważi b'mod unanimu (bi 98 %) l-utilità tal-HTA u li 87 % minnhom jaqblu li l-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-HTA għandha tkompli wara l-2020⁽³⁾.

3. Problemi u lakuni li l-proposta għandha l-għan li tindirizza

3.1. Il-KESE jaqbel mal-konstatazzjoni, li tirriżulta mill-konsultazzjoni wiesgħa, li sal-lum, l-aċċess għas-suq tat-teknoloġiji innovattivi huwa mxekkel jew distort minħabba differenzi bejn il-proċeduri jew il-metodi amministrattivi applikati fil-livell nazzjonali jew reġjonali u r-rekwiżiti li jeżistu fl-Unjoni kollha fil-qasam tal-HTA, imposti mill-leġislażjonijiet u l-prattiki nazzjonali differenti. Din hija r-raġuni li wasslet lill-Kummissjoni tressaq proposta għal regolament, peress li din hija l-approċċ leġislativ l-aktar adattat.

3.2. Il-KESE jaqbel ukoll mal-konstatazzjoni li s-sitwazzjoni li tipprevali bħalissa tikkontribwixxi wkoll għan-nuqqas ta' prevedibbiltà għall-intrapriżi, għal spejjeż inkrementali għall-industrija u l-SMEs, twassal għal dewmien fl-aċċess għal teknoloġiji ġodda u tikkawża effetti negattivi fuq l-innovazzjoni. Bħala eżempju tas-sitwazzjoni attwali ta' nuqqas ta' armonizzazzjoni, wieħed jista' jsemmi d-dokument ippubblikat mill-"Istitut għall-Kompetittività" I-Com⁽⁴⁾ li, fil-paġna 49 tiegħu, jirreferi għall-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC) u jinnotta li "ċerti korpi tal-HTA jagħmlu l-valutazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, direttament jew fuq talba, filwaqt li oħrajn iqisuhom bħala kunfidenzjali. Barra minn hekk, xi wħud jaċċettaw l-istudji ta' osservazzjoni intiżi biex jevalwaw il-valur ta' prodott mediċinali, filwaqt li l-oħrajn jiċħduhom. Dan il-punt huwa importanti minħabba li, bħalma osserva l-BEUC, il-letteratura eżistenti dwar is-suġġett turi li din id-data hija inqas soda minn dik ipprovduta mill-provi aleatorji u l-profilu tal-effikaċja tal-prodotti mediċinali. Minkejja li dawn id-differenzi ma jaffettwawx direttament il-ħidma tal-BEUC, dawn jistgħu jikkontribwixxu għal xogħol doppju u jwasslu għal spiża għolja għall-Istati Membri. Konsegwentement, huwa importanti li tiġi enfazzzata s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-importanza li għandha l-HTA u dwar il-kontribut tal-pazjenti u tal-utenti finali. Fl-aħħar nett, il-BEUC iqis li minkejja li HTA konġunta u sħiħa tista' tkun utli ħafna, din għandha tiġi adattata għall-oqfsa nazzjonali differenti li jirregolaw il-kura tas-saħħa. Bħalma wrew diversi deċennji ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-HTA fl-UE, dawn il-problemi ma ġewx solvuti b'mod sodisfaċenti bl-approċċ strettament volontarju li ġie segwit għax-xogħlijiet konġunti mwettqa sal-lum.

3.3. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-HTA li għaddejjja bħalissa fil-livell tal-Unjoni tbat i wkoll minn nuqqas ta' sostenibbiltà, minħabba li l-finanzjament tagħha huwa limitat għal żmien qasir u għandu jinkiseb u jiġi nnegozjat mill-ġdid matul kull ċiklu finanzjarju. Filwaqt li l-kooperazzjoni mnedija fil-kuntest tal-azzjonijiet konġunti u tan-netwerk tal-HTA, uriet il-benefiċċji tal-kooperazzjoni fl-UE, f'termini tal-istabbiliment tan-netwerk professjonali, l-għodod u l-metodoloġiji għall-kooperazzjoni u l-ittestjar tal-valutazzjonijiet konġunti, dan il-mudell ta' kooperazzjoni ma kkontribwixxiex għat-tneħħija tal-frammentazzjoni tas-sistemi nazzjonali u l-irduppjar tal-isforzi⁽⁵⁾.

⁽¹⁾ Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011).

⁽²⁾ EUnetHTA Joint Action 1, fl-2010-2012, EUnetHTA Joint Action 2, fl-2012-2015, u EUnetHTA Joint Action 3, għall-perjodu 2016-2019. Ara: <http://www.eunetha.eu/>.

⁽³⁾ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-486_mt.htm.

⁽⁴⁾ <http://www.astrid-online.it/static/upload/7787/7787e169a7f0afc63221153a6636c63f.pdf>.

⁽⁵⁾ <http://www.eunetha.eu/wp-content/uploads/2018/01/FINAL-Project-Plan-WP4-CA-TAVI-v3.pdf>.

3.4. Peress li l-affidabbiltà ta' kull mekkaniżmu għdid għandha tiġi ttestjata fid-dawl tal-prinċipji tal-indipendenza u tal-libertà ta' espressjoni tal-partijiet ikkonċernati, fuq il-bażi esklużiva ta' kriterji xjentifiċi, deontoloġiċi, etiċi u imparzjali, l-għanijiet segwiti minn din l-inizjattiva jistgħu jintlaħqu b'mod xieraq bis-saħħa ta' kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-HTA li se titmexxa fil-livell tal-Unjoni abbażi ta' dawn il-prinċipji. Dan l-approċċ se jippermetti rimedju ġenwin għall-frammentazzjoni attwali tas-sistemi nazzjonali tal-HTA (jiġifieri d-differenzi tal-proċeduri u tal-metodi li jaffettwaw l-aċċess għas-suq), filwaqt li jsaħħaħ il-kooperazzjoni flivelli oħra li huma indispensabbli għall-HTA: pereżempju, fil-pajjiżi li jiffaċċjaw diffikultajiet minħabba li ma għandhomx reġistri tal-pazjenti, se jkollhom jitniedu pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni għall-patoloġiji kollha, b'mod li jitħaffu x-xogħlijiet tal-ministeri għas-saħħa kkonċernati b'kunsiderazzjoni tal-aqwa prattiki fis-seħħ f'pajjiżi Ewropej oħra. Dan jirrigwarda approċċ li jinkorpora wkoll il-valuri u l-prijoritajiet soċjali fit-teħid ta' deċiżjoni xjentifika.

3.5. Il-KESE jenfasizza li huwa neċessarju li tiġi rikonoxxuta l-innovazzjoni teknoloġika fis-settur tas-saħħa, inkluż fil-qafas tal-attivitajiet tal-kura fil-livell lokali u lil hinn mill-qafas tal-isptar. Fil-konfront tat-tixjiħ tal-popolazzjoni⁽⁶⁾, tal-progressjoni tal-mard kroniku u tat-telf tal-awtonomija, huwa meħtieġ li t-teknoloġiji u l-metodi ta' intervent fil-qasam tal-kura fid-djar isiru speċjalizzati u jintużaw b'mod iktar effikaċi. Barra minn hekk se jkun meħtieġ li jiġu previsti programmi speċifiċi tal-HTA, li se jkunu intiżi biex itejbu din il-kura u dawn is-servizzi fid-djar, mhux biss bir-rikors għat-teknoloġiji l-ġodda u għat-telemediċina, iżda wkoll permezz ta' żieda ġenerali fil-kwalità tas-servizzi professjonali tal-kura.

3.6. Dwar dan il-punt, il-KESE jenfasizza li ħafna drabi, dan is-settur tal-kura tas-saħħa mogħtija liċ-ċittadini Ewropej ġie żviluppat u huwa mmexxi minn intrapriżi innovattivi tal-ekonomija soċjali, u se jkun meħtieġ li jiġi rrikonoxxut il-post li dawn jokkupaw u jsir użu aħjar minnhom.

4. X'inhuma r-riżultati mistennija minn din il-proposta speċifika?

4.1. Il-proposta għal regolament tal-UE fil-qasam tal-HTA għandha l-għan li ttejjeb id-disponibbiltà tat-teknoloġiji tas-saħħa innovattivi għall-pazjenti tal-Unjoni, tuża aħjar ir-riżorsi disponibbli u tiżgura prevedibbiltà aħjar għall-intrapriżi.

4.2. Il-KESE jqis adatta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrikorri għall-proċedura leġislattiva tar-Regolament aktar milli għal forom ġuridiċi oħrajn, minħabba li din hija adegwata biex tiggarrantixxi kooperazzjoni aktar diretta u aktar intensa fil-livell tal-Istati Membri. Madankollu, l-obbligu li tintuża l-valutazzjoni klinika konġunta jekk it-teknoloġija kienet is-suġġett ta' tali valutazzjoni, ma jiggarrantixxi li l-Istati Membri se jkollhom HTA rilevanti u li tista' tintuża għat-teħid ta' deċiżjoni. Għal ċerti kategoriji ta' HTA, is-soluzzjoni għaldaqstant tista' tkun li din ikollha karattru fakultattiv kif stabbilit fl-Artikolu 19. Peress li wieħed jirriskja li jikkomprometti l-kwalità tal-HTA meta jkun jixtieq li din titwettaq f'perjodu ta' żmien ristrett, għandu jsir obligatorju l-fatt li jiġi implimentat l-Artikolu 29 tal-proposta għal regolament, dwar l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ.

4.3. Il-proposta għal regolament hija intiża biex tiżgura li l-metodi u l-proċeduri applikabbli għall-HTA jkunu aktar prevedibbli fl-UE kollha u li l-valutazzjonijiet kliniċi konġunti ma jkunux irduppjati fil-livell nazzjonali, u dan sabiex jiġu evitati t-trikkib u d-diverġenzi. Bħalma ġie spjegat fid-dettall fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt, wieħed iqis li s-soluzzjoni ppreferuta hija dik li tilħaq l-għanijiet bl-aktar mod effettiv u effiċjenti, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Hija din li tippermetti li l-għanijiet tas-suq intern jintlaħqu bl-aħjar mod billi tippromwovi l-konverġenza fil-proċeduri u fil-metodoloġiji, tnaqqas l-irduppjar (eż. tal-valutazzjonijiet kliniċi) u għalhekk tnaqqas ukoll ir-riskju li jkun hemm eżiti diverġenti, u b'hekk tikkontribwixxi għat-titjib tad-disponibbiltà ta' teknoloġiji innovattivi tas-saħħa għall-pazjenti. Madankollu, peress li l-aċċess u r-rikors għat-teknoloġiji mhumiex identiċi fl-Istati Membri kollha, il-ħtiġijiet fil-qasam tal-HTA jvarjaw, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards tal-kura. Din il-ħtieġa ta' analiżi komplementari tissaħħaħ aktar min-nuqqas ta' paragon dirett jew mir-rikors għal kriterji intermedjarji fit-testijiet kliniċi li jintużaw għall-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq. Konsegwentement, l-obbligu ta' rikors għall-HTA konġunta jista' jkun li ma jkunx jista' jitwettaq għalkollox u l-prinċipju tal-użu volontarju tagħha forsi jkollu jkompli japplika, bħalma ġie indikat iktar 'il fuq, fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' din il-valutazzjoni. Għalhekk, huwa importanti li jiġi ċċarat li skont l-Artikolu 34, l-Istati Membri jistgħu jwettqu valutazzjoni klinika permezz ta' mezzi oħrajn li r-regoli jipprevedu fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-possibbiltà li jaġhmlu valutazzjonijiet addizzjonali adattati fejn meħtieġ.

4.4. Il-KESE jaqbel li l-proposta għal regolament tipprovdi qafas sostenibbli lill-Istati Membri li jagħtihom il-possibbiltà li jiġbru l-kompetenzi tagħhom, isaħħu t-teħid tad-deċiżjonijiet fuq il-bażi tal-evidenza, u li jappoġġgħom fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw is-sostenibbiltà tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa. L-għażla ppreferuta hija wkoll kosteffiċjenti fis-sens

⁽⁶⁾ http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/2015/pdf/ee3_en.pdf.

li l-ispejjeż huma bbilanċjati b'mod sinifikanti bl-iffrankar għall-Istati Membri, l-industrija u l-SMEs, bħala riżultat tal-ġbir komuni tar-riżorsi, l-evitar tal-irduppar u t-titjib tal-prevedibbiltà tan-negozju. Il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet għall-użu ta' għodod, proċeduri u metodi komuni fil-qasam tal-HTA fl-UE kollha u tiddefinixxi, għall-kollaborazzjoni tal-Istati Membri fil-livell tal-Unjoni, dawn l-erba' pilastru li ġejjin.

4.4.1. **Valutazzjonijiet kliniċi konġunti** bbażati fuq teknoloġiji tas-saħħa aktar innovattivi u potenzjalment ta' benefiċċju, li jipprovdu l-akbar valur miżjud għall-UE.

4.4.2. **Konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti** li skonthom l-iżviluppaturi ta' teknoloġija tas-saħħa jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-awtoritajiet tal-HTA dwar it-tip ta' data u evidenza li x'aktarx se jiġu rikjesti fil-qafas ta' HTA.

4.4.3. **L-identifikazzjoni tat-teknoloġiji tas-saħħa emerġenti** li huma intiżi biex jiżguraw li t-teknoloġiji l-aktar promettenti għas-saħħa tal-pazjenti u s-sistemi tas-saħħa jiġu skoperti fi stadju bikri u jittieħdu inkunsiderazzjoni fix-xogħlijiet konġunti.

4.4.4. **Kooperazzjoni volontarja** fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kamp tal-kooperazzjoni obligatorja, pereżempju dik tat-teknoloġiji tas-saħħa minbarra l-prodotti mediċinali u l-apparat mediku (bħall-proċeduri kirurġiċi), jew tal-aspetti ekonomiċi marbuta mat-teknoloġiji tas-saħħa.

5. Liema possibbiltajiet leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le?

5.1. Il-KESE jqis li l-proposta għal regolament hija assolutament konformi mal-għanijiet ġenerali tal-Unjoni, inklużi dawk ta' funzjonament bla xkiel tas-suq intern, sistemi tas-saħħa sostenibbli, u l-implimentazzjoni ta' aġenda ambizzjuża għar-riċerka u l-innovazzjoni.

5.1.1. Barra mill-koerenza ma' dawn l-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni, il-proposta hija wkoll konsistenti mal-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni relatata mal-prodotti mediċinali u l-apparat mediku u tikkomplimentaha⁽⁷⁾. Pereżempju, filwaqt li l-proċess regolatorju u l-proċess tal-HTA se jibqgħu separati sew, peress li dawn għandhom skopijiet differenti, hemm opportunitajiet biex jinħolqu sinerġiji permezz tal-kondiviżjoni reċiproka ta' informazzjoni u allinjament aħjar taż-żmien li fih jitwettqu l-proċeduri bejn il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti proposti u l-awtorizzazzjoni ċentralizzata għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali⁽⁸⁾.

5.2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

5.2.1. L-Artikolu 114 TFUE jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri, sakemm dawn ikunu meħtieġa għall-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika.

5.2.2. Dan l-Artikolu 114 TFUE barra minn hekk jipprovdi bażi ġuridika xierqa meta jitqiesu l-għanijiet tal-proposta, jiġifieri biex jitneħħew xi wħud mid-diverġenzi eżistenti fis-suq intern għat-teknoloġiji tas-saħħa kkawżati minn differenzi proċedurali u metodoloġiċi fil-valutazzjonijiet kliniċi mwettqa fl-Istati Membri flimkien mal-irduppar konsiderevoli tat-tali valutazzjonijiet fl-Unjoni kollha.

5.2.3. F'konformità mal-Artikolu 114(3) TFUE, ġie kkunsidrat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fit-thejjiha tal-proposta li hija mistennija ttejjeb id-disponibbiltà ta' teknoloġiji innovattivi tas-saħħa għall-pazjenti tal-Unjoni.

5.3. Kull proposta leġislattiva jkollha wkoll tkun konformi mal-Artikolu 168(7) TFUE, li skontu l-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. Dan l-obbligu jinkludi d-deċiżjonijiet dwar il-livelli tal-ipprezzar u r-rimborż, li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva inkwistjoni.

5.3.1. Għalkemm huwa ċar ħafna li l-Istati Membri tal-Unjoni se jibqgħu responsabbli, minn naħa, mill-valutazzjoni tal-aspetti mhux kliniċi, jiġifieri, pereżempju, ekonomiċi, soċjali u etiċi, tat-teknoloġiji tas-saħħa u, min-naħa l-oħra, mit-tehdid tad-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar tagħhom u r-rimborż tagħhom, il-KESE jissuġġerixxi li tiġi eżaminata, b'mod partikolari

⁽⁷⁾ Din tirrigwarda, fost oħrajn, id-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, ir-Regolament (UE) Nru 536/2014, ir-Regolament (UE) 2017/745 u r-Regolament (UE) 2017/746.

⁽⁸⁾ Għandu jiġi nnotat li l-ħtieġa għal sinerġiji mtejba ġiet rikonoxxuta wkoll mill-Istati Membri fil-Karta ta' Riflessjoni tan-netwerk tal-HTA "Sinerġiji bejn il-kwistjonijiet regolatorji u tal-HTA dwar il-farmaċewtiċi" kif ukoll mill-EUnetHTA u l-EMA (l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini) fir-rapport konġunt tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma ta' tliet snin EMA-EUnetHTA li jkopri l-perjodu 2012-2015.

billi jiġi ddedikat studju separat għaliha, il-possibbiltà li tiġi stabbilita politika tariffarja komuni fi ħdan l-UE, bl-iskop ta' trasparenza u ta' aċċessibbiltà għall-popolazzjoni kollha, fir-rigward tal-prodotti mediċinali, l-apparat mediku u l-prodotti ta' dijanjożi in vitro b'mod ġenerali, **b'mod aktar partikolari meta dawn kienu s-suġġett ta' HTA**, bl-għan li titjeb l-aċċessibbiltà għalihom miċ-ċittadini Ewropej u jiġu evitati l-esportazzjonijiet jew l-importazzjonijiet paralleli abbażi biss tal-prezz. Dan l-approċċ jikkontribwixxi għalhekk għas-sostenn effikaċi tal-ħidma tal-kumitati nazzjonali kompetenti għall-ġestjoni tar-reġistru jew l-osservatorju tal-prezzijiet massimi aċċettabbli li jeżistu f'ċerti pajjiżi, b'mod partikolari għall-apparat mediku.

5.4. Minkejja li l-memorandum ta' spjegazzjoni jippreċiża li "[t]-terminu 'teknoloġija tas-saħħa' irid jinftehem fis-sens wiesa' li jinkludi prodott mediċinali, apparat mediku jew proċeduri mediċi u kirurġiċi kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni, id-dijanjożi jew it-trattament tal-mard użati fil-kura tas-saħħa", il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti huma limitati għall-prodott mediċinali li jkunu għaddejjin mill-proċedura ċentrali ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tas-sustanzi attivi ġodda u l-prodotti eżistenti li għalihom l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni hija estiża għal indikazzjoni terapewtika ġdida; u ċerti klassijiet ta' apparat mediku u ta' apparat mediku dijanjostiku in vitro li għalihom il-bordijiet esperti rilevanti stabbiliti skont ir-Regolamenti (UE) 2017/745 u 2017/746 taw l-opinjoni jiet jew il-fehmiet tagħhom u li ntgħażlu mill-Grupp ta' Koordinazzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament.

5.5. Biex jiġi evitat il-mard deġenerattiv, iżda wkoll biex jitnaqqas id-dħul abbużiv fl-isptar ta' persuni anzjani u dipendenti, għandhom jitnedew miżuri u azzjonijiet li jżidu l-kwalità tal-kura u tal-assistenza u jżidu konsegwentement is-sigurtà tal-pazjenti u l-benesseri tagħhom.

5.5.1. Il-KESE jqis li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta se jkollu jiġi kkompletat billi jiddaħħlu fih miżuri preventivi, pereżempju, fir-rigward tas-sostenn tal-isptarijiet fil-qasam tal-kontroll, tal-prevenzjoni u l-limitazzjoni tal-infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptar. Dan l-eżempju konkret jirrigwarda madwar 37 000 persuna ⁽⁹⁾ li, kull sena fl-Ewropa, imutu minħabba infezzjoni li jkunu hađu mill-isptar. Huwa urġenti li jitjiebu s-sigurtà tal-pazjenti u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa bl-insistenza fuq il-prevenzjoni tal-imsemmija infezzjonijiet meħuda mill-isptar u bl-użu razzjonali ta' antibijotiċi. L-istudji mwettqa sal-lum huma limitati għal-livell nazzjonali biss, iżda jenfasizzaw l-patoloġiji kollha li l-proposta inkwistjoni beħsieba tirrimedja preċiżament għalihom.

6. X'inhil-ispiża tal-għażla ppreferuta?

6.1. Il-KESE jqis li l-għażla ppreferuta hija kosteffiċjenti fis-sens li l-ispejjeż li din teħtieġ huma bbilanċjati b'mod sinifikanti bl-iffrankar għall-Istati Membri u l-industrija ⁽¹⁰⁾, bħala riżultat tal-ġbir komuni tar-riżorsi, l-evitar tal-irduppar u t-titjib tal-prevedibbiltà tan-negożju.

Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm riżorsi biżżejjed ⁽¹¹⁾ disponibbli għall-ħidma konġunta prevista mill-proposta għal regolament, il-KESE jaqbel mal-idea li jingħata finanzjament għall-ħidma konġunta u l-kooperazzjoni volontarja, kif ukoll għall-qafas ta' appoġġ maħsub għal dawn l-attivitajiet. Jenħtieġ li l-finanzjament ikopri l-ispejjeż għall-produzzjoni tar-rapporti dwar il-valutazzjonijiet kliniċi konġunti u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissekondaw esperti nazzjonali lill-Kummissjoni sabiex jappoġġaw is-segretarjat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni, bħalma jsemmi l-Artikolu 3.

6.2. L-ispejjeż tal-kontrolli huma inklużi fl-ispejjeż allokati għall-eżerċizzju dwar l-identifikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda emerġenti li jridu jiġu vvalutati fil-livell tal-Unjoni u l-valutazzjonijiet kliniċi konġunti. Il-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti għall-prodotti mediċinali u l-apparat mediku se timminimizza r-riskji ta' żbalji meta jtfassal il-programm ta' ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni inkarigat mill-monitoraġġ. Bħalma tinnotta wkoll il-Kummissjoni, il-Grupp ta' Koordinazzjoni se jkun magħmul minn rappreżentanti nazzjonali tal-korpi tal-HTA, filwaqt li s-sottogruppi se jkunu magħmula minn esperti tekniċi li jwettqu valutazzjonijiet. Huwa previst ukoll li jingħata taħriġ lill-korpi nazzjonali tal-HTA, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri b'inqas esperjenza jissodisfaw ir-rekwiżiti f'dan il-qasam. Dan l-element madankollu ma jissemmiex b'mod ċar fit-test tal-proposta.

⁽⁹⁾ <http://www.cleoresearch.org/en/>

⁽¹⁰⁾ L-iffrankar tal-ispejjeż assoċjati mal-valutazzjonijiet komuni (Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, REA) jista' jilħaq EUR 2,67 miljun fis-sena.

⁽¹¹⁾ L-ispiża totali tal-għażla ppreferuta ġiet stmata għal madwar EUR 16-il miljun.

6.3. B'kollox, l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa fl-UE, pubbliċi u privati, jitilgħu għal madwar EUR 1 300 triljun fis-sena⁽¹²⁾, fosthom 220 biljun għall-prodotti farmaċewtiċi⁽¹³⁾ u 100 biljun għall-apparat mediku⁽¹⁴⁾. Bħala medja, dawn jirrappreżentaw għalhekk madwar 10 % tal-PDG tal-UE⁽¹⁵⁾.

6.4. Il-KESE jaqbel mal-affermazzjoni li skontha l-ispejjeż tas-saħħa jistgħu jżiedu fis-snin li ġejjin, b'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tat-tixjiħ tal-popolazzjoni Ewropea, taż-żieda fil-mard kroniku u tar-rikors għal teknoloġiji kumplessi ġodda, filwaqt li, fl-istess ħin, l-Istati Membri huma soġġetti dejjem iżjed għal restrizzjonijiet baġitarji.

6.5. Il-KESE jqis barra minn hekk li dawn l-evoluzzjonijiet se jesigū li l-Istati Membri jerġgħu jsaħħu aktar l-effikaċja tal-baġits tas-saħħa billi jagħmlu enfasi fuq it-teknoloġiji effikaċi filwaqt li jżommu l-inċentivi għall-innovazzjoni⁽¹⁶⁾.

6.6. Il-KESE għandu jappoġġa l-użu ta' inċentivi fiskali f'ċerti pajjiżi, kif ukoll possibbilment ir-reviżjoni 'l fuq tal-limitu ta' għajjnuna mill-istat "de minimis". Proposta waħda li tista' tiġi kkunsidrata tikkonċerna reviżjoni possibbli tal-ammonti massimi għall-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni "de minimis" fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat, fejn tista' tiġi prevista ż-żieda tal-ammont attwali ta' dan il-limitu massimu, minn EUR 200 000, sabiex jasal sa EUR 700 000 għall-inqas għall-SMEs attivi fil-qasam tas-saħħa, tal-assistenza soċjali u tal-kura medikofarmaċewtika, filwaqt li jiġu imposti rekwiżiti ta' kwalità supplimentari fuq l-intrapriżi kkonċernati, biex jiġu stabbiliti proġetti li jirrikjedu l-kollaborazzjoni ta' diversi minnhom, jitwettqu investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni jew ikunu kumpaniji li jinvestu mill-ġdid internament il-profitti kollha li jiġġeneraw. Ikun possibbli li dawn id-dispożizzjonijiet jintużaw sabiex iħeġġu lill-SMEs u lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jinvestu aktar fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' kooperazzjonijiet fin-netwerk⁽¹⁷⁾. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jiffinanzjaw ideat u inizjattivi rilevanti li jkunu ġejjin minn negozji ġodda.

6.7. Il-KESE jemmen li l-finanzjament pubbliku huwa rilevanti ħafna għall-HTA, u ċertament dan jista' jissaħħaħ permezz ta' ħidma konġunta f'kooperazzjoni u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi. Skont l-istimi, kull HTA mwettqa f'pajjiż tiswa madwar EUR 30 000 għall-korpi nazzjonali u EUR 100 000 għas-settur tas-saħħa⁽¹⁸⁾. Bis-suppożizzjoni li għaxar Stati Membri jipproċedu għal HTA għall-istess teknoloġija u li dawn ix-xogħlijiet jiġu ssostitwiti b'rapport konġunt, ikun possibbli li jiġu ffrankati sa 70 % minn dawn l-ammonti, minkejja l-ipoteżi li l-ispiża ta' valutazzjoni konġunta hija tliet darbiet ogħla minn dik ta' rapport nazzjonali uniku, minħabba ż-żieda fil-bżonnijiet ta' koordinazzjoni. Dawn huma mezzi li jistgħu kemm jiġu ffrankati, kif ukoll indirizzati lejn attivitajiet oħra b'rabta mal-HTA. Madankollu, b'kunsiderazzjoni tal-ispejjeż għolja ħafna mitluba għat-teknoloġiji l-ġodda, huwa indispensabbli li l-HTA użata minn Stat Membru biex jiddeċiedi dwar ir-rimborż ta' teknoloġija tkun konsistenti mal-firxa terapewtika fil-livell nazzjonali. Għat-trattamenti onkoloġiċi, pereżempju, li jaqbuż b'mod ġenerali spiża ta' EUR 100 000 għal kull pazjent, valutazzjoni klinika mhux xierqa jkollha spiża ferm ogħla mill-ammonti ffrankati bis-saħħa tal-valutazzjoni konġunta. Naturalment għandu jiġi indikat li l-Koalizzjoni Ewropea tal-pazjenti bil-kanċer (ECPC) tilqa' l-proposta inkwistjoni u tenfasizza li "bl-evitar ta' sforzi doppji, il-

⁽¹²⁾ Data tal-Eurostat, li tinsab fid-dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni "L-industrija farmaċewtika, settur strateġiku għall-ekonomija Ewropea", Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intrapreditorija u l-SMEs (GROW), 2014. Eurostat, spejjeż tal-fornituri tal-kura tas-saħħa, għall-Istati Membri kollha, data tal-2012 jew l-aktar reċenti li hija disponibbli. Għall-Irlanda, l-Italja, Malta u r-Renju Unit, dawn iċ-ċifri huma kkompletati mid-data dwar is-saħħa tad-WHO (bir-rata tal-kambju annwali tal-BĊE).

⁽¹³⁾ Eurostat data, in DG GROW SWP, 2014, Pharmaceutical Industry: A Strategic Sector for the European Economy.

⁽¹⁴⁾ Komunikkazzjoni dwar "Apparat mediku u apparat mediku dijanjostiku in vitro li huma sikuri, effettivi u innovattivi għall-benefiċċju tal-pazjenti, il-konsumaturi u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa", COM(2012) 540 final. Stima maġmula mill-Bank Dinji, EDMA, Espicom u Eucomed.

⁽¹⁵⁾ Kummissjoni Ewropea. Skeda Informattiva Tematika tas-Semestru Ewropew: Is-saħħa u s-sistemi tas-saħħa, 2015. Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECFIN), "Cost-containment policies in public pharmaceutical spending in the EU" (Politiki ta' kontroll tal-kostijiet fl-ispejjeż farmaċewtiċi pubbliċi fl-UE), 2012. Ara wkoll http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2016_sante_144_health_technology_assessments_en.pdf

⁽¹⁶⁾ DG ECFIN, Cost-containment policies in public pharmaceutical spending in the EU, 2012.

⁽¹⁷⁾ Bħalissa, ir-Regolament (UE) Nru 1407/2013 jistabbilixxi limitu massimu ta' EUR 200 000 fuq tliet snin għall-għajjnuna mill-Istat fejn l-għoti jista' jiġi awtorizzat għall-benefiċċju tal-intrapriżi, inkluż fil-forma ta' ħelsien mit-taxxa. Biex tiffaċċja l-kriżi ekonomika, l-UE żiedet b'mod proviżorju dan il-limitu massimu għal EUR 500 000 fl-2008, fil-qafas tal-azzjoni tagħha intitolata "pjan ta' rkupru". Għandu jiġi rrikonoxxut li t-talba li qed tiżjed għas-servizzi tas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni dipendenti għall-kura, se tikkostitwixxi waħda mill-partiti prinċipali tal-ispejjeż għas-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u li, konsegwentement, ikun għaqli li tiġi prevista skema speċifika għall-għoti ta' inċentivi u għajjnuna f'dan il-qasam, b'mod partikolari għall-intrapriżi li huma attivi fil-provvista ta' servizzi ta' għajjnuna soċjali fil-livell lokali.

⁽¹⁸⁾ DG ECFIN, *The 2015 Ageing Report*, 2015. OECD, 2015. *Pharmaceutical expenditure and policies: past trends and future challenges*.

valutazzjonijiet kliniċi konġunti li saru obbligatorji se jeliminaw ir-riskji li jwasslu għal eżiti diverġenti u se jimminimizzaw għalhekk id-dewmien fl-aċċess għal terapiji ġodda”⁽¹⁹⁾. Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tar-Reċiproċità (AIM), unjoni internazzjonali tal-atturi mhux statali fornituri tal-kura tas-saħħa, tilqa’ l-konstatazzjoni li l-Kummissjoni tipproponi li fil-livell tal-UE tiġi stabbilita skema aktar sostenibbli ta’ kooperazzjoni fil-qasam tal-HTA. [...] Hija mħassba madankollu li bl-istabbiliment ta’ valutazzjoni klinika waħda fl-Unjoni, is-sistema l-ġdida ma tkunx ta’ inceniv biex dawn l-HTAs jitwettqu fl-iqsar żmien possibbli, u b’hekk turriskja li jiġu ppreġudikati l-kwalità tal-kura u s-sigurtà tagħhom⁽²⁰⁾.

6.8. Peress li l-implikazzjoni għall-baġit tal-proposta mhux mistennija li tkun effettiva qabel l-2023, il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni wara l-2020 se tiġi diskussa fil-qafas tat-tnejjja tal-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss u se turrifletti r-riżultati tan-negozjati dwar il-QFP wara l-2020.

6.9. Billi għandu interessi ekonomiċi enormi, is-settur tat-teknoloġija tas-saħħa huwa suxxettibbli għal kunflitti ta’ interess. Huwa importanti ħafna li l-HTA hija organizzata b’mod oġġettiv, indipendenti u trasparenti.

7. L-SMEs u l-mikrointrapriżi kif se jintlaqtu?

7.1. Il-proposta hija rilevanti għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs), li huma partikolarment prominenti fis-settur tal-apparat mediku, bħalma huwa indikat fil-paragrafu 4.2. Madankollu, ma hija prevista l-ebda dispożizzjoni partikolari għall-mikrointrapriżi, minħabba li dawn mhumiex mistennija li jkollhom rwol ewlieni fl-introduzzjoni ta’ teknoloġiji ġodda tas-saħħa fis-suq. Il-KESE jqis li l-proposta għandha tkun ta’ benefiċċju għall-SMEs, kif ukoll għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali li huma attivi fis-settur, peress li din se tnaqqas ir-restrizzjonijiet amministrattivi u l-ispejjeż ta’ konformità li huma imposti bħalissa fuqhom minħabba l-ħtieġa li jiġu introdotti diversi fajls biex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti nazzjonali differenti fil-qasam tal-HTA, iżda ma jaqbilx li dawn ma jkunux is-suġġett ta’ dispożizzjonijiet speċifiċi. B’mod partikolari, il-valutazzjonijiet kliniċi u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti previsti mill-proposta għandhom iżidu l-prevedibbiltà tan-negozju għall-industrija. Dan huwa partikolarment sinifikanti għall-SMEs u l-intrapriżi soċjali, li ġeneralment ikollhom portafoll tal-prodotti iżgħar u riżorsi u kapaċitajiet speċjalizzati dedikati għall-HTA aktar limitati. Għandu jiġi nnotat li l-proposta ma tipprevedix imposti għall-valutazzjonijiet kliniċi u l-konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti, fattur li għandu wkoll importanza kbira mill-perspettiva tal-impjiegi, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-qgħad. It-titjib fil-prevedibbiltà tan-negozju, minħabba l-ħidma konġunta fuq l-HTA fl-Unjoni kollha, huwa mistenni li jkollu impatt pożittiv fuq il-kompetittività tal-Unjoni fis-settur tat-teknoloġiji tas-saħħa. L-infrastruttura tal-IT prevista mill-proposta tiddependi fuq għodod standard tal-IT (pereżempju għall-bażijiet tad-data, l-iskambju ta’ dokumenti u l-pubblikazzjoni bbażata fuq l-Internet), filwaqt li tibni fuq għodod li diġà ġew żviluppati mill-azzjonijiet konġunti tal-EU-HTA.

7.2. Inceniv finanzjarju importanti ħafna għall-SMEs jista’ jkun il-fatt li jitħeġġu jieħdu sehem, wara l-2020, fi programmi Ewropej ta’ finanzjament tal-iżvilupp skont oqfsa ta’ referenza strateġiċi nazzjonali (CRSN). Il-programmi attwali tas-CRSN għall-perjodu 2014-2020 jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar skemi ta’ riċerka u ta’ żvilupp intiżi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-qgħad.

7.2.1. Il-KESE jqis li dawn il-programmi ma għandhomx biss jinżammu, iżda għandhom jiġu estiżi fil-qafas l-aktar wiesa’ tal-prinċipji tal-proposta għal regolament u dan isir għodda ta’ stimolu għar-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll għall-ispirtu ta’ innovazzjoni. Il-proposta ma ssemmi xejn fir-rigward tal-pajjiżi terzi iżda l-KESE huwa tal-opinjoni li fil-qafas tagħha, ma għandhiex tiġi eskluża kooperazzjoni ma’ dawk li jeżisti ftehim bilaterali magħhom. Fl-aħħar analiżi, kollox jiddependi mill-utent finali u mill-għażliet li huwa jagħmel.

Brussell, it-23 ta’ Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

⁽¹⁹⁾ [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/614772/EPRS_BRI\(2018\)614772_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2018/614772/EPRS_BRI(2018)614772_EN.pdf).

⁽²⁰⁾ <https://www.aim-mutual.org/wp-content/uploads/2018/02/AIM-on-HTA.pdf>.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud”

(COM(2018) 20 final — 2018/0005 (CNS)),

dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar”

(COM(2018) 21 final — 2018/0006 (CNS)),

dwar “Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud”

(COM(2017) 706 final — 2017/0248 (CNS))

u dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-obbligu li tiġi rispettata rata standard minima”

(COM(2017) 783 final — 2017/0349 (CNS))

(2018/C 283/05)

Relatur: **Petru Sorin DANDEA**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 15.12.2017, 9.1.2018, 5.2.2018
Bażi legali	Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	26.3.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	198/5/10

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni u jirakkomanda lill-Istati Membri jadottawha u jimplementawha malajr, minħabba li l-frammentazzjoni eċċessiva tas-sistema tal-VAT fil-livell tas-suq intern toħloq ostakli mhux ġustifikati għall-iżvilupp tal-impriżi ż-żgħar.

1.2. Il-KESE jaqbel mal-objettiv tal-Kummissjoni li l-konsumatur aħħari jkun il-benefiċjarju tal-pakkett ta’ miżuri li qed jiġi eżaminat. Madankollu jikkunsidra li r-rati mnaqqa u l-eżenzjonijiet applikati skont l-Artikolu 98(1) u (2) tal-proposta għal Direttiva 2018/0005 (CNS), għandhom jiġu applikati bi prijorità sabiex jintlaħaq għan ta’ interess ġenerali b’mod koerenti. F’ċerti każijiet, miri ta’ dan it-tip jiġu segwiti minn korpi intermedjarji, bħas-servizzi tal-assistenza soċjali jew tal-edukazzjoni, li mhumiex konsumaturi aħħarin. B’mod simili, il-KESE jemmen li s-sistema għandha, billi jiżdedu l-livelli limiti, tkun miftuħa mhux biss għall-mikrointrapriżi iżda wkoll għall-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju.

1.3. Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li titfassal “lista negattiva” ta’ prodotti u servizzi li għalihom ma japplikax it-tnaqqis previst fl-abbozz ta’ direttiva iżda jinnotta li din il-lista ma tistax tillimita indebitament l-libertà tal-Istati Membri li jstabbilixxu rati mnaqqa għal ċerti prodotti ta’ interess ġenerali. L-Istati Membri għandhom ukoll ikunu permessi jkomplu japplikaw rati mnaqqa għal prodotti soġġetti għal rati mnaqqa skont id-derogi eżistenti msemmija fid-Direttiva 2006/112/KE attwali.

1.4. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskema ta' rati mnaqqsa ma għandhiex tapplika għall-oġġetti u s-servizzi li huma inputs intermedji. Il-KESE jqis li dan l-approċċ joħloq problemi ta' interpretazzjoni, bħal fir-rigward tal-ġestjoni ta' servizzi kumplessi, b'mod partikolari dawk provduti minn netwerks u clusters tan-negozju, u konsorzji. Minħabba dan, jista' jwassal għal qari ambigwi, meta servizz ipprovdut minn kumpanija fi grupp jitħallas lill-kumpanija ewlenija, li terġa' tiffatturah lill-istess kumpanija li tkun ipprovdietu. Jekk, f'każ bħal dan, ma tiġix applikata r-rata preferenzjali, tirriżulta żieda fl-ispejjeż li, fl-aħħar mill-aħħar, se taffettwa lill-utent aħħari, għalkemm b'mod indirett.

1.5. Il-KESE jemmen li l-għanijiet ambizzjużi definiti mill-Kummissjoni f'dan il-pakkett ta' miżuri regolatorji jistgħu jintlaħqu biss jekk l-Istati Membri jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jadottaw is-sistema definittiva tal-VAT fi żmien raġonevoli.

1.6. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni meta tipproponi li tippermetti lill-Istati Membri jużaw żewġ rati mnaqqsa ta' mill-inqas 5 %, u oħra ta' inqas minn 5 %, u jikkunsidra li għandhom jiġu applikati għal ċerti klassijiet ta' prodotti u servizzi, kif jagħmlu ċerti Stati Membri. Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri sabiex iżommu t-tnaqqis li japplikaw bħalissa għal ċerti klassijiet ta' prodotti jew servizzi ta' interess ġenerali. Barra minn hekk, huwa jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jipproponu lista ta' oġġetti u servizzi li jistgħu jiġu applikati għalihom rati mnaqqsa sabiex l-SMEs jiġu meġhuna jaċċessaw is-suq intern. Għandha tiġi kkunsidrata analiżi fil-fond dwar il-possibbiltà li jiġu implimentati rati tal-VAT ogħla fuq oġġetti ta' lussu.

1.7. Il-Kumitat jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar aspetti ewlenin tas-sistema tal-VAT kif applikata għal organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet li jipprovdu għajnuna lil persuni żvantaġġati. Ħafna drabi, dawn ma jkunux jistgħu jirkupraw ammonti kbar minħabba l-VAT, ħaġa li tnaqqas b'mod konsiderevoli l-kapaċità tagħhom li jipprovdu għajnuna lill-persuni minn gruppi żvantaġġati. Huwa għalhekk li l-Kumitat jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jeżentaw dawn l-organizzazzjonijiet mir-reġim tal-VAT. Il-KESE jemmen ukoll li l-avukati Pro Bono jew Pro Deo m'għandhomx ikunu soġġetti għar-reġim tal-VAT, sakemm l-attivitatiet ta' dan it-tip ma jkunux jiġġeneraw dħul (jew ikunu jiġġeneraw ftit biss) għal dawn l-avukati.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri sabiex jiddedikaw ir-riżorsi umani, finanzjarji u loġistiċi li huma meħtieġa għall-awtoritajiet inkarigati mill-ġlieda kontra l-ksur relatat mal-VAT, sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tar-regolament ikunu implimentati kif xieraq, kif ipproponiet il-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-KESE huwa tal-fehma li jkun utli li l-Istati Membri jeżaminaw il-possibbiltà li jużaw aħjar it-teknoloġiji diġitali sabiex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT u kif ukoll biex titħeġġeġ l-adeżjoni spontanja għal trasparenza akbar tal-leġislażzjoni Ewropea tal-VAT.

2. Il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea

2.1. F'April tal-2016, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat pjan⁽¹⁾ ta' azzjoni dwar l-immodernizzar tas-sistema Ewropea tal-VAT. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi tliet proposti għal Direttiva⁽²⁾ u proposta għal Regolament⁽³⁾ li jfittxu l-implimentazzjoni tal-pjan.

2.2. It-tliet proposti għal Direttiva jissuġġerixxu li tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud. Il-bidliet proposti jirrigwardaw l-iskema partikolari tal-imprezzi ż-żgħar, ir-rati minimi ta' VAT u r-rispett tar-rata standard minima.

2.3. Ir-regoli tal-UE dwar il-VAT ilhom iktar minn għoxrin sena u huma bbażati fuq il-prinċipju tal-orijini. Il-Kummissjoni tixtieq timmodernizzahom, sabiex tintroduċi sistema definittiva tal-VAT għall-kummerċ transfruntier tal-oġġetti bejn il-kumpaniji, li għandha tkun ibbażata fuq it-tassazzjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

2.4. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tistabbilixxi trattament indaq fost l-Istati Membri, billi tipprovdri għall-possibbiltà ta' rata mnaqqsa waħda għall-VAT, mingħajr limitu minimu obbligatorju u tnejn oħra ta' mill-inqas 5 %. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tipproponi li iżomm ir-rata standard fl-ivell minimu ta' 15 %.

2.5. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskema ta' rati mnaqqsa ma għandhiex tapplika għall-oġġetti u s-servizzi li huma inputs intermedji fil-kummerċ fl-Unjoni. Bl-istess mod, tissuġġerixxi li d-dispożizzjonijiet inklużi fil-pakkett ta' miżuri li qed jiġi eżaminat ikunu ta' benefiċċju għall-konsumatur aħħari.

⁽¹⁾ COM(2016) 148 final — Pjan ta' azzjoni dwar il-VAT — Lejn żona unika tal-VAT fl-UE — Iż-żmien biex niddeċiedu

⁽²⁾ COM(2017) 783 final — Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tal-obbligu li tiġi rispettata rata standard minima

⁽³⁾ COM(2017) 706 final — Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-koperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

2.6. Il-proposta għal Regolament titlob li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 904/2010, li fiha miżuri li jsaħħu l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Fost il-bidliet ewlenin rakkomandati hemm l-iskambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel, l-awditi konġunti, id-dettalji tal-proċeduri ta' rimborż tal-VAT lill-kontribwenti mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rimborż, jissaħħa Eurofisc b'kapaċità ta' analiżi tar-riskju konġunta u l-possibbiltà li jiġu koordinati l-inkjesti u ssir il-kooperazzjoni mal-OLAF (l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi) u l-Europol għall-iżvelar ta' każijiet serji ta' frodi tal-VAT u l-UPPE (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew), l-aġġornament tal-kundizzjonijiet li jirregolaw l-iskambju ta' informazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni dwar il-proċeduri doganali 42 u 63 u dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi bejn l-awtoritajiet tat-taxxa⁽⁴⁾.

3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Fid-dawl tal-frammentazzjoni eċċessiva tas-sistema tal-VAT fil-livell tal-Istati Membri u tan-nuqqas ta' effiċjenza tagħha f'dak li jirrigwarda l-possibilitajiet ta' frodi, iżda wkoll tal-ostakli li joħloq għall-impriżi ż-żgħar fl-attivitatijiet tagħhom ta' kummerċ u ta' investiment, il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni u jirakkomanda lill-Istati Membri jadottawha u jimplementawha malajr.

3.2. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskema ta' rati mnaqqa ma għandhiex tapplika għall-oġġetti u s-servizzi li huma inputs intermedji. Madankollu, dan l-approċċ joħloq problemi ta' interpretazzjoni, bħal fir-rigward tal-ġestjoni ta' servizzi kumplessi, b'mod partikolari dawk provduti minn networks u clusters tan-negozju, u konsorzji. Minħabba dan, jista' jwassal għal qari ambigwi, meta servizz ipprovdut minn kumpanija fi grupp jitħallas lill-kumpanija ewlenija, li terġa' tiffatturah lill-istess kumpanija li tkun ipprovdietu. Jekk, f'każ bħal dan, ma tiġix applikata r-rata preferenzjali, tirriżulta żieda fl-ispejjeż li, fl-aħħar mill-aħħar, se taffettwa lill-utent aħħari, għalkemm b'mod indirett.

3.3. Il-Kummissjoni tipproponi li fil-futur, il-mekkaniżmu tal-VAT ikun ibbażat fuq il-prinċipju tal-pajjiż tad-destinazzjoni. Il-KESE jemmen li dan l-approċċ għandu jkun pass importanti fid-direzzjoni lejn sistema Ewropea definittiva tal-VAT u jħeġġeġ kemm lilha kif ukoll lill-Istati Membri sabiex iħaffu l-proċess u tiġi pprovduta ċ-ċarezza fid-definizzjoni ta' diversi prodotti u servizzi.

3.4. Il-Kummissjoni qed tipproponi li żżomm ir-rata standard minima tal-VAT fil-livell ta' 15 %. Il-KESE jixtieq jirrimarka li fil-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, il-VAT tirrappreżenta waħda mis-sorsi ewlenin ta' dħul tal-baġit tal-Istat, u għaldaqstant jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni.

3.5. Fil-parti l-kbira tagħhom, l-Istati Membri japplikaw rati mnaqqa tal-VAT għall-oġġetti tal-ikel, il-mediċini jew il-kotba, kif ukoll għas-servizzi essenzjali bħall-kura jew l-assistenza soċjali. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni meta tipproponi li tippermetti lill-Istati Membri jużaw żewġ rati mnaqqa ta' mill-inqas 5 %, u oħra ta' inqas minn 5 %, u jikkunsidra li għandhom jiġu applikati għal ċerti klassijiet ta' prodotti u servizzi, kif jagħmlu ċerti Stati Membri. L-użu ta' dawn ir-rati mnaqqa ikabbar il-ħtieġa li tingħata l-informazzjoni lill-SMEs li huma wkoll attivi lil hinn mis-suq domestiku tagħhom. Għandha tiġi kkunsidrata analiżi fil-fond dwar il-possibbiltà li jiġu implimentati rati tal-VAT ogħla fuq oġġetti ta' lussu.

3.6. Il-Kummissjoni targumenta li skont l-iskema l-ġdida, ibbażata fuq il-prinċipju tal-pajjiż tad-destinazzjoni, jistgħu jitfaċċaw ċerti distorsjonijiet fil-kompetizzjoni għal ċerti servizzi jew prodotti. Biex tirrimedja għal dan, hija tipproponi li tistabbilixxi "lista negattiva" tal-prodotti u s-servizzi li għalihom tapplika r-rata standard tal-VAT, fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni statistika. Filwaqt li l-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni u jenfasisza l-obbligu tal-Istati Membri biex isegwu din il-lista, il-KESE jirrimarka li huwa importanti li meta tiġi deċiża l-lista, din m'għandhiex indebitament tirrestrinġi l-libertà tal-Istati Membri biex jistabbilixxu rati mnaqqsin għal ċerti prodotti ta' interess ġenerali. L-Istati Membri għandhom ukoll ikunu permessi jkomplu japplikaw rati mnaqqa għal prodotti soġġetti għal rati mnaqqa skont id-derogi eżistenti msemmija fid-Direttiva 2006/112/KE attwali. Il-"lista negattiva" proposta mill-Kummissjoni Ewropea (l-Anness IIIa) għandha għalhekk tieħu f'kunsiderazzjoni r-regoli li ilhom sew stabbiliti fl-Istati Membri. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun ċar li din ir-rata mnaqqa tal-VAT tista' tinżamm fuq il-provvediment ta' servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema, b'mod partikolari mill-SMEs.

3.7. Billi s-sistema l-ġdida tal-VAT li qed tipproponi l-Kummissjoni u li tapplika għall-impriżi ż-żgħar għandha l-effett li tgħinjom, billi tippermettilhom jisfruttaw l-opportunitajiet miftuħa mis-suq uniku, il-KESE jemmen li l-limiti massimi proposti fl-Artikoli 284(1) u 284(2)(a) għandhom ikunu korrelati iktar mal-volum ta' fatturat definit mill-Artikolu 280(a) (1). Fi kliem ieħor, għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi l-fatturat annwali li taħtu l-mikrointrapriżi jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet previsti fid-Direttiva proposta għal EUR 85 000. Il-limitu massimu għall-volum ta' bejgħ

⁽⁴⁾ Għal aktar informazzjoni, ara: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52014DC0069> u http://europa.eu/rapid/press-release_ECA-11-47_mt.htm

transfruntier huwa EUR 100 000, li jfisser li s-sistema proposta tapplika prinċipalment għall-mikrointrapriżi. Il-KESE jemmen li l-limiti massimi għandhom ikunu ffixsati b'mod li anki l-SMEs ikunu koperti minn din l-iskema l-ġdida. Bl-istess mod, ikun xieraq li l-miżuri maħsuba għall-SMEs ikunu validi wkoll għall-imprezzi tal-ekonomija soċjali, b'mod partikolari meta dawn jipprovdu servizzi ta' assistenza soċjali u edukattiva. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-miżuri addizzjonali huma meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll mit-tnaqqis tal-piż amministrattiv li, fir-reġim propost mill-Kummissjoni ma jiġix applikat għall-mikrointrapriżi.

3.8. Il-KESE jemmen li sabiex jiġi promoss l-aċċess tal-SMEs għas-suq intern tal-UE, l-Istati Membri għandhom ifasslu lista ta' prodotti u servizzi li għalihom japplikaw rati mnaqqa ta-VAT. Il-lista għandha tkun disponibbli għas-settur tan-neozju fil-livell ċentrali tal-UE.

3.9. Il-KESE jilqa' s-semplifikazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-obbligi ta' reġistrazzjoni u rappurtar li jappartjenu lin-neozji żgħar u jqis li dawn il-miżuri se jgħinuhom jiżviluppaw iktar malajr u se jiffaċilitawhom l-aċċess għas-suq uniku.

3.10. Għaldaqstant, filwaqt li jaqbel mal-għan tal-Kummissjoni li jkun żgurat li l-miżuri inklużi f'dan il-pakkett ikunu ta' benefiċċju għall-konsumatur aħħari, il-KESE jikkunsidra li r-rati mnaqqa u l-eżenzjonijiet applikati skont l-Artikolu 98(1) u (2) tal-proposta għal Direttiva 2018/0005 (CNS), għandhom jiġu applikati bi prijorità sabiex jintlaħaq għan ta' interess ġenerali b'mod konsistenti. F'ċerti każijiet, miri ta' dan it-tip jiġu segwiti minn korpi intermedjarji, bħas-servizzi tal-assistenza soċjali jew tal-edukazzjoni, li mhumiex konsumaturi aħħarin. Barra minn hekk, u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' kulħadd għal difiża legali, huwa importanti li tiġi prevista rata mnaqqa ta' VAT għas-servizzi pprovduti mill-avukati lill-persuni żvantaġġati.

3.11. Il-KESE jagħraf li r-regoli inklużi fit-tieni pakkett ma jirrappreżentawx approċċ komprensiv għall-qasam tal-VAT. Madankollu, il-Kumitat jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar aspetti ewlenin tas-sistema tal-VAT kif applikata għal organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet li jipprovdu għajnunja lil persuni żvantaġġati. Ħafna drabi, dawn ma jkunux jistgħu jirkupraw ammonti kbar minħabba l-VAT, ħaġa li tnaqqas b'mod konsiderevoli l-kapaċità tagħhom li jipprovdu għajnunja lill-persuni minn gruppi żvantaġġati.

3.12. Il-Kummissjoni qed tipproponi s-sena 2022 bħala skadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva. Il-KESE jirrakkomanda lilha u lill-Istati Membri sabiex jaħsbu għal skadenza iqsar għall-implimentazzjoni, minħabba li l-attivitajiet tal-imprezzi se jkun ffaċilitati u dawn se jgawdu minn prospettivi usa' fil-livell tas-suq uniku bis-sistema l-ġdida. Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni tnedi, f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, kampanja ta' informazzjoni fil-midja ewlenija għall-promozzjoni tas-sistema l-ġdida tal-VAT u r-rekwiżiti tagħha.

3.13. Peress li t-telf totali rreġistrat mill-Istati Membri mill-ġbir tal-VAT għas-sena 2015 kien jammonta għal EUR 152 biljun, il-KESE jaqbel mal-miżuri rakkomandati mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva. Bl-involviment tal-OLAF u l-UPPE fl-investigazzjoni ta' frodi tal-VAT transkonfinali, flimkien ma' Eurofisc, se jiffaċilita l-identifikazzjoni tal-frodi fil-livell tal-Istati Membri.

3.14. Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri sabiex jiddedikaw ir-riżorsi umani, finanzjarji u loġistiċi li huma meħtieġa għall-awtoritajiet inkarigati mill-ġlieda kontra l-ksur relatat mal-VAT, sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tar-regolament ikunu implimentati kif xieraq, kif ipproponiet il-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-KESE huwa tal-fehma li jkun utli li l-Istati Membri jeżaminaw il-possibilità li jużaw aħjar it-teknoloġiji diġitali fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u t-titjib tal-konformità volontarja.

3.15. Il-KESE jfakkar li kien ippropona l-ħolqien ta' forum⁽⁵⁾ għall-għanijiet ta' skambju tal-aħjar prattiki fil-ġbir tad-dħul u l-identifikazzjoni ta' possibilitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi tal-Istati Membri biex jikkumbattu l-frodi tal-VAT fil-qasam tal-operazzjonijiet transfruntiera, kif ukoll għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf dan il-forum.

3.16. Il-KESE jinnota li l-għanijiet ambizzjużi definiti mill-Kummissjoni f'dan il-pakkett ta' miżuri regolatorji jistgħu jintlaħqu biss jekk l-Istati Membri jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jadottaw is-sistema definittiva tal-VAT fi żmien raġonevoli.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

⁽⁵⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE ECO/442 dwar *Pakkett dwar ir-riforma tal-VAT (I)* (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea”

(COM(2017) 797 final — 2017/0355 (COD))

(2018/C 283/06)

Relatur: **Christian BÄUMLER**

Korelatur: **Vladimíra DRBALOVÁ**

Konsultazzjoni	Konsultazzjoni mitluba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: 10.1.2018
	Konsultazzjoni mitluba mill-Parlament Ewropew: 18.1.2018
Bażi legali	L-Artikolu 153(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	25.4.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	164/22/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni li tagħmel il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema kollha, partikolarment dawk li jinsabu f'impjiegi atipiċi, aktar trasparenti u prevedibbli bħala pass konkret lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

1.2. Il-KESE jiddispuja li ma kienx possibbli li d-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub (Direttiva 91/533/KEE) tiġi riveduta u aġġornata fi ħdan il-qafas għad-djalogu soċjali. Huwa jenfasizza li l-imsieħba soċjali għandhom rwol speċifiku li jirregolaw il-kundizzjonijiet ta' xogħol trasparenti u prevedibbli permezz ta' djalogu soċjali u negozjar kollettiv, b'rispett tad-diversità fost l-Istati Membri u l-prattiki nazzjonali.

1.3. Il-KESE jirrimarka wkoll li r-rapport tar-REFIT jinnota li d-Direttiva 91/533/KEE attwali għad għandha valur miżjud ċar, tilħaq l-għan tagħha, tibqa' parti importanti tal-acquis u tibqa' rilevanti għall-partijiet interessati kollha. Madankollu, instabu xi nuqqasijiet b'rabta mal-effettività, il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva u l-implimentazzjoni tagħha.

1.4. Xi wħud mill-Istati Membri indirizzaw l-isfidi tal-impjeg atipiku u stabbilixxew miżuri ta' salvagwardja permezz ta' ftehimiet kollettivi, djalogu soċjali jew leġiżlazzjoni bil-għan li jkun żgurati kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u tranżizzjonijiet b'perkorsi ta' karrieri diversi fis-swieq tax-xogħol, u l-KESE jilqa' dan b'mod espliċitu. Il-Kummissjoni għandha tikkjarifika li tali tipi ta' protezzjoni għandhom jinżammu, b'rispett sħiħ tal-awtonomija tal-imsieħba soċjali.

1.5. Il-KESE jifhem li l-oġġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli għandhom iwasslu għal protezzjoni aħjar għall-ħaddiema, partikolarment dawk f'impjiegi atipiċi. Il-KESE jinnota li proposta bbilanċjata, legalment soda, mhux ambigwa u mmotivata biżżejjed biss tista' tiggarrantixxi l-konverġenza neċessarja u tiżgura l-applikazzjoni koerenti fis-suq tax-xogħol Ewropew tal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva proposta.

1.6. Il-KESE jirrikonoxxi s-sitwazzjoni partikolari ta' persuni fiżiċi li jaġixxu bħala impjegaturi u ta' intrapriżi mikro u żgħar, li jista' ma jkollhomx l-istess riżorsi disponibbli għalihom bħall-intrapriżi ta' daqs medju jew akbar meta jwettqu l-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva proposta. Għalhekk, il-KESE jirakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jipprovdur appoġġ u għajjnuna xierqa lil dawn l-entitajiet, biex jgħinuhom jilhqqu dawn l-obbligi. L-użu ta' ittri mudell u mudelli (templates), kif diġà previst mill-proposta, huwa eżempju tajjeb u miżuri Prattiċi oħra għandhom jiġu esplorati.

1.7. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-drittijiet mogħtija permezz tal-liġi tal-Unjoni, il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub għandu jiġi aġġornat sabiex jiġu indirizzati l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġu rrispettati l-prattiki nazzjonali. Skont il-Kummissjoni, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet kriterji sabiex tiddetermina l-istatus ta' ħaddiem li huma xierqa sabiex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni personali ta' din id-direttiva. Id-definizzjoni ta' "ħaddiem" hija bbażata fuq dawn il-kriterji. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li toħroġ linji gwida biex tgħin lill-impjegaturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom u biex titqajjem kuxjenza fost il-ħaddiema, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' litigazzjoni.

1.8. Il-KESE jenfasizza li l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jiddeterminaw, taħt id-djalogu soċjali, min jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "ħaddiem" iżda li din trid tkun interpretata fid-dawl tal-għan tad-direttiva, li huwa li jiġi promoss impjeg aktar sikur u prevedibbli filwaqt li tiġi assigurata l-addattabilità tas-suq tax-xogħol u t-titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol. Il-KESE jenfasizza li l-ħaddiema domestiċi, il-baħħara u s-sajjeda għalhekk għandhom jaqgħu taħt dan l-ambitu. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara huma diġà regolati fi grad għoli mill-Ftehim tal-Imsieħba Soċjali Ewropew dwar il-Konvenzjoni Marittima tax-Xogħol tal-ILO 2006, annessa mad-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE.

1.9. Il-KESE jinnota li l-kriterju li persuna tkun "taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra" fid-definizzjoni ta' ħaddiem jista' jxekkel l-inklużjoni tal-ħaddiema fuq pjattaforma. Għaldaqstant jirrakkomanda kjarifika ulterjuri sabiex daww il-ħaddiema jibbenefikaw ukoll mill-protezzjoni tad-Direttiva. Madankollu, il-KESE jemmen li l-persuni li qed jużaw pjattaformi li huma ġenwinament awtonomi u indipendenti għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

1.10. Il-KESE jirrakkomanda li l-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva fir-rigward tad-definizzjoni ta' min iħaddem għandu jiġi ċċarat, billi dan bħalissa huwa impreċiż.

1.11. Il-KESE jappoġġja l-verżjoni riformolata tal-obbligu ta' għoti ta' informazzjoni lill-ħaddiema fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol meta tinbeda jew tiġi mmodifikata relazzjoni ta' impjeg, u l-kjarifika li dan għandu jsir, l-aktar tard, meta tinbeda tali relazzjoni jew meta l-bidla tidħol fis-seħħ. Il-KESE jirrikonoxxi li jista' jkun hemm raġunijiet operazzjonali ġustifikati biex tkun permessa flessibilità limitata fil-każ ta' impriżi mikro u żgħar, filwaqt li jiġi żgurat li l-ħaddiema jiġu infurmati dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom kemm jista' jkun qrib il-bidu tar-relazzjoni ta' impjeg.

1.12. Il-KESE jinnota li l-proposta tippermetti lill-imsieħba soċjali biex jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-KESE japprova dan sakemm l-għanijiet tad-Direttiva jintlaħqu, u li, b'mod ġenerali, il-protezzjoni tal-ħaddiema hija aċċettabbli u ma tiddgħajjfx.

1.13. Il-KESE jemmen li x-xogħol fuq talba ma jistax jinżamm bħala forma ta' impjeg mingħajr perjodu ta' referenza adegwat u avviż xieraq bil-quddiem. Il-KESE jirrakkomanda li l-kuntratti ta' impjeg li jipprevedu x-xogħol fuq talba għandhom jigarantixxu ċertu numru ta' sigħat jew pagament korrispondenti.

1.14. Il-KESE jappoġġja d-dispożizzjonijiet dwar ir-rekwiżiti minimi relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, partikolarment fir-rigward tat-tul tal-perjodu ta' prova, restrizzjonijiet fuq il-projbizzjoni ta' impjeg b'mod parallel, minimu ta' prevedibilità tax-xogħol, it-transizzjoni għal forma oħra ta' impjeg fejn disponibbli, u l-għoti ta' taħriġ mingħajr ħlas meta dan huwa meħtieġ biex il-ħaddiem iwettaq ix-xogħol. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda kjarifika ta' ċerti aspetti, u jirrakkomanda li r-responsabilità titħalla f'idejn il-livell nazzjonali skont il-prassi legali nazzjonali u tad-djalogu soċjali.

1.15. Il-KESE jemmen li għall-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva, huwa d-dritt tal-ħaddiema li jiġu protetti minn tkeċċija, jew miżuri oħrajn b'effett ekwivalenti, minħabba li jkunu invokaw id-drittijiet tagħhom taħt id-Direttiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa raġonevoli li min iħaddem jista' jkun meħtieġ, fuq talba ta' ħaddiem, li jagħti raġunijiet ċari wara l-motivi tat-tkeċċija bil-miktub.

1.16. Il-proposta tipprevedi strumenti li bihom jiġi ssanzjonat ksur tal-obbligi ta' informazzjoni tad-Direttiva. Il-KESE ġibed l-attenzjoni għal din il-lakuna f'opinjoni preċedenti u talab sabiex tiġi rettifkata. Il-KESE huwa tal-opinjoni li s-sanzjonijiet, meta dawn ikunu ġġustifikati, għandhom jikkorrispondu għal-livell ta' dannu mġarrab mill-ħaddiem. Il-KESE jilqa' d-dispożizzjoni fl-Artikolu 14(1) li tagħti lil min iħaddem 15-il jum sabiex jipprovi l-informazzjoni nieqsa.

1.17. Il-proposta tistipula standards minimi għal konverġenza u huwa importanti li l-ħaddiema li attwalment igawdu minn drittijiet materjali aħjar m'għandhomx jibzgu li jkun hemm deterjorament tad-drittijiet eżistenti tagħhom meta d-Direttiva tiġi implimentata. Il-KESE għalhekk jappoġġja l-klawsola espliċita ta' non-rigressjoni inkluża f'din il-proposta. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li, barra milli jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda deterjorazzjoni tal-livell ġenerali ta' protezzjoni, id-Direttiva għandha wkoll tagħmilha aktar espliċita li ma għandu jkun hemm l-ebda deterjorazzjoni tal-kundizzjonijiet l-oqsma individwali koperti mid-Direttiva.

2. Kuntest tal-proposta

2.1. Id-Direttiva proposta dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (2017/0355 (COD)) hija maħsuba sabiex tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjeg (‘Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub’). Din għandha tikkomplementa wkoll direttivi tal-UE eżistenti oħrajn.

2.2. Il-proposta għandha l-bażi legali tagħha fl-Artikolu 153(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hija msejsa fuq evalwazzjoni REFIT tal-liġi tal-UE eżistenti. Ir-rapport dwar REFIT jinnota li d-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub iġġib valur miżjud ċar, tilħaq l-iskop tagħha u tibqa' parti importanti mill-*acquis* u tkompli tkun rilevanti għall-partijiet interessati kollha. Madankollu, instabu xi nuqqasijiet b'rabta mal-effettività, il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-direttiva u l-implimentazzjoni tagħha.

2.3. L-ispiża għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni bil-miktub ġdida jew riveduta mistennija tkun EUR 18-153 għall-SMEs u EUR 10-45 għal kumpaniji ikbar. Il-kumpaniji jkollhom ukoll spejjeż ta' darba relatati mal-familjarizzazzjoni mad-Direttiva l-ġdida: medja ta' EUR 53 għal SME u EUR 39 għal kumpanija ikbar. L-ispejjeż għat-tweġiba tat-talbiet għal forma ġdida ta' impjeg mistennija jkunu bħall-ispejjeż marbuta mal-ħruġ ta' dikjarazzjoni bil-miktub ġdida.

2.4. Min iħaddem jantiċipa xi spejjeż indiretti modesti (pariri legali, sistemi ta' skedar riveduti, ħin ta' ġestjoni tar-Riżorsi Umani, informazzjoni għall-persunal). Il-flessibilità se tintilef biss fil-marġni (jiġifieri għall-proporzjon żgħir ta' impjegaturi li jagħmlu użu estensiv mill-iktar forum flessibbli ta' impjeg).

2.5. Fis-26 ta' April 2017 u l-21 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni nediet iż-żewġ fażijiet tal-konsultazzjoni tas-sħab soċjali Ewropej dwar id-direzzjoni possibbli u dwar il-kontenut tal-azzjoni tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 154 tat-TFUE. Il-fehmiet tal-imsieħba soċjali dwar il-bżonn ta' miżuri legiſlattivi biex tiġi riveduta d-Direttiva 91/533/KEE kienu mħallta. Il-KESE jinnota, bħalma għamel f'Opinjoni preċedenti, li kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli għandhom jiġu nnegożjati fuq kollox mill-imsieħba soċjali fil-qafas tad-djalogu soċjali⁽¹⁾ u jiddispiacih li ma ntlaħaq l-ebda qbil fost l-imsieħba soċjali biex jidħlu f'negożjati diretti għall-konklużjoni ta' ftehim fil-livell tal-Unjoni.

2.6. Il-Kummissjoni tinnota li d-dinja tax-xogħol evolviet b'mod sinifikanti mill-adozzjoni tad-Direttiva 91/533/KEE (minn hawn 'il quddiem id-‘Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub’) dwar l-obbligu ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjeg. L-aħħar 25 sena wasslu għal flessibilizzazzjoni dejjem tikber tas-suq tax-xogħol. Fl-2016 kwart tal-kuntratti tax-xogħol kollha kienu għal forum ta' impjeg ‘mhux standard’ u f'dawn l-aħħar għaxar snin iktar minn nofs l-impjegji l-ġodda kollha kienu ‘mhux standard’. Id-diġitalizzazzjoni wkoll iffaċilitat il-ħolqien ta' forum ġodda ta' impjeg.

2.7. Il-Kummissjoni tinnota fil-proposta li l-flessibilità li tirriżulta minn forum ġodda ta' impjeg kienet motivatur ewlieni tal-ħolqien tal-impjegji u t-tkabbir tas-suq tax-xogħol. Mill-2014, inħolqu aktar minn ħames miljun impjeg, li kważi 20 % minnhom kienu forum ġodda ta' impjeg.

2.8. Minkejja dan, il-Kummissjoni rrikonoxxiet ukoll li dawn ix-xejriet rawmu l-instabilità u nuqqas ta' prevedibilità li qed tiżdied f'ċerti relazzjonijiet ta' xogħol. Dan huwa partikolarment minnu għall-ħaddiema fl-aktar sitwazzjonijiet instabbli. Bejn 4 u 6 miljun ħaddiem għandhom kuntratti fuq talba u intermittenti, ħafna minnhom f'it għandhom indikazzjoni ta' meta u kemm se jdumu jaħdmu. Sa miljun ħaddiem huma soġġetti għal klawsoli ta' esklussività, li ma jħalluhomx jaħdmu għal persuna oħra. Min-naħa l-oħra, mis-Sitt Stħarriġ dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa (2015) irriżulta li 80 % tal-ħaddiema mill-UE 28 kienu sodisfatti bil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 434, 15.12.2017, p. 30

2.9. Xi wħud mill-Istati Membri indirizzaw l-isfidi tal-impjeg atipiku u stabbilixxew miżuri ta' salvagwardja permezz ta' ftehimiet kollettiva, djalogu soċjali jew leġiżlazzjoni bil-għan li jkunu żgurati kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u tranżizzjonijiet b'perkorsi ta' karrieri diversi fis-swieq tax-xogħol, u l-KESE jilqa' dan b'mod espliċitu. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi fil-premessi li għandu jkun hemm konformità ma' ċerti forom ta' protezzjoni, pereżempju dawk fil-Belġju u l-Iżvezja. Fil-Belġju, pereżempju, is-sistema ta' xogħlijiet supplimentari f'diversi setturi hija bbażata fuq il-prinċipju li l-ħaddiema diġà għandhom xogħol prinċipali ieħor.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE inkoraġġixxa wkoll lill-Istati Membri u lill-UE, fl-Opinjonijiet tiegħu dwar il-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali ⁽²⁾, sabiex jistabbilixxu u jżommu fis-seħħ qafas regolatorju li jrawwem l-adattabbiltà, li jkun sempliċi, trasparenti u prevedibbli, li jsahha u jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema u l-istat tad-dritt u li permezz tiegħu l-UE tista' tippromovi qafas legali stabbli għan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali fl-implimentazzjoni tal-flessigurtà. Fl-ewwel Opinjoni tiegħu dwar il-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali ⁽³⁾, il-KESE enfasizza li l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol għandhom isostnu karrieri ġodda u aktar varjati. Jinħtieġu fil-ħajja tax-xogħol forom differenti ta' ħolqien ta' impjeg u forom differenti ta' ħidma. Dan jirrikjedi li jiġi provdut ambjent leġiżlattiv adatt għall-protezzjoni tal-impjegji sabiex ikun provdut qafas għal kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u sabiex jiġi stimolat ir-reklutaġġ taħt kwalunkwe kuntratt ta' impjeg.

3.2. Il-KESE jinnota li l-impjeg atipiku jista' jkollu impatti sinifikanti kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjetà. L-impjeg mhux sikur jista', pereżempju, ixekkel pjani biex wieħed jibda familja, jixtri dar jew proġetti personali oħrajn. Għandu jiġi mfakkar li ż-żgħażaġh, in-nisa u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni huma partikolarment milquta minn dawn il-forom ta' impjeg. Il-paga aktar baxxa li ħafna drabi hija assoċjata mal-impjeg atipiku tista', f'ċerti każijiet, tirrikjedi benefiċċji soċjali supplimentari u, barra minn hekk, ikollha impatt negattiv fuq l-intitolament tal-pensjoni, kif ukoll fuq l-ammont.

3.3. Il-KESE jappoġġja l-mira tal-Kummissjoni li tiżgura li swieq tax-xogħol dinamiċi u innovattivi li fuqhom hija bbażata l-kompetittività tal-UE jiġu mfassla b'mod li joffri protezzjoni bażika lill-ħaddiema kollha, kisbiet ta' produttività fuq żmien itwal għal min iħaddem u jippermetti konverġenza lejn kundizzjonijiet aħjar tal-ħajja u tax-xogħol madwar l-UE. Il-KESE jinnota li proposta bbilanċjata u legalment soda li ma tkunx ambigwa u mmotivata biżżejjed biss tista' tiggarrantixxi l-konverġenza neċessarja u tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-obbligi, li jirriżultaw mill-parti tal-liġi dwar l-impjeg li qiegħda taħt dibattitu, fis-suq tax-xogħol Ewropew.

3.4. Il-Kummissjoni tinnota li s-sistema regolatorja fl-UE kollha qed issir dejjem aktar kumplessa. Skont il-Kummissjoni, dan iżid ir-riskju ta' kompetizzjoni bbażata fuq tnaqqis tal-istandards soċjali, li għandha konsegwenzi ta' dannu kemm għal persuni li jħaddmu, li huma soġġetti għal pressjoni kompetittiva insostenibbli, u kemm għall-Istati Membri li jirrinunzjaw id-dħul mit-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Il-KESE jappoġġja l-mira tal-Kummissjoni li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-ħaddiema atipiċi, filwaqt li jkunu rispettati s-sistemi legali nazzjonali u ta' djalogu soċjali, sabiex tippoteġi b'mod partikolari lil dawk il-ħaddiema li mhumiex koperti bi ftehimiet kollettivi.

3.5. Il-KESE jqis din il-proposta bħala waħda mill-azzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm segwitu għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-Summit Soċjali għall-Impjegji Ġusti u t-Tkabbir f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017. Il-pilastru jservi ta' kumpass għall-konverġenza l fuq imġedda fl-istandards soċjali fil-kuntest tar-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol. Din id-direttiva għandha tgħin fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-pilastru dwar l-"Impjeg sigur u adattabbli" u l-"Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjeg u l-protezzjoni f'każ ta' sensji". Hemm opinjonijiet differenti dwar kif għandhom jiġu implimentati dawn il-prinċipji bl-aktar mod effettiv. Xi wħud jikkunsidraw li l-proposta tal-Kummissjoni hija pass konsiderevoli lejn id-direzzjoni t-tajba, filwaqt li oħrajn jaħsbu li din tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ.

3.6. Madankollu, il-KESE jenfasizza li d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv għandhom jibqgħu l-aktar għodda importanti sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti, prevedibbli u diċenti, u li l-Kummissjoni Ewropea għandha toqgħod attenta li ma tintereferixxi u ma timpedixxi id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

⁽²⁾ ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10, ĠU C 81, 2.3.2018, p. 145.

⁽³⁾ ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

4.1.1. Skont l-Artikolu 1(2), id-drittijiet minimi mnaqqxa fid-direttiva japplikaw għal kull ħaddiem fl-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-drittijiet mogħtija permezz tal-liġi tal-Unjoni, il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub għandu jiġi aġġornat sabiex jiġu indirizzati l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġu rrispettati l-prattiki nazzjonali. Skont il-Kummissjoni, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet kriterji sabiex tiddetermina l-istatus ta' ħaddiem li huma xierqa sabiex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni personali ta' din id-direttiva. Id-definizzjoni ta' ħaddiem fl-Artikolu 2(1) hija bbażata fuq dawn il-kriterji. Dawn jiżguraw l-implimentazzjoni koerenti tal-kamp ta' applikazzjoni personali tad-Direttiva filwaqt li jħallu fidejn l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali sabiex japplikaw għal sitwazzjonijiet speċifiċi. Sakemm jissodisfaw dawn il-kriterji, il-ħaddiema domestiċi, dawk li jaħdmu fuq talba, il-ħaddiema intermittenti, il-ħaddiema li jitħallsu bil-vawċers, il-ħaddiema fuq pjattaforma, dawk li jkunu qed jitħarrġu u l-apprendisti kollha jistgħu jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

4.1.2. Il-KESE jinnota li l-kriterju li persuna tkun taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra jista' jxekkel l-inklużjoni tal-ħaddiema fuq pjattaforma. Għaldaqstant, għandu jiġi speċifikat fil-premessi li l-algoritmi jista' jkollhom effett vinkolanti fuq il-ħaddiema bl-istess mod bħal struzzjonijiet orali jew bil-miktub. Persuni li tasew jaħdmu għal rashom u li jużaw il-pjattaformi għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

4.1.3. Il-KESE jinnota li l-Istati Membri u s-sħab soċjali għandhom ikunu jistgħu jiddeterminaw fid-djalogo soċjali min jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' "ħaddiem", iżda dan għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-oġettiv ġenerali tad-direttiva, li huwa li l-kundizzjonijiet tax-xogħol jittejbu permezz tal-promozzjoni ta' impjeg aktar sigur u prevedibbli, filwaqt li tiġi żgurata l-adattabbiltà tas-suq tax-xogħol. Il-QtĠ-UE nnotat (ara pereżempju l-Kawża C-393/10, O'Brien) li l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw regoli li hemm riskju li jxekklu l-kisba tal-oġettivi li jkunu fil-mira ta' direttiva u, għaldaqstant, inaqqsulha l-effettività tagħha.

4.1.4. Il-KESE huwa mħasseb li d-definizzjoni attwali ta' persuna li tħaddem fil-proposta tista' twassal għal taħwid u kumplessità. Bid-definizzjoni ta' persuna li tħaddem bħala "persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar li hija jew huma direttament jew indirettament parti mir-relazzjoni ta' impjeg ma' ħaddiem", il-proposta tintroduċi kunċett ġdid għad-definizzjoni ta' persuni li jħaddmu. Ġeneralment, ikun hemm persuna li tħaddem waħda għal kull relazzjoni ta' impjeg. F'dan ir-rigward huwa meħtieġ li ssir referenza għal-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli.

4.1.5. Il-KESE jinnota li l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(6) tista' twassal għal trattament mhux iġġustifikat u inugwali tal-ħaddiema domestiċi fir-rigward tal-aċċess għal tipi aħjar ta' xogħlijiet, aktar taħriġ u l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-istess ħaddiema. Din id-differenza fit-trattament hija bla bażi u tabilħaqq ipprojbata, minħabba li diversi pajjiżi tal-UE issa rratifikaw – u għaldaqstant huma marbuta – bil-Konvenzjoni tal-ILO Nru 189 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema domestiċi.

4.1.6. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva għandu jkun applikabbli għall-baħħara u s-sajjieda. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara, regolati mid-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE, il-KESE huwa tal-fehma li għandha tingħata konsiderazzjoni lill-kompattibbiltà tad-direttiva proposta mal-ispeċifitàjiet tal-professjoni marittima.

4.2. Obbligu ta' għoti ta' informazzjoni

4.2.1. Il-KESE jista' jappoġġja l-fatt li skont l-Artikolu 4(1) tal-proposta, il-ħaddiema għandhom jiġu infurmati b'kundizzjonijiet tax-xogħol importanti fil-bidu tar-relazzjoni tal-impjeg. Dan huwa l-uniku mod kif jiġi żgurat li ż-żewġ partijiet ikunu konxji mid-drittijiet u l-obbligi tagħhom meta jidħlu f'relazzjoni ta' impjeg. L-għoti ta' informazzjoni fi stadju aktar avanzat ikun biss ta' ħsara għall-ħaddiema u fil-każ ta' xogħol fuq perjodu qasir, dawn jistgħu jitilfu kompletament il-protezzjoni li huma intitolati għaliha. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi li jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu jipprevjenu lil negozji mikro u zġhar milli jipprovdu l-informazzjoni fl-ewwel jum. Il-KESE jirrakkomanda li estensjoni qasira taż-żmien għall-għoti tal-informazzjoni tista' tingħata lill-intrapriżi mikro u zġhar. Il-KESE jirrikonoxxi wkoll li pakkett estiż ta' informazzjoni għan-negozji, partikolarment dawk zġhar u mikro, jista' jkun ta' piż. Il-KESE għaldaqstant jemmen li l-għajnuna u l-appoġġ għandhom jingħataw lill-persuni fiżiċi, lill-intrapriżi zġhar u mikro, fost oħrajn minn assoċjazzjonijiet ta' SMEs, sabiex jiġu meġhuna jissodisfaw l-obbligi tagħhom stipulati f'din id-Direttiva.

4.2.2. Il-proposta tipprovdi fl-Artikolu 4(1) li d-dokument li jkun fih l-informazzjoni dwar ir-relazzjoni ta' impjeg jista' jiġi kkomunikat elettronikament, sakemm huwa faċilment aċċessibbli għall-ħaddiem. Il-KESE jemmen, madankollu, li dan huwa importanti sabiex jiġi żgurat li n-notifika fil-fatt issir. Huwa jirrakkomanda li min iħaddem u l-ħaddiema għandu jkollhom l-iskop li jaqblu dwar il-metodu ta' trażmissjoni tad-dokument u li, fi kwalunkwe każ, in-notifika għandha titqies bħala mitmuma biss ladarba l-ħaddiem ikun kkonferma li rċieva d-dokument.

4.2.3. Il-KESE jaqbel li l-informazzjoni dwar il-bidliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol bażiċi għandha tingħata mill-aktar fis possibbli u l-aktar tard sa meta dawn il-bidliet jiġu implimentati. Dan jindirizza nuqqas kbir fid-Direttiva attwali dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub, li skontha l-bidliet għandhom jiġu nnotifikati biss fi żmien xahar minn meta jidħlu fis-seħħ (l-Artikolu 5(1)). Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi żejda, għandu jiġi stipulat li l-bidliet kollha li jirriżultaw minn modifiki tar-rekwiżiti legali u amministrattivi prevalenti jew minn ftehimiet kollettivi ma għandhomx jiġu nnotifikati individwalment minn kumpanija, minħabba li f'ħafna Stati Membri bidliet bħal dawn jiġu kkomunikati mil-leġislaturi u l-insieħba soċjali.

4.2.4. L-Artikolu 6(1) jikkorrispondi b'mod ġenerali għad-dispożizzjonijiet eżistenti (l-Artikolu 4(1) fid-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni bil-Miktub). Il-KESE jinnota l-informazzjoni aktar iddettaljata (issa f'(c)) dwar il-benefiċċji in natura u benefiċċji monetarji.

4.2.5. Il-KESE jilqa' l-obbligu stipulat fl-Artikolu 6(2) li l-ħaddiema stazzjonati jingħataw aktar informazzjoni. Huwa jirrakkomanda li għandu jiġi ċċarat li dawn l-arranġamenti huma msejsa fuq daww eżistenti – fi kliem ieħor, li din l-informazzjoni għandha tingħata flimkien ma' dik prevista fl-Artikoli 6(1) u 3(2). Mhuwiex ċar meta ser tidħol fis-seħħ id-Direttiva 96/71/KE riveduta, madankollu l-KESE jinnota li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għandhom ikunu konsistenti mal-ftehim finali dwar ir-reviżjoni tad-direttiva dwar il-ħaddiema stazzjonati.

4.2.6. Il-KESE jinnota li r-referenza għall-paġna ewlenija li għandha tiġi żviluppata minn kull Stat Membru (skont l-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva dwar l-Infurzar 2014/67/UE) ma tissodisfax b'mod adegwat ir-rekwiżit ta' għoti ta' informazzjoni. Dan minħabba li r-referenza tassumi li kull Stat Membru kkonforma bi sħiħ mal-obbligu tiegħu fid-direttiva dwar l-infurzar u li l-ħaddiema stazzjonati jistgħu jifhmu l-informazzjoni kemm f'termini ta' sustanza u kemm f'termini ta' lingwa. Minħabba li ħafna pajżi, fosthom il-Ġermanja, naqsu milli jissodisfaw kif xieraq l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE minkejja l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni, ir-referenza ma taqdi l-ebda skop jekk il-paġna ewlenija tipprovdi biss informazzjoni ġenerali ħafna u mhux fil-lingwi rilevanti.

4.2.7. Il-KESE jinnota li s-sempliċi referenza għad-dispożizzjonijiet fis-seħħ, kif inhu stipulat fl-Artikolu 6(3), mhijiex biżżejjed sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' għoti ta' informazzjoni xierqa lill-ħaddiema barranin, jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux aċċessibbli flingwa li huma jifhmu. Speċjalment fir-rigward tar-rimunerazzjoni li jistgħu jistennew barra minn pajjiżhom, il-ħaddiema barranin għandhom jiġu infurmati direttament u mhux jiġu rreferuti għal dispożizzjonijiet li ma jkunux jistgħu jifhmu.

4.2.8. L-Artikolu 6(4) joħloq eżenzjoni mill-obbligu ta' informazzjoni għal biċċiet ta' xogħol barra mill-pajjiż li ma jaqbūx l-erba' ġimgħat konsekuttivi. Il-KESE huwa mħasseb li dan jista' joħloq lakuna li tagħmilha possibbli li jiġu evitati r-rekwiżiti ta' għoti ta' informazzjoni. Huwa jirrakkomanda li ssir evalwazzjoni ta' din l-eżenzjoni fi żmien debitu.

4.3. Rekwiżiti minimi relatati mal-kondizzjonijiet tax-xogħol

4.3.1. Il-KESE jappoġġja l-oġġettiv tal-Kummissjoni li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) għandhom iservu sabiex jintroduċu standards minimi uniformi dwar it-tul tal-perjodu ta' prova. Din id-dispożizzjoni, bħall-eżenzjoni fl-Artikolu 7(2), hija fl-interess kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema. Il-perjodi ta' probazzjoni jippermettu lill-impjegaturi jivverifikaw li l-ħaddiema jkun adattati għall-pożizzjoni li jkun impjegati biex jimlew filwaqt li jagħtuhom l-appoġġ ta' akkumpanjament u t-taħriġ. Dawn il-perjodi jistgħu jkun akkumpanjati minn protezzjoni mnaqqsa kontra s-sensja. Kull dħul fis-suq tax-xogħol jew tranżizzjoni lejn pożizzjoni ġdida ma għandhomx ikunu soġġetti għal insigurtà fit-tul. Kif stabbilit fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-perjodi ta' probazzjoni jenħtieġ li għalhekk ikunu ta' durata raġonevoli. Il-KESE jinnota li l-Artikolu 7(2) jippermetti lill-Istati Membri li jipprevedu perjodu ta' prova itwal fejn dan ikun iġġustifikat min-natura tar-relazzjoni tal-impjeg, li jista' jkun il-każ, pereżempju, fl-amministrazzjoni pubblika ta' ċerti Stati Membri jew għal impjegati li jirrikjedu ħliet eċċezzjonali.

4.3.2. Il-KESE jappoġġja d-dispożizzjoni fl-Artikolu 8(1) li l-impjegaturi ma għandhomx jipprobbixxu lill-ħaddiema milli jaħdmu ma' impjegaturi oħrajn barra mill-ħinijiet li jaħdmu għalihom, fil-limiti stabbiliti fid-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol li għandha l-għan li tiproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Madankollu, il-KESE jinnota li dritt daqstant wiesa' għall-impjegati parallel għandu jirrispetta r-regoli, il-prattiki u t-tradizzjonijiet nazzjonali ta' djalogu soċjali u sħubijiet soċjali fl-Istati Membri differenti. Dritt wiesa' bħal dan jista' jkun problematiku, b'mod partikolari rigward ta' persunal ta' importanza

prinċipali għal min iħaddem, minħabba li impjegati bħal dawn ma jistgħux ikunu disponibbli għal ħafna persuni li jħaddmu simultanjament. Fir-rigward tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, hemm ukoll tħassib li min iħaddem jista' jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol ta' persuni f'impjegi paralleli. Il-KESE jirrakkomanda li jiġi ċċarat li min iħaddem ma jkunx responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol frelazżjoni ta' impjeg oħra.

4.3.3. Skont l-Artikolu 8(2), min iħaddem jista' jstabbilixxi kundizzjonijiet ta' inkompatibbiltà fejn dawn ir-restrizzjonijiet ikunu ġġustifikati minn raġunijiet leġittimi bħall-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju jew l-evitar ta' kunflitti ta' interess. Fil-premessa 20, il-Kummissjoni tirreferi għal kategoriji speċifiċi ta' persuni li jħaddmu. Min iħaddem jista' fil-prinċipju jappoġġja dan l-Artikolu 8(2), iżda jikkunsidra li r-restrizzjonijiet limitanti għal xogħol għal kategoriji speċifiċi ta' persuni li jħaddmu jidher li ma jippermettux ir-restrizzjonijiet neċessarji għall-persunal prinċipali b'mod partikolari, irrispettivament minn liema kategorija ta' persuna li tħaddem ikunu jixtiequ jaħdmu għaliha. Madankollu, it-trejdjunjins jopponu din l-eżenzjoni wiesgħa minħabba li tagħti lil min iħaddem id-dritt unilaterali li jstipula kriterji ta' inkompatibbiltà li jillimitaw l-impjeg parallel. F'każ li persuna li tħaddem jista' jkollha raġunijiet leġittimi għal restrizzjonijiet bħal dawn, dawn għandhom ikunu jistgħu jiġu ġġustifikati b'mod oġġettiv, u għalhekk għandhom ikunu l-qrati u l-leġislaturi tal-Istati Membri li jkunu prinċipalment responsabbli biex jibbilanċjaw il-kunflitt ta' interessi tal-partijiet.

4.3.4. Il-KESE jikkondividi l-oġġettiv li tittejjeb il-prevedibbiltà tax-xogħol fuq talba prevista mill-proposta. Il-prevedibbiltà tista' tittejjeb permezz ta' restrizzjonijiet tal-ħinijiet tax-xogħol reali għal qafas ta' referenza stabbilit bil-quddiem u permezz ta' notifika bikrija ta' dawn il-ħinijiet, kif inhu previst fl-Artikolu 9. Ħaddiema li l-iskeda tax-xogħol tagħhom hija pjuttost varjabbli għandhom jibbenefikaw minn prevedibbiltà minima ta' xogħol fejn l-iskeda tax-xogħol prinċipalment b'mod dirett – pereżempju bl-allokazzjoni tal-assenjazzjonijiet tax-xogħol – jew b'mod indirett – pereżempju billi l-ħaddiem jintalab iwieġeb għat-talbiet tal-klijenti – tirrikjedi li l-ħaddiema jkunu flessibbli. Madankollu, jeħtieġ li jkun hemm kjarifika dwar x'inhu mifhum b'perjodu ta' notifika raġonevoli biżżejjed għall-ħaddiem sabiex jiġi infurmat dwar ix-xogħol għall-jiem li jkunu ġejjin u dwar min għandu jieħu d-deċiżjoni dwar x'perjodi ta' notifika huma raġonevoli għal liema ferġat tal-industrija. L-arranġamenti jvarjaw bejn is-setturi.

4.3.5. Il-KESE jinnota li d-direttiva ma tipprovdi gwida kwalitattiva lill-Istati Membri dwar il-qafas ta' referenza u notifika minn qabel. Mhuwiex impossibbli li anki perjodu ta' referenza u perjodi ta' notifika stabbiliti b'mod wiesa' jkunu konformi mad-direttiva, anki jekk dawn ma tejbux il-prevedibbiltà tax-xogħol għall-ħaddiema. Barra minn hekk il-perjodi ta' referenza jistgħu jiġu imposti b'mod unilaterali minn min iħaddem, mingħajr ma l-ħaddiema jgawdu mill-istess dritt; xi ħaġa li twassal għall-iżbilanċ eżistenti.

4.3.6. Il-KESE jirrikonoxxi l-fatt li x-xogħol fuq talba jgħib flessibbiltà li tillimita l-prevedibbiltà tal-ħajja ta' kuljum ta' impjegat. Dħul varjabbli u mhux affidabbli jista' joħloq problemi serji li x-xogħol fuq talba jikkawża għall-persunal. Il-KESE jemmen li x-xogħol fuq talba ma jstax jinżamm bħala forma ta' impjeg mingħajr ma jiġi stabbilit perjodu ta' referenza adegwat u avviż xieraq bil-quddiem għall-ħaddiem. Il-KESE jirrakkomanda li l-kuntratti ta' impjeg li jipprevedu x-xogħol fuq talba jridu jiggarrantixxu ċertu numru ta' sigħat jew pagament korrispondenti.

4.3.7. Skont l-Artikolu 10(1), wara perjodu ta' impjeg ta' sitt xhur, il-ħaddiema għandhom ikunu jistgħu jstaqsu lil min iħaddimhom għal forma ta' impjeg b'kundizzjonijiet tax-xogħol aktar prevedibbli u siguri. Il-KESE jilqa' l-fatt li dan l-arranġament se jkopri l-kategoriji kollha tal-ħaddiema f'arranġamenti li mhumiex standard jew li mhumiex siguri. Huwa maqbul li ma teżistix dispożizzjoni għal dritt li jista' jiġi infurzat sabiex wieħed jimxi għal forum oħrajn ta' impjeg, fejn dan ikun disponibbli. Fil-verità, id-dritt li tippreżenta talba fih innifsu mhuwiex titjib li jagħmel sens fis-sitwazzjoni legali tal-ħaddiema, minħabba li huma diġà jistgħu jesprimu x-xewqa għal titjib, kuntratt miftuħ u affarijiet simili. Madankollu, miżuri ta' politika biex jappoġġjaw dan il-għan għandhom ikunu effiċjenti u proporzjonati u ma għandhomx iqiegħdu piżijiet amministrattivi li mhumiex neċessarji fuq il-kumpaniji.

4.3.8. Il-KESE jemmen li r-rekwiżiti fl-Artikolu 10(2) rigward it-tweġiba bil-miktub ta' min iħaddem għandhom jiġu amplifikati. Min iħaddem għandu jipprovi raġunijiet tan-negozju oġġettivi għaċ-ċaħda tat-talba, sabiex fejn il-ħaddiem jemmen li l-applikazzjoni tkun ġiet miċħuda fuq bażi ta' raġunijiet oħrajn, iċ-ċaħda tkun tista' tiġi soġġetta għal revizzjoni indipendenti mill-qrati jew skont il-prattiki nazżjonali. Dan huwa l-uniku mod kif jista' jiġi żgurat li min iħaddem jikkunsidra serjament it-talbiet tal-ħaddiema aktar milli jipprovi biss kwalunkwe tweġiba biex jikkonforma ma' formalità.

4.3.9. Il-KESE jinnota l-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni fiżiċi li jħaddmu, u intrapriżi żgħar u mikro fid-deroga mir-rekwiżiti tal-ġustifikazzjoni bil-miktub previsti fl-Artikolu 10(2). Madankollu, huwa jinnota li l-formolazzjoni attwali tkopri l-kumpaniji kollha li għandhom 249 ħaddiem jew anqas u fatturat annwali li ma jaqbiżx EUR 50 miljun, jiġifieri 99 % tal-kumpaniji tal-UE. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deroga għandu għalhekk jerġa' jiġi kkunsidrat.

4.3.10. Il-KESE huwa tal-fehma li d-Direttiva għandha tirriżulta f'opportunitajiet reali għall-ħaddiema li jkollhom xogħlijiet li mhumiex standard sabiex jibdeu jaħdmu b'termini ta' impjeg aktar standardizzati u xierqa għall-kwalifiki tagħhom. Dan jirrikjedi drittijiet minimi għall-ħaddiema temporanji sabiex jitmexxew f'impjeg mistuh u minn xogħol part-time jibdeu jagħmlu xogħol full-time, fejn ikun hemm postijiet vakanti fil-kumpanija u l-ħaddiem ikollu l-ħiliet jew il-kwalifiki meħtieġa.

4.3.11. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjoni fl-Artikolu 11 li meta l-legislażzjoni tal-Unjoni jew dik nazżjonali jew il-ftehimiet kollettivi rilevanti jkunu jirrikjedu li min iħaddem jipprovd i t-taħriġ lill-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol li jiġu impjegati għalih, xejn mill-ispejjeż ta' dan it-taħriġ m'għandu jitħallas mill-ħaddiem. Fir-rigward ta' "klausola ta' rimborż" possibbli f'każ li t-taħriġ iwassal lil hinn mir-rekwiżiti legali, u li jwassal għal kwalifika ogħla u fejn l-impjegat jirriżenja fi stadju bikri wara t-taħriġ, il-KESE jenfasizza li tali klawnsoli għandhom ikunu ġġustifikati sew u fejn xieraq negożjati permezz ta' ftehim bejn l-imsieħba soċjali u fi kwalunkwe każ għandhom ikunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom effett rigressiv (jiġifieri jonqos ir-riskju tal-ħlas lura matul l-impjeg).

4.3.12. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Artikolu 12 jipprevedi li l-istandards minimi fl-Artikoli 7 sa 11 għandhom jiġu mmodifikati skont il-ftehimiet kollettivi bil-kundizzjoni li d-drittijiet tal-ħaddiema jibqgħu f'livell xieraq f'dawk il-ftehimiet u li l-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema tinżamm. Nixtiequ nirrimarkaw li kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli għandhom jiġu nnegożjati b'mod speċjali mis-sħab soċjali fil-qafas ta' djalogo soċjali.

4.4. Dispożizzjonijiet oħra

4.4.1. Il-KESE jinnota l-fatt li l-Artikolu 13 jirrikjedi lill-Istati Membri jiżguraw li tinżamm konformità ma' din id-direttiva u jiddikjaraw nulli u bla effett jew jemendaw dispożizzjonijiet li jmorru kontra fi ftehimiet kollettivi u individwali skont id-dispożizzjonijiet tad-direttiva. Il-konsegwenzi tal-introduzzjoni tal-idea tal-annullament u l-konformità korrispondenti mad-direttiva fl-Istati Membri għandhom jiġu studjati bir-reqqa speċjalment fid-dawl tal-Artikolu 12. Ir-rwol tas-sħab soċjali huwa li jiżguraw li l-konformità għandha tiġi inkoraġġita u rrispettata.

4.4.2. L-Artikolu 14 tal-proposta jipprevedi strumenti li bihom jiġi ssanzjonat ksur tal-obbligi ta' informazzjoni tad-direttiva. Il-KESE għied l-attenzjoni għal din il-lakuna f'Opinjoni preċedenti u talab sabiex tiġi rettifikata⁽⁴⁾. Il-KESE huwa tal-opinjoni li s-sanzjonijiet, meta dawn ikunu ġġustifikati, għandhom jikkorrispondu għal-livell ta' dannu mġarrab mill-ħaddiem. Tista' tiġi evitata l-litigazzjoni anki għal ksur tekniku żgħir tad-direttiva. Il-KESE jilqa' d-dispożizzjoni fl-Artikolu 14(2) li tagħti lil min iħaddem 15-il jum sabiex jipprovd i l-informazzjoni nieqsa.

4.4.3. Il-KESE jilqa' r-rekwiżit impost fuq l-Istati Membri fl-Artikolu 15 sabiex jiżguraw li l-ħaddiema jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva.

4.4.4. Il-KESE jilqa' l-arranġamenti fl-Artikolu 16 li jagħtu forma tanġibbli lill-projbizzjoni ġenerali tat-trattament dixxiplinarju. Dawn l-arranġamenti, li l-Istati Membri jimplementaw permezz ta' projbizzjoni espliċita tad-diskriminazzjoni, iservu bħala sinjal lill-prattikanti legali u joperaw bħala miżura preventiva.

4.4.5. Il-KESE jinnota l-protezzjoni mis-sensja prevista fl-Artikolu 17 u l-piż relatat tal-prova. L-Artikolu 17(1) jistipula li l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu s-sensja (jew il-miżuri b'effett ekwivalenti) jew it-tħejjijiet għas-sensja fuq bażi li l-ħaddiema eżerċitaw id-drittijiet previsti fid-direttiva. Flimkien mal-Artikolu 17(2), li permezz tiegħu l-ħaddiema li jaħsbu li jkunu tkeċċew għax ikunu eżerċitaw drittijiet skont din id-direttiva jistgħu jitolbu lil min iħaddem biex jipprovd i raġunijiet sostanzjali kif xieraq, din hija għodda utli għall-eżerċitar tad-drittijiet li jirriżultaw minn din id-direttiva. L-approċċ fl-Artikolu 17(3) – li huwa kompitu ta' min iħaddem li jagħti prova li s-sensja kienet ibbażata fuq raġunijiet li mhumiex

⁽⁴⁾ ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10

diskriminazzjoni tal-ħaddiem – huwa fid-direzzjoni t-tajba, iżda għad hemm xi tħassib fir-rigward tal-bażi legali li għandu jiġi ċċarat. Għandu jkun ċar li t-tkeċċijiet jew miżuri simili huma invalidi minħabba li l-ħaddiema jkunu invokaw id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva.

4.4.6. Il-KESE jappoġġja l-obbligi fuq l-Istati Membri stipulati fl-Artikolu 18 sabiex jiġu stabbiliti penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali.

4.4.7. Il-KESE jilqa' d-dispożizzjonijiet ċari fl-Artikolu 19 li jipprojbixxu t-tnaqqis tal-istandards f'din il-leġislazzjoni, li diġà qegħdin fid-Direttiva dwar id-Dikjarazzjoni eżistenti bil-Miktub (l-Artikolu 7), li hija indispensabbli fejn l-istandards tad-drittijiet sostantivi huma oġhla. Il-paragrafu 1, madankollu, jeħtieġ li jiġi ċċarat sabiex jiżgura li mhux talli l-livell ġenerali tal-protezzjoni ma jistax jitbaxxa, talli – b'rabta speċifika mal-oqsma individwali koperti bid-direttiva – l-ebda deterjorament mhu permess fl-oqsma li tirregola b'riżultat tal-implimentazzjoni tagħha.

4.4.8. Il-KESE huwa sodisfatt li, skont l-Artikolu 21, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-direttiva għandhom jiġu estiżi wkoll għall-kundizzjonijiet tax-xogħol eżistenti. Dan hija xi ħaġa tajba u neċessarja, meta tqis it-titjib fis-sitwazzjoni legali li d-direttiva timmira li tikseb. Jirrikonoxxi, madankollu, li dan jista' jwassal għal spejjeż u piżijiet addizzjonali għall-kumpaniji. Għandhom jittieħdu miżuri sabiex il-persuni fiżiċi li jħaddmu u jaġixxu bħala kumpaniji, b'mod partikolari daww' żgħar u mikro, jiġu assistiti sabiex jilhqqu l-obbligi tagħhom skont id-direttiva.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE (fruntieri u viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226”

[COM(2017) 793 final – 2017/0351 (COD)]

“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE (kooperazzjoni bejn il-pulizija u ġudizzjarja, asil u migrazzjoni)”

[COM(2017) 794 final – 2017/0352 (COD)]

(2018/C 283/07)

Relatur: **Laure BATUT**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 18.1.2018 Parlament Ewropew, 28.2.2018
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	25.4.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	160/3/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jqis utli u pożittiva l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex titjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE dwar il-fruntieri u l-viża kif ukoll il-kooperazzjoni tal-pulizija, dik ġudizzjarja, u fir-rigward tal-asil u l-migrazzjoni.

1.2. Il-KESE jqis li din l-interoperabilità għandha tkun għan strateġiku tal-UE sabiex hija tibqa’ żona miftuħa, li tiggarrantixxi d-drittijiet fundamentali u l-mobilità. L-UE u l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipproteġu l-ħajja u s-sigurtà tal-bnedmin kollha; il-prinċipju ta’ non-refoulement jrid jiġi rispettata bis-sħiħ.

1.3. Il-miżuri li jimmiraw għall-interoperabilità jinftiehem aħjar jekk:

- jiżguraw, fil-qafas tal-istrateġija tal-UE dwar il-migrazzjoni, il-kundizzjonijiet tal-ekwilibriju bejn il-libertà u s-sigurtà, bir-rispett tas-separazzjoni tas-setgħat;
- jiggarrantixxu lill-persuni kkonċernati d-drittijiet fundamentali tagħhom, b’mod partikolari s-sigurtà tad-data personali u tal-ħajja privata tagħhom, id-dritt li jkollhom aċċess għad-data tagħhom, għar-rettifika u għat-tħassir ta’ din id-data fi żmien raġonevoli, permezz ta’ proċeduri aċċessibbli;
- jafferaw mill-ġdid, inkluż fil-leġislazzjonijiet sekondarji kollha, il-ħtieġa li jiġi rispettata il-prinċipju tal-privatezza fid-disinn (privacy by design);
- ma joħolqux ostakli ġodda għat-traffiku normali tal-passiġġieri u tal-merkanzija.

1.4. Il-KESE jitlob għal proċeduri u garanziji fir-rigward tal-użu tad-data għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi li:

- jipprevedu li japplikaw f'dan ir-rigward il-liġi Ewropea li l-aktar li tipproteġi (GDPR);
- jippermettu l-aċċellerazzjoni tal-proċess li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli għall-analiżi tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali;
- jiżguraw lill-persuni kkonċernati d-dritt tagħhom għal żewġ istanzi ġudizzjarji;
- jiżguraw lill-minorenni, b'mod partikolari dawk mhux akkumpanjati, li jinsabu f'sitwazzjoni irregolari, f'sitwazzjoni ta' persekuzzjoni jew f'sitwazzjoni kriminali, id-dritt li jiksbu viża, li jkunu protetti u integrati u li jibbenefikaw mid-dritt li jkunu minsija fi żmien iqsar minn dak għall-adulti.

1.5. Il-KESE jemmen li l-bażi legali attwali tas-sistemi ta' informazzjoni għandha tiġi msaħħa u tqis l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-ġbir tad-data. Huwa jirrakkomanda:

- it-tisħiħ tas-sigurtà tal-bażijiet tad-data eżistenti u dik tal-mezzi ta' komunikazzjoni tagħhom;
- l-evalwazzjoni tal-impatt tat-tisħiħ tal-kontroll a priori fuq il-ġestjoni tar-riskji;
- kontroll u evalwazzjoni permanenti tal-arkitettura mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data (KEPD); jesiġi li l-persuni responsabbli jirrapportaw kull sena lill-awtoritajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-Kummissjoni dwar is-sigurtà tal-elementi tal-interoperabbiltà, u kull sentejn dwar l-impatt tal-miżuri fuq id-drittijiet fundamentali;

1.6. Il-KESE jqis li l-proġett għandu jitmexxa minn persunal kompetenti u jirrakkomanda:

- programmi ta' taħriġ b'saħħithom għall-awtoritajiet ikkonċernati u għall-aġenti tal-eu-LiSA;
- kontroll strett tal-kompetenzi tal-aġenti u tal-kandidati għal din l-aġenzija.

1.7. Il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-finanzjament tas-sistema l-ġdida. Il-monitoraġġ tal-ippjanar se jkun kruċjali biex jiġu evitati devjazzjonijiet mill-baġits u biex il-proġett jitwassal sa tmiemu fl-2029.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li ċ-ċittadini jiġu infurmati sa tmiem il-proġett dwar il-progress dwar il-progress miksub, u li n-nies jirċievu tagħrif edukattiv dwar il-kontrolli li huma soġġetti għalihom. Iqis li għandha tiġi prevista l-possibbiltà li jitwaqqaf kollox jekk il-libertà u d-drittijiet fundamentali jiġu pperikolati permezz ta' funzjonament ħażin tas-sistema.

2. Introduzzjoni

2.1. Fil-kuntest internazzjonali tal-2017 meqjus bħala instabbli kemm mil-lat ġeopolitiku kif ukoll mil-lat tas-sigurtà interna tal-Istati Membri, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni diversi drabi biex timplimenta l-mezzi sabiex jinstabu t-traċċi ta' persuni "friskju" li diġà kienu soġġetti għal kontroll f'wieħed mill-Istati Membri. L-intraċċar tal-qsim tal-fruntieri, tal-vjaġġi u tar-rotot tagħhom fl-Ewropa jista' jkun kruċjali għas-sigurtà fl-Unjoni.

2.2. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016, il-Parlament stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tippovdi s-salvagwardji meħtieġa għall-protezzjoni tad-data.

2.3. It-testijiet inkwistjoni huma konformi mal-għan "L-ippreservar u t-tisħiħ ta' Schengen" ⁽¹⁾. L-Unjoni diġà għandha diversi regolamenti u servizzi diġitalizzati ta' informazzjoni fl-oqsma marbuta mal-kontroll tal-qsim tal-fruntieri ta' persuni u ta' merkanzija.

2.4. Nota:

- **SIS: Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**, wieħed mill-iżjed mekkaniżmi qodma, rivedut, li jiġġestixxi spettru kbir ta' twissijiet dwar il-persuni u l-merkanzija;

⁽¹⁾ COM(2017) 570 final.

- **Eurodac: Sistema Ewropea għat-tqabbil tar-rekords dattiloskopiċi** ta' persuni li jfittxu asil u taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari fil-fruntieri u fl-Istati Membri, u għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjonijiet (CESE 2016-02981, relatur: is-Sur Moreno Díaz ⁽²⁾);
- **VIS: Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża** (kodiċi dwar il-viżi), li tiġġestixxi l-viżi għal soġġorn qasir (CESE 2014-02932, relaturi: is-Sur Pezzini u s-Sur Pariza Castaños ⁽³⁾);
- **EES: Sistema ta' Dħul/Ħruġ**, li għad trid tittieħed deċiżjoni dwarha, u li għandha tiġġestixxi b'mod elettroniku d-data tal-passaporti u d-dati ta' dħul/ħruġ taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jżuru ż-żona Schengen (CESE 2016-03098 SOC/544, relatur: is-Sur Pîrvulescu ⁽⁴⁾);
- **ETIAS: Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar** li għad trid tittieħed deċiżjoni dwarha, li mistennija tkun sistema awtomatizzata vasta għall-ħżin u għall-verifika ex ante tad-data dwar iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jeħtiġux viża biex jivvjaġġaw fiż-żona Schengen (CESE 2016-06889 SOC/556, relatur: is-Sur Simons ⁽⁵⁾);
- **ECRIS-TCN: Sistema Ewropea ta' skambju ta' informazzjoni dwar ir-rekord kriminali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi**, proposta attwalment mill-Kummissjoni, hija sistema diġitali ta' skambju ta' informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-ġustizzja diġà meħuda mill-ġurisdizzjonijiet nazzjonali.

2.5. Il-mezzi attwali ta' awtorità kompetenti jistgħu jitqabblu permezz ta' smartphone b'applikazzjonijiet differenti, ilkoll separati u li kull waħda minnhom tagħti l-informazzjoni "tagħha".

2.6. Ħlief għas-SIS, dawn is-sistemi jiffukaw fuq il-**ġestjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi**. Jeżistu sitt sistemi komplementari u deċentralizzati. L-informazzjoni kollha mfittxija tikkonsisti fit-tweġibiet differenti miksuba minn diversi bażijiet mill-aġenziji ta' investigazzjoni, skont l-awtorizzazzjonijiet ta' aċċess tagħhom.

2.7. Il-Kummissjoni tipproponi li tweġeb għall-kwistjoni li ġejja:

- permezz ta' liema metodu, mingħajr ma jinbidlu l-istrutturi diġà fis-seħħ u billi tinżamm il-komplementarjetà tagħhom, ikunu attivi l-bażijiet tad-data kollha, sabiex malli persuna tidħol fit-territorju Ewropew, u permezz ta' interrogazzjoni waħdanija tas-sistema, l-informazzjoni kollha diġà miġbura fil-bażijiet eżistenti tikkonverġi u tkun disponibbli għall-awtorità ta' kontroll awtorizzata li tinterroga, bir-rispett sħiħ tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali.

2.8. Il-Kummissjoni Ewropea, fil-proposti inkwistjoni:

2.8.1. tixtieq iżżid il-possibbiltajiet addizzjonali li joffri aċċess għall-bażijiet tad-data tal-Europol u tal-Interpol, li diġà jikkooperaw mal-awtoritajiet superviżorji Ewropej;

2.8.2. tixtieq "tissinkronizza" t-tiftix ta' informazzjoni biex jitnaqqas il-ħin tar-rispons f'dak li jirrigwarda d-dossier tal-migranti u biex jitħaffef ir-rispons tas-sigurtà fejn meħtieġ. Biex tagħmel dan, hija tipproponi li jinħolqu entitajiet ġodda, li għandhom jippermettu li l-bażijiet attwali joperaw f'simbjożi.

2.9. **L-għanijiet tagħha huma li tindirizza kemm jista' jkun il-lakuni tas-sistemi differenti; ittejjeb** il-ġestjoni tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen; tikkontribwixxi għas-sigurtà interna tal-Unjoni; tiġġestixxi l-frodi tal-identità, issolvi l-każijiet ta' identitajiet multipli; issib il-persuni suspettati jew diġà kkundannati u tikkontrolla l-identità tagħhom fiż-żona Schengen.

2.10. Biex immorru lura għat-tixbiha mal-smartphone, l-awtorità kompetenti mhux biss ikollha bosta applikazzjonijiet għad-dispożizzjoni tagħha iżda hija tkun tista' tiġbor ukoll fl-istess ħin u fil-kuntest tal-istess tiftixa, id-data maħżuna fit-tagħmir kollu tagħha: il-PC, il-mowbajl, it-telefon, it-tablet, in-notebook, eċċ, billi tuża l-kodiċi ta' aċċess tagħha.

⁽²⁾ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 144.

⁽³⁾ ĠU C 458, 19.12.2014, p. 36.

⁽⁴⁾ ĠU C 487, 28.12.2016, p. 66.

⁽⁵⁾ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 28.

3. Funzjonament tas-sistema

3.1. Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet u sejħet laqgħa ta' grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà⁽⁶⁾, maħtura mill-Istati Membri, il-pajjiżi tal-Grupp Schengen, l-aġenziji Ewropej bħal eu-LISA⁽⁷⁾ u FRA⁽⁸⁾, taħt il-koordinazzjoni tad-DĠ HOME.

Il-metodu: interkonnnettività jew interoperabbiltà?

3.1.1. L-**interkonnnettività** tas-sistemi ta' informazzjoni hija l-possibbiltà li jingħaqdu flimkien b'tali mod li d-data ta' waħda tkun tista' tiġi kkonsultata awtomatikament minn oħra.

3.1.2. L-**interoperabbiltà**⁽⁹⁾ hija l-kapaċità ta' sistemi differenti li jikkomunikaw, jiskambjaw data u jużaw l-informazzjoni skambjata, filwaqt li jirrispettaw l-awtorizzazzjonijiet ta' aċċess għas-sistemi.

3.2. L-għażla tal-interoperabbiltà

3.2.1. Il-Kummissjoni tqis li din ma tfixkilx il-kisbiet tal-istrutturi u tal-kompetenzi attwali, u li d-data tibqa' "f'silos separati". Minkejja ż-żieda fil-komunikazzjoni, dan jippreżenta vantaġġ ta' sigurtà għas-sistemi u d-data, li bla dubju l-ebda waħda minnhom mhija se tkun aċċessibbli permezz tal-Internet. It-testi inkwistjoni jinkludu similaritajiet sinifikanti, u jirrigwardaw:

— wieħed minnhom, COM(2017) 793, dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni relatati mal-fruntieri u mal-viżi,

— u l-ieħor, COM(2017) 794, dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni.

3.3. L-ġhodod il-ġodda

3.3.1. Sabiex jaħdmu f'interoperabbiltà, jeħtieġ li s-sitt bażijiet jiġu kkomplementati minn arkitettura ġdida ta' erba' ġhodod ġodda biex jaħdmu b'mod rapidu billi s-sistema tiġi kkonsultata darba biss, filwaqt li jiġu salvagwardati l-persuni li għandhom is-setgħa fl-oriġini tat-talbiet.

3.4. ESP, il-portal Ewropew tat-tiftixxija

3.4.1. L-awtorità superviżorja kompetenti (l-utent finali) għandu jkollha aċċess uniku għas-sistema kollha. Minflok twestaq sitt tiftixiet, hija tnedi tiftixa waħda biss (pulizija, dwana, eċċ..) sabiex tinterroga diversi bażijiet fl-istess ħin dwar id-data misjuba mingħajr ma tinħażen fl-ebda minnhom. Jekk dawn jeżistu, is-sistema ssibhom. F'każ ta' suspett ta' reat jew attività terroristika, l-ewwel waħda tista' tkun newtrali għall-persuna kkontrollata ("no-hit"), iżda jekk id-data taqbel mat-tieni informazzjoni ("hit") li tkun teżisti fil-bażijiet bħal SIS, EES, ETIAS, dan jista' jwassal għal tiftix aktar dettaljai u għal inkjesta.

3.5. BMS kondiviż (shared biometric matching service)

3.5.1. Din il-pjattaforma kondiviża ta' tqabbil tippermetti t-tiftix u t-tqabbil fl-istess ħin ta' data matematika, bijometrika, marki tas-swaba' u ritratti tal-identità, minn bażijiet differenti, bħal SIS, Eurodac, VIS, EES⁽¹⁰⁾, ECRIS, iżda mhux ETIAS; id-data tagħhom għandha tkun kompatibbli.

3.5.2. Id-data matematika mhijiex se tinżamm fil-forma oriġinali tagħha.

3.6. CIR (Common Identity Repository)

3.6.1. "Repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità" se jiġbor id-data dwar l-identità bijografika u bijometrika taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkontrollati, kemm dawk li jinsabu fil-fruntieri kif ukoll dawk li jinsabu fl-Istati Membri (ta' Schengen). Indikatur ta' tqabbil tal-informazzjoni fil-bażijiet differenti se jħaffef it-tiftix. Taħt ir-responsabbiltà tal-aġenzija eu-LISA u bil-mezzi ta' sigurtà tagħha, din id-data se tkun issalvagwardjata b'tali mod li l-ebda persuna ma tkun tista' taċċessa aktar minn linja alfanumerika waħda fl-istess ħin. Ir-repożitorju CIR ġie żviluppat minn EES u ETIAS, u ma għandux iwassal għad-duplikazzjoni tad-data. Ir-repożitorju jista' jkun utli wkoll għal tiftix ċivili.

⁽⁶⁾ DĠ HOME, Unità B/3; Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2016/3780 tas-17 ta' Ġunju 2016; <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?Lang=EN>

⁽⁷⁾ Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

⁽⁸⁾ Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali.

⁽⁹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, COM(2016) 205 final, "Sistemi ta' Informazzjoni aktar bsaħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà".

⁽¹⁰⁾ Il-korsiv ifakkar li t-testi li jikkonċernaw lil dawn il-korpi għadhom ma ġewx adottati.

3.7. MID (multiple-identity detector)

3.7.1. Dan se jkollu r-rwol li jivverifika l-identità korretta tal-persuni in bona fide, u jiġġieled il-frodi tal-identità, permezz ta' tiftix fil-bażijiet kollha fl-istess ħin. L-ebda amministrazzjoni għad ma użat għodda bħal din, li għandha tgħin biex jiġi evitat is-serq tal-identità.

3.8. Ir-rwol tal-Aġenzija eu-LISA ⁽¹¹⁾

3.8.1. L-aġenzija, li nħolqot fl-2011, għandha l-kompitu li tiffaċilita l-politiki tal-UE fl-oqsma tal-ġustizzja, tas-sigurtà u tal-libertà. Stabbilita f'Tallin, fl-Estonja, din diġà tassigura l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-funzjonament kontinwu tas-sistemi tas-sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira kif ukoll il-libertà ta' moviment tal-persuni fiż-żona Schengen.

3.8.2. Din qiegħda taqdem fuq il-proġett "Smart Borders" (Fruentieri Intelliġenti) u fl-arkitettura l-għdida ta' skambji tad-data se jkollha l-kompitu li taħżen l-elementi marbuta ma' persuni u dawk relatati mal-awtoritajiet, mal-investigazzjonijiet u mal-investigaturi. L-aġenzija se tikkontrolla l-awtorizzazzjonijiet tal-applikanti, u se tiżgura s-sigurtà tad-data, inkluż fil-każ ta' "inċident" (Artikolu 44 tal-proposti COM(2017) 793 u 794).

3.8.3. **L-użu tal-UMF (Universal Message Format)** li għad irid jinħoloq, għandu jiffaċilita l-ħidma bis-sistemi l-għodda, li se jkun obligatorji, billi jimponi l-ħolqien ta' interfaċċi fl-Istati Membri li għad ma għandhomx waħda u sistema ta' traduzzjoni temporanja minn lingwa għal oħra.

3.9. Il-protezzjoni tad-data personali (Artikoli 7 & 8 tal-Karta):

3.9.1. Il-Proposta għal Regolament tirrikonoxxi l-possibbiltà ta' inċidenti ta' sigurtà. L-Istati Membri u s-sistemi ta' data tagħhom għandhom, l-ewwel, jirrispettaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data previsti fit-testi, it-trattat, il-Karta tad-Drittijiet Fundamental u l-GDPR ⁽¹²⁾ li se jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018.

4. Diskussjoni

4.1. Il-valur miżjud tal-interoperabbiltà f'termini ta' demokrazija

4.1.1. L-UE għandha bżonn ta' regolazzjoni u ta' mezzi ta' investigazzjoni li jiproteġuha kontra l-kriminalità. L-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni hija opportunità biex tiġi asserita s-supremazija tad-dritt u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem.

4.1.2. L-EES u l-ETIAS, flimkien ma' BMS u CIR, se jippermettu l-kontroll tal-qsim tal-fruntieri mhux biss ta' persuni suspettati, u ż-żamma tad-data tagħhom. Madankollu, il-possibbiltà għall-"awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi [li jkollhom aċċess] għas-sistemi ta' informazzjoni mhux tal-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE" [Art. 17 CIR, proposta (2017) 794 u 793] ma tistax tkun kompatibbli mal-għanijiet iddikjarati bħala l-bażi tal-proposti inkwistjoni. Il-Kumitat (Art. 300(4) TFUE) għandu jsemmi hawnhekk il-prinċipju tal-proporzjonalità u jitlob lill-Kummissjoni biex tevita kull skema tat-tip "Big Brother" ⁽¹³⁾ u l-ħolqien ta' ostakli għal-libertà ta' moviment tal-Ewropej (Art. 3 TUE).

4.1.3. Il-mudell propost għall-għbir u l-użu tad-data personali miksuba fil-fruntieri u fit-territorju tal-Unjoni waqt il-kontrolli tal-movimenti u tad-dokumenti miżmuma huwa ppreżentat bħala wieħed rigoruż, li huwa miftuħ biss għal persuni awtorizzati u għal finijiet tas-sigurtà u l-ġestjoni, u jwassal għal aktar fluwidità tal-proċeduri.

4.1.4. Il-Kumitat huwa dubjuż dwar ir-rigorożità: il-lakuni se jibqgħu, il-kostruzzjoni mifruxa fuq 9 snin hija bbażata fuq "pedamenti" li s'issa għandhom ma jeżistux bħall-bażijiet EES jew ETIAS, jew l-interfaċċi nazzjonali. Il-kuntest teknoloġiku jevolvi kontinwament; il-proġett jibbaża b'neċessità fuq l-istat attwali tat-teknoloġija u ma jipprovdix baġit għall-ġestjoni tal-obsolexxenza li possibbilment ikollha impatt f'ċerti setturi diġitali.

⁽¹¹⁾ Regolament (UE) Nru 1077/2011, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja .

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data). Opinjonijiet tal-KESE: ĠU C 229, 31.7.2012, p. 90 u ĠU C 345, 13.10.2017, p. 138.

⁽¹³⁾ F1984, George Orwell.

4.1.5. Barra minn hekk, l-iżvilupp rapidu tal-użu tal-algoritmi magħrufa bħala l-intelliġenza artifiċjali (IA) seta' jitqies fil-proġett kemm bħala għodda ta' kontroll tas-sistemi kif ukoll bħala ċavetta tas-sigurtà li għandha tiġi fdata lill-awtoritajiet li jieħdu d-deċiżjonijiet sabiex jiġi żgurat l-użu demokratiku tal-arkitettura.

4.1.6. Il-proposta tiżviluppa sistema għal protagonisti in bona fide, li jirrispettaw il-liġijiet. Il-fatt li r-riedni jkunu f'idejn persuni huwa rassikuranti, iżda huma jistgħu jkunu wkoll il-ħolqa d-dgħajfa. Il-Kumitat jissuġġerixxi ż-żieda ta' artikolu li jipprevedi "salvaviti differenzjali", għall-każijiet ta' kriżi politika u/jew ta' "għestjoni", fejn kull problema f'bażi tista' tirrappreżenta riskju għall-arkitettura kollha ⁽¹⁴⁾. Il-ġeneralizzazzjoni tal-UMF tista' tirriżulta f'użu internazzjonali, pożittiv ħafna iżda riskjuż ħafna għall-protezzjoni tad-data. L-awtoritajiet kompetenti għandhom responsabilità kbira. Dawn l-aspetti mhumiex previsti fit-testi attwali.

4.2. Protezzjoni ta' drittijiet fundamentali

4.2.1. Id-drittijiet fundamentali huma assoluti; ma jistgħux jiġu limitati sakemm ma jkunx neċessarju u b'tali mod li għal finijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni u bil-kundizzjoni li l-kontenut essenzjali tagħhom jiġi rispettati (Art. 8 u 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali). Il-Kumitat għandu dubji dwar kif tista' tiġi vvalutata l-proporzjonalità tal-miżuri ta' kontroll fil-każijiet tal-migranti li jaħarbu mill-persekuzzjonijiet u jfittxu asil fix-xtut tal-Unjoni. (COM(2017) 79 final, – Memorandum ta' spjegazzjoni – Drittijiet fundamentali). It-tfittxija għall-persuni suspettati bil-għan li jiġu evitati l-atti kriminali, b'mod partikolari l-atti terroristiċi, **ma għandhiex tqarreb id-demokrazzi tagħna mal-kunċett ta' reat antiċipat**; għandha tinżamm differenza bejn "attivitajiet" u "opinjonijiet" li jfixklu l-ordni pubbliku.

4.2.2. Ir-rispett tad-drittijiet stipulati fil-Karta għal kull persuna għandu jiżgura l-bilanċ bejn is-sigurtà u l-libertà li mingħajrhom tmut id-demokrazzija. Il-Kumitat iqis li dan għandu jkun għan permanenti għall-awtoritajiet superviżorji kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew.

4.2.3. Il-katina tal-awtoritajiet involuti fi tfittxija kif ukoll il-metadata relatata magħha se jinżamm fis-sistema. Id-drittijiet fundamentali ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu rrispettati fir-rigward tad-data ġġenerata, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tagħhom, tal-ħajja privata tagħhom, f'każ ta' intrużjoni fl-istruttura b'intenzjoni ħażina u tal-użu ħażin tad-data bejn iż-żmien tad-dħul tagħha u dak tat-tħassir tagħha.

4.3. Protezzjoni tad-data

4.3.1. Il-proposti jirrikonoxxu l-prinċipju tal-protezzjoni tad-data personali sa mid-disinn u b'mod awtomatiku, minkejja li l-Memorandum ta' Spjegazzjoni tagħhom ifakkar li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja (QtĠ), dan mhux dritt assolut. Il-Kumitat jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-miżuri preventivi li jiżguraw is-sigurtà, il-ġlieda kontra l-identitajiet foloz u l-garanzija tad-dritt għall-asil, iżda jenfasizza l-limiti tal-matematika u tal-anonimizzazzjoni tad-data: il-persuni kkonċernati jista' jkollhom bżonn tad-data tagħhom sussegwentement.

4.3.2. Huwa jenfasizza wkoll li t-tip tad-data miżmuma, bijometrika u bijoloġika, hija ta' interess partikolari għal ċerti intrapriżi u għall-kriminalità. Hawnhekk, iċ-ċibersigurtà hija importanti daqs is-sigurtà fiżika, u fit li xejn tissemma fil-proposti. Id-data miżmuma se tinħażen f'post fiżiku wieħed; anke jekk dan ikun protett, jista' jiġi espost.

4.3.3. Il-KESE jfakkar li fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u tad-dritt għat-tħassir (li jkun minsi/li tkun minsija), l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 45/2001, li joffri inqas protezzjoni mill-GDPR ⁽¹⁵⁾ tal-2016 (li se jidħol fis-seħħ f'Mejju 2018) li għandhom jirrispettaw l-Istati Membri. Il-Kumitat jenfasizza l-kumplessità tal-implimentazzjoni ta' dan id-dritt u jibża' li l-vjaġġaturi, il-migranti u l-persuni li jfittxu asil ma jkunux jistgħu jirrispettawh:

1. il-protezzjoni tad-data personali għandha tkun ivalidata għall-bażijiet kollha nazzjonali u Ewropej eżistenti, sabiex tkun imħarsa kollha;
2. din hija fundamentali sabiex iċ-ċittadini jaċċettaw dan in-netwerk sħiħ ta' sorveljanza fuqhom.

4.3.4. It-tul taż-żamma tad-data miġbura mill-awtoritajiet kompetenti mhux speċifikat b'mod ċar fil-proposti. It-testi jstabilixxu l-proċedura tad-dritt għal rettifika u/jew tħassir ġewwa u barra l-Istat tal-applikazzjoni u l-Istat responsabbli, iżda ma jstabilixxux skadenzi għaż-żamma tad-data (Art. 47 tal-proposti). Il-Kumitat jirrakkomanda li din l-iskadenza tiġi stabbilita, u li din tkun iqsar għall-minorenni (Karta, Art. 24), ħlief f'każijiet ta' terroriżmu, sabiex huma jkunu jistgħu jtejbu l-possibbiltajiet tagħhom li jintegraw ruħhom.

⁽¹⁴⁾ CEPD, Anness tar-Rapport Finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli, Mejju 2017.

⁽¹⁵⁾ Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (Regolament (UE) 2016/679).

4.4. Il-governanza u l-obbligu ta' rendikont

4.4.1. Il-bażijiet internazzjonali mhumiex soġġetti għall-istess regoli bħas-sistemi kompjuterizzati Ewropej. L-implimentazzjoni ta' format universali ta' aċċess, li jista' jsir internazzjonali, se jkun biss element tekniku li ma jgħaqqadx ir-regolamenti, anke jekk l-Interpol ikollu jirrispetta l-Artikolu 17 tal-Patt tan-NU⁽¹⁶⁾. Barra minn hekk, l-awtorizzazzjonijiet jibqgħu fir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-KESE jqis li dan il-punt għandu jiġi indirizzat fil-proposti.

4.4.2. Interrogazzjoni waħda, u s-simbjożi tal-bażijiet Ewropej tagħti l-verdett tagħha. Il-KESE jenfasizza li l-burokrazija ġġenerata se tkun aktar minn proporzjonali għall-veloċità miksuba. Il-governanza se tkun żgurata mill-Kummissjoni fil-qafas ta' proċedura ta' kontroll mal-Istati Membri. Iċ-ċentru se jkun l-aġenzija eu-LISA, inkarigata l-aktar biex timplimenta l-proċeduri tal-ġbir ta' informazzjoni dwar il-funzjonament tal-interoperabbiltà; hija se tirċievi l-informazzjoni mingħand l-Istati Membri u mill-Europol, u se se tressaq quddiem il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, rapport ta' valutazzjoni teknika, kull erba' snin, filwaqt li l-Kummissjoni tħejji hija stess rapport globali sena wara (Art. 68 tal-proposti). Għall-Kumitat, dawn is-sekwenzi huma twal wisq. Il-valutazzjoni tas-sigurtà tal-elementi tal-interoperabbiltà [Art. 68(5)(d)] għandha ssir tal-inqas kull sena, u dik tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali għandha ssir tal-inqas kull sentejn [(l-istess artikolu, punt b)].

4.4.3. Il-Kumitat jiddispjaċih li kwistjonijiet fundamentali bħal dawk indirizzati minn dawn il-proposti huma ġestiti minn aġenziji Ewropej li, għal ħafna ċittadini, ir-reklutaġġ u l-funzjonament tagħhom mhumiex ċari. Huwa jqis neċessarju li jiġu amalgamati l-prattiki tajba u, għall-finijiet ta' konsultazzjoni, jiġu involuti l-awtoritajiet superviżorji indipendenti tal-użu tad-data (KEPD), u aġenziji oħra bħall-FRA u l-ENISA.

4.4.4. Dawn l-istrutturi u l-proċeduri ġodda kollha se jiġu implimentati permezz ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kumitat jittama li l-għan tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-protezzjoni tad-data personali jibqa' minqas f'dawn l-atti kollha matul iż-żmien, f'approċċ ta' akkoljenza mtejba tal-persuni fil-fruntieri. Il-KESE jirrakkomanda li ċ-ċittadini Ewropej jiġu infurmati dwar l-istadji kollha sa tmiem il-proġett, u li n-nies jirċievu taġħrif edukattiv dwar il-kontrolli li huma soġġetti għalihom.

5. It-taħriġ meħtieġ tal-awtoritajiet superviżorji fl-Unjoni kollha

5.1. Il-Kumitat iqis li fl-ewwel perjodu (wara l-2021) se jkun meħtieġ bosta taħriġ, għall-kuntrarju ta' dak li l-Kummissjoni tipproponi fis-sommarju tagħha tal-valutazzjoni tal-impatt (C). Hija tirreferi għal ċifra ta' EUR 76 miljun fis-sena. It-tranżizzjoni għal proċeduri ġodda dejjem tirrikjedi aġġornamenti. F'dan il-każ dan jirrigwarda l-fruntieri kollha tal-Unjoni u s-sistemi nazzjonali. Uħud mill-Istati Membri għad ma għandhom sistemi kompatibbli u se jkollhom jagħmlu sforz sinifikanti u jimplementaw interfaċċi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jipparteċipaw. Sabiex taħdem l-interoperabbiltà, jeħtieġ li jkunu indirizzati d-differenzi bejn l-Istati Membri.

5.2. Se jkun kruċjali t-taħriġ fl-użu ta' data ta' kwalità u tal-UMF. Il-Kumitat jissuġġerixxi li flimkien mas-CEPOL⁽¹⁷⁾, il-Frontex, l-Europol, eċċ., jiġi organizzat ċentru ta' taħriġ konġunt għall-awtoritajiet kompetenti, fosthom l-eu-LISA, li l-kompetenzi tal-membri tagħha għandhom jiġu vverifikati b'mod strett.

5.3. Għodda bħall-MID ma teżisti mkien aktar. F'każ li l-għodda tirnexxi, din se tkun b'saħħitha. L-arkitettura l-ġdida se tirrikjedi data tal-aqwa kwalità. Sabiex dan kollu jissodisfa l-aspettattivi tal-proġett, l-Istati Membri kollha għandhom jipparteċipaw fl-istess livell, altrimenti l-lakuni jkunu agħar minn qabel. U f'dan il-każ, ser jiddgħajfu d-dritt għall-asil u d-dritt ta' aċċess għal protezzjoni internazzjonali (Art. 18 u 19 tal-Karta).

6. Finanzjament

6.1. L-arkitettura kollha proposta tibbaża fuq ċerti suppożizzjonijiet: l-adozzjoni tas-sistemi EES, ETIAS, u UMF mill-awtoritajiet li jieħdu d-deċizzjonijiet, il-funzjonament tajjeb tal-MID u l-fatt li s-CIR ikun sikur. Żewġ korpi, il-KEPD, l-aġenzija eu-LISA, u forsi anke l-aġenzija ENISA se jkollhom biżżejjed persunal u mezzi finanzjarji? Il-Kummissjoni qed tipproponi l-kofinanzjament tal-UE u tal-Istati Membri. Il-Kumitat jinnota li l-ġestjoni tas-"Semestru" għadha ssir permezz ta' baġits ta' awsterità u li, barra minn hekk, l-użu attwali tal-bażijiet eżistenti (SIS, VIS, Prüm, EES) għadu jrid jitjeb aktar fir-rigward tar-rekwiżiti legali (rapport tal-grupp ta' esperti).

⁽¹⁶⁾ Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, NU: "Artikolu 17: 1. No one shall be subjected to arbitrary interference with his privacy, family, home or correspondence, nor to attacks upon his honour and reputation. (Ħadd ma għandu jkun soġġett għal interferenzi arbitrarji jew illegali fil-ħajja privata, fil-familja, jew fid-dar jew fil-korrispondenza tiegħu, u lanqas għal attacchi illegali fuq l-unur tiegħu jew ir-reputazzjoni tiegħu.) 2. Kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni tal-liġi kontra tali interferenza jew attacchi.

⁽¹⁷⁾ Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-taħriġ ta' servizzi tal-infurzar tal-liġi (Budapest, l-Ungerija).

6.2. Il-KESE jistaqsi x'impatt baġitarju se jkollu l-Brexit, għalkemm ir-Renju Unit mhuwiex fis-sistema ta' Schengen, u b'mod aktar ġenerali dwar il-kumplessità tal-ġestjoni tal-interoperabbiltà fil-futur f'pajjiżi Ewropej li ma jużawx is-SIS iżda jipparteċipaw f'bażijiet ta' data oħrajn bħalma hu l-Eurodac.

6.3. Il-fond previst huwa l-FSI, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-fruntieri. Għandu jibda jaħdem fl-2023. Il-Kumitat jiddubita jekk 5 snin humiex biżżejjed biex jitnaqqsu d-diskrepanzi Ewropej u jingħaqdu flimkien il-kundizzjonijiet għas-suċċess. Il-baġit previst huwa ta' EUR 424,7 miljun fuq disa' snin (2019-2027), imħallas mill-UE (FSI) u l-Istati Membri. L-Istati Membri jridu jkunu f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jħaddmu s-sistemi attwali mal-arkitettura l-ġdida tal-informatika b'mod korrett. Il-Kumitat iqis li r-ritorn għat-tkabbir għandu jservi biex jitwettqu dawn l-investimenti.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alterattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart”

(COM(2018) 32 final)

(2018/C 283/08)

Relatur: **Brian CURTIS**

Konsultazzjoni mill-Kummissjoni	12.2.2018
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau	19.9.2017 (bi stennija tal-konsultazzjoni)
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.5.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni	185/01/01
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat jilqa' l-approċċ li ttehd mill-Kummissjoni fl-esplorazzjoni b'mod sistematiku tal-firxa rilevanti ta' alternattivi li jistgħu jgħinu biex isolvu serje ta' problemi identifikati fl-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart.

1.2. Il-ħarsa proattiva fit-tul tat-tip li qiegħed jiġi adottat mill-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni hija mfaħħra. Il-proċess tat-tranżizzjoni, inevitabilment, se jkun ta' durata estiża, iżda se jirrikjedi inkoraġġiment konsistenti biex jitmexxa l-quddiem u jkun jeħtieġ li jqis l-iżviluppi li għaddejjin bħalissa fit-teknoloġija tal-identifikazzjoni u l-ipproċessar.

1.3. L-iżgurar tas-saħħa pubblika iġenerali u dik tal-konsumaturi aħħarin tal-prodotti hija essenzjali fil-ġustifikazzjoni tal-fiduċja fil-prinċipji tal-Ekonomija Ċirkolari.

1.4. Is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol tal-ħaddiema f'impjanti tar-riċiklaġġ jinsabu wkoll f'riskju mingħajr azzjoni komprensiva, b'mod partikolari dwar l-indirizzar tal-kwistjoni ta' sustanzi ta' legat. L-għoti ta' informazzjoni komprensiva lit-trejdjunjins huwa għalhekk essenzjali.

1.5. L-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament REACH u ta' leġiżlazzjoni oħra dwar is-sustanzi kimiċi diġà fis-seħħ għandha tiġi pprijoritizzata. Il-leġiżlazzjoni eżistenti li tipprevjeni sustanzi kimiċi perikolużi mid-dħul inizjali fiċ-ċiklu ta' materjal għadha mhijiex qiegħda tintuża b'mod sħiħ, speċjalment rigward id-dħul fl-UE ta' prodotti minn pajjiżi terzi.

1.6. Il-Kumitat jidentifika u jirakkomanda investment ulterjuri f'taġħmir selettiv adattat minn kumpaniji tar-riċiklaġġ u l-kunsiderazzjoni ta' miżuri ta' sostenn ekonomiku u tekniku f'dan il-qasam.

1.7. Il-Kumitat jappoġġja ħafna l-fehma li informazzjoni aħjar dwar il-preżenza, il-lokalità u l-konċentrazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi fil-prodotti u fil-materjali rkuprati mill-iskart tista' tnaqqas il-problemi li jiltaqgħu magħhom l-operaturi fil-katina tal-irkupru.

1.8. L-identifikazzjoni tas-sorsi potenzjali kemm ta' valur kif ukoll ta' azzjoni protettiva neċessarja dwar kimiċi perikolużi fil-fluss tal-iskart se tappoġġja l-analiżi tal-kost/benefiċċju li se tkun meħtieġa sabiex jiġu ġġustifikati l-azzjoni leġiżlattiva u l-interventi prattiċi.

1.9. Huwa essenzjali li jitjiebu u jissaħħu fejn hemm bżonn ir-reqwiziti ta' identifikazzjoni u traċċar fuq il-merkanzija importata li jista' jkollha sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs), bil-għan li jissaħħu kemm il-projbizzjoni fejn huwa meħtieġ kif ukoll il-mekkaniżmi ta' traċċar adegwat tul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-prodott.

1.10. Il-qafas legali għandu joffri protezzjoni indaqs, sew jekk prodott huwa magħmul minn materjali verġni jew irkuprati.

2. Introduzzjoni

2.1. Fl-Opinjoni tiegħu dwar Il-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari ⁽¹⁾, ⁽²⁾ il-Kumitat identifika l-ħtieġa għal faċilitazzjoni ikbar tal-irkupru ta' materjali mill-fluss ta' skart u nnota li kien hemm bżonn li tiġi indirizzata firxa ta' ostakli legali, tekniċi u finanzjarji. Il-preżenza ta' sustanzi perikolużi fil-materjali ta' skart hija ostaklu bħal dan u din il-Komunikazzjoni hija parti minn proċess li jidentifika l-oġġettivi tal-politika, l-isfidi u s-soluzzjonijiet sabiex tinkiseb ċirkolarità akbar fl-ekonomija. Xi oqsma jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' mezzi mhux leġiżlattivi, iżda l-għan globali huwa li tiġi eżerċitata influwenza fuq il-politika futura.

3. Il-kontenut prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi numru ta' oġġettivi tal-politika u kwistjonijiet relatati u tistieden lill-partijiet ikkonċernati jieħdu pożizzjonijiet dwar l-isfidi identifikati sabiex jgħinu biex tiġi definita direzzjoni lejn ekonomija verament ċirkolari. Dawn huma stabbiliti taħt erba' intestaturi wiesa' — l-approċċ huwa esploratorju u mhux direttiv. Din l-Opinjoni, filwaqt li tqis id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni u l-kontributi mill-membri tal-KESE u mill-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili, twieġeb għat-talba biex jiġu offruti alternattivi ppreferuti sabiex jiġu ssodisfati l-isfidi ewlenin. Għal din ir-raġuni l-kontenut ewleni tal-Opinjoni huwa ppreżentat fit-taqsimha finali dwar kummenti speċifiċi.

3.2. Il-Kummissjoni issa se tnedi konsultazzjoni pubblika u se tteġġegħ diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u ma' partijiet interessati sabiex jintgħażlu alternattivi u jiġu ddefiniti azzjonijiet speċifiċi fil-livell ġenerali jew settorjali għall-iżvilupp ta' swieq għal materja prima sekondarja sostenibbli. Se tiġi żviluppata azzjoni sussegwenti f'konformità mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar u qabel titressaq kwalunkwe proposta konkreta b'impatt sinifikanti mistenni, se jiġu ppreparati l-Valutazzjonijiet tal-Impatt.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-leġiżlazzjoni tal-UE li hija rilevanti għal dan is-suġġett tkopri l-oqsma tas-sustanzi kimiċi, tal-prodotti u tal-iskart ⁽³⁾. B'mod partikolari l-qafas legali attwali għandu nuqqasijiet hekk kif jonqos milli jiżgura li l-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi tiġi trażmessa permezz taċ-ċiklu ta' materjal sħiħ u ċikli tal-ħajja sussegwenti possibbli.

4.2. Is-soċjetà tagħna dejjem aktar kumplessa qiegħda tiddependi dejjem aktar fuq l-użu tas-sustanzi kimiċi ⁽⁴⁾. Il-pilastru tal-**leġiżlazzjoni tas-sustanzi kimiċi** tal-UE huma r-Regolament CLP ⁽⁵⁾, ir-Regolament REACH ⁽⁶⁾ u r-Regolament POPs ⁽⁷⁾ li jikkomplementaw lil xuxin u japplikaw irrispettivament mis-settur tal-użu.

⁽¹⁾ Opinjoni dwar *Il-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari* (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98).

⁽²⁾ Il-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari li ġie adottat mill-Kummissjoni fit-2 ta' Diċembru 2015.

⁽³⁾ Hemm definizzjonijiet ta' skart perikoluż fil-*"Guidance document on the definition and classification of hazardous waste"*, Ġunju 2015.

⁽⁴⁾ Rapport taż-ŻEE Nru 2/2016, p. 33-34.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikettar u l-Imballaġġ (KE) Nru 1272/2008.

⁽⁶⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi kimiċi (REACH).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti – ara http://ec.europa.eu/environment/chemicals/international_conventions/index_en.htm

4.3. Il-**leġiżlazzjoni dwar il-prodott** tista' tiffoka fuq is-sigurtà tal-prodotti u anke s-sostenibbiltà tal-prodotti. Id-DSĠP⁽⁸⁾ tipprovdi rekwiżiti tas-sigurtà ġenerali għal prodotti tal-konsumatur li mhumiex tal-ikel. Firxa ta' leġiżlazzjoni speċifika għall-prodott bħad-Direttiva dwar il-Ġugarelli, ir-Regolament dwar l-Imballaġġ tal-Ikel, id-Direttiva RoHS⁽⁹⁾ u d-Direttiva dwar l-Ekodisinn huma rilevanti wkoll. L-Opinjoni⁽¹⁰⁾ tal-KESE tappoġġja "approċċ integrat" għall-Ekodisinn, li għandu jiġi estenzjallil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni attwali tiegħu. Approċċ integrat bħal dan iqis kemm l-effiċjenza fl-enerġija u l-prestazzjoni tal-prodotti kif ukoll l-effiċjenza u l-prestazzjoni f'termini tal-użu tar-riżorsi u tal-materjali.

4.4. Diversi partijiet tal-**leġiżlazzjoni dwar l-iskart** huma rilevanti wkoll. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart kienet is-suġġett ta' diversi opinjonijiet tal-Kumitat u l-KESE konsistentement appoġġja r-rekwiżit biex l-Istati Membri jadottaw ordni ta' prijorità meta jindirizzaw l-iskart, bl-ewwel tkun il-prevenzjoni tal-iskart, imbagħad il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ jew għal irkupru ieħor, u bħala l-aħħar rimedju, għar-rimi permezz ta' inċinerazzjoni u f'miżbla. Il-KESE talab li l-iskemi tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur ikunu obbligatorji għal adozzjoni mill-Istati Membri. Barra minn hekk talab ukoll li d-dispożizzjoni li tirrikjedi l-ġbir separat tissaħħaħ⁽¹¹⁾.

4.5. Jistgħu jsiru xi punti ġenerali li għandhom jiggwidaw azzjonijiet futuri:

- **Informazzjoni aħjar** dwar il-preżenza, il-lokalità u l-konċentrazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi fil-prodotti u fil-materjali rkuprati mill-iskart tista' tnaqqas il-problemi li jiltaqgħu magħhom l-operaturi fil-katina tal-irkupru u tavvanza l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.
- Huwa essenzjali li s-sustanzi kimiċi perikolużi **ma jitħallewx jidħlu inizjalment** fiċ-ċiklu ta' materjal. Il-leġiżlazzjoni eżistenti li tippermetti dan għadha mhijiex qiegħda tintuża b'mod sħiħ.
- Il-**qafas legali** għandu joffri protezzjoni indaqs, sew jekk prodott huwa magħmul minn materjali verġni jew irkuprati.

4.6. Jista' jiġi nnutat li għadha għaddejjha ħidma ta' sostenn. Pereżempju, il-kwistjoni tas-sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku qiegħda tiġi indirizzata mid-Direttiva RoHS li, billi tiskatta s-sostituzzjoni ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku, iżżid il-possibbiltà u l-profittabbiltà ekonomika tar-riċiklaġġ tal-iskart derivat minn tagħmir bħal dan. Barra minn hekk, erba' proposti leġiżlattivi relatati⁽¹²⁾⁽¹³⁾⁽¹⁴⁾⁽¹⁵⁾ qiegħdin jiġu diskussi wkoll mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Il-KESE jinnota l-ftehim politiku reċenti dwar il-kwistjoni⁽¹⁶⁾.

4.7. Xi wħud mill-kwistjonijiet imqajma f'din il-Komunikazzjoni huma kumplessi fil-kunċett tagħhom, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw problemi li jinħolqu minn nuqqas ta' armonizzazzjoni u allinjament tar-regoli. Il-kwistjonijiet aktar konkreti tal-informazzjoni u tas-sustanzi ta' legat għandhom, fil-fehma tal-Kumitat jiġu pprijoritizzati.

4.8. Madankollu huwa ċar mis-sommarju ta' kwistjonijiet ipprovdut f'din il-Komunikazzjoni u mill-firxa wiesgħa ta' inizjattivi li jinsabu fis-seħħ jew li qiegħdin jiġu żviluppjati sabiex tinkiseb ekonomija verament aktar ċirkolari, li l-proċess ta' tranżizzjoni involut fl-eliminazzjoni tas-sustanzi perikolużi mill-iskart u waqt l-irkupru jew ir-riċiklaġġ tiegħu mhumiex se jinkiseb malajr. Ħarsa proattiva fit-tul tat-tip li qiegħed jiġi adottat mill-Kummissjoni hija għalhekk xierqa.

⁽⁸⁾ Id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (DSĠP) 2001/95/KE.

⁽⁹⁾ Id-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku

⁽¹⁰⁾ Opinjoni dwar *Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn 2016-2019* (ĠU C 345, 13.10.2017, p. 97).

⁽¹¹⁾ Opinjoni dwar *Il-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari* (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98).

⁽¹²⁾ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ.

⁽¹³⁾ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

⁽¹⁴⁾ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart.

⁽¹⁵⁾ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma.

⁽¹⁶⁾ Dikjarazzjoni mill-Kummissarju Vella dwar il-ftehim politiku milħuq biex jiġu mmodernizzati r-regoli tal-iskart.

5. Kummenti speċifiċi

Il-ħtieġa għal informazzjoni

5.1. L-objettiv huwa li jiġi żgurat li l-informazzjoni xierqa dwar sustanzi ta' tħassib fil-prodotti tkun disponibbli għall-atturi kollha fil-katina tal-provvista u finalment għall-operaturi tal-iskart. Jekk nistgħu nillimitaw is-sustanzi kimiċi perikolużi milli jidħlu fiċ-ċiklu ekonomiku mill-bidu, dan huwa bla dubju l-aħjar mod ta' kif jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Dan jista' jippermetti wkoll l-irkupru tal-materjali mill-iskart u jtejjeb l-ekonomija ċirkolari.

5.2. L-għoti ta' informazzjoni komprensiva lit-trejdjunjins jista' jkollu rwol vitali fil-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u għalhekk huwa essenzjali.

5.3. REACH jirregola l-manifattura, l-użu u t-tqegħid fis-suq tas-sustanzi kimiċi fl-UE. L-objettiv primarju tiegħu huwa li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-bnedmin u għall-ambjent. Ir-rapporti minn xi assoċjazzjonijiet tal-konsumatur u mill-Kummissjoni jindikaw implimentazzjoni ħażina tal-obbligi limitati tal-komunikazzjoni tal-katina tal-provvista imposti minn REACH.

5.4. Il-Kummissjoni se tniedi studju tal-fattibbiltà dwar l-użu ta' sistemi ta' informazzjoni differenti, teknoloġiji ta' traċċar innovattivi u strateġiji li jstgħu jippermettu l-informazzjoni rilevanti timxi tul il-katini tal-provvista tal-oġġetti u tilħaq ir-riċiklaturi. Il-mistoqsija hija: sistema ta' informazzjoni obbligatorja żżid il-valur u kif għandna nimmaniġġaw l-oġġetti importati fl-UE li jista' jkun fihom sustanzi mhux awtorizzati?

5.5. Il-Kumitat jargumenta li fil-biċċa l-kbira diġà jeżistu għodod legali li jstgħu jillimitaw is-Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) milli jidħlu fiċ-ċiklu ta' materjal. B'mod partikolari dawk id-dispożizzjonijiet legali li jipprijoritizzaw u jinċentivaw is-sostituzzjoni tagħhom b'sustanzi kimiċi mhux perikolużi huma ta' rilevanza. Il-Kumitat huwa favur l-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament REACH, u li dan jinżamm aġġornat b'għarfien xjentifiku li jevolvi dwar il-karatteristiċi perikolużi tas-sustanzi kimiċi, inkluża materja prima sekondarja. Dan se jipproteġi s-saħħa u sikurezza tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u s-saħħa pubblika tal-konsumatur aħħari. Dan se jsaħħa ukoll il-kredibbiltà tal-Ekonomija Ċirkolari.

5.6. B'referenza għall-oġġetti importati diġà huwa l-każ li l-importaturi huma meħtieġa jidentifikaw l-SVHCs. Tista' ssir aktar enfasi fuq l-infurzar tal-obbligu skont ir-REACH għall-manifatturi u l-importaturi li fid-dossier ta' reġistrazzjoni u fl-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà tagħhom jagħtu dettalji dwar ix-xenarji ta' esponiment li jkopru l-istadju tal-iskart. Barra minn hekk, tista' tkun meħtieġa aktar informazzjoni ddettaljata, bħad-deskrizzjoni ta' xenarji tat-tmiem tal-ħajja differenti għar-riċiklaġġ, għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid jew għar-rimi. Dan għandu jsir flimkien mal-infurzar tal-obbligu għall-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti li jinfurmaw lill-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista bil-preżenza tal-SVHCs fl-oġġetti, kif ukoll li jkun meħtieġ li l-lokalità tas-sustanza fil-prodott tiġi identifikata.

5.7. Huwa essenzjali li jitjiebu u jissaħħu fejn hemm bżonn ir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni u traċċar fuq il-merkanzija importata li jista' jkollha sustanzi ta' tħassib serju ħafna, bil-għan li jissaħħu kemm il-projbizzjoni fejn huwa meħtieġ kif ukoll il-mekkaniżmi ta' traċċar adegwat tul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-prodott.

5.8. Il-Kumitat jinsab imħasseb li jista' jkun hemm problema partikolari fl-identifikazzjoni sħiħa ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna fir-rigward tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika.

5.9. B'mod ġenerali, se jkun meħtieġ investiment ulterjuri f'taġġmir selettiv adattat mill-kumpaniji tar-riċiklaġġ u għandhom jiġu kkunsidrati miżuri ta' sostenn ekonomiku u tekniku.

Skart li fih sustanzi li m'għadhomx permessi fi prodotti ġodda

5.10. Leġiżlazzjoni restrittiva dwar sustanzi kimiċi perikolużi ilha fis-seħħ fl-Istati Membri mis-seklu dsatax u sustanzi kimiċi ġodda jiġu eżaminati b'mod rigoruż għal periklu. Madankollu l-proċess kontinwu ta' valutazzjoni tar-riskju jfisser li l-prodotti li ġew immanifatturati legalment fil-passat li fihom l-SVHCs u dawk li jiġu mmanifatturati llum jista' jkun fihom sustanzi li suċċessivament jistgħu jiġu pprojbiti. Fl-istadju tal-ipproċessar u tal-irkupru tal-iskart dan jista' jirriżulta f"“sustanzi ta' legat” perikolużi.

5.11. L-objettiv huwa li r-riċiklaġġ isir aktar faċli filwaqt li jitjeb it-teħid tal-materja prima sekondarja billi jiġu promossi ċikli ta' materjal mhux tossiku. Barra minn hekk, meta jitqiesu r-restrizzjonijiet possibbli tas-sustanzi kimiċi u eżenzjonijiet mir-restrizzjonijiet, irridu nagħtu aktar attenzjoni lill-impatt tagħhom fuq ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid fil-futur.

5.12. Il-Kummissjoni targumenta li l-kwistjoni tas-sustanzi ta' legat għadha ostakolu għall-ekonomija ċirkolari u għandha tiġi żviluppata metodoloġija tat-teħid ta' deċiżjonijiet speċifika sabiex tappoġġja deċiżjonijiet dwar ir-riċiklabilità ta' skart li fih sustanzi ta' tħassib. Qiegħed isir xogħol bħal dan li għandu jkun lest sa nofs l-2019. Flimkien ma' dan hemm ħtieġa li jiġu ppreparati linji gwida sabiex jiżguraw li l-preżenza tal-SVHCs f'materjali rkuprati tiġi indirizzata aħjar fl-istadji bikrija tal-preparazzjoni ta' proposti għall-immaniġġjar tar-riskju u qiegħda titqies ukoll li tiġi implimentata il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni li tippermetti kontrolli effettivi tal-użu tal-eżenzjoni eżistenti mir-reġistrazzjoni REACH għal sustanzi rkuprati.

5.13. Ir-realtà tas-sustanzi ta' legat toħloq il-mistoqsija jekk huwiex possibbli li tiġi aċċettata l-idea li l-iskart huwa riżorsa li għandna nirriċiklaw billi niżguraw li l-iskart li fih l-SVHCs jiġi rkuprat biss f'materjali li jistgħu jintużaw b'mod sigur. Għandna nippermettu li l-materjali rriċiklati li fihom sustanzi kimiċi ma jibqgħux jiġu permessi f'materjali primarji? Jekk hu hekk, taħt liema kundizzjonijiet?

5.14. L-għan għall-materjali rriċiklati huwa li dawn japprossimaw il-prestazzjoni u l-kompożizzjoni kimika kemm jista' jkun lejn dik ta' materjali primarji komparabbli. Il-fatturi ekonomiċi u tekniċi għandhom rwol konsiderevoli x'jaqdu fid-determinazzjoni tal-fattibilità tat-tneħħija tas-sustanzi ta' tħassib u jiddependu ħafna mill-każ. L-alternattivi tal-politika huma li l-materja prima primarja u sekondarja kollha jkollha tissodisfa l-istess regoli jew li l-materja prima sekondarja tiġi permessa li jkollha derogi speċifiċi u limitati biż-żmien.

5.15. Il-KESE jargumenta li kwalunkwe kriterju applikat f'dan il-kuntest jeħtieġ li jipprevjeni milli s-sustanzi kimiċi perikolużi jkunu preżenti f'materjali rkuprati f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-livell permess għall-materjali verġni.

Nuqqas ta' allinjament dwar ir-regoli li jiddeterminaw liema skart u sustanzi kimiċi huma perikolużi

5.16. Din il-kwistjoni hija relatata mill-qrib mal-punti dwar l-armonizzazzjoni stabbiliti hawn fuq u t-tnejn huma kumplessi fil-kunċett tagħhom. Kif ġie stabbilit hawn fuq il-produzzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi u prodotti perikolużi huma soġġetti għal regoli stretti tal-UE li jiġu adottati biex jipproteġu lill-ħaddiema, liċ-ċittadini u lill-ambjent mill-ħsara. L-immaniġġjar tal-iskart jiġi rregolat b'mod simili minn regoli tal-UE mfassla biex jiksbu l-istess riżultat. Madankollu r-riċerka indikat li ż-żewġ settijiet ta' regoli mhumieħ allinjati b'mod sħiħ⁽¹⁷⁾.

5.17. Huwa meħtieġ li jinkiseb approċċ aktar konsistenti bejn ir-regoli dwar is-sustanzi kimiċi u l-klassifikazzjoni tal-iskart. Pereżempju, l-adozzjoni ta' regoli, simili għad-Direttiva WEEE⁽¹⁸⁾, għal gruppi ta' prodotti jew flussi ta' materjali speċifiċi oħra (eż. għamara jew tessuti) li jimponu trattament xieraq tal-iskart li jkun fih sustanzi kimiċi perikolużi qabel ma jkun jista' jiġi rkuprat u użat fi prodotti ġodda. Il-Kummissjoni beħsiebha tippubblika dokument ta' gwida dwar il-klassifikazzjoni tal-iskart sabiex tassisti lill-operaturi tal-iskart u lill-awtoritajiet kompetenti biex ikollhom approċċ komuni għall-karatterizzazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-iskart. Se jsiru wkoll aktar skambji tal-aħjar prattika dwar il-metodi ta' ttestjar. Il-partijiet interessati huma mitluba jikkunsidraw jekk ir-regoli dwar il-klassifikazzjoni ta' periklu għandhomx jiġu allinjati sabiex l-iskart jitqies perikoluż skont l-istess regoli tal-prodotti.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

⁽¹⁷⁾ Pereżempju: *Keeping it Clean: How to protect the circular economy from hazardous substances (Inżommuha Nadifa: Kif nipproteġu l-ekonomija ċirkolari mis-sustanzi perikolużi)*. Bureau Ambjentali Ewropew.

⁽¹⁸⁾ Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Ewropea għall-Plastiks f’Ekonomija Ċirkolari”

(COM(2018) 28 final)

u dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta’ skart minn bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-Direttiva 2010/65/UE”

(COM(2018) 33 final — 2018/0012 (COD))

(2018/C 283/09)

Relatur: **Antonello PEZZINI**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 5.2.2018 Kunsill, 9.2.2018 Kummissjoni Ewropea, 12.2.2018
Bażi legali	L-Artikoli 100(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	19.9.2017
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.5.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	193/00/01

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE, li mill-bidu kien jappoġġja l-politika tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari, jemma madankollu li din għandha tiġi implimentata f’kuntatt mill-qrib mal-gruppi soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz ta’ attivitajiet ta’ tbassir, u bl-involvement tal-Akkademji u tad-diversi ċentri ta’ taħriġ.

1.1.1. Bl-istess mod, ma jistgħux ikunu preklużi miżuri validi fil-qasam edukattiv u ta’ taħriġ, inċentivi proġettwali u ta’ mgħiba, standards tekniċi regolatorji komuni ta’ kwalità, sistemi attraenti u li jippremjaw — anki fiskali u finanzjarji, minn approċċ sistemiku u intersettorjali, użu intelliġenti u mifrux tal-applikazzjonijiet diġitali.

1.2. Ir-rispett u l-ħarsien tal-beni li jinsabu fil-bilanċ dinamiku tal-bijosfera ma jikbrux b’mod spontanju, iżda huma l-frott tas-sensittività li titrawwem permezz tal-kultura u l-għarfien li l-ħolqien ma ġiex maħluq biex jiġi sfruttat u meqrud, għall-benefiċċji ekonomiċi, iżda biex jintuża b’mod intelliġenti, jissaħħaħ u jiġi ppreżervat “fl-orijini tal-antropomorfiżmu universali” ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Benedetto Croce; fl-istorja ta’ dak kollu li għandu sura ta’ bniedem, fl-univers.

1.3. L-iskoperti l-ġodda, bħall-materjali polimeriċi, għamlu x-xogħol u l-benesseri tal-bniedem aktar faċli, iżda għandhom jiġu mmaniġġjati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, biex ma jaffettwawx ħażin il-proċessi tan-natura.

1.3.1. Il-Kumitat iqis li huwa essenzjali li tiġi żviluppata kultura ta' ekodisinn tal-materjali polimeriċi biex, wara l-ewwel użu tagħhom, ikunu jistgħu jintużaw il-materjali polimeriċi sekondarji.

1.3.2. Hemm bżonn ta' rivoluzzjoni kulturali fl-imġiba u fl-istrutturi tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tal-konsum, li tibdel l-iskart frizorsu siewja għall-użu, mingħajr ma jiġu ttraskurati s-soċjetà ċivili u l-iskejjel ta' kull tip u livell edukattiv.

1.3.3. Skont il-KESE, għandha titfassal strateġija ta' katina ta' provvista mmirata għall-użu mill-ġdid u li tinvolvi lill-kumpanji li għandhom esperjenza fil-proċessi ta' riċiklaġġ, b'mod speċjali fis-settur tal-ippakkjar, li llum huwa mifrux ħafna għal raġunijiet ekonomiċi u iġjeniċi. Dan jinvolvi l-armonizzar u t-fassil tal-ħiliet kemm 'il fuq kif ukoll 'l isfel fil-proċess.

1.3.4. Il-korpi nazzjonali ta' standardizzazzjoni, f'kuntatt mill-qrib mal-korpi Ewropej u internazzjonali, għandhom jintensifikaw il-proċessi ta' rikonnoxximent tal-materja prima sekondarja permezz ta' tikketta biex iżidu s-sigurtà tal-konsumaturi għall-prodotti ġodda permezz ta' armonizzazzjoni Ewropea.

1.3.5. Skont il-KESE, ir-riċerka u l-innovazzjoni għandu jkollhom rwol importanti, b'mod speċjali l-JTI (Inizjattivi teknoloġiċi konġunti) — Institutional Public-private partnerships under Horizon 2020 (Sħubijiet Istituzzjonali Pubbliċi-Privati taħt l-Orizzont 2020), immirati lejn l-iżvilupp ta' bijoprodotti ⁽²⁾ u inizjattivi oħrajn ta' sostenibbiltà ċirkolari fil-PQ9 li jmiss.

1.3.6. Għandha tingħata prijorità lill-proċess ta' applikazzjoni ta' marki diġitali għat-tipi differenti ta' plastiks biex ikunu jistgħu jiġu identifikati, iseparati u possibbilment anki eliminati skont metodi komuni. Dawn il-materji primi sekondarji għandhom ikunu ħielsa, b'mod partikolari, minn ċerti sustanzi tossiċi li jidhru fil-materji primi, li mhumiex maħsubin għall-ikel u għall-ġugarelli tat-tfal.

1.4. Il-KESE jemmen li, permezz ta' analiżijiet kimiċi, b'rabta ma' ma' REACH, għandha tittieħed azzjoni biex jonqos it-tniġġis mill-mikroplastika, li jirrappreżenta waħda mill-akbar theddidiet għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.

1.5. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposti tal-KE biex il-portijiet jiġu mġhammra b'faċilitajiet għall-ġbir tal-iskart u l-obbligi ta' dawk responsabbli mill-bastimenti biex isegwu l-proċeduri tal-ħatt tal-iskart.

1.5.1. Skont il-KESE, politika simili għandha tkun applikata wkoll għall-ġestjoni tax-xmajjar, li jilqgħu ħafna mit-tniġġis tal-ibħra.

1.5.2. Fil-fehma tal-KESE, l-assoċjazzjonijiet tas-sajjeda u l-awtoritajiet soċjali għandhom ikunu involuti, kemm kulturalment kif ukoll permezz ta' finanzjament nazzjonali u/jew komunitarju, feżercizzju ta' tindif tal-ilmijiet mir-residwi polimeriċi, u jippromovu wkoll azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-iskart fl-ixmajjar u fl-ibħra. Mhux dan biss, iżda permezz ta' taħriġ xieraq jistgħu wkoll jintervjenu fil-parti tal-katina ta' provvista stabbilita fil-port jew tul ix-xmajjar, fl-ewwel fażijiet tar-riċiklaġġ, speċjalment waqt il-pawżi fiżjoloġiċi mis-sajd.

1.6. Skont il-KESE, it-tnejja u l-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda komplementari, sussidjarji tal-ekonomija ċirkolari, jirrikjedu r-reviżjoni tal-leġislazzjoni attwali dwar l-iskart, li ġejja mid-Direttiva 2008/98/KE u li titfa' r-responsabilità fuq min ikollu l-iskart iżda spiss ma toħloqx l-istrumenti biex dan jintuża mill-ġdid.

⁽²⁾ L-inizjattiva tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BBI) hija sħubija pubblika-privata (PPP) bejn il-Kummissjoni u l-Konsorzju tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika (BIC). Il-konsorzju attwalment jgħaqqad aktar minn 60 intrapriża żgħira u ta' daqs medju f'setturi tat-teknoloġija, l-industrija, l-agrikoltura u l-forestrija, li kollha huma impenjati li jinvestu fir-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni tal-bijoteknoloġija fuq bażi kollaborattiva fl-ambitu tal-PPP. Huma previsti investimenti ta' EUR 3,8 biljun fil-bijoinnovazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 (Orizzont 2020): EUR 1 biljun mill-fondi tal-UE u EUR 2,8 biljun mill-privat.

1.7. Il-KESE jemmen li l-ekodisinn ⁽³⁾, li s'issa kien applikat fl-iffrankar tal-enerġija, għandu jiġi attivat għal ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari għall-plastik.

1.8. Il-KESE jqis meħtieġa ftehimiet reġjonali xierqa dwar it-tniġġis tal-baħar, bl-estensjoni tagħhom għal politika u pjan ta' prossimità u ftehimiet tal-Euromed u tal-Baltiku.

1.9. Għandhom ikunu appoġġjati u inċentivati l-ftehimiet volontarji settorjali u intersettorjali tal-industrija u l-amministrazzjonijiet pubbliċi territorjali, li jappoġġjaw iċ-ċertifikazzjoni tal-intrapriżi (EMAS, CSR), Green Boat ⁽⁴⁾.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-plastik, mifhum bħala l-isem ġeneriku għall-materjali polimeriċi, huwa materjal importanti u omnipreżenti fl-ekonomija tagħna u fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Dan jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u kompetittiv, għal impjegi sostenibbli u għal diversi innovazzjonijiet teknoloġiċi u proġettwali.

2.2. L-iskoperta tal-plastik — mill-monomeru għall-polimeru — seħħet f'nofs is-snin ħamsin, minn żewġ xjenzati, Natta u Ziegler. Fl-1953, il-kimiku Ġermaniż, Karl Ziegler, irnexxielu jkseb tip ta' plastik miż-żejt, il-polietilen, li l-molekula tiegħu hija polimeru ⁽⁵⁾. Il-kimiku Taljan Giulio Natta kiseb polimeru differenti: il-polipropilen, li għandu privattiva bl-isem ta' Moplen. Din l-iskoperta kkontribwixxiet ħafna biex l-industrija tal-minjieri, li fl-istorja tal-bniedem kienet ipprovdiet il-materjali ⁽⁶⁾ għall-produzzjoni tal-oġġetti għall-ħajja ta' kuljum u għax-xogħol, tidħol fi kriżi.

2.3. Il-plastik ġej miż-żejt, żewġ kili ta' żejt jipproduċu madwar kilogramma plastik.

2.3.1. B'dawn il-materjali ġodda ⁽⁷⁾ nħolqu diversi oġġetti li huma ħfief, ma jsaddux u lanqas jinkisru. Fl-1973 ġie prodott l-ewwel flixkun magħmul mill-PET ⁽⁸⁾.

2.4. Il-KESE enfasizza ⁽⁹⁾ preċedentement kif "it-tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea ċirkolari tista' tiftaħ prospettivi pożittivi għall-kisba tal-oġġetti tal-istrateġija Ewropa 2020".

2.5. Il-Kumitat iqis fil-fatt li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari Ewropea rilevanti tista' tiftaħ prospettivi pożittivi f'termini ta' kompetittività sistemika tal-UE sakemm tkun ibbażata fuq viżjoni strateġika Ewropea kondiviża bil-parteċipazzjoni attiva tad-dinja tax-xogħol, tal-gvernijiet, ta' min iħaddem, tal-ħaddiema, tal-konsumaturi u tal-awtoritajiet leġislattivi u regolamentari fil-livelli differenti ⁽¹⁰⁾.

2.6. Il-KESE jfakkar it-tnedija tal-Pakkett tal-2014 ⁽¹¹⁾ — li mbagħad ġie rtirat — u dak ta' Diċembru 2015 bl-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija ċirkolari, li kien identifika l-plastik bħala prijorità ewlenija.

2.7. Skont il-KESE, "l-aħjar mod biex tinkiseb bidla fl-imġiba huwa permezz ta' sinjali ċari tal-prezzijiet, jiġifieri billi jiġu offruti konvenjenza u prezzijiet kompetittivi lill-konsumaturi. Dan jista' jinkiseb billi wieħed jirrikorri għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur u/jew għat-taxxa ekoloġika" ⁽¹²⁾.

2.8. Fl-2016 l-industrija Ewropea tal-plastik kisbet fatturat ta' kważi EUR 350 biljun, b'madwar 62 elf kumpanija, b'aktar minn 1,5 miljun ħaddiem u bi produzzjoni ta' 60 miljun tunnellata ⁽¹³⁾.

2.9. Illum il-plastik huwa preżenti f'kull aspett tal-ħajja ta' kuljum: mit-trasport għall-bini, mit-telekomunikazzjoni għall-oġġetti għall-konsumatur, mill-ikel għas-saħħa.

⁽³⁾ Id-Direttiva 2005/32/UE u modifiki suċċessivi.

⁽⁴⁾ Ara l-Artikolu 8(5) ta' COM (2008) 33.

⁽⁵⁾ Ziegler skopra, flimkien ma' Giulio Natta, is-sinteżi sterjospecifica tal-polipropilen, bl-użu ta' katalizzaturi li kien fihom it-titanju; dawn it-tipi ta' katalizzaturi normalment jissejħu katalizzaturi ta' Ziegler-Natta. Fl-1963 rebħu l-Premju Nobel għall-kimika.

⁽⁶⁾ Żingu, blenda, kalamín, baritina, bakelite.

⁽⁷⁾ PE (Polietilen); PP (Polipropilen); PS (polistiren); PET (Tereftalat tal-PoliEtilen); PVC (Klorur tal-PoliVinil).

⁽⁸⁾ Privattiva ta': N. Convers Wyrth, inġinier Amerikan.

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KESE (ĠU C 230, 14.7.2015, p. 91).

⁽¹⁰⁾ Opinjoni tal-KESE (ĠU C 230, 14.7.2015, p. 91).

⁽¹¹⁾ Ara SWD(2014) 0208 u SWD(2015) 259 final.

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-KESE (ĠU C 230, 14.7.2015, p. 91).

⁽¹³⁾ Ara r-rapport dwar "L'eċċellenza della filiera della plastica per il rilancio industriale dell'ITALIA e dell'EUROPA 2017" (Ir-rwol ewleni tal-industrija tal-plastik fit-tiġdid industrijali tal-Italja u l-Ewropa, 2017) <https://www.ambrosetti.eu/wp-content/uploads/parte-2.pdf>

- 2.10. L-SMEs, li jirrappreżentaw madwar 80 % tal-kumpaniji tal-plastik fl-UE, għandhom inqas minn 20 ħaddiem, u l-kumpaniji kbar/medji jirrappreżentaw madwar 20 %⁽¹⁴⁾.
- 2.11. Kull sena l-Ewropej jiġġeneraw 25 miljun tunnellata skart magħmul mill-plastik. Inqas minn 30 % minnu jiġi rriċiklat⁽¹⁵⁾.
- 2.12. Skont studju reċenti li sar fuq skala Ewropea (nota 15), is-sostituzzjoni tal-plastik minn materjal ieħor, fl-applikazzjonijiet ewlenin tiegħu, tkun tfisser żieda fil-piż tal-imballaġġ ta' kważi erba' darbiet aktar mill-piż tal-imballaġġ magħmul mill-plastik; żieda ta' 60 % tal-volum tal-iskart prodott; żieda fil-konsum annwali tal-enerġija ta' 57 % tul iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja.
- 2.12.1. Min-naħa l-oħra, 95 % tal-valur tal-imballaġġ jintilef wara l-ewwel użu. Mit-78 miljun tunnellata rilaxxati għall-konsum, 72 % ma jiġux irkuprati. Minn dawn, 40 % jispiċċaw fil-miżbliet u 32 % mhumiex koperti mis-sistemi ta' ġbir uffiċjali.
- 2.13. Għalhekk jeħtieġ li jiġi żviluppat l-ekodisinn għall-plastik biex ikun aktar riċiklabbli u biex tizzied id-domanda għall-plastik riċiklat mid-diversi setturi industrijali u ċirkwiti ta' distribuzzjoni, mill-konsumaturi u miċ-ċittadini Ewropej.
- 2.13.1. Huwa importanti li jiġi intensifikat id-djalogu mal-industrija tar-riċiklaġġ, biex ikun hemm fehim tal-proċessi tal-produzzjoni, ir-rekwiżiti u t-teknoloġiji tiegħu.
- 2.14. Il-plastik riċiklat għandu jgħaddi minn żvilupp ta' tiġdid u aġġornament permezz ta' proċess ta' standardizzazzjoni u ta' ċertifikazzjoni permezz ta' tikketta.
- 2.15. F'ekonomija ċirkolari, il-plastik għandu jitqies bħala beni materjali komuni prezzjuż, peress li huwa essenzjali għal żvilupp ekonomiku sostenibbli u kompetittiv għas-servizz taċ-ċittadin, tas-saħħa u tal-ambjent, sakemm l-oġġetti li jinkludu din il-materja prima ma jibqgħux jitqiesu bħala "skart li għandu jiġi eliminat" iżda bħala "oġġetti li għandhom jiġu rkuprati".

3. L-ibħra u l-plastik

- 3.1. 70 % tal-wiċċ tad-dinja jikkonsisti fibhra u oċeani, u l-ilmijiet tal-baħar jirrappreżentaw 97 % tar-riżorsi tal-ilma tagħha. L-oċeani huma l-akbar alleati tagħna kontra t-tibdil fil-klima u ddaħħlu fil-Ftehim ta' Pariġi, b'rapport speċjali tal-IPCC, iddedikat għall-oċeani.
- 3.2. L-iskart tal-baħar, u l-aktar il-plastik u l-mikroplastik, huma theddida serja għall-oċeani u, għaldaqstant, huma ta' tħassib globali li jaffettwa lill-oċeani kollha tad-dinja. Kull sena jintremew miljuni u miljuni ta' tunnellati ta' skart fl-oċeani, fid-dinja kollha, li jiġġenera problemi ambjentali, ekonomiċi, estetiċi u għas-saħħa. L-iskart fil-baħar jista' joħloq ħsara serja ekonomika bħal pereżempju t-telf għall-komunitajiet tal-kosta; tnaqqis fit-turiżmu; xkiel għat-trasport bil-baħar u għas-sajd.
- 3.3. L-ispiża potenzjali tat-tindif tal-kosta u l-bajjiet kollha tal-UE ġiet stmata madwar EUR 630 miljun fis-sena.
- 3.4. Minħabba l-mod kif jakkumula u jinxtered, l-iskart fil-baħar jirrappreżenta theddida serja għas-saħħa tal-oċeani tad-dinja, l-aktar peress li jiżdied malajr. F'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' miżuri bbilanċjati u effettivi ta' ekonomija ċirkolari, fil-livell internazzjonali u Ewropew, immirati biex inaqqsu l-iskart fil-baħar tal-UE bi 30 % u b'50 % fl-2025 u fl-2030.
- 3.4.1. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-ewwel hemm bżonn li tiġi emendata l-leġislazzjoni eżistenti: bħalissa l-iskart jappartjeni lil min jiġbru, li jwassal għal diżinċentiv tal-ġbir.
- 3.4.2. Għandhom jiġu studjati inċentivi xierqa għal dawk, speċjalment għas-sajjieda, li jistgħu jikkollaboraw flimkien biex inaddfu l-baħar u x-xmajjar, anki b'użu xieraq tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

⁽¹⁴⁾ Ambrosetti, *L'eccellenza della filiera della plastica nell'UE*, 2015.

⁽¹⁵⁾ Kummissjoni Ewropea, stqarrija għall-istampa 16 ta' Jannar 2018.

3.5. Fit-18 ta' Diċembru 2017 il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-ekoinnovazzjoni u enfażizza wkoll "il-ħtieġa għal konsistenza bejn politiki li jappoġġjaw l-innovazzjoni u politiki oħrajn, b'mod partikolari: il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, ir-rispett għall-ambjent u għat-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari" ⁽¹⁶⁾.

3.6. Il-PE, min-naħa tiegħu, adotta diversi dokumenti dwar is-suġġett: mir-Riżoluzzjoni tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi: lejn ekonomija ċirkolari; sar-riżoluzzjonijiet adottati fi Frar 2017 dwar il-"pakkett tal-iskart", u r-Riżoluzzjoni tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar il-"Governanza internazzjonali tal-oċeani".

3.7. L-intervent għat-tindif tal-Baħar Mediterran jista' jsib sinerġiji mal-Programm Prima (PPP), li jipprevedi interventi ekoloġiċi għal skopijiet ambjentali ⁽¹⁷⁾.

4. Il-proposti tal-Kummissjoni

4.1. L-istrateġija proposta mill-KE hija mmirata biex tħares l-ambjent mit-tniġġis tal-plastik u fl-istess ħin tippromovi t-tkabbir u l-innovazzjoni, u b'hekk tipproma tibdel sfida ekonomika ta' paradigma lineari, produzzjoni-distribuzzjoni-konsum-imġiba, f'mudell ċirkolari, li jsostni lilu nnifsu permezz tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, u li jasal biex jikkunsidra l-"iskart" bħala "riżorsi li għandhom jiġu riġenerati".

4.2. Użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru jsiru kelmiet ewlenin li madwarhom tinbena paradigma ġdida biex jitrawwem tfassil ġdid, sostenibbiltà, innovazzjoni u kompetittività, fis-suq intern kollu u f'dak internazzjonali.

L-istrateġija proposta tippovdi 40 azzjoni, 15-il rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u tmien rakkomandazzjonijiet lill-industrija.

4.3. Il-proposta għal Direttiva dwar il-faċilitajiet ta' ġbir fil-portijiet tintroduċi standards ġodda biex jiġġieldu l-fenomeni tal-iskart fil-baħar, b'miżuri maħsuba biex jiżguraw li l-iskart iġġenerat fuq il-bastimenti jew miġbur mill-baħar ma jintremiex fil-baħar, iżda jinġieb lura l-art biex jiġi rriċiklat kif xieraq. Huma previsti wkoll miżuri għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv li għandhom il-portijiet, il-bastimenti u l-awtoritajiet kompetenti.

5. Kummenti ġenerali u rakkomandazzjonijiet

5.1. Skont il-Kumitat, ma tistax tiġi pplanata strateġija ta' suċċess għall-plastik mingħajr miżuri validi fil-qasam edukattiv u ta' taħriġ, inċentivi proġettwali u ta' mġiba, standards tekniċi regolatorji komuni ta' kwalità, sistemi attraenti u li jippremjaw — anki fiskali u finanzjarji —, minn approċċ sistemiku u intersettorjali, użu intelliġenti u mifruq tal-applikazzjonijiet diġitali, eżerċizzju ta' tbassir mifruq u parteċipi, li jakkumpanja l-proċess b'**kultura Ewropea vera u proprja ta' ċirkolarità tal-plastik ibbażata fuq l-analiżi taċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-prodotti**.

5.2. It-tniġġis mill-mikroplastiks huwa waħda mit-theddiet ewlenin għall-ambjent u s-saħħa tal-bnedmin. Dawn is-sustanzi spiss jintużaw fid-deterġenti, fil-kożmetiċi, fl-għamara, fiż-żebgħa. **Skont il-KESE**, dan it-tniġġis għandu jiġi indirizzat mis-sors, permezz ta' interventi fil-livell tal-UE, fil-qafas ta' **REACH**.

5.3. **Fl-UE, madwar 40 % tal-plastik jintuża darba biss u hu l-fattur prinċipali tat-tniġġis: b'infiq minimu, għal kull basket tal-plastik, jitnaqqas il-konsum b'mod konsiderevoli. Il-KESE jirrakkomanda l-estensjoni ta' din il-miżura għat-tipi kollha ta' plastik li jintuża darba biss.**

5.4. Il-KESE jqis li għandha tingħata prijorità lill-immarrar diġitali tad-diversi tipi ta' plastik, sabiex jiġu identifikati, magħżula u eventwalment esklużi l-elementi ta' ħsara. Fil-plastik ta' spiss insibu sustanzi tossiċi, li mhumiex permessi fil-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel u fil-ġugarelli. Ir-riċiklaġġ tal-plastik jista' jgħib dawn is-sustanzi fil-prodotti l-ġodda. Għalhekk huwa meħtieġ jiġi żgurat u ċċertifikat li l-"materji sekondarji tal-plastik" ma jkunx fihom sustanzi tossiċi.

5.5. Il-legislażjonijiet nazzjonali jvarjaw bejniethom, f'dak li jirrigwarda l-kwantitajiet u l-awtorizzazzjonijiet. Legislażjoni waħda, **armonizzata** u aktar stretta tkun xierqa għall-benefiċċju tal-konsumaturi.

⁽¹⁶⁾ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15811-2017-INIT/en/pdf>, il-konklużjonijiet tal-Kunsill 18.12.2017, *L-Ekoinnovazzjoni: biex tkun tista' ssir transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari*.

⁽¹⁷⁾ COM(2016) 662 final u Opinjonijiet tal-KESE (ĠU C 125, 21.4.2017, p. 80).

5.6. Skont il-KESE, għandhom jiżdiedu l-azzjonijiet li jiżguraw prijorità fir-rigward ta':

- metodi komuni ta' identifikazzjoni;
- diġitalizzazzjoni tal-prodotti, il-proċessi u l-komponenti, għall-immarkar diġitali tat-tipi diversi;
- infrastrutturi eċċellenti ta' ġbir u separazzjoni, mgħammrin b'apparat għall-qari ottiku;
- standards u ċertifikazzjonijiet ta' prodotti, proċessi u impjanti;
- professjonalizzazzjoni u monitoraġġ tar-riċiklaġġ;
- sistemi ta' premji għal responsabbiltà usa' tal-produttur u l-konsumatur;
- tnedija ta' azzjoni pilota tal-UE għall-organizzazzjoni, ħolqien ta' negozju u żvilupp ta' suq verament kompetittiv fis-suq ewropew tal-plastiks tat-tieni kwalità, billi tippromwovi l-akkwist ekoloġiku.

5.7. Is-separazzjoni u, b'mod partikolari, ir-riċiklaġġ tal-PET ⁽¹⁸⁾ jistgħu jgħallu benefiċċji ekonomiċi fl-UE, b'attivitajiet produttivi u impjegji ġodda.

5.8. Sa issa kienet tingħata preferenza lir-riċiklaġġ organiku permezz tal-kompostjar ⁽¹⁹⁾; l-irdim fil-miżbljet; l-irkupru tal-enerġija permezz tal-inċinerazzjoni ⁽²⁰⁾, b'mod partikolar fil-qasam tal-azzar u l-konkrit, b'filtri xierqa għad-dħaħen li jgħorġu.

5.9. Qed isir dejjem iktar importanti r-riċiklaġġ tal-plastik ma' oġġetti ġodda, jew tal-istess tip (flickun/flixkun), jew ta' tip differenti (plastik/drapp). Iżda dan jinvolvi proċess ta' inċentivi għall-konsumaturi ⁽²¹⁾ u l-faċilità tal-identifikazzjoni permezz ta' apparat tal-qari diġitali fil-postijiet tal-ġbir.

5.10. Il-PET riċiklat jista' jintuża bħala fibra għall-produzzjoni ta' drapp saġfi u xitwi, owverols, uniformijiet militari, rinforzi tat-tajers, vireg, ċineg tal-ġarr, folji għall-imballaġġ, prodotti stampati.

5.11. Bi strateġija ta' standardizzazzjoni teknika-regolatorja u ta' ċertifikazzjoni qawwija, anki wara r-riċiklaġġ, jekk il-proċessi jsiru b'mod korrett u ċertifikat ⁽²²⁾, il-PET jibqa' kimikament inert u għalhekk adatt għal applikazzjonijiet li jippermettu kuntatt sikur mal-ikel ⁽²³⁾.

5.12. **F'dak li għandu x'jaqsam mal-iskart fil-baħar**, il-KESE jappoġġja l-koordinazzjoni tad-Direttiva mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL) u jemmen li l-indirizzar tal-kwistjoni tal-iskart tal-vapuri tas-sajd u ta' rikreazzjoni jista' joffri soluzzjonijiet għall-problema tat-tniġġis tal-baħar, sakemm jiġu identifikati eżenzjonijiet għall-bastimenti ż-żgħar u għall-portijiet bi traffiku limitat.

5.13. Għall-organizzazzjoni tal-ġbir tal-iskart mill-baħar ikun xieraq li permezz tal-użu tal-Fond tas-Sajd FEMS, jiġu involuti l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda li, b'taħriġ adegwat, ikunu jistgħu jintegraw id-dħul mhux dejjem sigur mis-sajd mal-impenn fil-ġbir u fil-katina ta' provvista tar-riċiklaġġ.

⁽¹⁸⁾ PET: Treflat tal-PoliEtilen, kompożizzjoni $(C_{10}H_8O_4)_n$. Magħmul miż-żejt mhux raffinat (C_9H_{18}) . Huwa reżina termoplastika, adatta għall-kuntatt mal-ikel.

⁽¹⁹⁾ Il-**kompost** huwa dak li jifdal wara l-proċess ta' dekompożizzjoni u l-umidifikazzjoni fuq residwi organiċi.

⁽²⁰⁾ FDS, **fjuwil derivat mill-iskart**. Waqt il-kombustjoni, it-taħlil tal-irbit bejn l-atomi H u C tal-plastik jarmi kwantitajiet kbar ta' sħana.

⁽²¹⁾ Pereżempju, depożitu obligatorju fil-Ġermanja u l-obbligu tal-bejjeġġha li jiġbru l-flicken vojta fl-Iżvizzera.

⁽²²⁾ Prevenzjoni tal-formazzjoni tal-aċetaldeid, l-ottimizazzjoni tat-temperatura tat-tidwib, il-ħin ta' permanenza. L-esklużjoni tad-dekontaminazzjoni.

⁽²³⁾ Il-liġi ta' xi Stati Membri ma tippermettix li l-kontenituri maħsubin għall-ikel ikun fihom aktar minn 50 % ta' materjal li ġej minn plastiks sekondarji. U ma jistgħux jiġu f'kuntatt mal-ikel, u għalhekk il-plastik irriċiklat jiġi akkoppjat ma' plastik "ġdid" għall-parti li tkun tmiss mal-ikel.

5.14. L-istess jista' jingħad għat-tindif tax-xmajjar, bl-użu tal-kooperattivi tax-xogħol, bl-emendar tal-leġislazzjoni attwali ⁽²⁴⁾.

5.15. Il-KESE jqis l-iżvilupp ta' ftehimiet reġjonali dwar it-tniġġis tal-baħar bħala prijorità, b'mod partikolari fiż-żoni tal-ibħra u tax-xmajjar.

6. Kummenti speċifiċi

6.1. **Mill-PET għall-ħajt.** Ir-riċiklaġġ tal-PET jinvolti proċess mekkaniku/kimiku innovattiv, li ma jniġġisx, li jżomm il-purezza tal-fibra, u b'hekk inaqqas il-konsum tal-ilma u l-enerġija, u l-emissjonijiet ta' CO₂ b'madwar 30 %, mingħajr ma jipproduċi gagazza jew skart.

6.1.1. L-ewwel ħaġa li tiġi rkuprata hija l-materja prima, permezz tal-ġbir separat. Wara l-fażijiet ta': tqattigħ, ħasil, tħin, iffurmar ffili, tnixxif u granulazzjoni, il-PET jinbidel f'polimeru ġdid, permezz ta' proċess li ma jniġġisx u li juża primarjament il-varjazzjonijiet fit-temperatura. Fl-aħħar, il-polimeru maħlul li jinkiseb jintbagħat f'ekstruder. Dan jinqata' fit-tul mixtieq, ffirxa ta' ħjut sintetiċi, riċiklati, f'poliesteru ta' kwalità għolja u bi prestazzjoni għolja.

6.2. L-iżvilupp tal-PET ⁽²⁵⁾ (it-Tereftalat tal-PoliEtilen) fi drapp huwa innovazzjoni, rispetta lejn l-ambjent u kwalità: mit-tekniki ta' produzzjoni sad-disinn.

6.2.1. Data teknika ⁽²⁶⁾:

- 2 kg ta' żejt (C₉H₁₈) jipproduċi 1 kg ta' PET (C₁₀H₈O₄)_N;
- Flixxun ta' litru u nofs jiżen 38 gramma;
- Flixxun ta' nofs litru jiżen 25 gramma;
- biex jinħadem flokk tas-suf (330 g/m²) jenħtieġu madwar 27 flixxun ta' litru u nofs;
- 27 flixxun jikkorrispondu għal 1 026 gramma ta' PET, ekwivalenti għal madwar 2 052 gramma żejt;
- it-tnaqqis ta' CO₂ għal 2 052 gramma żejt (24,2136 kWh) ⁽²⁷⁾ huwa ta' **6,39239 kg/CO₂**.

6.2.2. Eżempju ieħor: 53 900 flixxun tal-plastik ta' litru u nofs, irriċiklati, jistgħu jinbidlu f'poliester tajjeb ħafna, li minnu jistgħu jsiru 7 000 basket (rucksack), b'iffirankar ta' 3,34 t ta' CO₂ ⁽²⁸⁾.

7. Kwistjonijiet għall-konsiderazzjoni

7.1. Impenji fil-livell nazzjonali:

- l-edukazzjoni, mill-iskola, għas-separazzjoni tal-iskart (inkluż il-plastik!), b'mod partikolari fil-livell tal-unità domestika;
- il-ħolqien ta' kooperattivi/konsorzji li jiġbru l-plastik, f'kollaborazzjoni ma' muniċipalitajiet u azjendi, u jgħadduh liċ-ċentri tat-trattament u għaċ-ċertifikazzjoni ta' "materja plastika sekondarja";
- adattament tal-istandards attwali tal-iskart għall-ħtiġijiet tal-ġbir tal-plastik.

⁽²⁴⁾ L-20 xmara li l-aktar iniġġsu fid-dinja, prinċipalment lokalizzati fl-Asja, huma responsabbli għal 67 % tat-totali globali.

⁽²⁵⁾ Il-Poliesteri jiġu mill-PET u huma disponibbli kemm fi blalen kif ukoll f'ħajt lixx jew f'ħajt oħxon u wkoll bħala mikrofibra.

⁽²⁶⁾ Sors: Pielleitalia S.r.l Grassobbio Bergamo.

⁽²⁷⁾ Sors: JRC Ispra: Fattur ta' konverżjoni taż-żejt mhux raffinat:

— 11,8 MWh/t

— 0,264 tCO₂/MWh

⁽²⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 28: JRC Ispra.

7.2. Il-KESE jappoġġja d-djalogu bejn il-partijiet għat-twaqqif ta' Fond li jinvesti f'teknoloġiji għar-riċiklaġġ tal-plastik u għall-ħolqien ta' suq Ewropew tal-plastiks sekondarji ta' kwalità.

7.3. Appoġġ permezz ta' H 2020 — **u l-PQ9 il-Ġdid** anke bi studji dwar il-batterji ⁽²⁹⁾ — lill-JTI (Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti) — Institutional Public-private partnerships (waħda mis-seba' JTI) Bio-based Industries.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

⁽²⁹⁾ L-Istitut tat-Teknoloġija ta' Kjoto u l-Università ta' Keio, flimkien ma' istituti oħrajn ta' riċerka Ġappuniżi, iżolaw speċi ta' batterju, *Ideonella sakaiensis*, li kapaċi "jiekol" il-plastik, u jużah bħala sors ta' għajxien u biex jikber, permezz ta' azzjoni kimika ta' żewġ enzimi biss. Ara: science.sciencemag.org/content/351/6278/1196 — YOSHIDA & OTHERS. Il-bijolġu tal-Università ta' Portsmouth, il-Professor John McGeehan u l-kollegi tiegħu b'mod aċċidentali ħolqu verżjoni "super-powered" tal-enzima li tiekol il-plastik, ippubblikat fil-ġurnal Proceedings of the National Academy of Sciences, 2018.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-
“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku
u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja”

(COM(2017) 713 final)

(2018/C 283/10)

Relatur: **Jarmila DUBRAVSKÁ**

Korelatur: **John BRYAN**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 18.1.2018
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċizzjoni tal-Bureau	5.12.2017
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.5.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	195/7/18

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja u jemmen li Politika Agrikola Komuni (PAK) iffinanzjata sew u b'saħħitha hija essenzjali għal agrikoltura vijabbli u sostenibbli fl-UE.

1.2. Il-PAK futura għandha tilħaq l-oġettivi oriġinali stabbiliti fit-Trattat ta' Ruma kif ukoll oġettivi ġodda marbutin mal-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura li jinżamm il-mudell Ewropew tal-agrikoltura u din tal-aħħar tibqa' kompetittiva u vijabbli, biex jintlaħqu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini Ewropej. Il-PAK il-ġdida għandha wkoll tadotta u twettaq il-miri stabbiliti fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs) u fil-COP21.

1.3. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-orjentazzjoni tar-riformi u tal-proposti l-ġodda dwar is-sussidjarjetà u l-mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li jiġu implimentati b'mod li jipproteġi l-politika komuni u s-suq uniku u li jkunu konformi mal-impenji dwar is-semplifikazzjoni. Madankollu, il-KESE jemmen li l-Komunikazzjoni jmissha kienet aktar speċifika. Il-KESE kellu t-tama li l-Kummissjoni kienet se tqis il-fehmiet espressi mis-soċjetà ċivili indikati f'din l-Opinjoni fil-proposti leġislattivi previsti. L-iskadenza għall-Opinjoni tal-KESE u l-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni kienet qasira wisq.

1.4. Il-KESE jappoġġja l-mudell tal-PAK b'żewġ pilastru, fejn l-ewwel pilastru jipprovdi pagamenti diretti li għandhom jingħataw orjentazzjoni ġdida u għandhom jiżguraw dħul ġust għall-bdiewa u inċentiv biex jitwasslu l-beni pubbliċi, kif ukoll appoġġ għas-suq, u t-tieni pilastru jipprovdi appoġġ għaż-żoni rurali u kontra d-depopolazzjoni f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0. Il-KESE jopponi l-kofinanzjament tal-ewwel pilastru. Jappella favur livell raġonevoli ta' kofinanzjament tat-tieni pilastru għall-Istati Membri kollha. Il-KESE m'għandux dubju li l-pagamenti diretti għandhom jingħataw biss lil bdiewa attivi, abbażi ta' kriterji oġġettivi marbutin mal-produzzjoni agrikola u l-provvista tal-beni pubbliċi.

1.5. Il-KESE jappoġġja PAK b'saħħitha u ffinanzjata tajjeb flimkien ma' żieda fil-baġit tal-UE għal tal-inqas 1,3 % tal-ING (Introjtu Nazzjonali Gross) skont it-tkabbir fl-ekonomija tal-UE. Għandu jiġi pprovdut finanzjament adatt tal-PAK sabiex jindirizza d-dħul baxx tal-bdiewa u tal-ħaddiema fl-agrikoltura, l-inflazzjoni u kwalunkwe tnaqqis minħabba l-Brexit, kif ukoll ir-rekwiżiti addizzjonali ambjentali u tat-tibdil fil-klima, kif ukoll biex tiġi indirizzata l-ħtieġa għal armonizzazzjoni tal-pagamenti diretti fost l-Istati Membri b'kunsiderazzjoni tad-differenzi fil-kundizzjonijiet.

1.6. Il-KESE jemmen li l-PAK għandha tappoġġja liż-żgħar u l-kbar, liż-żgħażaġh u l-anzjani, lil dawk ġodda u lil dawk stabbiliti, lill-bdiewa li jaħdmu għal rashom u l-impjegati tagħhom, lin-nisa kif ukoll l-irġiel, b'tali mod li l-ħajja fil-kampanja tkun vijabbli għall-bdiewa attivi involuti fil-produzzjoni agrikola, u b'hekk jiġu pprovduti beni pubbliċi, jitħares l-ambjent u jingħata kontribut għall-impjeg.

1.7. Filwaqt li jilqa' bi pjaċir il-proposti dwar is-sussidjarjetà u l-għoti ta' responsabbiltà akbar lill-Istati Membri, il-KESE m'għandux dubju li għandha tinżamm PAK b'saħħitha, mingħajr ebda rinazzjonalizzazzjoni li tipperikola s-suq uniku. Is-sussidjarjetà għandha tapplika biss għall-pjani tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-PAK, filwaqt li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà biex jadottaw dawk l-opzjonijiet ta' pagament taħt l-ewwel u t-tieni pilastru li jkun l-aktar adatti għat-tipi ta' biedja, strutturi u kundizzjonijiet fil-pajjiżi speċifiċi, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet naturali u l-ambjent tagħhom.

1.8. Il-mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni propost rigward l-oġġettivi tal-ambjent u t-tibdil fil-klima għandu jkun applikat b'mod predominanti fil-livell tal-Istati Membri. F'konformità mal-impenn dwar is-semplifikazzjoni, għandu jkun sempliċi u faċli biex jinftiehem mill-bdiewa, mingħajr ma jiġu imposti spejjeż addizzjonali. Il-pjani strateġiċi nazzjonali għandhom jiġu ttrasformati fil-livell tal-azjendi agrikoli fi pjani sempliċi b'indikaturi sempliċi li jistgħu jitkejlu u li jintfiehmu faċilment.

1.9. Is-semplifikazzjoni ilha għal żmien twil karatteristika ewlenija fil-komunikazzjoni dwar il-PAK, u l-impenn biex issir realtà għandu jiġi rispettata f'din ir-riforma. Il-KESE jemmen li din ir-riforma hija opportunità reali għas-semplifikazzjoni u ppropona lista ta' kwistjonijiet speċifiċi ħafna għall-implimentazzjoni. Il-kundizzjonalità għandha tiġi kkonsolidata bl-użu tal-avvanzi teknoloġiċi; il-forma u r-rati ta' spezzjoni għandhom jiġu ottimizzati u jsir rieżami tagħhom, u t-tolleranzi, jekk ikun jaqbel, jiżiedu sabiex tiġi evitata eżattezza artifiċjali; il-bdiewa għandu jkollhom l-opportunità li jirrettifikaw kwalunkwe nuqqas ta' konformità permezz ta' proċess ta' għeluq (close-out proċess) qabel l-applikazzjoni ta' penali, u l-pagament għandu jsir fil-ħin. Il-prinċipju tal-annwalità għandu jkun applikat hawnhekk sabiex tiġi evitata l-ħtieġa għal verifiki u penalitajiet retroattivi.

1.10. Il-KESE jappoġġja ħafna l-miżuri mtejbja għall-bdiewa żgħażaġh u ppropona sitt miżuri speċifiċi inkluża definizzjoni ċara ta' bdiewa żgħażaġh biex tiġi indirizzata l-kwistjoni kritika tat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura.

1.11. Minn perspettiva ambjentali pożittiva u sabiex tiżdied is-superfiċje ta' bwar madwar l-UE, il-KESE jirrakkomanda appoġġ dirett aktar b'saħħtu għal bwar permanenti, b'livell oġhla ta' pagamenti.

1.12. Il-PAK ta' wara l-2020 għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista sabiex ikunu jistgħu jiksbu dħul ġust u ma jkunux l-iżjed ħolqa dgħajfa fil-katina⁽¹⁾. Il-PAK għandha tipproteġi l-funzjonament tas-suq uniku, b'tikkettar obbligatorju dwar l-orġini tal-prodotti agrikoli li ma jkunx ta' tfixkil għall-moviment liberu tal-beni fl-UE.

1.13. Il-KESE jemmen li l-PAK għandha tkun komplementari għal politika komprensiva dwar l-ikel⁽²⁾.

1.14. L-UE teħtieġ konsum sostenibbli tal-ikel li jirrispetta r-rekwiżit għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju⁽³⁾ u standards ambjentali u tat-tibdil fil-klima għolja, f'konformità mal-ekonomija ċirkolari u l-biedja ekoloġika.

1.15. L-agrikoltura mhijiex biss il-produzzjoni tal-ikel iżda anke l-ġestjoni tal-art agrikola, l-użu tar-riżorsi tal-ilma u l-preservazzjoni ambjentali. Il-KESE għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tipproteġi l-art fil-livell tal-UE milli tinħataf u tibda tintuża b'mod irriversibbli għal skopijiet oħrajn – u mid-degradazzjoni, id-deżertifikazzjoni, l-abbandun, it-tniġġis u l-erożjoni⁽⁴⁾. Għandha tiġi rikonoxxuta wkoll rabta mill-qrib bejn l-agrikoltura u l-forestrija.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-fatturi bażiċi ewlenin li jinfluwenzaw il-Politika Agrikola Komuni wara l-2020" (ĠU C 75, 10.3.2017, p. 21).

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp ta' politika komprensiva dwar l-ikel fl-UE* (ĠU C 129, 11.4.2018, p. 18).

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-ġustizzja klimatika" (ĠU C 81, 2.3.2018, p. 22).

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-użu tal-art għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-servizzi tal-ekosistema* (ĠU C 81, 2.3.2018, p. 72).

1.16. Il-KESE jemmen li għandu jkun hemm strateġija ferm aktar koerenti bejn il-PAK u l-politika tal-kummerċ internazzjonali segwita mill-UE. Filwaqt li jirrikonoxxi li politika kummerċjali hija kruċjali sabiex il-PAK tirnexxi, il-KESE jqis li kwalunkwe ftehim kummerċjali ġdid għandu jisħaq li l-istandards Ewropej dwar il-kwistjonijiet kritiċi tas-sikurezza tal-ikel, l-impatt ambjentali, is-saħħa u l-benessri tal-annimali u tal-pjanti kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol jiġu rrispettati b'mod sħiħ.

2. L-importanza tal-agrikoltura u l-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja

2.1. L-agrikoltura sostenibbli u vijabbli hija l-uniku settur li jista' jissodisfa l-aktar ħtieġa bażika għall-popolazzjoni tal-bniedem mil-lat ta' produzzjoni tal-ikel, u permezz tal-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-art tipprovdi wkoll beni pubbliċi essenzjali li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ambjentali tar-riżorsi tal-ilma, il-ħamrija, l-arja u l-bijodiversità tagħna.

2.2. Minbarra li jipprovdu beni pubbliċi, l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, bi 11-il miljun bidwi, jgħolqu 22 miljun impjeg direttament fl-azjendi agrikoli u 22 miljun impjeg ieħor madwar l-Ewropa kollha fl-oqsma usa' tas-settur tal-ikel bħall-ipproċessar, il-kummerċ u t-trasport u anke x-xjenza, ir-riċerka u l-edukazzjoni. L-agrikoltura tista' tikkontribwixxi aktar fir-rigward tar-riżultat ekonomiku, it-tkabbir u l-impjiegi fiż-żoni rurali kollha, jekk jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-qafas kif meħtieġ.

2.3. Il-biedja u l-agrikoltura għandhom rwol kruċjali x'jaqdu fil-Ġejjieni tal-Ewropa u fl-implimentazzjoni tal-miri stabbiliti kemm fl-SDGs tan-NU kif ukoll fl-impenji taħt il-21 Konferenza tal-Partijiet (COP21). Skont il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja, l-agrikoltura tista' tagħti benefiċċji kbar lis-soċjetà, permezz ta' katina tal-ikel imtejba, mil-lat tal-forniment ta' provvista abbundanti ta' ikel u materja prima sikuri u affordabbli b'mod sostenibbli li tipproteġi r-riżorsi ambjentali ewlenin tagħna tal-ħamrija, l-ilma, l-arja u l-bijodiversità, kif ukoll trendi dħul ġust għall-bdiewa permezz ta' prezzijiet vijabbli.

2.4. Il-KESE jemmen li minbarra l-ilħuq tal-oġġettivi ewlenin stabbiliti fit-Trattat ta' Ruma li jinvolvu 1) iż-żieda fil-produttività agrikola, 2) l-iżgurar ta' standard ta' għajxien ġust għall-bdiewa, 3) l-istabbilizzazzjoni tas-swieq, 4) id-disponibbiltà tal-provvisti, u 5) l-iżgurar ta' prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi, fil-ġejjieni l-PAK għandha tikseb aktar riżultati pożittivi, b'mod speċjali fir-rigward tal-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, kif ukoll fir-rigward ta' kwistjonijiet soċjali u l-impjeg f'żoni rurali.

2.5. Il-KESE jirrikonoxxi li l-oġġettivi tal-PAK tat-Trattati ta' Ruma żviluppaw maż-żmien u l-oġġettivi kollha għad ma ntlaħqux għal kollox. Wieħed mill-għanijiet kien u għadu l-ġenerazzjoni ta' dħul biżżejjed permezz taż-żieda fil-produttività tal-azjendi agrikoli. Illum l-azjendi huma aktar produttivi minn qatt qabel iżda spiss jiġri li d-dħul ma jkunx biżżejjed, u f'ħafna każijiet il-pagamenti diretti hađu post il-prezzijiet "ġusti u xierqa", li jistgħu jinkisbu fis-swieq. Bdiewa li huma attivi għandhom bżonn il-pagament uniku tal-azjendi agrikoli minbarra d-dħul mis-swieq.

2.6. Il-KESE jemmen li l-prinċipji ewlenin li ġejjin għandhom jiffurmaw il-bażi għall-oġġettivi futuri tal-PAK:

- Protezzjoni tal-Mudell Ewropew tal-Agricoltura bir-rwoli multifunzjonali u bl-azjendi agrikoli tal-familja vijabbli tiegħu, l-SMEs, il-kooperattivi u sistemi oħrajn ta' biedja fuq bażi storika fi ħdan l-UE. Il-PAK għandha tagħmilha possibbli li jkun hemm produzzjoni agrikola sostenibbli fir-reġjuni kollha tal-UE;
- Pagamenti diretti qawwija li jappoġġjaw dħul vijabbli għall-bdiewa;
- Azzjonijiet ta' żvilupp rurali b'saħħithom;
- Suq uniku li jiffunzjona tajjeb;
- Pożizzjoni aktar b'saħħitha għall-produttur primarju fil-katina ta' valur;
- Użu u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-ħamrija, l-ilma, l-arja u l-bijodiversità;
- Protezzjoni ambjentali u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;
- Preservazzjoni tan-natura u l-pajsaġġ;

- Appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali u biex jiġu attirati l-bdiewa żgħażaġh;
- Promozzjoni tal-impjieġ;
- Protezzjoni tal-impjieġi u l-inklużjoni soċjali;
- Appoġġ għat-*tkabbir* u tisħiħ tal-kompetittività;
- Aċċess taċ-ċittadini għal varjetà wiesgħa ta' ikel prodott b'mod sostenibbli inklużi prodotti regionali, prodotti b'indikazzjoni ġeografika u ikel organiku;
- Adozzjoni ta' politika kummerċjali koerenti f'konformità mal-oġġettivi tal-PAK;
- Indikazzjoni obbligatorja tal-orijini bħala valur miżjud għall-konsumaturi;
- Tingħata prijorità lill-azzjonijiet ta' taħriġ iffokati fuq it-titjib tal-produzzjoni u l-kwalità tal-ikel;
- Jiġu permissi l-flussi ta' migrazzjoni ċirkolari sabiex iwieġbu għall-ħtiġijiet tal-produzzjoni b'ħaddiema staġjonali minn pajjiżi terzi;
- Tissaħħaħ id-diġitalizzazzjoni ta' żoni rurali, l-attività tal-biedja u l-katina tal-provvista tal-ikel.

2.7. Il-KESE jemmen li l-proposti l-ġodda fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sussidjarjetà u l-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni huma pożittivi u, jekk jiġu implimentati bil-mod korrett, jista' jkollhom impatt pożittiv kbir fuq il-PAK fil-livell tal-azjendi agrikoli f'termini ta' semplifikazzjoni u tnaqqis tal-burokrazija u anke f'termini ta' miżuri ta' aġġustament aħjar għall-kundizzjonijiet differenti fl-Istati Membri u biex il-politika ssir aktar iffokata fuq l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Il-KESE jemmen ukoll li dan jeħtieġ xi tibdiliet fundamentali fil-PAK, li wħud minnhom jinsabu fil-proposti tal-Kummissjoni. B'implimentazzjoni xierqa, dawn jistgħu jħallu impatt pożittiv fuq l-agrikoltura u l-kisba tal-għanijiet tal-PAK.

2.8. Il-PAK għandha tirrifletti l-għanijiet u l-miri ewlenin stabbiliti fl-SDGs tan-NU u fil-COP21. Dawn jinkludu l-eliminazzjoni tal-faqar li jimplika titjib fid-dħul agrikolu, il-ġlieda kontra l-ġuħ, ħajja b'saħħitha u benessri, edukazzjoni tajba, ilma nadif u sanità, enerġija affordabbli u nadifa, xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku, tnaqqis tal-inugwaljanzi, produzzjoni u konsum responsabbli, azzjoni dwar il-klima, u protezzjoni tal-ilma u l-ħajja fuq l-art. Il-KESE jemmen li l-PAK għandha tirrispetta dawn l-għanijiet ewlenin u dan għandu jiġi rifless fil-kundizzjonalità tal-pagamenti diretti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar l-art u l-istandards ambjentali u tax-xogħol.

2.9. Fid-dawl tal-iskedar tal-progressjoni tal-proposti, il-KESE jipproponi li għandu jkun hemm arranġamenti ta' tranżizzjoni ċari, sempliċement minħabba l-fatt li l-proċessi politiċi neċessarji u l-implimentazzjoni amministrattiva sussegwenti jistgħu ma jkunux għadhom tlestew qabel tmiem l-2022. Għandu jingħata ħin biżżejjed biex issir tranżizzjoni mill-politika eżistenti għall-politika l-ġdida mingħajr problemi. Il-bdiewa u s-settur agrikolu għandhom bżonn ċarezza, stabbiltà u sigurtà fl-ippjanar; jeħtieġ li l-UE tevita d-diffikultajiet li nqalgħu bl-aħħar rifirma.

3. Baġit

3.1. Il-pagamenti diretti ser ikollhom jibqgħu jaqdu rwol fil-ħarsien tad-dħul, għaliex il-kundizzjonijiet ta' bħalissa mhumiex jippermettu lill-bdiewa jiġġeneraw biżżejjed dħul mill-bejgħ tal-prodotti tagħhom. Fl-istess ħin, sabiex jinħoloq suq ta' "beni pubbliċi" għall-bdiewa, li mhux biss ikun jagħmel tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali jew għal telf possibbli tagħhom, iżda jiġġenera wkoll impatt pożittiv għad-dħul – li l-KESE jappoġġja bis-sħiħ – il-politika trid tipprovdi finanzjament suffiċjenti sabiex jintlaħqu dawn il-wegħdiet. Il-KESE jikkritika l-fatt li l-Komunikazzjoni ma tinkludi l-ebda analiżi tal-ħtiġijiet finanzjarji reali ta' "PAK aktar ġusta u ekoloġika" ġdida⁽⁵⁾.

(⁵) Fl-Opinjoni tiegħu ĠU C 354, 28.12.2010, p. 35, il-KESE diġà kien innota li l-mudell agrikolu Ewropew ma jstax jinkiseb bil-prezzijiet tas-suq dinji.

3.2. Il-KESE, għalhekk, jappella għall-ħolqien ta' baġit b'saħħtu għall-PAK, iżda jqis li dan jinsab friskju. Sabiex jiġu ssodisfati d-domandi l-ġodda tal-PAK marbuta mat-twettiq ta' rekwiżiti addizzjonali marbutin mal-ambjent u t-tibdil fil-klima fil-livell tal-azjenda agrikola, kif ukoll biex tiġi indirizzata l-ħtieġa għal armonizzazzjoni tal-pagamenti diretti fost l-Istati Membri b'kunsiderazzjoni tad-differenzi fil-kundizzjonijiet, biex jissokta l-indirizzar tal-pressjonijiet mid-dħul baxx tal-azjendi agrikoli, u biex jitneħħa d-distakk fid-dħul meta mqabbel ma' setturi oħrajn fis-soċjetà u biex tiġi indirizzata l-inflazzjoni, il-baġit tal-PAK x'aktarx ikollu jidied b'mod sinifikanti.

3.3. Mis-snin tmenin, l-infiq taħt il-PAK naqas minn madwar 70 % tal-baġit tal-UE għal 38 %. Il-baġit tal-PAK ma żdiedx meta n-numru tal-Istati Membri tal-UE żdied sew bi 18 u l-art agrikola tal-UE żdiedet b'mod sinifikanti.

3.4. Il-KESE jieħu nota tal-proposti tal-PE għal żieda fil-baġit tal-UE minn 1,0 % tal-ING (Introjtu Nazzjonali Gross) għal tal-inqas 1,3 %. Għadu mhux ċar liema proporzjon minn dawn il-flus addizzjonali se jiġu allokati għall-agrikoltura, u jekk dan ikunx biżżejjed sabiex jiġi appoġġjat baġit tal-PAK li jkun suffiċjenti u adatt biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi u r-rekwiżiti kollha. Kemm is-soċjetà ċivili kif ukoll il-Parlament Ewropew jappoġġjaw baġit b'saħħtu u l-istabbiltà li jgħib miegħu. Proposti għal riforma tal-PAK mingħajr baġit tal-PAK suffiċjenti mhux se jirnexxu.

3.5. Kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri jridu jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe tnaqqis fil-baġit tal-UE u b'mod speċjali fil-baġit tal-PAK bħala riżultat tal-Brexit. Barra minn hekk, il-proposti biex jiffinanzjaw miżuri tal-UE ġodda għandhom jinvolvu finanzjament ġdid.

4. Sussidjarjetà

4.1. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposta li tiġi introdotta aktar sussidjarjetà fil-PAK iżda jenfasizza l-importanza li jinżammu Politika Agrikola Komuni b'saħħitha u Suq Uniku tal-UE b'saħħtu. Is-sussidjarjetà bl-ebda mod ma tista' titħalla tipperikola lill-PAK jew lis-Suq Uniku. Barra minn hekk, il-membri tal-KESE jenfasizzaw it-tħassib tagħhom li permezz tas-sussidjarjetà ma jista' jkun hemm l-ebda rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK fi kwalunkwe Stat Membru.

4.2. Is-sussidjarjetà għandha tapplika wkoll għall-pjani żviluppanti mill-Istati Membri biex jimplementaw il-prijoritajiet tal-PAK, filwaqt li jinżamm il-mudell ta' żewġ pilastru tal-PAK. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva biex tiġi żviluppata l-agrikoltura fir-reġjuni ta' oriġini tal-migranti. Jeħtieġ li l-istandards tax-xogħol jiġu rrispettati għall-impjegati kollha inklużi l-ħaddiema staġjonali.

4.3. Ir-rwol tal-Kummissjoni fl-approvazzjoni, il-kontroll tal-pjani ta' implimentazzjoni nazzjonali u – f'każ ta' nuqqas ta' konformità l-applikazzjoni ta' penali adatti – huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-PAK tibqa' politika komuni.

4.4. L-element ewlieni ta' sussidjarjetà pożittiva għandu jkun japplika biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jfasslu skemi u operazzjonijiet għall-pagamenti tal-ewwel u t-tieni pilastru li jkunu l-aktar adatti għat-tipi. L-istrutturi u l-kundizzjonijiet tal-biedja fpajjiżi speċifiċi, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw aktar implimentazzjoni rigward it-tibdil fil-klima u l-ambjent.

4.5. Is-sussidjarjetà għandha tipprovdi wkoll il-flessibbiltà biex l-Istati Membri jitħallew jadottaw id-disinn, il-kundizzjonijiet u r-regoli tal-kundizzjonalità li jkunu l-aktar adatti għaċ-ċirkostanzi fil-pajjiż u min-naħa tagħhom jipprovdu semplifikazzjoni reali u sostanzjali fil-livell tal-azjendi agrikoli, filwaqt li jinżammu kontrolli adatti.

5. Mudell ġdid tal-implimentazzjoni

5.1. Il-Komunikazzjoni dwar il-PAK tipproponi mudell ġdid tal-implimentazzjoni, li permezz tas-sussidjarjetà, jippermetti lill-Istati Membri joħlqu taħlita ta' miżuri obligatorji u volontarji fiż-żewġ pilastru biex jintlaħqu l-oġettivi ambjentali u klimatiċi ddefiniti fil-livell tal-UE. Din tipproponi li l-Istati Membri jiddefinixxu miri kwantifikati fil-pjani strateġiċi sabiex tinkiseb l-implimentazzjoni. Barra minn hekk, tipproponi li l-pagamenti diretti kollha lill-bdiewa jkunu soġġetti għat-twettiq ta' prattiki ambjentali u tat-tibdil fil-klima (jew it-tkomplija ta' dawm diġà fis-seħħ). Tipproponi wkoll li l-bdiewa jiġu ppremjati għal prattiki volontarji aktar ambizzjużi, li se jkunu jirrikjedu pagamenti ta' inċentivi qawwija.

5.2. Il-KESE m'għandux dubju li miri kwantifikati, riżultati u indikaturi tal-eżiti rigward l-ambjent u t-tibdil fil-klima għandhom japplikaw prinċipalment fil-livell tal-Istati Membri.

5.3. Fil-livell tal-azjendi agrikoli, il-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni jista' jkun jinkludi pjan sempliċi li jinvolvi l-aspetti ewlenin tal-miżuri tal-ambjent u tat-tibdil fil-klima li jkopru l-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ kif ukoll il-ġestjoni tan-nutrijenti.

5.4. Pagamenti addizzjonali u fuq livell ogħla fit-tieni pilastru jsiru fejn ikunu japplikaw kundizzjonijiet ambjentali, soċjali, tax-xogħol u tat-tibdil fil-klima msaħħa u volontarji.

5.5. Il-KESE jikkunsidra li huwa importanti ħafna li l-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni jkun f'konformità mal-oġġettivi dwar is-semplifikazzjoni u jkun faċli biex jinftiehem u japplika fil-livell tal-azjendi agrikoli.

5.6. L-applikazzjoni tal-mudell il-ġdid ta' implimentazzjoni ma għandha tkun tinvolvi l-ebda spiża addizzjonali fil-livell tal-azjendi agrikoli f'termini ta' servizzi konsultattivi jew spejjeż ta' konformità li jnaqqu mill-pagamenti diretti. Kwalunkwe spiża mgħarrba fil-livell tal-azjendi agrikoli għal aktar implimentazzjoni tal-konformità mal-isfidi ambjentali u klimatiċi l-ġodda għandha tiġi riflessa f'pagamenti ogħla u allokazzjonijiet tal-baġit fil-livell tal-Istat Membri.

5.7. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposti tal-Kummissjoni biex jitħaddan il-kunċett ta' Biedja Intelliġenti, li jgħin biex jittejjeb id-dħul tal-bdiewa filwaqt li jinkisbu benefiċċji ambjentali. Dan ikun jinvolvi l-użu tat-taħriġ, tat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija bl-għan li jitnaqqsu l-inputs tal-ilma, l-enerġija, il-fertilizzanti u inputs oħrajn bħall-pestiċidi⁽⁶⁾ kif ukoll il-promozzjoni ta' metodi ekoloġiċi ta' produzzjoni, bħall-ġestjoni tal-art b'mod ekoloġiku, il-biedja organika u l-agroekoloġija.

6. Is-semplifikazzjoni

6.1. Il-KESE jappoġġja ħafna s-semplifikazzjoni sostanzjali tal-PAK u t-tweqqif tal-impenji politiċi li saru fir-rigward tas-semplifikazzjoni sabiex jinkisbu benefiċċji tanġibbli, inkluż tnaqqis fil-piż burokratiku fuq il-bdiewa. Is-semplifikazzjoni għet imwiegħda f'ħafna riformi tal-PAK preċedenti bi ftit li xejn implimentazzjoni.

6.2. Huwa ta' importanza kritika li l-proposti legiſlattivi jkunu jinvolvu semplifikazzjoni vera tal-aktar elementi burokratiċi tal-PAK, b'mod partikolari b'rabta mal-kontrolli fuq il-post fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal skemi tal-għajjuna relatati maż-żona u mar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità li huma estensivi u kkumplikati ħafna fil-qafas tar-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs) u tal-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT), li l-bdiewa għandhom jikkonformaw magħhom. Fl-istess ħin, huwa importanti li tiġi introdotta sistema ta' kontrolli ibbażata fuq ir-riskji li tkun effiċjenti u effettiva, u li xorta waħda tkun marbuta ma' sistema ta' konsulenza upstream u inċentivi għall-bdiewa.

6.3. Filwaqt li kien hemm livell baxx ta' semplifikazzjoni mixtieqa fir-Regolament Omnibus, jeħtieġ li jsir aktar tibdil biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' semplifikazzjoni.

6.4. Il-KESE jipproponi l-introduzzjoni ta' semplifikazzjoni, fl-oqsma kollha li ġejjin, permezz tal-mudell il-ġdid tal-implimentazzjoni, is-sussidjarjetà u l-użu aħjar tat-teknoloġija moderna, filwaqt li jiġu sfruttati r-riżorsi u l-għodod ta' Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC).

— Huma meħtieġa rieżami u tfassil mill-ġdid tas-sistema ta' kontroll fil-livell tal-azjendi agrikoli sabiex is-sistema ssir aktar effiċjenti u inqas burokratika: ibbażata fuq il-prinċipju tal-annwalità (mingħajr verifiki retroattivi), u b'enfasi fuq il-gwida u l-korrezzjoni minflok fuq penalitajiet u sanzjonijiet;

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni" (ĠU C 288, 31.8.2017, p. 10).

- It-titjib fl-użu ta' teknoloġiji ġodda, l-ispezzjoni bis-satellita u t-telerilevament jistgħu jissostitwixxu wħud mill-kontrolli ta' fuq il-post marbutin mal-kundizzjonalità;
- L-għadd attwali ta' SMRs u KAAT għandu jiġi ottimizzat mingħajr ma jiġu pperikolati l-kontrolli jew l-istandards;
- It-tolleranzi għandhom jiżdiedu biex jitqiesu l-ispeċifitàjiet ta' operazzjonijiet reali fl-azjendi agrikoli, fejn f'ħafna ċirkostanzi l-operazzjoni tista' tkun tinvolvi persuna unika, u għandu jingħata perjodu ta' żmien adatt għall-korrezzjoni jew ir-rettifika ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità;
- L-ispezzjonijiet ma għandhomx jipposponu l-pagamenti u għandha tapplika politika ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe penali fis-sena ta' wara għall-eliġibbiltà u l-kundizzjonalità/SMRs kollha ⁽⁷⁾.

6.5. Is-sussidjarjetà tippovdi lill-Istati Membri bl-opportunità li jadottaw livelli ogħla ta' semplifikazzjoni fil-livell tal-azjendi agrikoli li jkunu adatti għal ċirkostanzi partikolari, filwaqt li fl-istess ħin tinżamm il-provvista tal-beni pubbliċi.

7. Pagamenti diretti, l-iżvilupp rurali u l-OKS (organizzazzjoni komuni tas-swieq)

7.1. Rapport reċenti tal-Qorti tal-Awdituri enfasizza li l-iskema ta' pagament bażiku għall-bdiewa tinsab fit-triq it-tajba mil-lat operattiv, iżda l-impatt tagħha fuq is-semplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta' għajjuna huwa limitat. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Awdituri tgħid li l-iskema ta' pagament bażiku hija sors sinifikanti ta' dħul għal ħafna bdiewa imma għandha limitazzjonijiet inerenti. Din ma tiħux inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet tas-suq, l-użu ta' art agrikola jew iċ-ċirkostanzi individwali tal-azjenda u mhijiex ibbażata fuq analiżi ġenerali tas-sitwazzjoni tad-dħul tal-bdiewa.

7.2. Il-pagamenti diretti, għal-ħafna bdiewa, saru l-iżjed strument importanti tal-PAK ⁽⁸⁾ u huma ta' importanza kritika għall-agrikoltura Ewropea, filwaqt li jservu ta' appoġġ għad-dħul tal-bdiewa, jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-mudell tal-agrikoltura tal-UE, u jappoġġjaw l-ogħla livelli ta' standards alimentari u ambjentali, u dan preċiżament minħabba l-fatt li l-bdiewa ħafna drabi ma jkunux jistgħu jiksbu dħul suffiċjenti mill-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodotti tagħhom fis-suq. Bħala medja, il-pagamenti diretti jammontaw għal 46 % tad-dħul tal-azjendi agrikoli għal madwar 7 miljun bidwi, li jkopru 90 % tal-art agrikola fl-UE kollha ⁽⁹⁾. Fxi setturi u reġjuni, il-pagamenti diretti huma saħansitra aktar importanti u assolutament essenzjali għas-sopravivenza tal-biedja.

7.3. Il-KESE jinnota b'dispaċir dan l-iżvilupp, li qiegħed ipoġġi l-agrikoltura f'dipendenza dejjem akbar fuq id-diskussjonijiet baġitarji. Fil-fehma tal-KESE, il-PAK qabel xejn għandha tiżgura li s-swieq stabbli (u ftehimiet kummerċjali ġusti) jkunu jwasslu għal dħul ġust mill-bejgħ ta' prodotti mkabbra b'mod sostenibbli. Fl-istess ħin, il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li dawk li jfasslu l-politika beħsiebhom jiżviluppaw suq ta' "beni pubbliċi" b'effett pożittiv fuq id-dħul.

7.4. Dan ser jeħtieġ tibdil fl-orjentazzjoni tal-pagamenti diretti, li jirriżulta wkoll b'mod ċar mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni qed tikkunsidra jekk l-allokazzjoni attwali ta' fondi tistax tinżamm kif inhi bħalissa. Madankollu, kwalunkwe bidla jkun jeħtieġ li tippreserva l-assi ewlenin tal-politika: il-protezzjoni ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb li l-PAK żviluppat mas-snin.

7.5. Il-KESE huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' appoġġ għal bdiewa li jirċievu f'it jew ebda pagament dirett bħal dawk li jkabbru l-frott u l-ħaxix fuq superfiċji żgħar, jew pereżempju rġajja fi Stati Membri li ma jagħtuhom ebda primjums akkoppjati għas-servizzi tagħhom.

7.6. Il-KESE jappoġġja ż-żamma tal-mudell tal-PAK b'żewġ pilastru, b'pagamenti diretti u miżuri tas-suq li jappoġġjaw id-dħul tal-azjendi agrikoli fl-ewwel pilastru, u interventi li jindirizzaw l-aspetti ekonomiċi, ambjentali, tax-xogħol u soċjali fl-agrikoltura u ż-żoni rurali, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0, fit-tieni pilastru ⁽¹⁰⁾.

⁽⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni" (ĠU C 288, 31.8.2017, p. 10, punt 4.24).

⁽⁸⁾ "Farmers need direct support". Summary of the results of the Public Consultation on modernising and simplifying the CAP (Il-bdiewa jehtieġu appoġġ dirett – Sommarju tar-riżultati tal-Konsultazzjoni Pubblika dwar l-immodernizzar u s-semplifikazzjoni tal-PAK (ECORYS) – tabella 6.1, p. 95

⁽⁹⁾ Il-Ġejjieni tal-lkel u tal-Biedja COM(2017) 713 final.

⁽¹⁰⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Mid-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0 għal azzjonijiet konkreti* (ĠU C 345, 13.10.2017, p. 37).

7.7. Il-KESE jappoġġja l-proposti għal livell ogħla ta' ambizzjoni u enfasi fuq il-kura ambjentali u l-azzjoni klimatika fiż-żewġ pilastri favur aktar ekoloġizzazzjoni tal-PAK, fil-każi fejn intwera li l-politiki attwali huma burokratiċi wisq u li jeħtieġ isiru aktar effiċjenti.

7.8. Il-pagamenti diretti għandhom imorru biss għal bdiewa attivi, abbażi ta' kriterji oġġettivi u prattiki reġjonali ċari, iċċentrat fuq l-attivitàjiet agrikoli u l-provvista tal-beni pubbliċi. Il-pagamenti diretti ma għandhomx ikunu disponibbli għal dawk li sempliċement huma sidien tal-art u mhumiex involuti b'mod attiv fil-produzzjoni agrikola u lanqas mhuma involuti fil-provvista tal-beni pubbliċi.

7.9. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jitħallew iżidu l-livell ta' pagamenti akkoppjati biex jappoġġjaw b'mod qawwi s-setturi u r-reġjuni vulnerabbli, mingħajr kwalunkwe distorsjoni tas-suq. Dan jgħin biex jiġu protetti l-bijodiversità, il-biedja bbażata fuq il-bwar u setturi oħra li qed inu u jimpedixxi l-abbandun tal-art, b'mod speċjali f'żoni rurali remoti, fejn mhuwiex possibbli li jsir adattament jew bidla għal intrapriżi differenti tal-biedja. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandu jkollhom aktar flessibilità biex jimmiraw il-pagamenti tat-tieni pilastri biex itejbu s-sitwazzjoni ta' setturi u żoni vulnerabbli li qed jiddeterjoraw, fejn il-pagamenti akkoppjati jistgħu ma jkunux adattati.

7.10. Il-KESE jemmen li l-irziezet tal-familja għandhom jingħataw appoġġ aktar immirat. Sabiex tittejjeb il-vijabbiltà ekonomika ta' azjendi agrikoli żgħar, għandhom jitħaddmu dawk il-miżuri volontarji l-aktar adatti tal-ewwel u t-tieni pilastri tal-PAK. Il-possibilità ta' ridistribuzzjoni tal-pagamenti fost l-applikanti m'għandhiex twassal għal żieda fil-prezzijiet tal-art u tal-kiri tal-art jew għal tnaqqis fid-dħul jew il-qligħ tal-bdiewa attivi.

7.11. Kull Stat Membru ser ikollu pjan strateġiku adottat u ser jieħu miżuri biex jipprovdi l-pagamenti għall-biedja bbażati fuq dan. Il-pagamenti diretti tal-Pilastri 1 għandu jkollhom livell limitu massimu ġust u raġonevoli għal bdiewa individwali. Għandhom ikunu possibbli aġġustamenti u għandhom jiġu kkunsidrati s-sħubijiet, il-kooperattivi, il-kumpaniji u l-għadd ta' impjegati li jkollhom bżonn assigurazzjoni. Il-livell limitu massimu (capping) m'għandux japplika għal miżuri ambjentali volontarji u għal dawk li jipprovdu beni pubbliċi. Il-fondi rkuprati mill-applikazzjoni tal-limiti massimi jistgħu jintużaw biex isiru l-pagamenti ridistributtivi. L-Istati Membri jistgħu iqisu l-impjegati, il-produzzjoni tal-annimali u s-setturi sensitivi.

7.12. Fir-rigward tal-mudell tal-pagament bażiku, huwa propost li l-pajjiżi li jkun adottaw mudell għajr is-sistema ta' pagament bażiku fiss (flat basic payment system), pereżempju l-mudell ibridu jew il-mudell ta' approssimazzjoni għandhom jitħallew iżommu dan il-mudell wara l-2020 f'każ li jkun adattat aħjar għaċ-ċirkostanzi f'dawn il-pajjiżi ⁽¹¹⁾. L-Istati Membri bi skema ta' pagament uniku skont l-erja għandu jkollhom il-possibilità li jabolixxu s-sistema ta' intitolament għal pagament. Il-pagamenti b'rata fissa għal kull ettaru jistgħu f'xi każijiet jibbenefikaw aktar lill-produtturi ta' prodotti minn raba' li jinħadem milli setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema, bħalma huma dawk tal-bhejjem u tal-bdiewa tal-frott u l-ħxejjex.

7.13. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li, sabiex il-PAK tinżamm bħala politika komuni tal-UE b'saħħitha, ma għandu jkun hemm l-ebda kofinanzjament fl-ewwel pilastri. Il-KESE ma jaqbilx li l-Istati Membri jitħallew jittrasferixxu fondi mill-Pilastri II għall-Pilastri I. Jappella favur livell raġonevoli ta' kofinanzjament tat-tieni pilastri għall-Istati Membri kollha.

7.14. Jeħtieġ li jiġi armonizzat aktar il-livell ta' għajjuna diretta mħallsa lill-bdiewa fl-Istati Membri individwali tal-UE, sabiex jitqiesu d-differenzi fil-kundizzjonijiet u b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-bdiewa fl-Istati Membri kollha, u biex jiġi żgurat żvilupp bilanċjat taż-żoni rurali madwar l-UE ⁽¹²⁾.

7.15. Politika ta' Żvilupp Rurali b'saħħitha u b'aktar flessibilità taħt il-Pilastri II tal-PAK hija essenzjali biex jiġu appoġġjati r-rekwiżiti agrikoli, ekonomiċi, ambjentali u soċjali fiż-żoni rurali, inklużi reġjuni aktar vulnerabbli, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0. Il-miżuri għandhom jiffokaw fuq il-ġlieda kontra d-depopolazzjoni, f'sinerġija ma' politiki strutturali oħrajn. Il-KESE jenfasizza wkoll ir-rabta mill-qrib bejn l-agrikoltura u l-forestrija u r-rwol tal-foresta fl-ekonomiji rurali.

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni" (ĠU C 288, 31.8.2017, p. 10).

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni" (ĠU C 288, 31.8.2017, p. 10, punt 1.12).

7.16. Il-pagamenti għall-ANCs (żoni b'restrizzjonijiet naturali jew speċifiċi oħrajn) huma waħda mill-miżuri ta' rilevanza partikolari għall-irkupru, il-preservazzjoni u t-tiġid tal-ekosistemi dipendenti mill-agrikoltura u l-forestrija ⁽¹³⁾. L-appoġġ għall-bdiewa li joperaw fl-ANCs huwa element ewlieni għaż-żamma tal-biedja f'dawn iż-żoni, il-prevenzjoni tal-abbandun tal-art u fl-aħħar mill-aħħar id-depopolazzjoni rurali. L-Istati Membri għandu jkollhom biżżejjed allokkazzjonijiet finanzjarji mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) sabiex jappoġġjaw l-ANCs.

7.17. Il-KESE jkompli jappoġġja t-tiġid tal-għajjnuna fl-ANCs. Din l-għajjnuna għandha tvarja skont il-grad ta' żvantaġġ, li għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji bijofiżiċi eżistenti li jintużaw għall-identifikazzjoni taż-żoni b'restrizzjonijiet naturali.

7.18. Il-KESE jipproponi li l-OKS attwali tittejjeb u tissaħħaħ sabiex tipprovi xibka ta' sikurezza effettiva u appoġġ tas-suq, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi jew ta' sfidi bħall-projbizzjoni Russa jew il-Brexit, u b'hekk jiġi protetti l-produtturi primarji, il-proċessuri, il-konsumaturi, is-swieq u l-impjegji. Il-KESE jemmen li l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni għandhom ikunu aktar b'saħħithom dwar "is-swieq" u "l-kummerċ" u għandu jkun fihom miżuri siewja u tanġibbli.

7.19. Il-PAK għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa sabiex ma jkunx l-aktar ħolqa dgħajfa fil-katina tal-provvista ⁽¹⁴⁾. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jiġi abbozzati miżuri leġiżlattivi li jindirizzaw prattiki kummerċjali żleali. Dawn għandhom jiddaħħlu kemm jista' jkun malajr sabiex l-appoġġ ipprovdut mill-baġit tal-UE ma jkunx mitluf għall-agrikoltura iżda minflok joħloq valur u jgħin lill-bdiewa jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq bi prezzijiet ġusti. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li jiġi implimentati l-proposti tal-Agri-Market-Task-Force.

7.20. Suq uniku li jiffunzjona tajjeb għandu jkun il-qofol tal-PAK. Ix-xejriet reċenti ta' rinazzjonalizzazzjoni mifruxin fis-suq uniku huma ta' tħassib kbir, u jirriżultaw f'diverġenza akbar tal-prezzijiet u s-swieq. Huwa essenzjali wkoll li jiġi introdotti regoli, fejn dawn ma jeżistux, rigward it-tikkettar obbligatorju dwar l-oriġini ta' prodotti agrikoli u prodotti alimentari, ħaġa li hija neċessarja sabiex jiġi evitati l-frodi u biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jaqilgħu għażliet infurmati, u b'hekk dawn ir-regoli ma jipperikolawx jew ifixklu l-moviment liberu tal-beni fis-suq uniku tal-UE ⁽¹⁵⁾. Kompetizzjoni inġusta minħabba nuqqas ta' rispett tal-istandards tax-xogħol (kuntratti, sigurtà soċjali, saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol) tkun ta' periklu serju għas-suq uniku.

7.21. Inċertezza politika, tibdil fil-klima u fatturi oħra jfissru li l-bdiewa jridu jiffaċċjaw ħafna aktar ta' spiss diżastri naturali minħabba t-temp u flutwazzjonijiet għoljin tal-prezzijiet fis-swieq. Id-dħul tal-azjendi agrikoli jista' jiġi affettwat b'mod qawwi minn prezzijiet volatili tal-prodotti bażiċi. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdut strumenti li jgħinu lill-bdiewa jgħid b'mod effettiv ir-riskji u jiżguraw dħul stabbli għalihom innifishom. Jeħtieġ isir rieżami tal-mekkaniżmu attwali ta' riżerva għall-kriżijiet sabiex jiġi akkumulati riżorsi finanzjarji li jippermettu rispons effettiv għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Il-KESE m'għandux dubju li pagamenti diretti b'saħħithom huma l-aqwa forma ta' garanzija tad-dħul għall-bdiewa.

8. Bdiewa żgħażaġh, tiġdid ġenerazzjonali, bdiewa ġodda u nisa fl-agrikoltura

8.1. In-numru ta' bdiewa żgħażaġh qed jonqos b'mod stabbli, bħal fil-każ tal-bdiewa b'mod ġenerali. Madankollu, it-tnaqqis rapidu fin-numri tal-bdiewa minn 14,5 miljun għal 10,7 miljuni ⁽¹⁶⁾ fil-perjodu tal-baġit preċedenti jkopri l-gruppi tal-etajiet kollha ⁽¹⁷⁾. Minkejja l-istess opportunitajiet ta' appoġġ permezz tal-PAK, in-numru ta' bdiewa żgħażaġh u l-proporzjon li jirrappreżentaw fl-Istati Membri individwali jvarjaw ħafna ⁽¹⁸⁾. Fl-2016, 31,8 % biss tal-ħaddiema agrikoli tal-UE kienu taħt l-età tal-erbgħin sena, meta mqabbla ma' 42,4 % fil-popolazzjoni tax-xogħol kollha ⁽¹⁹⁾.

⁽¹³⁾ L-Anness VI, ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-fatturi bażiċi ewlenin li jinfluwenzaw il-Politika Agrikola Komuni wara l-2020" (ĠU C 75, 10.3.2017, p. 21).

⁽¹⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni" (ĠU C 288, 31.8.2017, p. 10).

⁽¹⁶⁾ Għaxar miljuni fl-UE-28 fl-2015 (Eurostat 2017).

⁽¹⁷⁾ In-numru ta' bdiewa fl-UE-27: 14,5 miljun (2005), 10,7 miljuni (2013).

⁽¹⁸⁾ L-akbar tnaqqis matul l-2007-2013 fil-Polonja, il-Ġermanja u l-Italja, filwaqt li n-numri żdiedu fir-Rumanija u s-Slovenja (Eurostat).

⁽¹⁹⁾ Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS) 2016

8.2. Il-KESE jipproponi li jittejjeb l-appoġġ tal-PAK għall-bdiewa żgħażaġh u t-tiġdid ġenerazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-flessibbiltà biex jipprovdu lill-bdiewa żgħażaġh u l-ħaddiema żgħażaġh tal-azjendi agrikoli b'miżuri għal dħul stabbli, benefiċċji tat-taxxa jew skemi ta' inċentivi oħrajn. Dawn għandhom ukoll jadottaw miżuri biex ikopru bdiewa ġodda (ta' età akbar minn 40 sena) biex titqies iż-żieda fil-mobilità professjonali fiż-żoni rurali l-istess kif qed tiżdied fil-bliet.

8.3. Il-KESE jipproponi li d-definizzjoni ta' bidwi żaġżuġh tiġi ċċarata bħala persuna taħt l-40 sena li għandha l-kwalifiki neċessarji u tissodisfa r-rekwiżiti kif stabbiliti għal bidwi attiv.

8.4. Il-bdiewa żgħażaġh jiffaċċjaw riskju kbir, spejjeż għoljin u dħul inċert minħabba n-negozji tagħhom. Il-KESE jagħmel il-proposti speċifiċi li ġejjin biex jappoġġjaw u jgħinu lill-bdiewa żgħażaġh u t-tiġdid ġenerazzjonali:

- It-titjib tad-dħul u tal-ghajjnuna għall-investment permezz ta' żieda fil-pagamenti tal-Pilastru I u l-Pilastru II għal bdiewa żgħażaġh kwalifikati;
- Iż-żieda fil-pagament supplementari ta' 25 % għall-bdiewa żgħażaġh fil-Pilastru I;
- L-introduzzjoni ta' skema tal-irtirar għal bdiewa li jixtiequ jtilqu l-azjendi agrikoli tagħhom u jgħadduom lil bdiewa żgħażaġh kwalifikati fil-Pilastru II, inkluża dispożizzjoni għal skema ta' mobilità tal-art;
- L-introduzzjoni ta' skema ta' "installazzjoni" għaż-żgħażaġh bdiewa biex dawn jiġu meġhuna jiġu stabbiliti fil-Pilastru II;
- Il-provvediment ta' dħul addizzjonali f'forma ta' pagament għal ħames snin, għaż-żgħażaġh li jistabbilixxu azjendi agrikoli żgħar li jipproduċu għas-swieq lokali, sabiex ikunu jistgħu jarmaw b'mod gradwali fis-settur.
- L-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji sabiex jgħinu fl-ogħti ta' kapital jew self għan-negozji ġodda bi spiża baxxa;
- L-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien imfassla apposta għall-bdiewa żgħażaġh.

8.5. B'perċentwal ta' 35,1 %, il-proporzjon tan-nisa li jaħdmu fl-agrikoltura fl-UE huwa aktar baxx minn dak tan-nisa fl-impjeg li huwa ġeneralment ta' 45,9 % u jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri. Madankollu, tar-rwol tan-nisa fil-forza tax-xogħol huwa sinifikanti ħafna. Huwa għalhekk importanti li jiġu inklużi miżuri fil-PAK biex aktar nisa jidħlu fis-settur tal-agrikoltura u jingħataw aktar motivazzjoni.

9. Elementi ta' valur miżjud ambjentali għoli

9.1. Il-KESE jilqa' l-fokus qawwi fuq l-ambjent u t-tibdil fil-klima fil-Komunikazzjoni dwar il-PAK u b'mod partikolari fuq il-protezzjoni u s-sostenibbiltà tal-ħamrija, l-ilma, l-arja u l-bijodiversità fil-livell tal-azjendi agrikoli.

9.2. Minbarra l-funzjonijiet produttivi tagħhom, il-bwar permanenti, li jammontaw għal aktar minn 20 % taż-żona tal-UE, għandhom firxa wiesgħa ta' funzjonijiet oħra. Dawn għandhom benefiċċji ambjentali ċari, partikolarment mil-lat tas-sekwestru tal-karbonju u tal-istabbiltà ekoloġika bħala sors ewlieni ta' bijodiversità fiż-żoni agrikoli.

9.3. Għal din ir-raġuni u sabiex tiżdied is-superfiċje tal-bwar fl-UE, il-KESE jirrakkomanda li l-PAK tippermetti li l-Istati Membri jipprovdu a) appoġġ dirett aktar b'saħħtu lill-bdiewa attivi għal bwar permanenti, b'livell għoli ogħla ta' pagamenti għall-bwar u b) appoġġ għal inizjattivi ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mir-raqha. Bħala prerekwiżit biex jirċievi ammonti ogħla ta' għajjnuna, l-applikant għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tar-rata tal-irjus minima u l-perjodu tar-raqha. Madankollu, jinnota wkoll numru ta' problemi fl-eliġibbiltà tal-bwar permanenti fis-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) ⁽²⁰⁾ minħabba n-nuqqasijiet fil-monitoraġġ jew data tas-sors mhux kompleta, li jwasslu għal pagamenti ta' għajjnuna għal żoni ineliġibbli.

⁽²⁰⁾ Qorti Ewropea tal-Awdituri, *Rapport Speċjali Nru 25/2016*.

9.4. Il-KESE jinnota wkoll nuqqasijiet teknoloġiċi li ilhom hemm għal żmien twil fid-deskrizzjoni tal-bwar. Nipproponu l-użu tal-kunċett unifikanti ta' "bwar permanenti", li jelimina d-diverġenza terminoloġika li ntirtet minn perjodi tal-passat ⁽²¹⁾. Ir-Regolament għandu wkoll jiddefinixxi aħjar u jqis ir-ragħa ta' pjanti mhux erbaċej permezz tal-produzzjoni tal-annimali, peress li dan huwa prominenti f'ħaqqa partijiet tal-UE, u jaqdi rwol essenzjali fil-protezzjoni tal-ambjent.

9.5. L-art hija fattur ta' limitazzjoni l-ewwel nett għall-biedja u mbagħad għal setturi oħra. Diversi miżuri, leġislattivi kif ukoll mhux leġislattivi, huma stabbiliti fl-UE kollha biex jiproteġu l-art. Madankollu, qafas Ewropew komuni jkun jiżgura l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-art u l-ħamrija agrikoli ⁽²²⁾. Il-protezzjoni tas-saħħa u l-fertilità tal-ħamrija għandha tkun wieħed mill-oġġettivi stabbiliti fil-livell tal-UE bħala parti mill-mudell għall-implimentazzjoni tal-PAK il-ġdida. Il-KESE huwa favur it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strateġija Ewropea dwar il-proteini biex tiżdied l-awtosuffiċjenza fl-għalf proteiku.

10. Il-kummerċ u kwistjonijiet internazzjonali

10.1. Bħala l-akbar esportatur nett ta' prodotti agrikoli fid-dinja, is-suċċess tas-settur agrikolu Ewropew huwa sa ċertu punt sinifikanti bbażat fuq il-kummerċ ma' pajjiżi terzi. Il-potenzjal fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġusti u ta' benefiċċju b'mod reċiproku għandu jintuża sabiex jiġi ggarantit il-kontribut kontinwu għall-impjiegi u d-dħul finanzjarju tal-bdiewa.

10.2. Il-KESE huwa tal-fehma li għandu jkun hemm strateġija aktar koerenti bejn il-PAK u l-politika tal-kummerċ li qed tiġi segwita mill-UE. Il-PAK qiegħda b'mod pożittiv tmexxi politika li ttiproteġi l-azjendi agrikoli tal-familja u strutturi agrikoli oħrajn tal-UE, kif ukoll standards oġġhla fil-firxa tal-oqsma ewlenin tas-sikurezza tal-ikel, l-ambjent u x-xogħol. Madankollu, fin-negożjati kummerċjali bħalma huma l-Mercosur, l-UE qed taċċetta importazzjonijiet ta' ikel li ma jissodisfawx l-istandards tas-sikurezza tal-ikel tal-UE, jiġu prodotti bi standards ambjentali inferjuri u bi standards tax-xogħol inaċċettabbli għalkollox.

10.3. Kwalunkwe ftehim kummerċjali tal-UE għandu jirrispetta l-prinċipju tas-sovranità tal-ikel u l-preferenza komunitarja, li jinkludi l-ikel tal-UE għaċ-ċittadini tal-UE u tariffa esterna komuni. Iż-żamma u l-protezzjoni tal-oġġhla livell ta' standards fuq il-kundizzjonijiet sanitarji, fitosanitarji, ambjentali u tax-xogħol huma meħtieġa biex ma jitħallewx ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u t-telf tal-impjiegi.

10.4. Eżempji reċenti dwar il-kummerċ pożittiv jinkludu l-ftehim bejn l-UE u l-Ġappun, fejn inżammu standards ekwivalenti u ma kienu involuti l-ebda rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jew telf tal-impjiegi. Għall-kuntrarju, il-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur jinvolvi rilokazzjoni kbira tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba l-qerda kontinwa tal-foresti pluvjali tal-Amazōnja, l-emissjonijiet addizzjonali ta' gass b'effett ta' serra u t-telf tal-impjiegi. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra miċ-ċanga Brażiljana huma stmati għal 80 kg CO₂-eq/kg meta mqabbla mal-produzzjoni tal-UE b'19 kg CO₂-eq/kg. Il-ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ma' pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp għandhom iqisu l-effetti fuq l-impjeg u l-istandards soċjali fil-pajjiżi destinatari tagħhom.

11. L-ikel u s-saħħa

11.1. Il-bdiewa tal-UE u l-PAK jiżguraw li ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma ggarantiti kwantitajiet suffiċjenti ⁽²³⁾ ta' ikel ta' kwalità għolja li huwa affordabbli, sikur u prodott b'mod konformi mal-istandards ambjentali. Il-PAK hija l-mekkaniżmu abilitanti għall-agrikoltura, li hija l-bażi tal-industrija tal-ikel tal-UE ⁽²⁴⁾.

11.2. Il-KESE jenfasizza li l-għodod ta' politika eżistenti tal-UE jridu jiġu allinjati mill-ġdid u armonizzati sabiex iwasslu sistemi ambjentalment, ekonomikament u soċjokulturalment sostenibbli tal-ikel. Barra minn hekk, il-KESE jtenni li politika komprensiva tal-ikel għandha tkun komplementari għal PAK riformata u mhux tissostitwixxiha ⁽²⁵⁾.

⁽²¹⁾ <http://www.consilium.europa.eu/media/32072/pe00056en17.pdf>;

http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Glossary:Permanent_grassland.

⁽²²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-użu tal-art għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-servizzi tal-ekosistema* (ĠU C 81, 2.3.2018, p. 72).

⁽²³⁾ L-Artikolu 39(1)(e) tat-Trattat ta' Lisbona (TFUE).

⁽²⁴⁾ Evalwazzjoni tal-JRC tal-kontribut tas-settur tal-bhejjem tal-UE għall-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra tal-UE fl-2010.

⁽²⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni" (ĠU C 288, 31.8.2017, p. 10).

11.3. Il-KESE jistieden lill-KE biex – bl-għan li tiproteġi lill-konsumaturi – tiżgura li r-rekwiżiti tal-produzzjoni applikabbli fis-suq intern, għall-benefiċċju tal-ambjent u l-annimali tar-razzett u l-iskema ta' pagament uniku, kif ukoll l-istandards soċjali, ikunu applikabbli wkoll għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

Brussell, l-24 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

ANNEX I

Mill-inqas kwart tal-voti mixħuta kienu kontra l-emenda ta' kompromess ta' dan il-paragrafu tal-Opinjoni tas-Sezzjoni:

Punt 7.11

Il-pagamenti diretti tal-Pilastru 1 għandu jkollhom limitu massimu ġust u raġonevoli għal bdiewa attivi individwali (eż. ugwali għad-dħul ta' ħaddiem komparabbli). Għandhom ikunu possibbli aġġustamenti u għandhom jiġu kkunsidrati s-sħubijiet, il-kooperattivi, il-kumpaniji u l-għadd ta' impjegati koperti mis-sigurtà soċjali. Il-livell limitu massimu (capping) m'għandux japplika għal miżuri ambjentali volontarji u għal dawk li jipprovdu beni pubbliċi. Il-fondi rkuprati mill-applikazzjoni tal-limiti massimi jistgħu jintużaw biex isiru l-pagamenti ridistributtivi.

Votazzjoni

Voti favur: 92

Voti kontra: 85

Astensjonijiet: 30

ANNEX II

Din l-emenda ta' kompromess inċaħdet iżda ġabet mill-inqas kwart tal-voti mixħuta:

Punt 7.13

Il-KESE jemmen bis-sħiħ li, sabiex il-PAK tinżamm bħala politika komuni tal-UE b'saħħitha, ma għandu jkun hemm l-ebda kofinanzjament fl-ewwel pilastru. Pilastru 1 kif ukoll Pilastru 2 b'saħħithom huma essenzjali għal PAK ġdida mfassla mill-ġdid bi Programmi tal-Iżvilupp Rurali flessibbli disponibbli fl-Istati Membri kollha inklużi żoni b'restrizzjonijiet naturali (ANC) u li jagħmlu enfasi fuq reġjuni u setturi vulnerabbli. Il-KESE ma jaqbilx li l-Istati Membri jitħallew jitransferixxu fondi mill-Pilastru II għall-Pilastru I. Jappella favur livell raġonevoli ta' kofinanzjament tat-tieni pilastru – livelli limiti massimi u livelli limiti minimi – għall-Istati Membri kollha.

Votazzjoni

Voti favur: 73

Voti kontra: 98

Astensjonijiet: 37

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Azzjonijiet tal-UE għat-titjib tal-governanza u l-konformità ambjentali”

(COM(2018) 10 final)

(2018/C 283/11)

Relatur: **Arnaud SCHWARTZ**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 12/02/2018
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	16.1.2018
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.5.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	192/02/05

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' b'riserva din il-Komunikazzjoni billi, fid-dawl tal-livell attwali ta' degradazzjoni tal-ambjent tagħna, il-pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali u l-governanza ambjentali li għandha l-Kummissjoni Ewropea huwa nieqes bil-kbir mill-ambizzjoni u l-mezzi.

1.2. Il-KESE huwa iktar inkwetat li, bħall-Kummissjoni, jirrikonoxxi li l-infurzar dgħajfef tal-mekkaniżmi li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-governanza ambjentali huwa fattur ta' dispaċir tal-kompetizzjoni żleali u ta' ħsara ekonomika.

1.3. Il-KESE jassoċja ruħu wkoll mal-Kummissjoni biex jenfasizza n-nuqqasijiet attwali li qed jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini fir-rigward tal-effikaċja tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jimmobilizzaw finanzjament sinifikanti għar-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali, sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-governanza u l-leġiżlazzjoni ambjentali.

1.4. Kif iddikjarat fil-komunikazzjoni *Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar* ⁽¹⁾, “il-ksur tad-dritt tal-UE mhuwiex kwistjoni ta' rutina” u ma għandux jiġi ttrattat bħala tali. Il-KESE jemmen li n-nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni jeħtieġ jiġi indirizzat f'livell għoli xieraq u f'ħin opportun, li mhuwiex il-każ fil-komunikazzjoni attwali ⁽²⁾.

1.5. Il-komunikazzjoni tindirizza biss il-bini ta' kapaċità u l-appoġġ fil-livell tal-Istati Membri. L-ebda waħda mill-miżuri mhija relatata mal-monitoraġġ u mal-infurzar fil-livell tal-UE mill-Kummissjoni bħala “gwardjan tat-trattat”. Il-pjan ta' azzjoni jonqos milli jindirizza r-raġunijiet għal nuqqas ta' konformità lil hinn mill-konfużjoni u min-nuqqas ta' kapaċità, bħall-opportuniżmu u n-nuqqas ta' rieda politika. Filwaqt li l-appoġġ tal-Istati Membri huwa meħtieġ, il-miżuri mhux vinkolanti ta' dan il-pjan ta' azzjoni ma jistgħux ikunu l-unika strateġija biex titjeb il-konformità ambjentali.

⁽¹⁾ ĠU C 18, 19.1.2017, p. 10.

⁽²⁾ COM(2018) 10.

1.6. Barra minn hekk, il-KESE, b'referenza għall-Opinjoni ⁽³⁾, jitlob b'mod partikolari lill-Kummissjoni tikkompleta l-pjan ta' azzjoni tagħha dwar l-aċċess għall-ġustizzja. Il-KESE jappella wkoll li tiġi ttrattata l-kwistjoni tal-ispiża ta' dan l-aċċess għall-ġustizzja għas-soċjetà ċivili.

1.7. Il-KESE jenfasizza wkoll li l-ewwel nett jeħtieġ li jsiru aktar sforzi sabiex tiġi evitata l-ħsara ambjentali u li strateġija ta' prevenzjoni dejjem għandha tkun ippreferuta minn soluzzjoni. Infurzar konsistenti u strett tal-liġi ambjentali mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni huwa essenzjali għal dan il-għan, peress li jservi bħala deterrent qawwi għal ħsara futura. Barra minn hekk, il-kampanji ta' komunikazzjoni lejn il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku jintlaqgħu b'sodisfazzjon sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u b'hekk jitjeb ir-rwol tal-pubbliku bħala għassies. Sabiex in-nies ikunu jistgħu jieħdu dan ir-rwol, aċċess effettiv għall-ġustizzja fil-qasam ambjentali huwa indispensabbli.

1.8. Fl-aħħar nett, il-KESE jilqa' l-possibbiltà li jinħatru rappreżentanti tal-KESE fi ħdan il-forum dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni ambjentali u l-governanza ambjentali. Għal dan il-għan, il-KESE jirrakkomanda li tliet membri (wieħed għal kull grupp) jipparteċipaw bi dritt ta' vot, minflok bħala osservaturi.

1.9. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li jkun hemm djalogu sinifikanti u effettiv mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Forum tal-Konformità Ambjentali u ta' Governanza sabiex jiġi żgurat li l-vuċijiet tagħhom jinstemgħu. F'dan il-kuntest ta' konformità ambjentali, il-Kumitat jenfasizza r-rwol essenzjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-kapaċità tagħhom bħala għassies għall-istat tad-dritt, il-ġid komuni u l-protezzjoni tal-pubbliku.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Kemm l-Opinjoni tal-Kumitat dwar L-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali tal-UE ⁽⁴⁾ u l-Opinjoni dwar L-aċċess għall-ġustizzja flivell nazzjonali b'rabta ma' miżuri li jimplimentaw il-liġi ambjentali tal-UE ⁽⁵⁾ jenfasizzaw li implimentazzjoni fqira, frammentata u żbilanċjata tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE hija problema serja f'ħafna Stati Membri tal-UE.

2.2. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2018) 10 final fiha pjan ta' azzjoni li għandu l-għan li jżid il-konformità mal-liġi ambjentali tal-UE u li jtejjeb il-governanza ambjentali.

2.3. Il-pjan jipprevedi kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-professjonisti rilevanti (spetturi, awdituri, uffiċjali tal-pulizija u prosekuturi) bil-għan li joħloq kultura intelliġenti u kooperattiva ta' konformità mar-regoli ambjentali tal-UE; madankollu din hija biss frazzjoni żgħira ta' dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali.

2.4. L-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni kienet ikkaratterizzata minn sfidi sinifikanti, marbuta ma' problemi persistenti (pereżempju: tixrid tat-tniġġis tal-ilma, kwalità ħażina tal-arja, trattament tal-iskart mhux sodisfaċenti, u tnaqqis fl-ispeċijiet u l-habitats).

2.5. Skont il-Kummissjoni, l-ispejjeż ta' nuqqas ta' implimentazzjoni jammontaw għal EUR 50 biljun fis-sena.

2.6. Minbarra l-gwadann ekonomiku li ġie diskuss hawn fuq, jistgħu jinkisbu wkoll ħafna benefiċċji oħrajn (inkluż għas-saħħa pubblika u r-riżorsi fit-tul meħtieġa mis-soċjetà) permezz ta' applikazzjoni aktar effettiva ta' din il-leġiżlazzjoni.

2.7. Barra minn hekk, mekkaniżmi dgħajfa li jiżguraw konformità mal-leġiżlazzjoni u l-governanza effettiva fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali (inkluż nuqqas ta' kontrolli) huma fost il-kawżi tan-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regoli tal-UE.

2.8. Dawn il-mekkaniżmi dgħajfa huma wkoll fattur ta' kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi u ta' ħsara ekonomika (bħal telf ta' dħul mit-taxxa). Dan jimmina l-kunfidenza pubblika fl-effettività tal-liġijiet tal-UE.

⁽³⁾ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 65.

⁽⁴⁾ ĠU C 345, 13.10.2017, p. 114.

⁽⁵⁾ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 65.

2.9. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni tipproponi pjan ta' azzjoni b'disa' punti, akkumpanjat bil-ħolqien ta' grupp ta' esperti ⁽⁶⁾: il-Forum ta' Konformità Ambjentali u ta' Governanza.

2.10. Id-disa' tipi ta' azzjoni li l-pjan ta' azzjoni jipproponi li jwettaq huma stabbiliti fl-Anness 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ⁽⁷⁾.

3. Kummenti speċifiċi

3.1. Il-ksib ta' mudell tal-Ewropa u l-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali

3.1.1. Fil-kuntest globali, l-UE għandha tagħmel hilita biex tkun pijuniera fil-protezzjoni effettiva tal-ambjent u taċ-ċittadini tagħha u għandha tinsisti li din il-kwistjoni tkun prijorizzata. Peress li leġiżlazzjoni hija diġà fis-seħħ u ttieħdu passi importanti, in-nuqqas li tiġi żgurata konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ hija opportunità mitlufa għall-UE biex twettaq il-valuri tagħha u biex tagħmel differenza reali.

3.1.2. Il-KESE javża lill-Kummissjoni li l-istat tal-protezzjoni taċ-ċittadini huwa dgħajef ħafna f'ċerti kuntesti. Konformità mad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha hija ta' importanza kbira, peress li leġiżlazzjoni nazzjonali żbaljata sistematikament timmina l-kapaċità tan-nies li jasserixxu d-drittijiet tagħhom u li jużaw bis-sħiħ il-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Dan huwa ta' importanza partikolari fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni ambjentali peress li nuqqas ta' konformità pereżempju ma' standards tal-arja jaffettwa s-saħħa tal-bniedem b'mod sinifikanti.

3.1.3. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni lejn l-Opinjoni ⁽⁸⁾ tiegħu, u jittama li din se titqies fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha u li, pereżempju, lil hinn mill-kriminalità marbuta mal-iskart u mal-organiżmi selvaġġi, dan il-pjan se jiffoka wkoll fuq ir-regolamentazzjoni, il-kontrolli, u l-governanza relatati man-nanomaterjali u l-interferenti endokrinali.

3.1.4. Madankollu, il-KESE jixtieq jindika li huwa japprezza r-rieda tal-Kummissjoni li tippromwovi, pereżempju, l-użu ta' inġenji tal-arja (drones) u ta' applikazzjonijiet għas-smartphone biex tiġi rrapportata jew identifikata ħsara ambjentali u li thegħeġ lill-Istati Membri kif ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali (bħalma hu pereżempju l-każ fl-Irlanda) biex jużawhom huma stess jew inkella jappoġġjaw inizzjattivi pubbliċi li jistgħu jtejbju l-implimentazzjoni ta' regoli ambjentali billi jużaw dan it-tip ta' għodda.

3.2. Is-Suq Uniku u l-aspetti ekonomiċi

3.2.1. Il-konsistenza fl-applikazzjoni tal-liġi ambjentali hija fattur essenzjali li ssostni s-Suq Uniku. Applikazzjoni inkonsistenti tal-leġiżlazzjoni ambjentali toħloq vantaġġi iġusti għan-negozji f'dawk l-Istati Membri fejn hemm nuqqas ta' konformità. Dan iwassal għal kundizzjonijiet tas-suq iġusti u jipprovdi inċentivi ħżiena għan-negozji tal-UE.

3.2.2. Konsistenza u ċertezza tal-applikazzjoni huma meħtieġa fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat li nuqqas ta' konformità huwa ssanzjonat b'mod ugwali madwar l-UE. Dan jipprovdi għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u jippermetti lin-negozji jiddependu fuq id-dritt tal-Unjoni filwaqt li joħlqu wkoll kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fl-Istati Membri kollha.

3.2.3. Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tistqarr li l-ispejjeż ta' nuqqas ta' konformità huma stmati li jammontaw għal EUR 50 biljun fis-sena. L-istudju tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-benefiċċji li jinkisbu permezz tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE ⁽⁹⁾ jistabbilixxi wkoll il-benefiċċji ekonomiċi vasti li jistgħu jinkisbu mill-iżgurar tal-konformità ambjentali. Minbarra l-interessi ambjentali, tas-saħħa u tal-istat tad-dritt, għand jkun hemm ukoll interess ekonomiku ċar fil-prevenzjoni ta' ħsara ulterjuri permezz ta' kontrolli effettivi u infurzar xieraq ta' liġi ambjentali eżistenti.

3.2.4. Il-KESE jfakkar lill-Kummissjoni li hemm bżonn ta' aktar riżorsi umani u finanzjari biex jiġi vverifikat li r-regoli ambjentali u l-governanza qed jiġu implimentati, kif spjegat preċedentement fl-Opinjoni tiegħu dwar Pjan ta' Azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija ⁽¹⁰⁾. Fuq kollox, il-finanzjament meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi miftiehma, pereżempju fil-qasam tal-bijodiversità, mhuwiex biżżejjed.

⁽⁶⁾ ĠU C 19, 19.1.2018, p. 3.

⁽⁷⁾ SWD(2018) 10.

⁽⁸⁾ ĠU C 345, 13.10.2017, p. 114.

⁽⁹⁾ <https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/219e8506-9adf-11e6-868c-01aa75ed71a1>.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 90.

3.2.5. Il-KESE jixtieq ukoll li l-UE, fil-kuntest ta' negozjati kummerċjali bilaterali jew multilaterali, tikseb b'mod sistematiku ekwivalenza tal-leġiżlazzjoni soċjali u ambjentali tagħha għall-prodotti importati.

3.3. *Proċedimenti ta' infurzar mill-Kummissjoni*

3.3.1. Filwaqt li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà ewlenija li jimplementaw u japplikaw id-dritt tal-Unjoni b' mod korrett, il-Kummissjoni hija l-gwardjan tat-Trattat⁽¹¹⁾. Għalhekk, hija għandha tiżgura li l-istrumenti ambjentali huma rrispettati u li l-Istati Membri joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-ilħuq tal-oġġettivi tal-UE fil-politika ambjentali⁽¹²⁾. Billi tagħmel dan, hija għandha d-diskrezzjoni li tinstiga proċedimenti ta' infurzar skont l-Artikolu 258 tat-TFUE.

3.3.2. Minħabba l-impatt transkonfinali tal-ħsara ambjentali, konformità fi Stat Membru wieħed hija ta' interess kbir għall-Istati Membri kollha li qed ifittxu li jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom u jipprevjenu ħsara ambjentali fit-territorju tagħhom stess. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha rwol ewleni fil-protezzjoni ta' dan l-interess komuni tal-UE u fil-provvediment ta' aċċess għall-ġustizzja f'kunflitti transkonfinali.

3.3.3. Fl-2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddikjaraw li "titjib fl-implimentazzjoni tal-acquis ambjentali tal-Unjoni fil-livell tal-Istati Membri se [...] jingħata prijorità ewlenija fis-snin li ġejjin"⁽¹³⁾. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Riżultati Aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar⁽¹⁴⁾ enfasizzat l-importanza tal-użu strateġiku tas-setgħa ta' infurzar tagħha biex tipprijorizza l-isforzi ta' infurzar tagħha fuq l-aktar ksur importanti tad-dritt tal-Unjoni li jaffettwa l-interessi taċ-ċittadini u tan-negozji tagħha. Konformità mar-regolamenti ambjentali hija ta' importanza vitali għall-UE, peress li taffettwa direttament lis-Suq Uniku u s-saħħa taċ-ċittadini tiegħu, u għandha tingħata prijorità ċara fil-proċedimenti ta' infurzar tal-Kummissjoni.

3.3.4. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar il-benefiċċji ta' proċedimenti ta' ksur barra l-applikazzjoni immedjata tagħhom għal każ speċifiku⁽¹⁵⁾. Il-proċedimenti ta' infurzar effettiv jibagħtu sinjal ċar lill-Istati Membri li l-UE tagħti prijorità kbira lill-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha u l-ambjent li jgħixu fih.

3.3.5. L-insewiment sistemiku ta' nuqqas ta' konformità jipprovdi wkoll fattur ta' dissważjoni qawwi, billi jnaqqas in-nuqqas ta' konformità b'mod aktar wiesa'. Dan ikompli jsaħħaħ il-fiducia fid-dritt tal-Unjoni lil hinn mill-qasam tal-protezzjoni ambjentali, b'effetti konsegwenzjali pożittivi foqasma oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

3.4. *L-effettività tal-liġi*

3.4.1. It-tneħħija mifruxa tal-liġi ambjentali kriminali, kif ukoll impedimenti għall-aċċess pubbliku għall-ġustizzja ambjentali u l-governanza, għet innotata f'diversi pajjiżi minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili. Dan jista' jkun minħabba interpretazzjoni żbaljata ta' ċerti linji gwida ta' politika tal-UE (pereżempju, strateġija ta' Regolament Aħjar li twassal għal simplifikazzjoni u esperimentazzjoni, li tippermetti l-ksur tar-regoli).

3.4.2. Barra minn hekk, għal għadd ta' politiki ambjentali tal-UE, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw in-nuqqas ta' implimentazzjoni adegwata tal-leġiżlazzjoni minflok ma jkun hemm regolamentazzjoni żejda. Din ir-regolamentazzjoni żejda fil-livell nazzjonali tista' twassal għall-perċezzjoni żbaljata li l-Istati Membri huma ambizzjużi ħafna meta fil-verità qed jonqsu bil-kbir billi ma jimplementawx biżżejjed il-liġi ambjentali tal-UE, li qed iwassal għal nuqqas ta' konformità.

3.4.3. Filwaqt li l-Komunikazzjoni tippreżenta tliet klassijiet ta' intervent għall-iżgurar tal-konformità, din tonqos milli tissuġġerixxi miżuri li huma relatati mat-tlieta li huma. L-azzjonijiet proposti huma kollha miżuri li jippromwovu konformità u bini ta' kapaċità fil-livell tal-Istati Membri. L-ebda waħda mill-azzjonijiet issuġġeriti mhija relatata ma' miżuri ta' segwitu u ta' infurzar mill-Kummissjoni nnfisha, u b'hekk dan il-pjan ta' azzjoni jsir mhux vinkolanti u x'aktarx ma jwassalx għal titjib sinifikanti fil-konformità ambjentali.

⁽¹¹⁾ L-Artikolu 17 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE).

⁽¹²⁾ L-Artikolu 4(3) tat-TUE.

⁽¹³⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

⁽¹⁴⁾ ĠU C 18, 19.1.2017, p. 10.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 81, 2.3.2018, p. 88.

3.4.4. Għalhekk, fil-pjan ta' azzjoni tagħha, il-Kummissjoni tonqos milli tindirizza l-miżuri ta' monitoraġġ u ta' infurzar fil-livell tal-UE. Anke fi ħdan il-mekkaniżmi ta' appoġġ li pproponiet, hija tilfet l-opportunità li tassoċja miri ċari ma' kull azzjoni sabiex tkejjel l-effettività tagħhom. Peress li l-appoġġ finanzjarju ma jiddependi fuq l-ebda bidla fil-prattika fl-Istati Membri, ir-riżultat antiċipat mhuwiex ċar u għalhekk jinħolqu dubji dwar l-effettività u l-adekwatezza tal-miżuri ssuġġeriti.

3.4.5. Il-KESE huwa ddispjaċut ukoll dwar in-nuqqas ta' indirizzar tat-tħaddim tal-ilmenti u tal-ispezzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni. Il-KESE huwa mħasseb serjament dwar nuqqas ta' rieda politika fil-Kummissjoni li jwassal għal nuqqas ta' trasferiment 'il quddiem tal-ilmenti. In-natura "mhux vinkolanti" tal-miżuri proposti tenfasizza dan it-tħassib.

3.4.6. Fil-fehma tal-KESE, minbarra l-applikazzjoni korretta tal-liġi ambjentali u ta' governanza ambjentali tajba, għandu jitqies ukoll il-prinċipju ta' non-rigressjoni fil-liġi ambjentali sabiex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli.

3.4.7. Il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi li hemm raġunijiet differenti għan-nuqqas ta' konformità, fosthom konfużjoni, fehim dgħajfef jew nuqqas ta' aċċettazzjoni tar-regoli, nuqqas ta' investment, opportuniżmu u kriminalità. Sfortunatament, il-Kummissjoni tonqos milli tindirizza b'mod adegwat dawn ir-raġunijiet kollha, billi tissuġġerixxi biss miżuri biex jiġu indirizzati l-konfużjoni u l-fehim dgħajfef. Filwaqt li l-Istati Membri jeħtieġu appoġġ, din ma tistax tkun l-unika strateġija biex titjeb il-konformità ambjentali peress li tonqos milli tindirizza ħafna mir-raġunijiet li mhumiex relatati ma' konfużjoni u ma' kapaċità limitata.

3.5. Aċċess għall-ġustizzja fil-livell nazzjonali u Ewropew

3.5.1. Il-KESE jfakkar lill-Kummissjoni li nuqqas ta' konformità sistemika fl-Istati Membri u n-nuqqas ta' infurzar adegwat permezz tal-qrati nazzjonali jippreżentaw problema ċara ta' applikazzjoni tal-ġustizzja fil-livell nazzjonali.

3.5.2. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjoni tiegħu fl-Opinjoni tiegħu dwar l-aċċess għall-ġustizzja⁽¹⁶⁾ fir-rigward tal-monitoraġġ tar-referenzi preliminari. Il-KESE jenfasizza l-importanza tar-referenzi preliminari fl-iżgurar tal-konsistenza tad-dritt tal-Unjoni u jhegġegħ lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-użu u l-konformità ma' din l-għodda mill-qrati nazzjonali.

3.5.3. Il-KESE jtenni⁽¹⁷⁾ li aċċess liberu għal informazzjoni ambjentali huwa essenzjali għall-pubbliku u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex ikunu jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom bħala għassiesa pubbliċi.

3.5.4. Filwaqt li l-KESE jirrikonoxxi d-differenzi bejn is-sistemi tal-ġustizzja tal-membri differenti, huwa ddiżappuntat li la l-kwistjoni ta' *locus standi* u lanqas l-ispejjeż involuti biex il-każ jinġieb fil-livell nazzjonali ma ġew indirizzati. Dawn iż-żewġ aspetti jippreżentaw ostakli sostanzjali għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw iċ-ċittadin, kif ukoll il-konsumatur, huma u jiddefendu l-interessi soċjali u ambjentali, u jesigū li l-gvernijiet u n-negozji l-kbar jinżammu responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom fil-qrati nazzjonali.

3.5.5. Anke jekk il-*locus standi* jingħata, u kif ġie nnotat qabel fl-Opinjoni tiegħu⁽¹⁸⁾, il-KESE jtenni li r-riżorsi finanzjarji tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma estremament limitati, li spiss iwassal għal ċaħda tal-ġustizzja għall-individwi affettwati. Barra minn hekk, dawn l-ostakli jipprevjenu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili milli jwettqu x-xogħol utli tagħhom għall-implimentazzjoni korretta tal-liġi eżistenti, li huwa essenzjali għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt.

3.5.6. Il-KESE jwissi wkoll li huwa importanti li jkun hemm sistemi fis-seħħ sabiex jiġi evitat l-abbuż tas-sistema tal-qorti. Dan għandu jitqies meta jingħata aċċess liberu għall-ġustizzja lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Madankollu, il-KESE jissottolinja l-benefiċċji tal-għoti lil dawn tal-aħħar ta' aċċess għall-ġustizzja, li jippermettilhom jipproteġu lill-konsumaturi, is-saħħa u l-ambjent għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet li jipprevjenu l-użu abbużiv għandhom ikunu speċifiċi u mmirati, b'tali mod li ma jfixklux ix-xogħol importanti mwettaq mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 65.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 345, 13.10.2017, p. 114.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 65.

3.5.7. In-nuqqas tal-Kummissjoni u tal-qrati Ewropej li jiżguraw konformità mad-dritt tal-Unjoni jipperikola l-istat tad-dritt u jdgħajjef il-kunfidenza tal-pubbliku u l-kunfidenza tal-Istati Membri u tan-negozji fid-dritt tal-Unjoni. Dan jikkontribwixxi wkoll biex jiġi mċaħħad l-aċċess għall-ġustizzja miċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u n-negozji, li jwassal għal żieda fin-nuqqas ta' fiduċja fl-effiċjenza tal-Kummissjoni u tal-qrati, u tnaqqis fil-fiduċja fl-UE kollha kemm hi.

3.5.8. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tinjora żewġ punti li huma sensitivi fil-livell Ewropew, li t-tnejn li huma għandhom x'jaqsmu mal-aċċess għall-qrati Ewropej;

- l-aċċess għall-ġustizzja tal-UE, li ġie enfasizzat fil-laqgħa tal-partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus u li huwa relatat mal-funzjonament intern tal-istituzzjonijiet tal-UE (pereżempju, il-Kummissjoni tiddeċiedi malajr wisq biex ma tiħux azzjoni dwar l-ilmenti);
- id-drawwiet ta' ċerti qrati nazzjonali, li jirrifjutaw li jirreferu mistoqsijiet preliminari u minflok jieħdu r-responsabbiltà huma, bi ksur tat-Trattati, li jinterpretaw id-dritt tal-Unjoni, xi drabi b'deċiżjonijiet grotteski (pereżempju, fi Franza relatur pubbliku fil-*Conseil d'État* (Kunsill tal-Istat) qal lill-ġurija li l-fatt li wieħed jirreferi mistoqsija preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa inutli peress li din tal-aħħar qatt ma indirizzat is-suġġett inkwistjoni).

3.5.9. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinkludi b'mod espliċitu l-punti li saru dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-livell nazzjonali u tal-UE sabiex jiġi żgurat approċċ olistiku li jservi lill-pubbliku billi jipproteġi s-saħħa tan-nies u l-habitat attwali u dak futur.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Kunsill
dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta’ Prestazzjoni Għolja”**

(COM(2018) 8 final — 2018/0003(NLE))

(2018/C 283/12)

Relatur: **Ulrich SAMM**

Korelatur: **Antonio LONGO**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 21.2.2018
Bażi legali	L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	4.5.2018
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni plenarja Nru	535
Riżultat	196/2/4
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja din l-inizjattiva għal **Impriża Konġunta tal-EuroHPC** bħala pass konkret konformi mal-strateġija Ewropea tal-cloud, u bħala parti minn strateġija usa’ tal-UE (li tinkludi ċ-Ċibersigurtà, is-Suq Uniku Diġitali, is-Soċjetà Ewropea tal-Gigabits, Xjenza Miftuħa, eċċ.). Din l-inizjattiva ggħib **valur miżjud tal-UE** ċar b’**teknoloġija ewlenija** li ser jgħinu biex jindirizzaw l-aktar kwistjonijiet li jippreżentaw sfida għas-soċjetà moderna tagħna u fl-aħħar mill-aħħar ser ikunu ta’ benefiċċju għall-benesseri tagħna, il-kompetittività u l-impjiegi.

1.2. Il-KESE jemmen li l-**investiment** inizjali ta’ EUR 1 biljun għall-akkwist u għall-operazzjoni ta’ magni ta’ supercomputing fuq livell għoli huwa sinifikanti iżda mhux wisq ambizzjuż meta mqabbel mal-kompetituri tagħha, bħall-Istati Uniti tal-Amerika u ċ-Ċina. Madankollu, il-KESE huwa konvint li żieda sostanzjali fl-investimenti (fl-Istati Membri tal-UE), flimkien ma’ **programm ta’ riċerka u innovazzjoni** Ewropew b’saħħtu, ser tkun neċċessarja biex jinżamm il-livell ta’ klassi dinjija f’applikazzjonijiet tal-HPC. Peress li t-tigrijja ser tkompli, m’hemmx dubju li sforzi simili ser ikunu neċċessarji għall-QFP li jmiss f’konformità ma’ dawk tal-kompetituri globali.

1.3. Il-KESE japprova l-**approċċ industrijali** għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss ta’ mikroċipep b’enerġija baxxa fl-Ewropa. Dan ser jagħmel lill-UE inqas dipendenti fuq l-importazzjonijiet u jiżgura aċċess għall-ogħla teknoloġija tal-HPC. Il-KESE jirrimarka li l-iżvilupp ta’ tali mikroċipep għandu wkoll impatt fuq computing fuq skala żgħira għaliex iċ-ċirkwiti integrati ta’ kwalità għolja jistgħu jiġu adattati (tnaqis fl-iskala) għal apparat fis-**suq tal-massa** (PCs, smartphones, is-settur awtomobilistiku).

1.4. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar enfasi fuq il-pożizzjoni b’saħħitha li din l-inizjattiva qed tibda minnha u fuq il-fatt li huwa essenzjali li titkompla l-**istorja ta’ suċċess** Ewropea msejsa fuq pilastru eżistenti PRACE u GÉANT u ilhom ħafna snin li jipprovdu servizzi HPC ta’ livell għoli għall-industrija u r-riċerka ta’ interkonnessjoni, l-educazzjoni u netwerks nazzjonali ta’ riċerka u ċentri ta’ HPC b’netwerks sikuri, ta’ kapaċità għolja, rispettivament.

1.5. Għalhekk, il-KESE jenfasizza l-importanza kbira tal-**integrazzjoni** tal-Impriża Konġunta l-ġdida EuroHPC ma’ strutturi li diġà jeżistu u programmi bħala l-aħjar mod biex konġuntament jiskjeraw ir-riżorsi Ewropej. Pereżempju, l-ewalwazzjoni bejn il-pari organizzata minn PRACE għandha tinżamm biex jinżamm l-istandard dinji għoli.

1.6. Il-KESE jixtieq jinkoraġġixxi **aktar Stati Membri** biex jingħaqdu mal-Impriża Konġunta EuroHPC u jużawha bħala opportunità biex jagħmlu profitt minn qawwa komputazzjonali ta' livell dinji. Fid-dawl tal-kumplessità ta' Impriża Konġunta, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tqiegħed biżżejjed sforzi biex jispjegaw u jippromovu l-vantaġġi u l-opportunitajiet ta' dan l-istrument legali, b'mod partikolari għal pajjiżi iżgħar u fir-rigward tal-possibbiltà għal kontribuzzjonijiet in natura.

1.7. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li tnejn mill-imsieħba tal-Kummissjoni fs-sħubija pubblika-privata kuntrattwali (cPPP) jistgħu jsiru l-ewwel membri privati, li huwa ċentrali għall-parteċipazzjoni tal-**industriji**, inklużi **I-SMEs**. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-possibbiltà ta' aktar msieħba, iżda jinsisti wkoll li għal kwalunkwe sieħeb ġdid, b'mod partikolari għal dawk minn barra l-UE, għandha tiġi sodisfatta r-reċiproċità. L-UE għandha tkun tista' tapprofitta mill-opportunità rappreżentata mill-iżvilupp tat-teknoloġija HPC sabiex jitlestha s-settur industrijali Ewropew sabiex jiġu kopruți l-ispejjeż kollha tal-katina ta' produzzjoni (disinn, manifattura, implimentazzjoni, applikazzjoni). Bħala għan ta' nofs it-terminu l-Unjoni Ewropea għandha tilħaq il-kapaċità biex tippjana u twettaq HPC b'teknoloġija Ewropea.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda **li ċ-ċittadini u l-impriżi jiġu infurmati** dwar din l-inizjattiva l-ġdida importanti biex tiġi rkuprata l-fiducia taċ-ċittadini fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea, u biex jgħinu l-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, ikunu konxji tal-benefiċċji tagħha. Barra minn hekk l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka għandhom ikunu involuti permezz ta' attività ta' komunikazzjoni speċifika li għandha l-għan li tqajjem l-interess u tħeġġeġ proġetti dwar l-HPC.

1.9. Il-KESE jirrakkomanda li tissaħħaħ kemm jista' jkun id-**dimensjoni soċjali** tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni bħala parti fundamentali tal-Pilastru soċjali Ewropew. L-implimentazzjoni u l-użu ta' magni ta' livell għoli għandu jkollu impatt pożittiv evidenti u li jista' jitkejjel fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

2. Introduzzjoni

2.1. Wara li ntuża oriġinarjament fir-riċerka dwar il-klima, it-tbassir tat-temp numeriku, l-astrofiżika, il-fiżika u l-kimika tal-partiċelli, il-**computing ta' prestazzjoni għolja (HPC)** issa ntuża wkoll f'ħafna oqsma xjentifiċi, mill-bijoloġija, ix-xjenzi tal-ħajja u s-saħħa, simulazzjonijiet tal-kombustjoni b'fedeltà għolja, ix-xjenzi tal-materjali għax-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi. Fl-industrija, l-HPC intuża b'mod mifrux fl-esplorazzjoni għaż-żejt u l-gass, l-aeronawtika, is-settur tal-karozzi u l-finanzi, u issa qed isir kruċjali għall-iżgurar ta' mediċina personalizzata, l-iżvilupp tan-nanoteknoloġiji u biex isir żvilupp u użu mill-enerġiji rinnovabbli. Fl-aħħar nett, l-HPC qed isir għodda dejjem aktar importanti għall-appoġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi billi jissimulaw xenarji relatati ma' avvenimenti ta' riskju naturali, riskji industrijali, riskji bijoloġiċi u riskji ta' terroriżmu (ċibernetiku), u għalhekk hija essenzjali għas-sigurtà nazzjonali u d-difiża.

2.2. Fil-computing, l-operazzjonijiet b'punt li jvarja kull sekonda (**FLOPS**) huwa kejl tal-prestazzjoni tal-kompjuter. Il-prestazzjoni tal-HPC tirrappreżenta in-naħa ta' fuq ta' dak li huwa teknoloġikament possibbli. Din il-prestazzjoni ta' livell għoli qed tiżdied b'mod kostanti, minħabba ċ-ċirkwiti integrati dejjem iżgħar (Moore's law) u l-bidla minn iprocessor vector għal dak parallel. Kull għaxar sa tnax-il sena, kien hemm bidla ta' veloċità komputazzjonali b'fattur ta' 1 000, għalhekk kien hemm tranżizzjoni minn gigascale (1985), għal terascale (1997), għal petascale (2008). It-tranżizzjoni minn petascale għal **exascale** (Giga = 10^9 , tera = 10^{12} , peta = 10^{15} , exa = 10^{18}) hija mistennija li tiġri bejn 2020 u 2023.

2.3. S'issa kull Stat Membru fl-UE beda jinvesti f'HPC waħedha. Meta mqabbla mal-kompetituri tagħha mill-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Ġappun, jidher ċar li l-Ewropa qiegħda tinvesti inqas milli hemm b'żonn fl-HPC, bi spariġġ ta' finanzjament ta' EUR 500-700 miljun fis-sena. Għalhekk, l-UE m'għandhiex l-aktar superkompjuters rapidi u barra minn hekk il-magni tal-HPC fl-UE jiddependu fuq teknoloġija mhux Ewropea. Il-passi li jmiss fit-teknoloġija tal-HPC jistgħu jinkisbu l-aħjar permezz ta' **sforzi konġunti Ewropej** b'investimenti fuq skala li tmur lil hinn mill-possibiltajiet ta' Stati Membri individwali.

2.4. L-iżvilupp tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' microċipep fl-Ewropa tista' tgħin biex tintlaħaq l-indipendenza tal-UE f'aċċess għall-ogħla teknoloġija tal-HPC. Iżda l-katina tal-provvista tat-teknoloġija tal-HPC Ewropea tista' tittejjeb biss bi prospettivi ċari ta' suq ewlieni u tal-iżvilupp ta' ekosistema ta' magna ta' daqs sa exascale. Is-settur pubbliku għandu jkollu rwol ewlieni f'dan il-għan, inkella l-fornituri Ewropej mhux se jieħdu r-riskju li jiżviluppaw l-magni waħedhom.

2.5. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea qed tippjana inizjalment li tinvesti EUR 1 biljun flimkien mal-Istati Membri fil-bini ta' **infrastruttura ta' superkompjuters Ewropea ta' klassi dinjija**. Tali infrastruttura kondiviża u l-użu komuni ta' kapaċitajiet eżistenti huwa maħsub li jkun ta' benefiċċju għal kulħadd, mill-industrija, l-SMEs, ix-xjenza, is-settur pubbliku u speċjalment l-Istati Membri (iżgħar) mingħajr infrastrutturi awtosuffiċjenti nazzjonali tal-HPC.

2.6. L-importanza tal-HPC ġiet deskritta b'mod ċar mill-Kummissjoni Ewropea fl-2012 fl-istrategġija tagħha "Informatika ta' Prestazzjoni Għolja: post l-Ewropa f'Tellieqa Globali" ⁽¹⁾. F'April 2016, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-**Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud Computing** ⁽²⁾. Din l-inizjattiva tinkludi żewġ elementi: l-**Infrastruttura tad-Data Ewropea** (EDI) b'kapaċità ta' supercomputing u konnettività b'veloċità għolja fuq livell dinji u l-**Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa** (EOSC) b'ħażna ta' data mill-aktar avvanzata u ġestjoni u interfaċċji għat-twassil tas-servizz ibbażat fuq il-cloud L-ewwel waħda ser titwassal bil-**Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja** ⁽³⁾.

2.7. Il-proposta hija segwitu għad-**dikjarazzjoni tal-EuroHPC**, iffirmata fit-23 ta' Marzu 2017 waqt il-Jum Diġitali f'Ruma minn seba' Stati Membri – Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja. Ingħaqdu magħhom matul l-2017 il-Belġju, il-Bulgarija, l-Iżvizzera, is-Slovenja, il-Greċja u l-Kroazja. Dawn il-pajjiżi qablu li jibnu infrastruttura tas-superkompjuttazzjoni tal-exascale integrata u pan-Ewropea. Stati Membri oħra u pajjiżi assoċjati huma mħeġġin li jiffirmaw id-dikjarazzjoni EuroHPC ukoll.

2.8. B'segwitu għal valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni ⁽⁴⁾ sabet li **Impriża Konġunta** kienet l-aħjar għażla għall-implimentazzjoni tal-EuroHPC, li tippermetti l-akkwist konġunt, is-sjeda u t-tħaddim ta' superkompjuters biex jiġu kkombinati b'mod effiċjenti.

3. Il-kontenut essenzjali tal-proposta

3.1. Il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC). Din l-entità legali ġdida ser:

- tipprovdi **struttura ta' finanzjament** biex tintara, tinbena u tintuża infrastruttura tal-computing ta' prestazzjoni għolja (HPC) fuq livell dinji madwar l-Ewropa;
- tappoġġa **programm ta' riċerka u innovazzjoni** biex jiġu żviluppati t-teknoloġiji u l-magni (hardwer) kif ukoll l-applikazzjonijiet (softwer) li jaħdmu fuq dawn is-superkompjuters;
- Tipprovdi appoġġ finanzjarju fil-forma ta' akkwist jew **għotjiet għar-riċerka u l-innovazzjoni** lill-parteċipanti li jsegwu sejħiet miftuħa u kompetittivi; tipprovdi lill-industrija Ewropea u b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) b'aċċess aħjar għas-superkompjuters.

3.2. Il-**kontribut tal-UE** għall-EuroHPC se jkun ta' madwar **EUR 486 miljun** taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali, flimkien ma' **ammont simili mill-Istati Membri** u l-pajjiżi assoċjati. Il-membri privati tal-inizjattiva jistgħu wkoll jżidu kontribuzzjonijiet **in natura**. B'mod ġenerali, madwar EUR 1 biljun ta' fondi pubbliċi ser jiġu investiti sal-2020.

3.3. L-attivitajiet tal-Impriża Konġunta EuroHPC li joperaw mill-2019 sal-2026 ser jikkonsistu minn:

- **l-akkwist u l-operat** ta' żewġ magni ta' supercomputing **pre-exascale** ta' livell dinji u mill-inqas żewġ magni ta' supercomputing ta' livell medju (petascale), il-forniment u t-tmexxija ta' aċċess għal dawn is-superkompjuters għal firxa wiesgħa ta' utenti pubbliċi u privati mill-2020;
- **programm ta' riċerka u innovazzjoni** dwar l-HPC: biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' teknoloġija ta' supercomputing Ewropea inkluża l-ewwel ġenerazzjoni ta' teknoloġija Ewropea ta' **mikroproċessur b'enerġija baxxa**, u t-fassil konġunt ta' **magni exascale** Ewropej, u biex jitrawmu l-applikazzjonijiet, l-iżvilupp ta' ħilet u użu usa' ta' computing ta' prestazzjoni għolja.

3.4. Il-proposta trid tilħaq prestazzjoni exascale sal- 2022-2023. Pass intermedju (50 % tal-prestazzjoni exascale) għandu jintlaħaq sal-2019. L-infrastruttura ppjanata ser tkun **proprietà konġunta** u operata mill-**membri** li għall-ewwel jikkonsistu mill-pajjiżi li ffirmaw id-dikjarazzjoni EuroHPC u l-membri privati mill-akkademja u l-industrija. Membri oħra jistgħu jissieħbu ma' din il-kooperazzjoni f'kull mument, sakemm jagħmlu kontribuzzjoni finanzjarja (inklużi kontribuzzjonijiet in natura).

⁽¹⁾ COM(2012) 45 final u ĠU C 299, 4.10.2012, p. 148.

⁽²⁾ COM(2016) 178 final u ĠU C 487, 28.12.2016, p. 86.

⁽³⁾ COM(2018) 8 final u Anness 1.

⁽⁴⁾ SWD(2018) 6 final.

3.5. Il-proposta tistabbilixxi li żewġ infrastrutturi se jinħolqu u jiġu implimentati b'mod parallel. Tali infrastrutturi ser jiġu ospitati minn żewġ pajjiżi tal-UE soġġetti għal kriterji speċifiċi.

3.6. L-impriża Konġunta ser tkun amministrata minn bord ta' tmexxija, magħmul minn rappreżentanti tal-pubbliku li huma membri tal-Impriża Konġunta. Din ser ikun responsabbli għat-tfassil ta' politika strateġika u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament relatati mal-attivitajiet ta' akkwist u ta' R&I tal-Impriża Konġunta. Id-drittijiet tal-vot tal-membri u l-proċeduri se jkunu fi proporzjoni mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom. L-impriża Konġunta hija bbażata fuq it-tagħlimiet miksuba minn impriżi konġunti oħrajn, bħal pereżempju ECSEL. Iż-żewġ impriżi konġunti huma simili f'termini ta' għanijiet u struttura. Id-differenza ewlenija qiegħda f'attivitajiet ta' akkwist fuq skala kbira fil-EuroHPC li huma nieqsa f'ECSEL. Din id-differenza tispjega l-attribuzzjoni ta' drittijiet tal-vot fi proporzjon għall-kontribuzzjoni ta' parteċipanti.

3.7. Il-bord ta' tmexxija ser ikun appoġġjat minn Bord ta' Konsulenza Xjentifika u Industrijali, magħmul minn rappreżentanti tal-membri privati li tal-Impriża Konġunta. Sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess, il-bord konsultattiv ser ikollu biss rwol konsultattiv.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE japprova din l-inizjattiva bħala pass konkret f'konformità mal-istrateġija Ewropea tal-cloud: l-għażla strateġika ta' computing cloud Ewropea miftuħa mmirata lejn il-komunità u l-industrija xjentifika, bħala parti minn impenn politiku u ekonomiku b'saħħtu għall-innovazzjoni diġitali ⁽⁵⁾. Din l-inizjattiva ggħib **valur miżjud tal-UE** ċar b'**teknoloġija ewlenija** li ser jgħinu biex jindirizzaw l-aktar kwistjonijiet li jippreżentaw sfida għas-soċjetà moderna tagħna u fl-aħħar mill-aħħar ser ikunu ta' benefiċċju għall-benesseri tagħna, il-kompetittività u l-impjiegi.

4.2. B'mod aktar ġenerali, l-inizjattiva tal-HPC hija parti kruċjali minn strateġija usa' tal-UE (li tinkludi l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà ⁽⁶⁾, l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali (reviżjoni) ⁽⁷⁾, is-Soċjetà Ewropea tal-Gigabits ⁽⁸⁾, ix-Xjenza Miftuħa, eċċ.) li għandhom l-għan li jirkupraw is-sovranità u l-indipendenza diġitali tal-Ewropa, sabiex l-UE ssir attur kruċjali fl-iżvilupp diġitali b'impatt dirett fuq il-kompetittività u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini.

4.3. Il-KESE jqis l-investimenti tal-bidu ta' 1 biljun għall-akkwist u għall-operazzjoni ta' żewġ magni ta' supercomputing pre-exascale ta' livell dinji u mill-inqas żewġ magni ta' supercomputing ta' livell medju bħala sinifikanti iżda mhux wisq ambizzjużi meta mqabbla mal-kompetituri tiegħu. Madankollu, il-KESE huwa konvint li żieda sostanzjali fl-investimenti (fl-Istati Membri tal-UE), flimkien ma' programm ta' riċerka u innovazzjoni Ewropew b'saħħtu, ser tkun neċessarja biex jinżamm il-livell ta' klassi dinjija f'applikazzjonijiet tal-HPC. Peress li t-tiġrija ser tkompli, m'hemm dubju li sforzi simili ser ikunu neċessarji għall-QFP li jmiss f'konformità ma' dawk tal-kompetituri globali.

4.4. Il-KESE jixtieq josserva li kompjuter b'veloċità għolja waħdu mhuwiex biżżejjed biex ikun suċċess. L-iżvilupp ta' softwer avvanzat ħafna u l-applikazzjonijiet ibbażati fuq programm ta' riċerka u żvilupp b'saħħithom huma wkoll indispensabbli għal progress reali. F'dan il-qasam, l-UE mhi xejn lura meta mqabbla mal-kompetituri tagħha u l-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tagħmel aktar enfasi fuq il-pożizzjoni b'saħħitha li din l-inizjattiva għadha tibda minnha u fuq il-fatt li din l-inizjattiva hija fundamentali biex titkompla **l-istorja ta' suċċess** Ewropea msejsa fuq il-pilastru eżistenti PRACE u GÉANT u li għal aktar minn għaxar snin issa hađu r-responsabbiltà li jorganizzaw u jgħaqqdu flimkien l-oqsma ta' HPC u n-networking, rispettivament.

4.5. Is-Sħubija għall-Computing Avvanzat fl-Ewropa (**PRACE**) kkofinanzjata mill-UE, maħluqa fl-2010 u li tinkludi 25 Stat Membru, tipprovdi servizzi HPC lix-xjenza u l-industrija avvanzati ħafna, u tuża l-akbar sistemi ta' supercomputing nazzjonali fl-Ewropa. Fl-2017, PRACE pprovdiet aċċess għal netwerk ta' seba' sistemi sofistikati ħafna, ipprovduti minn ħames membri ospitanti (Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja u l-Isvizzera) li investew aktar minn EUR 400 miljun fi PRACE sa mill-bidu tagħha). PRACE talloka riżorsi HPC abbażi ta' sejħiet għal proposti evalwati bejn il-pari bbażati fuq l-eċċellenza xjentifika, għal proġetti ta' riċerka li ġejjin mill-akkademja u mill-industrija inklużi l-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

⁽⁵⁾ ĠU C 487, 28.12.2016, p. 86.

⁽⁶⁾ ĠU C 227, 28.6.2018, p. 86.

⁽⁷⁾ ĠU C 81, 2.3.2018, p. 102.

⁽⁸⁾ ĠU C 125, 21.4.2017, p. 51.

4.6. In-netwerk pan-Ewropew **GÉANT** inniedi fl-2000 jgħaqqad ir-riċerka, l-edukazzjoni u n-netwerks ta' riċerka nazzjonali u ċentri ta' HPC ma' netwerks sikuri, ta' kapaċità għolja. In-netwerk huwa essenzjali għall-appoġġ tax-xjenza miftuħa b'servizzi għal aċċess affidabbli. In-netwerk GÉANT huwa l-ikbar netwerk tar-Riċerka u l-Iżvilupp fid-dinja, kif ukoll l-aktar avanzat, u jgħaqqad aktar minn 50 miljun utent f'10 000 istituzzjoni fl-Ewropa kollha u jappoġġja kull dixxiplina xjentifika. In-netwerk "backbone" jopera b'veloċità sa 500 Gbps (2017). GÉANT ħoloq b'suċċess kbir is-servizz eduroam biex jippermetti lill-utenti tar-Riċerka u Żvilupp biex jaqdbu ma' kwalunkwe netwerk tal-wi-fi fejn eduroam SSID huwa preżenti – skema li ġiet proposta mill-KESE bħala mudell għall-aċċess tal-wi-fi għall-Ewropej kollha fil-kuntest tal-istrateġija dwar il-Konnettività għal Suq Uniku Diġitali kompetittiv — Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits⁽⁹⁾.

4.7. Għalhekk, il-KESE jenfasizza l-importanza kbira tal-integrazzjoni tal-Impriża Konġunta l-għida EuroHPC ma' strutturi u programmi li diġà jeżistu. Pereżempju, l-evalwazzjoni bejn il-pari organizzata minn PRACE għandha tinżamm biex jinżamm l-istandard dinji għoli. L-aqwa Prattiki oħra għandhom jiġu integrati jew adattati. **Approċċ integrat** ta' EuroHPC, H2020 jew is-suċċessur tiegħu fil-Programm Qafas u l-attivitajiet nazzjonali korrispondenti huwa l-aħjar mod biex jiġu użati b'mod konġunt ir-riżorsi Ewropej. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan tal-Kummissjoni li tuża l-Impriża Konġunta tal-EuroHPC għall-koordinazzjoni tal-istrument ta' finanzjament H2020 (u s-suċċessur tiegħu) fil-qasam tal-HPC. Il-KESE jinnota li jeħtieġ skema b'approċċ minn fuq għal isfel għall-bini ta' infrastrutturi, filwaqt li xjenza tajba, kif imrawma permezz tal-PRACE, teħtieġ approċċ minn isfel għal fuq fejn ix-xjentisti jridu jkunu dawk li jmexxu.

4.8. Il-KESE jixtieq jinkoraġġixxi **aktar Stati Membri** biex jingħaqdu mal-Impriża Konġunta EuroHPC u jużawha bħala opportunità biex jagħmlu profitt minn qawwa komputazzjonali ta' livell dinji. In-netwerking huwa kruċjali għall-użu xjentifiku tal-HPC. Fid-dawl tal-kumplessità ta' Impriża Konġunta, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tqiegħed biżżejjed sforzi biex jispjegaw u jippromovu l-vantaġġi u l-opportunitajiet ta' dan l-istrument legali, b'mod partikolari għal pajjiżi iżgħar u fir-rigward tal-possibbiltà għal kontribuzzjonijiet in natura.

4.9. Il-KESE jilqa' l-fatt li żewġ imsieħba tal-Kummissjoni fis-sħubija pubblika-privata kuntrattwali (cPPP) baġtu l-ittri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta EuroHPC: il-Pjattaforma ta' Teknoloġija Ewropea għal Computing ta' Prestazzjoni Għolja (**ETP4HPC**) u l-Big Data Value Association (**BDVA**). Dawn jistgħu jsiru l-ewwel membri privati, li huwa ċentrali għall-parteċipazzjoni tal-industrija, inklużi l-SMEs. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-possibbiltà ta' aktar imsieħba, iżda jinsisti wkoll li għal kwalunkwe sieħeb għdid, b'mod partikolari għal dawk minn barra l-UE, għandha tiġi sodisfatta **r-reċiproċità**. L-UE għandha tkun tista' tapprofita mill-opportunità rappreżentata mill-iżvilupp tat-teknoloġija HPC sabiex jitlestha s-settur industrijali Ewropew sabiex jiġu kopru ti l-ispejjeż kollha tal-katina ta' produzzjoni (disinn, manifattura, implimentazzjoni, applikazzjoni).

4.10. Superkompjuter ibbażat fuq CPU ta' 12-il petaflop għandu **konsum tal-enerġija** ta' madwar 1,5 MW. Bi gradazzjoni lineari sa exascale, l-HPC ibbażat fuq teknoloġija li teżisti llum ikun iwassal għal konsum tal-enerġija fil-medda ta' 150 MW, li mhux aċċettabli; għalhekk l-iżvilupp ta' mikroċipep b'enerġija baxxa huwa objettiv tal-EuroHPC. Il-KESE jirrimarka li l-mikroċipep b'enerġija baxxa għalhekk ser jaqdu rwol importanti fl-għanijiet tal-istrateġija tal-enerġija tal-UE, ikun xi jkun l-għan biex l-UE ssir indipendenti fir-rigward tal-importazzjonijiet. F'konformità mal-għanijiet imsemmijin hawn fuq, il-"European Processor Initiative", imnedija mill-Kummissjoni Ewropea fl-2018 u appoġġjata minn konsorzju ta' 23 imsieħeb minn 10 Stati Membri u ffinanzjata b'EUR 120 miljun, se taqdi rwol importanti fit-tweqqif tal-inizjattiva HPC.

4.11. Il-KESE jirrimarka li l-iżvilupp ta' mikroċipep avanzati b'enerġija baxxa għandu wkoll impatt fuq computing fuq skala żgħira (PCs, smartphones, is-settur awtomobilistiku) għaliex iċ-ċirkwiti integrati ta' kwalità għolja jistgħu jiġu adattati wkoll (tnaqqs fl-iskala) għal apparat fis-**suq tal-massa**. Dan se jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha direttament u jista' jiftaħ swieq ġodda għall-industrija tal-UE. L-HPC huwa għalhekk f'ħafna modi teknoloġija ewlenija għal soċjetà moderna.

4.12. Il-KESE jirrakkomanda li ċ-ċittadini u l-impriżi jiġu infurmati dwar din l-inizjattiva importanti l-għida li ttieħdet mill-UE. Minn naħa waħda, ser tkun utli biex tiġi rkuprata l-fiduċja taċ-ċittadini fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Is-soċjetà ċivili organizzata tista' tkun għodda utli għat-tixrid ta' tali informazzjoni. Min-naħa l-oħra, kampanja ffokata ser tgħin lill-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, biex ikunu jafu dwar l-inizjattivi li jkunu għaddejnin. Għal din ir-raġuni huwa importanti li jiġu appoġġati permezz ta' triq speċifika l-SMEs bi produzzjoni ta' valur miżjud għoli fl-aċċess u l-użu tal-infrastrutturi l-ġodda.

⁽⁹⁾ ĠU C 125, 21.4.2017, p. 51 u ĠU C 125, 21.4.2017, p. 69.

4.13. L-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka għandhom ikunu involuti permezz ta' attività ta' komunikazzjoni speċifika li għandha l-għan li tqajjem l-interess u tħeġġeġ proġetti dwar l-HPC. Tali proċess jista' jstimula wkoll il-ħolqien ta' kurrikuli tal-iskejjel, il-kurrikuli vokazzjonali u l-kurrikuli akkademiċi ġodda sabiex jingħalaq id-distakk fil-ħiliet Ewropej fir-rigward tal-kompetituri globali ewlenin ⁽¹⁰⁾.

4.14. Il-KESE jirrakkomanda li tissaħħaħ kemm jista' jkun id-dimensjoni soċjali tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni bħala parti fundamentali tal-Pilastru soċjali Ewropew ⁽¹¹⁾. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jipproponi l-istabbiliment ta' sensiela ta' sfidi tas-soċjetà li għandhom jinkisbu permezz ta' infrastruttura diġitali għdida. L-implimentazzjoni u l-użu ta' magni ta' livell għoli għandu jkollu impatt pożittiv evidenti u li jista' jitkejjel fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

4.15. Il-KESE jqis li l-HPC u t-teknoloġija quantum jirrappreżentaw żewġ miri strateġiċi għat- tkabbir u l-kompetittività Ewropej. Għalhekk il-Kumitat jirrakkomanda l-iżvilupp taż-żewġ teknoloġiji, b'mod parallel, bil-għan li jiżgura li l-UE tkun tista' tibbenefika mill-aħjar prestazzjoni u opportunitajiet fuq perijodu medju u fit-tul.

Brussell, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

⁽¹⁰⁾ ĠU C 434, 15.12.2017, p. 30; ĠU C 173, 31.5.2017, p. 45

⁽¹¹⁾ ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)”

(COM(2018) 143 final — 2018/0069 COD)

(2018/C 283/13)

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 16.4.2018 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 12.4.2018
Bażi legali	Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fil-plenarja	23.5.2018
Sessjoni Plenarja Nru	535
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	187/3/10

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-535-il sessjoni plenarja tiegħu tat-23 u l-24 ta' Mejju 2018 (seduta tat-23 ta' Mejju 2018), b'187 voti favur, 3 voti kontra u 10 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussel, it-23 ta' Mejju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT